# Jagħmel differenza fil-ħajja



Il-Kummissjoni Ewropea

La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas kwalunkwe persuna oħra li taġixxi f'isem il-Kummissjoni mhuma responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

© ritratti Komunitajiet Ewropej

Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea

**Numru tat-telefon ġdid bla ħlas (*):**
**00 800 6 7 8 9 10 11**

(*) Ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess għan-numri 00 800 jew inkella dawn it-telefonati jistgħu jkunu bi ħlas

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Informazzjoni dwar il-katalogar kif ukoll astratt jinsabu fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2009

ISBN 978-92-79-12683-3

doi 10.2767/27441

© Il-Komunitajiet Ewropej, 2009

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

*Printed in Germany*

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA ĦIELSA MILL-KLORUR

# JAGĦMEL DIFFERENZA FIL-ĦAJJA

## L-UE tinvesti fin-nies permezz tal-Fond Soċjali Ewropew

**Il-Kummissjoni Ewropea**
Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet
Soċjali u l-Opportunitajiet Indaqs,

Taqsima A1
Manuskritt li tlesta f'Ġunju 2009

# Werrej





## Iż-Żgħażagħ

### Li tikber fl-impjieg it-tajjeb
10 Audrey Libres, ta' 21 sena, reġgħet daħlet l-iskola f'Champagne, biex tikkwalifika bħala apprendista fjorista.

### L-isfida biex taqla' l-għajxien
12 Bruno De Almeida Aveiro, ta' 18-il sena, ib-benefika minn proġett ta' edukazzjoni u taħriġ ta' tliet snin biex jikseb xogħol bħala ġardinar muniċipali fil-Lussemburgu.

### Kundizzjoni fiżika tajba għall-ħajja
14 Sheena Matthews, ta' 27 sena, minn Dublin, fl-Irlanda, ħadet kors ta' taħriġ fl-isports u issa tgħin fit-taħriġ ta' kowċis ġodda.

### Wegħda tal-Lvant
16 Bruno Texeira, ta' 29 sena, uża l-kuntatti minn postazzjoni fl-Indoneżja biex waqqaf konsulenza dwar il-kummerċ, f'Porto, fil-Portugall.

### Intrapriża tajba għas-saħħa
18 Radmila Petroušková, ta' 26 sena, fetħet kafeterija li sservi ikel tajjeb għas-saħħa ġewwa České Budějovice fir-Repubblika Ċeka, wara li ssieħbet fi proġett għal intraprendituri żgħażagħ.

### Indirizzar taż-żgħożija u l-enerġija
20 Yann Lelièvre, ta' 27 sena, kiseb għajnuna biex ifassal pjan tan-negozju qabel ma fetaħ il-ħanut sportiv tiegħu fi Clermont-Ferrand, ġewwa Franza.






## Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel

### In-nisa jmorru għax-xogħol waqt li l-ġenerazzjoni aktar anzjana tieħu pjaċir
24 Waqt li Koulla Aggelou, ta' 38 sena, taħdem bħala naddafa f'Augorou, ġewwa Ċipru, programm ta' kura ta' matul il-ġurnata jferraħ lil ommha anzjana.

### Ħin il-logħob fl-uffiċċju
26 Stephan Wittich, ta' 39 sena, jista' jkompli bir-riċerka tiegħu waqt li t-tifla tiegħu tkun ġewwa nursery fl-Università ta' Vjenna, fl-Awstrija.

### Żvilupp ta' negozju turistiku uniku
28 Riikka-Leena Lappalainen, ta' 50 sena, għamlet suċċess mil-lukanda tal-familja tagħha fir-reġjun ta' Pohjois Savo fil-Finlandja, wara proġett internazzjonali għal intraprendituri nisa.

### Mara fis-siġġu tax-xufier
30 Il-ġurnalista Beata Szozda, ta' 26 sena, bdiet il-pubblikazzjoni online tagħha stess dwar il-karozzi f'Poznań, fil-Polonja, wara kors fin-negozju.

### Bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja
32 Gerard Jansen, ta' 53 sena, jagħmel xogħol bil-kompjuter mid-dar għal min iħaddmu, jiġifieri l-bord lokali tal-ilma fi Drachten, l-Olanda.

### Il-ġejjieni f'idejha stess
34 Katarína Vargová, ta' 37 sena, irċeviet taħriġ u parir li għenha terġa' tidħol fil-forza tax-xogħol fi Bratislava, fis-Slovakkja, wara lif twil tal-maternità.

## Persuni żvantaġġati

**Id-diżabilità mhijiex ostakolu għax-xogħol**

38 Andrzej Lubowiecki, ta' 47 sena, ħa kors biex jgħin persuni b'diżabilità parzjali japplikaw għax-xogħol fi Gdynia, il-Polonja, u l-għada sab xogħol fis-sigurtà.

**Riċetta għas-suċċess**

40 Éva Gyulai, ta' 33 sena, taħdem fir-ristorant għall-familja Titbit fi Szekszárd, l-Ungerija, wara sena taħriġ fit-tisjir.

**Li toffri l-id ta' għajnuna lil min hu agħma**

42 L-istudenta Sarmite Gromska, ta' 21 sena, tirċievi materjal tal-istudju bil-Braille mingħajr ħlas fl-Università tal-Latvja f'Riga.

**Tgawdija tal-ħajja tal-kampanja**

44 Andrej Lovrencec, ta' 22 sena, għamel taħriġ 'waqt ix-xogħol', li wasslu għal impjieg agrikolu fir-reġjun ta' Prekmurje fis-Slovenja.

**Li titgħallem tgħix bl-uġigħ**

46 Otilia Marques, naddafa ta' 54 sena, tgħallmet kif tegħleb l-uġigħ rewmatiku debilitanti tagħha f'daharha permezz ta' kors ta' taħriġ fil-Lussemburgu.

**L-istorja ta' Georgia**

48 Skema ta' riabilitazzjoni f'Korfu, il-Greċja, għamlitha possibbli għal Georgia Chrisikopoulou, ta' 36 sena, li ssib xogħol bħala ġardinara.




## Ħaddiema akbar fl-età

**Ħaddiema akbar fl-età**

52 Jane Grøne, ta' 58 sena, ikkwalifikat bħala xufiera tal-karozzi tal-linja f'Aalborg, fid-Danimarka, bis-saħħa ta' kors ta' Kompetenza fix-xogħol.

**Taħriġ mill-ġdid għall-forza tax-xogħol moderna**

54 Il-ksib ta' ħiliet fil-kompjuter għen lil Milan Nedbal, Ċek ta' 53 sena minn Prusinovice, jerġa' jsib xogħol fil-manifattura wara żmien qiegħed.

**Il-valur veru tal-esperjenza**

56 Skema li tgħaqqad lil min iħaddem u lill-ħaddiema akbar fl-età fi Vjenna, ippermettiet lil Roswitha Kerbel ta' 55 sena li ssib xogħol ma' organizzazzjoni li tiġbor fondi għall-karità.

**Is-solidarjetà soċjali tagħti tama ġdida**

58 Tsvetan Ivanov, ta' 62 sena, sar assistent soċjali fi Vratsa, il-Bulgarija, bis-saħħa ta' proġett li jgħin residenti anzjani li ma jistgħux joħorġu mid-dar.

**Ħiliet ġodda u sens ta' komunità**

60 Kors fl-IT wassal lin-negozjanta Aldona Mikalauskiene, ta' 71 sena, biex timmodernizza l-kumpanija tagħha tal-accountancy ġewwa Vilnius, fil-Litwanja.

**Lura għax-xogħol**

62 Kors ta' aġġornament tal-ħiliet ippermetta lil George Mifsud, ta' 60 sena, li jsib bidu ġdid bħala ħaddiem fil-manutenzjoni tal-pajsaġġ f'Malta.






## L-intraprenditorija

### Il-konsulenza tpoġġi l-hovercraft fit-triq it-tajba

66 Proġett ta' konsulenza ta lil Peeter Tarmet, ta' 32 sena, l-għodda li kellu bżonn biex jippromwovi r-rikbiet tiegħu bil-hovercraft f'Tallinn, l-Estonja.

### Produzzjoni ta' enerġija li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent

68 Sandra Barnes-Keywood, ta' 37 sena, tgħallmet kif tagħmel il-B&B tagħha qrib Chichester fin-Nofsinhar tal-Ingilterra jħares aktar l-ambjent.

### Negozju tal-għasel

70 Normunds Zeps, ta' 31 sena, ħa kors ta' taħriġ dwar kif imexxi negozju żgħir u issa jrabbi naħal tal-għasel f'Kalupe, fil-Latvja rurali.

### Li tibqa' ħieles mill-periklu fir-razzett

72 Gaetane Anselme, ta' 40 sena, ingħatat parir dwar kif ittejjeb is-sigurtà għat-tfal li jżuru r-razzett edukattiv tagħha ġewwa l-Vallonja, fil-Belġju.

### Negozju tal-kostruzzjoni jeħtieġ sisien sodi

74 José Salmerón Guindos, ta' 47 sena, ittrasforma l-kumpanija tal-bini tiegħu f'La Huertezuela, fi Spanja, bis-saħħa ta' programm għall-SMEs.

### Bini ta' ġejjieni rurali

76 Florin Istrate, ta' 39 sena, jgħin lill-bdiewa f'Barbuletu, fir-Rumanija, sabiex jiksbu għajxien sostenibbli għalihom u għall-familji tagħhom.




## Ħiliet ġodda

### Ċans ieħor, karriera ġdida

80 Marie Therese Vella, 48, kisbet bidu ġdid grazzi għall-iskema ta' taħriġ għal persuni ta' 'l fuq minn 40 sena, u llum taħdem full-time għal fondazzjoni tal-iżvilupp f'Malta.

### Is-soluzzjonijiet għall-problemi jkunu aktar sempliċi bi ftit appoġġ

82 Taħriġ fil-ħiliet vokazzjonali f' Larnaka, Ċipru, ippermetta lil Andreas Apatzidis, ta' 41 sena, sabiex jikseb xogħol li tabilħaqq jixraqlu bħala xufier tal-vannijiet.

### Ħaddiem tajjeb jirbaħ rikonoxximent formali

84 Zsolt Korcz, 34, għal snin ħaddiem bla sengħa fl-industrija tal-bini f' Zalaegerszeg, l-Ungerija, ikkwalifika bħala bennej tas-sengħa wara kors ta' sena.

### Investiment f'raqda tajba bil-lejl

86 Daniel Dellisse, 50, ħa kors tekniku ta' taħriġ mill-ġdid permezz tal-kumpanija tiegħu fi Fjandra, l-Belġju, sabiex ikun jista' jaqleb għal xiftijiet binhar.

### Progress fil-karriera

88 Sessjonijiet ta' taħriġ intensivi għenu lil Biliana Filipova ta' 33 sena minn Dupnitsa fil-Bulgarija, timmaniġġja r-responsabbiltajiet amministrattivi dejjem jikbru tagħha.

### Riattivazzjoni tal-għarfien

90 Peter Meller, 48, aġġorna l-ħiliet tiegħu fl-inġinerija mekkanika f'Magdeburg, il-Ġermanja, u kiseb impjieg fl-industrija tal-karozzi.

## Edukazzjoni u taħriġ


### Il-valur tat-tradizzjoni

94 Borża ta' studju Ewropea offriet lill-antropoloġista Monica Stroe, 24, minn Bukarest fir-Rumanija, l-opportunità li tapprofondixxi x-xogħol ta' riċerka tagħha.

### Appoġġ għall-kreattività

96 Harri Haanpää, 33, jixtieq jgħaddi lil ħaddieħor il-ħiliet fil-midja li għenuh iwaqqaf il-kumpanija tal-produzzjoni tal-films tiegħu stess f'Ħelsinki, il-Finlandja.

### Barra mill-bosk

98 Taħriġ fil-forestrija jgħin lil Maria Balbina Soares Melo Rocha, 59, timmaniġġja r-raba' tal-familja tagħha qrib Porto fil-Portugall.

### Karriera fl-innovazzjoni

100 Grazzi għal għotja għar-riċerka, Simone Rossi ta' 30 sena mill-Umbria fl-Italja, kien minn ta' quddiem biex jiżviluppa sistema ġdida li tuża l-enerġija tax-xemx u kiseb impjieg permanenti.

### Immira fl-għoli

102 Nedas Jurgaitis, 28, lekċerer Litwan minn Siauliai, ħa lezzjonijet għand uħud mill-aqwa akkademiċi Ewropej u kiseb il-fiduċja fih innifsu meħtieġa biex jimxi 'l quddiem fil-karriera.

### Wiri tat-triq 'il quddiem lill-oħrajn

104 Attur u mużiċista Mogens Lausen, 44, tgħallem kif iwaqqaf kumpanija li toffri kowċing fil-karriera personali f'Aarhus, id-Danimarka.





## L-inklużjoni soċjali


### Fit-triq it-tajba

108 Jana Urbanija, 26, irkuprat mill-abbuż mid-droga u ħadet sehem fi programm ta' taħriġ informali li ppermettielha li tibda tistudja fl-Università ta' Ljubljana fis-Slovenja.

### Ħiliet ġodda fl-IT għal ġejjieni aħjar

110 Orfni minn mindu kien tifel, Christos Giannakopoulos, 27, ħa vantaġġ minn taħriġ fuq il-kompjuter u llum jaħdem fl-industrija tal-bejgħ bl-imnut f'Chalkida, il-Greċja.

### Mit-triqat għal fuq il-passarella tal-isfilati tal-moda

112 Fiorella, 50, għexet fit-toroq ta' Bologna, l-Italja, għal sentejn qabel ma kors ta' taħriġ vokazzjonali għal persuni bla akkomodazzjoni kkwalifikaha sabiex timmaniġġja ħanut tal-ilbiesi.

### Id 'il fuq, ċans biex tinfeda

114 Proġett ta' kowċing għall-ħajja ta lil Allan McGinlay, ta' 47 sena, l-opportunità li jjixħet iż-żmien li kien fil-ħabs wara dahru u jsib xogħol billi jgħin lil persuni oħrajn li wettqu offiżi, f'Wishaw, l-Iskozja.

### Komunikazzjoni għal persuni torox

116 Mário Greško, 30 sena, għeleb it-truxija tiegħu u sab ix-xogħol li ried fil-manifattura tal-karozzi wara li kiseb ħiliet fil-kompjuter, fi Bratislava, is-Slovakja.

### Tbissem u għid 'cheese'!

118 Anne-Lie Thuvesson, 52, kisbet għajnuna biex tiġġieled id-depressjoni u stabbilixxiet id-delicatessen tagħha stess f'Hässleholm, l-Iżvezja.







## Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni

**Il-proġett ta' integrazzjoni Estonjan jiftaħ il-bibien għall-opportunitajiet**

122 Messume Pissareva, 37, ħadmet fi proġett ta' integrazzjoni ta' persuni barranin fis-soċjeta` Estonjana f'Johvi, u llum tmexxi negozju tal-proprjeta` immobbli.

**Dħul fil-forza tax-xogħol**

124 Traineeship fil-loġistika tal-katina tal-provvisti wassal għal xogħol permanenti għal Serge Mbami ta' 38 sena minn Limerick, l-Irlanda.

**Kamra fis-sular ta' fuq**

126 Amparo Navaja Maldonado, 30, għadda għal-livell ta' supervajżer f'lukanda ewlenija grazzi għal skema għall-komunità tar-Roma, f'Sivilja, Spanja.

**Fuq saqajh it-tnejn**

128 Programm ta' żvilupp għal persuni żgħażagħ għen lil Abshir Abukar, 25, sabiex jikseb impjieg u jintegra fil-kultura adottiva tiegħu f'Malmö, l-Iżvezja.

**L-għarfien jagħtik awtorità**

130 Grazzi għal skema ta' taħriġ għal nisa qiegħda, Khadija Majdoubi, 38, irnexxielha twettaq il-ħolma tagħha li tiftaħ ħanut tas-sbuħija f'Amsterdam fl-Olanda.

**Is-saħħa fid-diversità**

132 Cornelia Schultheiss, 44, kisbet l-għajnuna fit-tnedija ta' konsulenza li tippromwovi l-fehim interkulturali fost negozjanti f'Berlin, il-Ġermanja.

**Indiċi alfabetiku tas-suġġetti**

134

**Lista ta' proġetti għall-investiment fin-nies**

142

# Jagħmel differenza fil-ħajja

## Stejjer personali mill-Fond Soċjali Ewropew

L-Unjoni Ewropea – x'tagħmel verament għalina? Il-Fond Soċjali Ewropew huwa tweġiba waħda għal din il-mistoqsija. Hija tinvesti fin-nies: xi 10 miljun persuna kull sena madwar is-27 Stat Membru tal-UE. L-impatt ħafna drabi jinħass fuq livell personali, u l-erbgħa u ħamsin storja f'dan il-ktieb juru kif il-FSE qiegħed jagħmel differenza vera fil-ħajjiet ta' nies veri.

Il-FSE twaqqaf fl-1957 u llum huwa responsabbli għal madwar 10% tal-baġit tal-UE. Dawn il-flus jintefqu fuq firxa wiesgħa ta' proġetti individwali madwar l-UE, ifformulati fuq livell nazzjonali u lokali biex jaqdu l-ħtiġijiet speċifiċi tan-nies f'sitwazzjonijiet differenti.

Huwa jirrifletti l-fehim viżjonarju tal-fundaturi tal-UE, aktar minn nofs seklu ilu, li l-bini tal-għaqda bejn in-nazzjonijiet jiddependi fuq iżjed milli semplicement trattati u ftehimiet kummerċjali. Il-FSE huwa dimostrazzjoni prattika tas-solidarjetà bejn l-Istati Membri u l-komunitajiet, li jippermetti liċ-ċittadini Ewropej jaddattaw għall-isfidi ġodda li żviluppaw matul is-snin. Huwa jimplimenta l-valuri komuni tas-soċjetà Ewropea, ibbażati fuq trattament ġust u kwalità tal-ħajja diċenti għal kulħadd. Fil-prattika dan ifisser aċċess għax-xogħol, għall-kura tas-saħħa, għall-akkomodazzjoni u għall-edukazzjoni, kif ukoll kura u appoġġ għall-membri l-iżjed vulnerabbli tas-soċjetà.

Jekk l-akbar prijorità tal-FSE hija li n-nies isibu x-xogħol, dan ma jfissirx kwalunkwe xogħol qadim. Il-proġetti li jiffinanzja jgħinu lin-nies isibu l-impjieg it-tajjeb: impjieg li jistgħu jikbru fih u jżommuh. Il-proġetti qegħdin hemmhekk biex joffru t-taħriġ mill-ġdid u l-appoġġ li jista' jgħin biex in-nies jerġgħu jibdew jaħdmu, u tittaffa l-pressjoni fuq il-familji u l-komunitajiet. Huwa wkoll l-istrument prinċipali tal-UE biex jgħin lin-nies jadattaw għar-ristrutturazzjoni, u jindirizza l-isfidi li huma jiffaċċjaw meta jieħdu vantaġġ middritt tagħhom ta' moviment bejn l-Istati Membri. It-tkabbir ekonomiku tal-UE jista' jinbena biss fuq l-isforzi u s-saħħiet magħquda flimkien tal-500 miljun abitant tagħha.

Il-prinċipju bażiku li fuqu huwa bbażat il-FSE huwa l-għoti tal-poter lin-nies: li jgħin lin-nies jgħinu lilhom infushom, jagħmlu l-għażliet tagħhom u jirrealizzaw l-ambizzjonijiet tagħhom stess. Dan il-ktieb jirrakkonta l-ġrajjiet ta' 54 individwu li ħadu l-opportunitajiet offruti mill-inizjattivi ffinanzjati mill-FSE.

L-aspett komuni fl-istejjer kollha huwa li huma l-ġrajjiet ta' persuni li ddeċidew li jagħmlu xi ħaġa aħjar għalihom infushom jew li jirrifjutaw li jċedu quddiem l-ostakoli, it-tfixkil, xi drabi saħansitra l-aktar tbatijiet ta' dwejjaq. Kollha rreaġixxew biex itejbu s-sitwazzjoni tagħhom, jew biex jerġgħu jaqbdu t-triq 'il quddiem. Iżda kellhom bżonn dik l-id li tgħinhom; dak id-daqsxejn appoġġ żejjed; dik il-fiduċja akbar li jistgħu joffru l-proġetti tal-FSE.

L-intervisti jiffokaw fuq nisa u rġiel, fuq kull grupp ta' età minn żgħażagħ sa pensjonanti, f'komunitajiet urbani u rurali, f'kull pajjiż tal-Unjoni Ewropea. Huma jinkludu intraprendituri ambizzjużi b'xewqa li jbigħu, ġenituri jikkumbattu biex ilaħħqu max-xogħol u t-trobbija tat-tfal, persuni jiġġieldu biex jegħlbu diżabilitajiet mentali jew fiżiċi, u oħrajn li jridu jintegraw f'soċjetajiet li mhumiex familjari magħhom.

Huma juru kif l-opportunità tax-xogħol, tkun kemm tkun modesta, tista' tkun litteralment ta' fejda għal individwi li nkella għandhom mnejn ikunu tilfu ċ-ċans ta' eżistenza diċenti. Huma juru kif in-nies jibbenefikaw milli jgħinu lil xulxin: il-persuna li tieħu ħsieb u dik li jkunu qegħdin jieħdu ħsiebha. Is-sostenn mhuwiex proċess minn direzzjoni waħda iżda huwa gwadann reċiproku. U juru li fil-ħajja qatt ma huwa tard biex titgħallem, u li nies ta' kull età u ħila jistgħu jiksbu fiduċja mill-ħiliet ġodda li joffru l-edukazzjoni u t-taħriġ.

Kull każ huwa differenti, u aktar u aktar ta' spiss l-għajnuna offruta permezz ta' dawn il-proġetti hija mfassla biex taqdi ħtiġijiet speċifiċi, individwali. Ir-riżultati jissuġġerixxu li dan huwa l-aktar mod xieraq u ta' suċċess biex tagħti direzzjoni ġdida lill-ħajja tan-nies.

L-intervistati kienu lesti li jaqsmu xi wħud mill-aktar dettalji intimi ta' ħajjithom, u f'bosta każijiet għamluha ċara li kienu qegħdin jagħmlu dan għaliex kienu jemmnu li l-ġrajjiet tagħhom setgħu jgħinu persuni oħrajn ikkonfrontati b'diffikultajiet simili. Eżempju partikolarment kommoventi huwa dak ta' Georgia Chrisikopoulou f'Corfu, il-Greċja, li ssieltet kontra bosta tbatijiet sakemm bdiet ħajja u relazzjoni normali ma' binha li kienet tilfet.

Ir-rabta li hemm bejn il-kummenti li jgħaddu minn storja għal oħra juru li l-FSE tassew jagħmel differenza. "Il-proġett għenni tant li nixtieq li kulħadd fl-Iżvezja jkun jaf aktar dwaru," tgħid Anne-Lie Thuvesson minn Hässleholm.

"Għallimni li stajt nagħmel kollox. Dak kollu li rrid jista' jsir jekk nixħet l-attenzjoni tiegħu fuqu," tiddikjara Messurme Pissareva mill-Estonja. Għal Zsolt Korcz fl-Ungerija u Andreas Apatzidis minn Ċipru, il-proġetti wettqu "mirakli". U bosta oħrajn jikkonfermaw li ma kinux ikunu "fejn qegħdin illum" mingħajr l-appoġġ mill-FSE.

Dawn l-istejjer huma xhieda wkoll tal-enerġija u l-impenn tal-mexxejja u tal-organizzaturi tal-proġetti, li ħafna drabi huma kapaċi jidentifikaw il-potenzjal f'ħaddieħor b'mod li s-soċjetà inġenerali ma jirnexxilhiex. Huma nies li jirrifjutaw li jaqtgħu qalbhom fir-rigward ta' dawk ta' madwarhom, u li sikwit għandhom viżjoni ta' soċjetà aktar inklussiva fejn kulħadd ikollu l-opportunità li jwettaq il-potenzjal tiegħu jew tagħha. Il-proġetti, u l-individwi li huma jgħinu, jirrappreżentaw passi żgħar iżda konkreti lejn din il-mira. "Mit-taħriġ għaddej bla waqfien il-messaġġ li n-nies jistgħu jirnexxu," jispjega Henrik Johannesson, mid-Danimarka.

U kif ipoġġiha Per Larsson, mill-Iżvezja: "Dan juri li n-nies għandhom il-ħila ġo fihom jekk ikollhom iċ-ċans li jiżviluppawha."

L-eżempji juru li l-UE għad fadlilha x'tagħmel biex tikseb koeżjoni soċjali vera. Il-kundizzjonijiet li jgħixu fihom in-nies u l-benefiċċji li jgawdu jistgħu jvarjaw minn reġjun għal ieħor. Mis-snin tmenin 'il hawn, il-FSE indirizza fondi lejn ir-reġjuni inqas sinjuri tal-Ewropa, bil-għan li jnaqqas id-distakk bejn is-sinjuri u l-foqra. Dak li huwa evidenti huwa li l-aspirazzjonijiet tan-nies sabiex itejbu l-ħajjiet tagħhom, u fuq kollox dawk ta' wliedhom, huma kondiviżi tul fruntieri u kulturi differenti.

Li jisimgħu u jittrasmettu dawn l-istejjer kien privileġġ u ispirazzjoni għal dawk kollha involuti f'dan il-ktieb. Nittamaw li inti ssibha daqstant ieħor ta' tqanqil u ispirazzjoni li taqrahom, u li tikkonkludi li l-FSE tassew qiegħed 'Jagħmel Differenza fil-Ħajja'.

# Iż-żgħażagħ

# Li tikber fl-impjieg it-tajjeb



Qsari ta' krizantemi b'kuluri jgħajtu – krimżi, kulur id-deheb, lewn is-sadid u krema – jiksu l-bankina barra Le Jardinet, ċentru fejn jinbiegħu l-għodod tal-biedja fil-parti ta' barra ta' Reims fit-Tramuntana ta' Franza. Audrey Libres tilqa' l-klijenti, tieħu l-ordnijiet, tagħmel il-bukketti, u tieħu ħsieb il-pjanti ġos-serer fil-qrib.

Iż-żagħżugħa ta' 21 sena ilha taħdem f'Le Jardinet tliet snin, u tinsab għal qalbha. *"Kultant huwa xogħol iebes u l-ħinijiet jistgħu jkunu twal. Iżda għandna ambjent sabiħ bejn il-kollegi. Nixtieq nibqa' hawnhekk."* Audrey tgħid li kienet ilha tixtieq karriera fit-tkabbir u l-bejgħ tal-fjuri, u bi ftit appoġġ minn taħriġ kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew, issa hija miexja fit-triq it-tajba. Iżda ma kinitx ħaġa faċli wisq.

Audrey twieldet f'Sedan, fl-Ardennes Franċiżi, u l-imħabba tagħha lejn l-affarijiet naturali tmur lura għat-tfulija tagħha f'dak ir-reġjun sabiħ, selvaġġ u mimli għoljiet fil-Grigal tal-pajjiż. *"Meta kont għadni żgħira kont inkun ta' sikwit barra fl-għelieqi ma' missieri. Konna noħorġu u niġbru l-faqqiegħ. Missieri kien jimbuttani fil-karretta – kont inkun dejjem maħmuġa!"*

## Karattru sod

Iżda l-ġenituri tagħha nfirdu meta hija kellha disa' snin, u Audrey marret tgħix Reims ma' ommha, li mbagħad reġgħet iżżewġet. In-nannu tagħha kien forza ta' għaqda b'saħħitha li għenet biex iżżomm il-familja – Audrey u ż-żewġ ħutha bniet – flimkien. Iżda meta n-nannu miet fl-2001, l-affarijiet saru ferm aktar diffiċli.

*"Batejt ħafna dak iż-żmien. Missieri kien jiġi jeħodni miegħu tmiem il-ġimgħa iva u tmiem il-ġimgħa le, iżda t-tieni raġel ta' ommi ried jaġixxi bħala missier, u jien ma ridtx hekk. Xejn ma kont immur tajjeb miegħu,"* tiftakar. *"Kelli karattru sod u kont nirrispondi. Illum jiddispjaċini. Issa li kbirt, nifhem x'ried jagħmel. Ried jgħinna."*

Fl-istess ħin, l-edukazzjoni tagħha ma kinitx sejra tajjeb. *"L-iskola ma kontx inħobbha,"* hija tammetti. *"Kont inħobb niċċaqlaq, u dik li nqatta' ġurnata sħiħa bilqiegħda nisma' lill-għalliem/a kont naraha ħela ta' ħin. Ridt nibda naħdem iżda ommi riditni nkompli nistudja."* Hija telqet mill-iskola ta' 17-il sena, wara li lestiet tliet snin biss ta' edukazzjoni sekondarja, u mingħajr kwalifiki. *"Ma jiddispjaċinix,"* tinsisti.

*"Dawk kollha madwari għamluli l-kuraġġ u qaluli biex ma naqtax qalbi. Kienet l-Iskola tat-Tieni Ċans li tatni opportunità ġdida, u ta' dan nirringrazzjahom mill-qalb."*

Sena wara, b'riżultat ta' aktar ġlied, Audrey ġabret ħwejjiġha u telqet mid-dar tal-familja tagħha. Hija marret tgħix mal-ħabib tagħha, Nicolas, li kienet ilha tafu, u mal-familja tiegħu, u għal xi żmien tilfet il-kuntatt mal-ġenituri t-tnejn tagħha.

## Ċans ieħor

Audrey ippruvat diversi għażliet ta' xogħol, pereżempju fin-negozju tal-ilbies. *"Ma għoġobnix,"* tispjega. Minn dejjem xtaqt inkun fjorista." Eventwalment hija ngħatat xahrejn prova f'ħanut tal-fjuri. Iżda fl-aħħar ta' dak il-perjodu l-proprjetarju ma kellux aktar bżonnha, u hija reġgħet spiċċat bla xogħol. *"Huwa minnu li dak iż-żmien kont pjuttost imdejqa. Iżda dawk kollha ta' madwari għamluli l-kuraġġ u qaluli biex ma naqtax qalbi. Kienet l-Iskola tat-Tieni Ċans li tatni opportunità ġdida, u ta' dan nirringrazzjahom mill-qalb."*

F'Novembru 2004, Audrey bdiet l-iskola, parti mis-*Centre de Formation d'Apprentis* (CFA – Ċentru ta' Formazzjoni tal-Apprendisti) Franċiż ta' Châlons, f'Champagne. Hija baqgħet hemm sa Settembru 2005, meta rreġistrat għal apprendistat f'*Le Jardinet*. L-Iskola tat-Tieni Ċans hija maħsuba biex tgħin lil żgħażagħ ta' taħt il-25 sena jidħlu fil-forza tax-xogħol. Huma jipparteċipaw f'edukazzjoni kontinwa sabiex itejbu l-ħiliet tagħhom fil-Franċiż, il-matematika, u t-teknoloġija tal-komunikazzjoni u l-informazzjoni, kif ukoll f'workshops dwar it-tfittxija tax-xogħol. Fl-istess ħin, huma jkollhom esperjenza tax-xogħol li tgħinhom jiskopru, jew jikkonfermaw, l-ambizzjonijiet professjonali tagħhom. L-iskola għenet lil Audrey issib intrapriża li setgħet toffri l-apprendistat li riedet.

Għal sentejn, minbarra li kienet taħdem fil-ħanut tal-għodda tal-biedja, hija ħadet taħriġ biex tgħaddi mis-Certificat d'Aptitude Professionel (CAP) fil-fjuri. Dan kisbitu f'Ġunju 2007, u hija ddeċidiet li tkompli tistudja għal diploma dwar it-tkabbir tal-imxietel (BEP). L-iskola għadha timmonitorja l-progress tagħha.

Kull xahar hija tqatta' ġimgħa f'Nancy, fir-reġjun Vosges ta' Franza, tistudja għad-diploma. Hija trid tgħaddi mill-eżamijiet tagħha biex tibqa' f'Le Jardinet, u dak ifisser impenn regolari. Nancy qiegħda 'l bogħod wisq għaliha biex tmur u tiġi kuljum u għalhekk hija trid tivvjaġġa fi tmiem il-ġimgħa u toqgħod f'lukanda.

## Tagħlim fuq ix-xogħol

Fil-ġnien tal-imxietel, hija tieħu pjaċir bin-natura staġjonali tax-xogħol. Jum il-Qaddisin Kollha u l-Milied huma żminijiet partikolarment impenjattivi, b'ordnijiet deħlin u arranġamenti xi jsiru, li għandu mnejn ifisser li taħdem sigħat żejda biex tlaħħaq maddomanda. Il-ħanut tal-għodda tal-biedja, li joffri firxa wiesgħa ta' prodotti fosthom tagħmir u aċċessorji tal-ġnien u dekorazzjonijiet ta' fjuri artifiċjali, jiftaħ sitt ijiem u nofs fil-ġimgħa, inkluż il-Ħadd filgħodu. L-impjegati jaħdmu bix-xiftijiet, b'ġurnata mistrieħ matul il-ġimgħa. Xi drabi Audrey tmur ukoll ma' sid l-impriża biex jiġbru provvisti ġodda ta' fjuri, qrib il-fruntiera Belġjana.

Għandek bżonn xi talent speċjali biex tikseb it-taħlita t-tajba ta' kuluri u fjuri għal bukkett perfett? Audrey hija modesta. *"Trid titgħallem dwar il-kuluri u kif tvarjahom,"* hija tammetti . *"Hija kwistjoni ta' gosti – xi wħud huma isbaħ minn oħrajn. Meta bdejt, il-bukketti tiegħi ma kinux 'l-aqwa', u llum nista' nara d-differenza."*

Il-ħajja personali tagħha wkoll qagħdet. Hija u Nicolas illum jaqsmu appartament komdu fil-pjan terran b'żewġ qtates żgħar kurjużi, Chicane u Castrol. Madankollu, għadu kmieni wisq biex jaħsbu għaż-żwieġ. It-tnejn li huma għadhom żgħar, u Nicolas għad irid isib xogħol. *"Irridu nkunu aktar sikuri,"* tistqarr Audrey, b'kawtela. Hija reġgħet għamlet kuntatt ma' ommha, u ma' missierha, li joqgħod madwar siegħa bogħod bil-karozza minn Reims. *"Is-sitwazzjoni tiegħi hija ħafna aktar stabbli issa, u nħossni fiduċjuża dwar il-ġejjieni. Tassew nixtieq li jkolli ħanut tal-fjuri tiegħi stess. Dik hija l-ħolma tiegħi."*

Benoit Maujean, il-proprjetarju ta' Le Jardinet, żamm ħarsa bħal ta' missier fuq il-progress ta' Audrey matul is-snin. *"Hija kisbet ħafna esperjenza u issa f'idejha,"* huwa qal. *"Tista' timxi ferm aktar jekk trid. Issa trid ittir bil-ġwienaħ tagħha stess."*

# L-isfida biex taqla' l-għajxien




*"Fl-iskola kont nipprova nistudja, iżda sempliċement ma kienx jirnexxili,"* jgħid b'mod serju Bruno De Almeida Aveiro. Illum li għandu 18-il sena, huwa jiftakar li beda jkollu diffikultajiet biex jitgħallem fil-klassi meta kien għad kellu biss seba' jew tmien snin. *"Kont nitlef il-konċentrazzjoni għal kull xejn, u l-għalliem tiegħi ssuġġerixxa li kelli mmur fi skola speċjali."*

Bruno jgħix mal-familja tiegħu fir-raħal kwiet ta' Bissen fit-Tramuntana tal-Lussemburgu. Ommu Benilde taħdem bħala naddafa, missieru Jorge jaħdem ma' kumpanija lokali li tispeċjalizza f'materjali tal-kostruzzjoni bil-metall. Ħuh il-kbir Hugo, li għandu 22 sena, huwa inġinier industrijali ma' kumpanija magħrufa sewwa tat-tajers.

Minkejja l-problemi tiegħu bit-tagħlim formali, Bruno ħakem firxa impressjonanti ta' lingwi waqt li kien qed jikber. Il-ġenituri tiegħu marru joqogħdu l-Lussemburgu mill-Portugall ftit qabel twieled, u fid-dar huma jitkellmu bil-Portugiż. Fl-iskola primarja, iż-żewġ aħwa tgħallmu l-Lussemburgiż, filwaqt li qabdu l-Franċiż u l-Ġermaniż huma u jikbru. Illum Hugo jistqarr li bejniethom it-tnejn, huma ħafna drabi jikkomunikaw b'lingwa kważi privata magħmula minn kliem meħud minn lingwi differenti – kważi ma tinftehimx għal persuni barranin. Iżda bħala tfal, il-kwistjoni tal-lingwa kienet tfisser li ħadd mill-ġenituri tagħhom ma seta' jgħinhom meta kellhom diffikultajiet fl-iskola.

## Appoġġ addizzjonali

Biex ikun jista' jegħleb aħjar il-problemi tiegħu, Bruno ġie trasferit għas-Centre d'Integration Scolaire, fejn, bi klassijiet żgħar u għalliema esperti huwa rċieva għajnuna addizzjonali. Imbagħad, meta kien għadu fil-bidu tal-età bejn tlettax u dsatax-il sena, huwa ġie offrut l-opportunità li jqatta' ġurnata fil-ġimgħa fil-proġett Liewenshaff f'Merscheid, skema kofinanzjata mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew. Hija tgħin persuni żgħażagħ bi problemi speċjali jew mingħajr ebda kwalifiki formali sabiex itejbu l-ħiliet soċjali, akkademiċi u professjonali tagħhom, u biex jintegraw b'mod sħiħ fis-soċjetà. Sentejn wara, fl-2006, Bruno beda jattendi l-proġett fuq bażi full time.

Huwa ħa gost bl-approċċ il-ġdid f'Liewenshaff. Dan joffri ħames moduli ta' taħriġ vokazzjonali: tisjir, agrikoltura, ortikoltura,

*"Minn mindu kont għadni żgħir, qatt ma ħsibt dwar xogħol. Il-familja tiegħi għenitni, u jiena stennejt li kollox huwa faċli. Iżda l-ħajja mhijiex hekk."*

xogħol bil-ħadid u tindif industrijali. Meta għażel it-tindif, Bruno skopra interess reali fix-xogħol bil-magni u tgħallem juża l-prodotti t-tajba. *"Nista' nikkonċentra fuq l-affarijiet li jinteressawni, u nitgħallem malajr,"* huwa jispjega, *"iżda f'ħinijiet oħra ma jirnexxilix nikkonċentra."* Fil-fatt, meta jiġi għall-passatemp favorit tiegħu, dak li jilgħab il-video games, huwa jgħid li m'għandux problemi biex jiffoka fuq l-avventuri fuq l-iskrin.

## Bidu ta' impjieg

Fl-2008, il-proġett għen lil Bruno jikseb esperjenza tax-xogħol mal-awtorità lokali f'Bissen stess. Bħala parti mit-tim tal-parkijiet u l-ġonna muniċipali ż-żgħar, huwa bbażat fid-depost żewġ minuti mixi biss bogħod mid-dar tiegħu. Is-salarju tiegħu ffinanzjat mill-Istat huwa 80% tal-paga minima, u l-kuntratt tiegħu ta' tliet xhur jista' jiġġedded darbtejn. Huwa u l-kollegi tiegħu huma responsabbli sabiex inaddfu u jieħdu ħsieb il-ġonna pubbliċi u l-ispazji rikreattivi ta' Bissen. Ix-xogħol ivarja skont l-istaġuni: tiġbor il-weraq fil-ħarifa, tgħin fit-tiżjin tax-xena tan-nativitā fil-knisja prinċipali tar-raħal fil-Milied, u tipprepara l-miżirgħa u tħawwel il-fjuri fir-rebbiegħa. Huwa tgħallem aktar kemm ilu li beda jaħdem u l-varjetà togħġbu. Huwa jammetti: *"Nippreferi naħdem milli nistudja."*

Ħaddiem soċjali f'Liewenshaff għadu jagħtih appoġġ, u huwa jmur lura hemmhekk ta' spiss biex jgħin f'avvenimenti bħal kunċerti u attivitajiet soċjali. *"Xi drabi ngħin fil-kċina, kultant fit-tindif,"* huwa jispjega. *"Naf in-nies hemmhekk."* Wara d-disa' xhur tiegħu esperjenza tax-xogħol huwa jista' jerġa' lura fiċ-ċentru jekk ikun għadu bżonn l-għajnuna biex isib impjieg permanenti. Idealment, huwa jixtieq iżomm l-impjieg li għandu bħalissa, iżda jagħraf li dan jista' jkun diffiċli. In-numru ta' impjegati muniċipali huwa determinat mid-daqs tal-komunità, u huwa jkollu jistenna sakemm jinħoloq post battal.

## Preparazzjoni għall-ħajja

Il-ħiliet prattiċi ta' Bruno rriżultaw utli wkoll fid-dar. Il-missier u wliedu qattgħu għaxar snin jirrinnovaw id-dar tagħhom minn fuq s'isfel. *"Xorta għadha ta' taħt fuq,"* jammetti Bruno. *"Kienet diffiċli, u għadna naħdmu fuqha."* Huwa qiegħed jistudja wkoll biex jikseb il-liċenzja tiegħu tas-sewqan. Din għandha tiftaħlu aktar opportunitajiet, billi tippermettilu li jsuq it-trakkijiet u l-iskavaturi, il-gritters u l-kenniesa tat-toroq li huma skjerati fil-garaxx muniċipali ta' Bissen.

Iżda huwa ma jaħsibx wisq dwar il-ġejjieni. *"Qatt ma ħsibt dwar dak li ridt nagħmel fil-ħajja, iżda f'Liewenshaff bdejt nistaqsi lili nnifsi din il-mistoqsija. Irrealizzajt li kelli nsib xogħol, iżda ma kontx naf xiex. Minn mindu kont għadni zgħir, qatt ma ħsibt dwar xogħol. Il-familja tiegħi għenitni, u jiena stennejt li kollox huwa faċli. Iżda l-ħajja mhijiex hekk. Fl-iskola, ma kontx qiegħed nimxi 'l quddiem, u li ma kienx għal Liewenshaff ma kontx inkun kapaċi nsib xogħol,"* huwa jistqarr. *"Liewenshaff urieni kif inhi l-ħajja, u li fil-ħajja trid taħdem. Ninsab kuntent hawnhekk. Irrid nara kif se jmorru l-affarijiet."*

# Kundizzjoni fiżika tajba għall-ħajja



Bħalissa Settembru fin-Nofsinhar ta' Dublin, l-Irlanda. Sheena Matthews tasal kmieni fiċ-ċentru tad-divertiment fejn taħdem.

Sheena hija għalliema f'kors li jħarreġ persuni żgħażagħ bħala għalliema f'ġinnasju jew kowċis tal-isport, u jippreparahom għal karrieri oħrajn ibbażati fuq l-attività fiżika. L-ewwel fil-programm tagħha hija lezzjoni bbażata fil-klassi tgħallem l-anatomija, imbagħad dritt tmexxi klassi ta' 40 minuta step-aerobics, segwita minn sessjoni daqstant ieħor iebsa fuq ir-roti. Dan kollu f'nofstanhar xogħol għaż-żagħżugħa ta' 27 sena.

Tidher xi ħaġa li tgħejjik, iżda Sheena tidher mimlija enerġija u entużjażmu hija u titkellem dwar ix-xogħol tagħha. *"Tassew nieħu gost ngħallem. Hija ħaġa meraviljuża li tara lill-istudenti jibdlu ħajjithom billi jsiru iżjed attivi,"* hija ssostni. Il-kors li tgħallem, *Spoirt Teic*, huwa inizjattiva ta' taħriġ lokali pprovduta minn FÁS (l-Awtorità Nazzjonali Irlandiża għat-Taħriġ u l-Impjiegi) u kofinanzjata mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew.

*"Il-kors jagħti lill-istudenti l-mezzi biex jiksbu impjieg f'ċentru tad-divertiment u kwalifika internazzjonali bħala kowċ tal-isports jew istruttur għal saħħa fiżika tajba,"* tgħid Sheena. Il-programm jista' jiġi adattat skont il-preferenzi tal-istudenti. *"Nippruvaw nagħtuhom esperjenza f'dak li jridu jagħmlu, sew jekk inhu kkowċjar ta' xi sport, istruzzjoni f'ġinnasju jew tagħlim taż-żfin. L-għan tiegħi huwa li ngħin lin-nies isibu impjieg. U li ngħinhom jiksbu dak li jridu mill-ħajja. Nara studenti ġodda deħlin mimlijin mistħija u mbagħad narahom jinbidlu. Tassew tiżviluppa l-fiduċja tagħhom fihom infushom u l-ħiliet tagħhom ta' komunikazzjoni."* Hija tgħid ukoll li t-taħriġ għandu rata għolja ta' suċċess. *"Madwar 90% jiksbu impjiegi fl-isports, fid-divertiment jew attivitajiet oħra."*

Jekk Sheena hija ambaxxatriċi mimlija entużjażmu għall-kors, u għandha raġuni tajba għal dan – ftit snin ilu hija stess kienet studenta. Il-kors ta' disa' xhur *"bidilli ħajti għal kollox"*, hija tiddikjara. *"Niftakar is-sitwazzjoni li kont ninsab fiha qabel,"* tispjega. *"Tlaqt mill-iskola meta kelli 14 jew 15-il sena. Ma kelli l-ebda idea x'ridt nagħmel. Qatt ma kelli xi direzzjoni jew mira."*

## Omm waħedha

Hija wettqet diversi tipi ta' xogħlijiet, fosthom xogħol ta' wejtress, tindif, u taħdem f'suq. *"Mort minn xogħol għal xogħol,"* hija tirrak-

*"L-għan tiegħi huwa li ngħin lin-nies isibu impjieg. U li ngħinhom jiksbu dak li jridu mill-ħajja. Nara studenti ġodda deħlin mimlijin mistħija u mbagħad narahom jinbidlu."*

konta, *"xogħol ħażin għal xogħol ħażin. U minkejja dan dejjem kont ħaddiema tajba. Riedu jagħtuni promozzjoni, iżda kont naf li ma ridtx nagħmel dak ix-xogħol għal dejjem, u għalhekk dejjem kont nitlaq."* Ta' 18-il sena mbagħad inqabdet tqila. *"Dak iż-żmien kont ferħana, iżda llum naħseb li kont għadni ftit żgħira wisq. Li jkollok tarbija hija responsabbiltà kbira ta' dik l-età,"* hija tirrimarka. Bħala omm waħedha, Sheena saret dipendenti fuq il-ħlasijiet tal-welfare sabiex issostni lilha nnifisha u lit-tarbija tagħha, Megan. Kienet diffiċli kemm personalment kif ukoll finanzjarjament – hija żdiedet fil-piż u sofriet minn depressjoni ta' wara t-twelid. *"Xi sena wara li twieldet Megan iddeċidejt li nagħmel xi ħaġa biex inbiddel is-sitwazzjoni tiegħi. Ma ridthiex tħares lejja bħala nullità,"* tgħid Sheena. *"Ridt nagħti eżempju."*

L-eżerċizzju u l-gwida professjonali kienu l-iżvolta l-kbira għal Sheena. *"Isseħibt f'ġinnasju u għamilt kors ta' żvilupp personali."* Hija naqqset mill-piż u l-fiduċja fiha nfisha kibret. *"Dan għenni nirrealizza li kien hemm aktar għalija hemm barra. Niftakarni mmur għal klassi tal-aerobika u nara lill-instructor. Hija kienet tidher tajba ħafna u organizzata. Għedt lili nnifsi 'Irrid nagħmel ix-xogħol tagħha'."* Meta Sheena staqsiet lill-instructor għal parir, din qaltilha dwar il-kors *Spoirt Teic*.

## Akkwist tal-fiduċja

Sheena rreġistrat u mill-ewwel bdiet tħoss il-benefiċċji. *"L-ewwel darba li tkellimt quddiem klassi kont qiegħda nitriegħed u nervuża. Iżda hekk kif bdew għaddejjin ix-xhur sirt ferm aktar kunfidenti. Bħalissa tassew nieħu pjaċir inkun quddiem l-istudenti."* Wara li ggradwat, hija ħadmet f'ġinnasji u bħala għalliema taż-żfin, qabel ma kisbet impjieg fiċ-ċentru tad-divertiment ta' South Tallaght fejn huma bbażati l-korsijiet. Fil-bidu kienet qiegħda taħdem bħala għalliema tal-ġinnasju u taż-żfin, iżda kienet taf li riedet tabilħaqq tkun għalliema fuq il-kors. Hija bdiet tidħol flok għalliema oħrajn. *"Kont naħdem 11-il ġurnata wara xulxin. Kont inkun għajjiena ħafna, iżda tassew ridt nikseb dak ix-xogħol. Ma kontx sejra naqta' qalbi."*

L-esperjenzi ta' Sheena għallmuha li tista' tbiddel ħajjitha. *"Tgħallimt kif nistabbilixxi miri u nsegwihom."* Hija għandha iżjed pjanijiet għall-ġejjieni. *"Il-pass tiegħi li jmiss huwa li mmur fi skola medika,"* hija ssostni. *"Naf li nista' nagħmilha. Anki jekk neħtieġ żmien twil biex nagħmel dan, se nibqa' għaddejja."*

# Wegħda tal-Lvant



Porto fil-Portugall ilu ċentru ta' kummerċ internazzjonali għal sekli sħaħ u Bruno Texeira qiegħed ikompli t-tradizzjoni tal-post fejn twieled. L-intraprenditur żagħżugħ waqqaf negozju ta' konsulenza msejjaħ Trading EuroPacific fil-bidu tal-2008 biex jgħin kumpaniji Portugiżi u Asjatiċi jaħdmu flimkien.

Huwa jgħin lill-kumpaniji sabiex isibu d-distributuri, il-fornituri u l-aġenti li għandhom bżonn fl-Ażja sabiex jilħqu swieq ġodda u jnaqqsu l-ispejjeż tagħhom. *"Id-differenzi kulturali bejn l-UE u l-Ażja jagħmluha diffiċli għall-kumpaniji biex jiksbu aċċess għas-swieq ta' xulxin,"* jgħid dan iż-żagħżugħ ta' 29 sena. *"Iddeċidejt li nwaqqaf negozju biex inqarreb lejn xulxin iż-żewġ kontinenti."* Il-kumpanija tiegħu, Trading Europe Pacific (TEP consulting) taħdem ma' kumpaniji Portugiżi li jridu jbigħu fi swieq Ażjatiċi u viċi-versa, jew inkella ssib manifatturi u tikkontrolla l-kwalità tal-produzzjoni. Huwa jaħdem ma' netwerk mifrux f'seba' pajjiżi Ażjatiċi – l-Indoneżja, iċ-Ċina, il-Vjetnam, il-Malażja, it-Tajlandja, Singapor u l-Filippini: *"Aħna nkopru 50% tal-popolazzjoni dinjija."*

Huwa nduna b'din l-opportunità għan-negozju tiegħu fl-2006 waqt li kien qiegħed fuq postazzjoni tax-xogħol fl-Ambaxxata Portugiża f'Jakarta ġewwa l-Indoneżja bħala parti mill-programm ta' taħriġ Network Contacto, kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew.

## Esperjenza vitali

Il-programm, ipprovdut mill-Istitut Portugiż għall-Kummerċ Barrani (ICEP), kien jikkonsisti fi tliet xhur ta' taħriġ inizjali fid-Dipartiment tal-Kummerċ fil-Portugall, segwiti minn sitt xhur fl-Indoneżja. Matul il-perjodu tiegħu hemmhekk, Bruno ħejja rapport dwar is-suq Indoneżjan u għen kumpaniji Portugiżi jippenetraw is-suq.

Din l-esperjenza rriżultat vitali għal Bruno fix-xogħol li qiegħed jagħmel bħalissa. *"Il-postazzjoni kienet tajba ħafna għall-kuntatti,"* huwa jsostni. *"Iltqajt ma' persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet u ma' nies influwenti. Tgħallimt aktar dwar ir-reġjun u l-opportunitajiet fis-suq Indoneżjan għall-kumpaniji Ewropej."*

*"Anki qabel ma mort l-Indoneżja kont qiegħed naħseb biex nibda negozju fl-Ażja,"* iżid Bruno. *"Bħala tifel dejjem kont affaxxinat biż-żona. Kont inħobb naqra dwar il-kultura, il-ħajja selvaġġa, kollox,"*

*"Hemm bosta opportunitajiet fl-Ażja, iżda huwa diffiċli ħafna għall-kumpaniji biex jidħlu fis-swieq Ażjatiċi. Għandhom bżonn lil xi ħadd li jista' jagħtihom appoġġ u parir."*

huwa jispjega. Huwa tgħallem aktar dwar il-potenzjal kummerċjali tal-Ażja waqt li kien qiegħed jistudja l-ekonomija u r-reklamar fl-università. *"L-Ażja fiha kważi 50% tal-popolazzjoni tad-dinja. Hija l-fabbrika tad-dinja u tipprovdi ħafna mill-materja prima,"* isostni.

Wara li rritorna mill-perjodu tiegħu fl-Indoneżja, huwa ħadem fid-dipartiment tar-reklamar ta' kumpanija tat-telekomunikazzjoni. Madankollu, huwa minn dejjem ried imexxi kumpanija tiegħu stess u, flimkien ma' sieħeb li kien iltaqa' miegħu fl-Indoneżja, huwa beda jippjana kif għandhom jużaw l-għarfien tagħhom tas-swieq Ażjatiċi u l-kuntatti lokali biex jibdew negozju.

Trading EuroPacific twaqqfet f'Jannar 2008. *"Aħna bdejna nippjanaw madwar sena qabel."*

## Aċċess għall-opportunitajiet

Għalkemm għadhom fil-bidu, Bruno jgħid li sa issa n-negozju ntlaqa' b'mod  pożittiv u sejjer tajjeb. L-unika problema kbira li kellu sa issa kienet l-età tiegħu. *"Meta n-nies jaħsbu dwar konsulent għall-kumpaniji l-kbar, huma ma jistennewx li jiġi żagħżugħ u jagħtihom parir,"* huwa jsostni. *"Trid ftit ħin biex tikkonvinċihom. Meta nurihom l-għarfien u l-konnessjonijiet tiegħi huma jibqgħu impressjonati, iżda fil-bidu huwa diffiċli."* Illum huwa jgħodd diversi kumpaniji kbar bħala klijenti u għandu netwerk ta' msieħba f'pajjiżi Ażjatiċi. *"Qegħdin infittxu sabiex niżviluppaw relazzjonijiet fit-tul ma' [kumpaniji Portugiżi] u nissorveljaw is-swieq tagħhom fl-Ażja."*

Bruno jagħti eżempju ta' wieħed mill-klijenti tiegħu – manifattur Portugiż tat-tessuti. *"Il-kumpanija ma tistax tipproduċi l-aċċessorji kollha li teħtieġ hawnhekk. Qegħdin inqabbduha ma' kumpaniji Ażjatiċi li għandhom l-għarfien u l-kapaċità tal-produzzjoni speċifika,"* huwa jsostni. *"Dan għandu jippermettilha li tiddiversifika l-firxa tal-prodotti tagħha."* Kumpanija oħra li jaħdem magħha hija manifattur Portugiż ta' magni li jaħdmu l-ħadid fuq skala kbira. Huwa qiegħed jgħinha ssib kumpaniji biex tbigħilhom il-prodotti. *"Hemm bosta opportunitajiet fl-żsja, iżda huwa diffiċli ħafna għall-kumpaniji biex jidħlu fis-swieq Ażjatiċi,"* huwa jsostni. *"Għandhom bżonn lil xi ħadd li jista' jagħtihom appoġġ u parir."*

## Ippjanar 'il quddiem

Għall-ġejjieni, huwa beħsiebu jespandi l-operazzjonijiet tiegħu f'pajjiżi Ewropej oħrajn. *"Nixtieq niftaħ uffiċċju f'Barċellona. Spanja tkun l-ewwel pass."* Huwa qiegħed jipprova wkoll jidħol l-Indja u kellu talbiet minn kumpaniji Brażiljani u Messikani biex jagħmlu negozju fl-Ażja. Madankollu, huwa jrid jistabbilixxi n-negozju sewwa qabel ma jespandi. *"Irridu nistennew sakemm inkunu iżjed b'saħħitna fil-Portugall qabel ma mmorru f'pajjiżi oħrajn. Huwa proċess gradwali."*

Ix-xewqa l-oħra tiegħu hija li jkollu ftit aktar ħin liberu. *"Bħalissa qiegħed naħdem iebes ħafna. It-tmiem il-ġimgħat tiegħi ħafna drabi jisparixxu,"* huwa jżid jgħid. *"Nixtieq li nkun nista' nilgħab aktar sports, inqatta' ħin mat-tfajla tiegħi u ngawdi n-natura."*

# Intrapriża tajba għas-saħħa



Huwa ħin l-ikel u *Zdravá Jídelna Spirála* – 'l-Ispiral tas-Saħħa' – f'České Budějovice fir-Repubblika Ċeka huwa mimli attività. Hemm folla mħallta fil-kafeterija żgħira – minn ħaddiema u studenti li jidħlu biex jieklu xi ħaġa malajr, għal pensjonanti u ġenituri bit-tfal li daħlu għal ħin itwal: jaqsmu mwejjed flimkien, jitkellmu u jilagħbu. Huma jiġu għall-ispeċjalitajiet imsajrin friski, tal-ġurnata – platti ta' ħaxix u ross bil-kari; skutelli ta' soppa magħquda; ikliet bil-felfel; u għażla ta' kejkijiet magħmulin id-dar.

Radmila Petroušková, li fetħet il-kafeterija ma' ħabiba tagħha fil-bidu tal-2008, tispjega l-filosofija tagħhom. *"Aħna nispeċjalizzaw f'ikel veġetarjan u tajjeb għas-saħħa,"* issostni. *"Nippruvaw kemm jista' jkun li nużaw tipi ta' ikel organiċi u bijoloġiċi u nevitaw il-preservattivi, il-melħ jew ħwawar żejda. Hemm ukoll għażliet ta' ikel ħieles mill-glutina u platti għal persuni li jbatu minn xi allerġiji."* Il-kafeterija xi kultant tbigħ ħut, iżda mhux laħam. *"U fejn huwa possibbli nippruvaw li nużaw prodotti ta' kummerċ ġust. Huwa importanti għalina li nkunu kemm jista' jkun moralment korretti,"* tgħid ukoll. L-approċċ jidher popolari u huma diġà bnew klijentela regolari. *"Ir-reazzjoni sa issa kienet waħda tajba,"* tkompli tgħid din iż-żagħżugħa ta' 26 sena. *"Tassew hija atmosfera tal-ħbieb."*

Għal Radmila, kemm li tmexxi n-negozju tagħha kif ukoll l-industrija tal-ikel huma affarijiet ġodda. Hija ħadmet bħala mudella mill-età ta' 16-il sena, ivvjaġġat madwar id-dinja biex tidher f'wirjiet tal-moda u sessjonijiet ta' teħid tar-ritratti. *"Kienet esperjenza meraviljuża,"* hija tkompli tgħid. *"Rajt id-dinja u kont nitħallas ta' dan."* Madankollu, fl-età ta' 23 sena, hija ħasset li żmienha fuq il-passarella kien għadda u riedet ħajja aktar trankwilla. Bdiet taħdem bħala receptionist ġewwa lukanda fil-belt fejn twieldet, iżda wara tliet snin f'dak ir-rwol iddejqet. *"Kienet dejjem l-istess ħaġa kuljum. Ridt sfida ġdida,"* issostni.

Hija bdiet tikkunsidra li tiftaħ kafeterija li tispeċjalizza f'ikel tajjeb għas-saħħa, flimkien ma' ħabiba li kellha esperjenza taħdem bħala koka. *"It-tnejn li aħna nħobbu stili ta' ħajja b'saħħithom u ħsibna li l-idea kellha potenzjal kbir,"* hija ssostni. *"Ħsibna li jkun hemm domanda għaliha f'din il-belt. M'hemm imkien bħalha f'dawn in-naħat."*

*"Tassew kuntenta li ħadt dik id-deċiżjoni. "Issa jiena l-imgħallma tiegħi nnifsi u kuntenta ħafna."*

## Parir siewi

Programm ta' appoġġ għal intraprendituri żgħażagħ, kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew, għenhom sabiex jibdew l-idea tagħhom. L-esperti tawhom parir dwar kif għandhom iwaqqfu l-kafeterija u kif jiżviluppaw pjan tan-negozju vijabbli biex jippreżentawh lill-bank. *"Ħadd minna ma kellu esperjenza kif iwaqqaf negozju,"* hija ssostni. *"Għalhekk il-konsulenti għenuna ħafna bil-finanzi u bl-amministrazzjoni. Huma bagħtuna għand in-nies li kellna bżonn."*

B'self mill-bank assigurat, u wara sena ta' ppjanar, il-kafeterija fetħet għan-negozju fil-bidu tal-2008. *"Fil-bidu ma indunajtx kemm kien se jinvolvi xogħol li tmexxi negozju. Hemm differenza kbira bejn li tkun impjegat u li taħdem għal rasek."* Filwaqt li Radmila torganizza t-tmexxija tan-negozju, ix-xogħol tal-kitba u l-kontijiet, il-kollega tagħha tieħu ħsieb l-ikel. *"Madankollu l-ħin kollu qiegħda nitgħallem aktar dwar it-tisjir,"* hija ssostni.

S'issa l-impriża qiegħda tirriżulta f'suċċess u l-intraprendituri żgħażagħ qegħdin jieħdu pjaċir bl-esperjenza. U għandhom pjanijiet biex fil-ġejjieni jkabbru n-negozju. *"Irridu nkabbru l-bini sabiex inkunu nistgħu ndaħħlu aktar nies,"* tkompli tgħid. *"Irridu nimpjegaw iżjed ħaddiema. Qegħdin nippruvaw insibu kok ieħor."* Għandhom ukoll pjanijiet sabiex jespandu s-servizzi l-oħrajn li joffru, bħal ikliet għall-iskejjel primarji lokali, u li mal-kafeterija jkollhom tieqa għal 'ikel ta' malajr tajjeb għas-saħħa'. *"Fl-aħħar mill-aħħar nixtiequ nespandu għal bliet oħrajn ukoll,"* hija ssostni. *"Iżda mhux għalissa. L-affarijiet nagħmluhom ħaġa wara l-oħra."*

*"Tassew kuntenta li ħadt dik id-deċiżjoni,"* tikkonkludi Radmila. *"Issa jiena l-imgħallma tiegħi nnifsi u kuntenta ħafna."*

# Indirizzar taż-żgħożija u l-enerġija



Wara ftit snin biss fil-forza tax-xogħol, bħala rappreżentant kummerċjali u aktar tard bħala aġent tar-reklamar, Yann Lelièvre kellu idea pjuttost ċara ta' fejn ried imur. *"Rajt ħbieb u kollegi jimxu 'l quddiem fil-ħajja, fuq il-bażi ta' ideat tajba u ta' ħafna xogħol iebes,"* isostni, *"u jiena ridt nagħmel xi ħaġa wkoll, biex nagħmel xi ħaġa tajba bija nnifsi."*

Yann huwa sportiv appassjonat ta' sports fuq barra, li jmur għax-xogħol bir-rollerblades u jixxabbat mal-blat fi tmiem il-ġimgħa. L-enerġija tiegħu donna qatt ma hija sodisfatta, *"iżda mingħajr pjan tan-negozju solidu f'idejja,"* huwa jsostni, *"il-ħolma tiegħi li niftaħ ħanut ta' prodotti tal-isports ta' barra kienet qiegħda tiżloqli minn bejn subgħajja."*

Il-fatt li kellu biss 27 sena ma jidhirx li kien qiegħed jinkwieta lil Yann, iżda għal oħrajn, bħall-istituzzjonijiet ta' self lokali Clermont-Ferrand, iż-żgħożija u n-nuqqas ta' esperjenza tiegħu donnhom kienu fatturi kontrih. *"Kien diffiċli għalija li nsib bank li jeħodni bis-serjetà,"* huwa jispjega. *"Kont diġà wettaqt l-istudju tiegħi tas-suq, iżda ma kontx ċert kif għandi nippreżenta l-ideat tiegħi, kif għandi nħalli impressjoni."*

L-Espace Info Jeunes ta' Clermont-Ferrand, iffinanzjat b'mod parzjali mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew, jgħin lil persuni żgħażagħ sabiex jiksbu taħriġ, isibu xogħol, attivitajiet jew akkomodazzjoni, jew jibdew proġett. *"Nifhem il-ħtieġa ta' regoli u regolamenti,"* jgħid Yann, *"iżda d-diffikultajiet li jkollok tgħaddi minnhom biex tibda negozju jistgħu jkunu tal-għaġeb. Espace Info Jeunes għenni nifhem is-sistema u noħloq pjan tan-negozju professjonali. Kienet imbuttatura ta' veru, li ppermettietli li nikkonvinċi lill-banek iżda wkoll li nirbaħ fornituri importanti. Mingħajrha, ma kontx inkun fejn qiegħed illum."*

## Sports favur l-ambjent

Il-ħanut ta' Yann, Espace, ibigħ varjetà ta' lbies, żraben u tagħmir ta' kwalità għolja għat-tixbit u t-tlugħ mal-muntanji, rollerblading u skateboarding, u firxa ta' sports ieħor ta' barra li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent (l-ebda sports motorizzat). Huwa kburi bil-kredenzjali ambjentali tan-negozju tiegħu, li hija kwistjoni għal qalbu ħafna. *"Ma naqdux lil min iniġġes,"* huwa jinsisti. *"Aħna nbigħu biss*

*"Din l-esperjenza bidlitni. Tatni ħafna kunfidenza. Issa naf kif jaħdmu l-affarijiet, u naf li nista' nibni fuq is-suċċess tiegħi jekk nixħet l-attenzjoni tiegħi hemm."*

*l-aktar prodotti b'saħħithom u li jservu, nosservaw regoli stretti għas-separazzjoni tal-iskart, u l-ħanut innifsu huwa mgħammar bl-aktar sistema tad-dawl li tuża l-enerġija b'mod effiċjenti."*

Mit-twaqqif tiegħu fl-2002, il-ħanut kompla jespandi. *"Għadna kif ġarrejna għal spazju akbar. Bħalissa, nimpjega ħaddiem wieħed part-time u żewġ ħaddiema full-time, u din hija xi ħaġa li jiena partikolarment kuntent dwarha. Għandna tim meraviljuż hawnhekk. Il-ħin kollu qegħdin nitgħallmu dwar prodotti u teknoloġiji ġodda u nipprovdu l-aħjar parir possibbli lill-klijenti tagħna,"* huwa sostna mimli entużjażmu.

## Jibni fuq is-suċċess

Id-dinamiżmu u l-enerġija ta' Yann diffiċli trażżanhom anki fl-aktar ambjenti ostili tan-negozju. *"Inħobb il-veloċità, li nkun dejjem attiv, li nġiegħel lin-nies u lill-affarijiet jiċċaqalqu. Dik hija xi ħaġa eċċitanti!"* Iżda f'mument rilassat, wara li jingħalqu l-bibien tal-ħanut, huwa jieħu ftit ħin biex jirrifletti. *"Fil-fond ta' qalbi naħseb li kont nieqes mill-fiduċja fija nnifsi,"* huwa jammetti. *"Din l-esperjenza bidlitni. Tatni ħafna kunfidenza. Issa naf kif jaħdmu l-affarijiet, u naf li nista' nibni fuq is-suċċess tiegħi jekk nixħet l-attenzjoni tiegħi hemm."*

*"Bħalissa ma nistax ngħid fejn se nkun fi żmien sentejn, ħames snin jew għaxar snin oħra, iżda naf ħaġa waħda – m'inix se nieqaf hawnhekk. Se nkompli miexi 'l quddiem, infittex opportunitajiet akbar u aħjar, u se nġib miegħi kollegi, imsieħba u assoċjati ġodda."*

# Ugwaljanza bejn
# in-nisa u l-irġiel

# In-nisa jmorru għax-xogħol waqt li l-ġenerazzjoni aktar anzjana tieħu pjaċir



Fir-raħal Ċiprijott żgħir ta' Augorou, qrib Famagusta, hemm dar antika ta' mitt sena, miżmuma tajjeb. Dan l-aħħar ġiet irrestawrata, b'persjani blu vivaċi, art taċ-ċangatura u saqaf tradizzjonali bl-injam immaljat. Fuq ħajt fl-intrata mdawla u arjuża, il-messaġġ 'Merħba fil-Klabb 2007' huwa minsuġ fil-bizzilla. Madwar mejda, grupp ta' rġiel u nisa anzjani – wiċċhom imkemmex bi snin ta' ħidma fix-xemx Mediterranja – jitbissmu u jiċċajtaw flimkien fil-waqt li jdommu żibeġ kbar tondi f'kuruni.

Din hija l-qalba tal-programm Qatt Waħdek id-Dar ta' Augorou, imniedi f'Jannar 2007 u kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew. L-għan tiegħu huwa li jgħin lin-nisa fil-komunità lokali jaħdmu b'mod iżjed faċli billi jipprovdu appoġġ u divertiment lill-ġenituri tagħhom xjuħ għax inkella dawn in-nisa kien ikollhom jibqgħu d-dar biex jieħdu ħsiebhom.

## Tensjoni u sigħat twal

Koulla Aggelou hija waħda minn 15-il mara li qegħdin jibbenefikaw direttament. Hija għandha żewġt itfal u taħdem kuljum filgħodu bħala naddafa fir-raħal, filwaqt li ommha Fotini ta' 71 sena tmur il-'klabb'. *"Qabel ma bdiet l-iskema, ħajti kienet diffiċli ħafna,"* hija tispjega. *"Ma kelli l-ebda ħin għalija, u xi kultant lanqas għall-familja tiegħi. Dejjem kont stressjata u mgħaġġla."* Hija kienet tnaddaf appartamenti fil-lokalità turistika fil-qrib ta' Ayia Napa, xi drabi titlaq mid-dar bil-karozza tal-linja fis-6 ta' filgħodu, taħdem xiftijiet ta' 12-il siegħa, jew terġa' lura d-dar fil-11 ta' billejl. *"Kultant kont ngħejja tant li kont naħsibha nitlaqx mix-xogħol,"* tammetti. Iżda l-familja kellha bżonn id-dħul tagħha. Żewġha Angellos kien jaħdem bħala bennej qabel ma sab xogħol f'ristorant lokali. *"Kieku ma kontx naħdem, l-affarijiet kienu jkunu diffiċli,"* tgħid Koulla.

L-impatt tal-programm naturalment jestendi għal ulied subien u bniet oħrajn fil-15-il familja. Il-ġenituri – l-ixjeħ persuna għandha 88 sena – imorru ċ-ċentru kull ġurnata tal-ġimgħa filgħodu. *"L-iskop prinċipali tal-programm mhuwiex li x-xjuħ ikollhom min jieħu ħsiebhom, iżda li jippermetti lil uliedhom nisa joħorġu jaħdmu,"* jikkonferma Andri Christoforou, li jmexxi l-klabb. *"Huwa jagħtihom il-ħin li għandhom bżonn biex jieħdu ħsieb tagħhom infushom, u tal-familji tagħhom."* Huma jistgħu jiksbu wkoll parir dwar l-opportunitajiet ta' impjieg.

*"Qabel ma bdiet l-iskema, ħajti kienet diffiċli ħafna. Dejjem kont stressjata u mgħaġġla."*

Iżda anki jekk il-ġenituri mhumiex il-grupp prinċipali fil-mira, il-pjaċir li jieħdu fiċ-ċentru huwa evidenti. Kull għodwa jkunu okkupati b'attivitajiet bħal xogħol tal-labra, pittura u jagħmlu l-ġojjellerija. Xi kultant jagħmlu l-kafè jew il-kejkijiet, il-ġamm u l-imqarrun tagħhom stess. *"Hija bħal dar mid-dar,"* jispjega Andri. Tliet darbiet fil-ġimgħa jkun hemm speċjalisti – fiżjoterapisti u tobba – biex joffru sessjonijiet ta' trattament, u jiġu organizzati ħarġiet għal esibizzjonijiet u mużewijiet. Billi Augorou huwa raħal żgħir, ħafna mill-anzjani, fosthom Fotini, jistgħu jimxu saċ-ċentru waħedhom. Iżda jekk it-tim ta' kura jinnota li xi ħadd ikun nieqes, xi ħadd mill-membri jċempel biex jara kif inhuma, u jekk għandhomx bżonn lil xi ħadd biex jiġborhom. Kmieni wara nofsinhar, wara ikla msajra d-dar, il-grupp żgħir ta' pensjonanti jmur lura lejn id-dar b'mod dinjituż .

## Kumpanija tajba

*"Huwa tassew programm tajjeb, u x-xjuħ jieħdu pjaċir,"* tiddikjara Koulla. *"Hija l-ewwel darba li għandna xi ħaġa bħal din fir-raħal. Ommi kienet tinkwieta għaliex kienet taf li kont stressjata. Illum hija tieħu gost bl-attivitajiet, u kollha nħossuna aħjar."*

*"Hija kumpanija tajba u mod pjaċevoli kif tgħaddi l-ħin,"* sostniet bi qbil Fotini, li rċeviet b'suċċess trattament kontra l-kanċer tas-sider. *"It-tfajliet li jmexxu l-klabb huma tassew minn tagħna. Jiena niltaqa' ma' nies tal-età tiegħi u nirrakkuntaw stejjer tal-imgħoddi. Kieku ma ġejtx hawnhekk kien ikolli nibqa' d-dar. U nieħu pjaċir li t-tifla tiegħi tista' taħdem aktar faċilment."*

Is-sensibbiltà bejn Koulla u Fotini hija tant qawwija, li huwa forsi sorprendenti li tkun taf li r-relazzjoni vera ta' bejniethom hija ta' bint mat-tieni mara ta' missierha. L-omm proprja ta' Koulla mietet meta hija kellha inqas minn sena, u ħalliet lil missierha Costas bi tmint itfal żgħar. Hija kellha biss erba' snin meta Fotini żżewġet lil missierha u daħlet għax-xogħol diffiċli li trabbi l-familja. *"It-tieni mara ta' missieri tellgħetni daqslikieku kont bintha proprja,"* tgħid Koulla bi gratitudni. *"Naraha kuljum, u ma nistgħux ngħaddu mingħajr xulxin."*

## Li jkollok il-ħin

Koulla taħdem mis-7.30 ta' filgħodu sas-1.00 ta' wara nofsinhar, ħames darbiet fil-ġimgħa. Dan ifisser li hija tista' tieħu lit-tewmin tagħha ta' 11-il sena, Simeos u Fotini, bil-mixi għall-iskola fir-raħal, u tiltaqa' magħhom fil-bieb tal-iskola fis-2.30 ta' wara nofsinhar. Huma ta' sikwit jgħaddu sad-dar tal-ġenituri tagħha fi triqithom lejn id-dar. Hija għandha ħin biex tipprepara l-ikla tat-tfal tgħinhom fix-xogħol tal-iskola, u tissorvelja l-attivitajiet tagħhom barra mill-iskola: iż-żfin u l-lezzjonijiet tal-Ingliż. *"Qabel ma beda l-programm, kont immur id-dar ta' ommi biex ngħinha kull meta kont inkun libera, u l-ħin dejjem kien problema,"* tispjega. *"Xi drabi kien ikolli noqgħod magħha filgħodu u naħdem wara nofsinhar, iżda issa għandi ħin għat-tfal."*

Kull ġimgħa, Koulla tnaddaf ħamest idjar differenti f'Augorou. Christina Kaoulla, li tgħodd 'il fuq minn tmenin sena, b'disat itfal u bosta tfal tat-tfal, hija waħda mill-ġirien li Koulla ilha tgħin għal sentejn, u li tilqa' bil-qalb iż-żjarat tagħha. Għal Koulla, id-dħul addizzjonali huwa biss raġuni waħda għaliex taħdem. *"Aħna ħbieb, u nieħdu pjaċir,"* tispjega hija u tnaddaf qsari tal-ġeranju fuq it-terrazza ta' Christina. *"Dan ma nagħmlux biss għall-flus."*

# Ħin il-logħob fl-uffiċċju



*Stephan Wittich* ilu jgħallem fl-Università ta' Vjenna għal 12-il sena. Bħala assistent professur tal-liġi internazzjonali, huwa għandu skeda li teħodlu ħafna ħin, kemm bid-doveri tiegħu tat-tagħlim kif ukoll bil-proġetti ta' riċerka.

Meta huwa u martu Isabel, li wkoll taħdem l-universita, kellhom l-ewwel tifla tagħhom Marie, erba' snin ilu, ħajtu saret saħansitra iżjed attiva. Isabel ħadet is-sena waqfien mix-xogħol immedjatament wara t-twelid tat-tarbija u mbagħad Stephan ħa t-tnax-il xahar ta' wara. *"Waqaft ngħallem,"* huwa jsostni. *"Il-prijorità kienet li nieħu ħsieb ta' Marie. Iżda ma kienx tassew waqfien mix-xogħol; xorta kelli ħafna xogħol x'nagħmel."*

Issa li kien beda x-xogħol fuq it-teżi tiegħu ta' wara d-dottorat, li kienet tittratta dwar proċeduri fil-qrati internazzjonali, huwa kellu jsib mod kif jgħaqqad sigħat twal ta' riċerka mar-responsabbiltajiet ġodda tiegħu bħala ġenitur. *"Bħala akkademiku, għandi l-vantaġġ li jiena flessibbli fix-xogħol tiegħi. Iżda, mill-banda l-oħra, huwa importanti ħafna li jkollok post kalm fejn tista' tikkonċentra mingħajr distrazzjonijiet,"* huwa jkompli jgħid.

## Sejbien ta' soluzzjoni

Stephan seta' jagħmel użu minn faċilità ta' nursery immexxija mill-università għall-istudenti u l-persunal tagħha. *"Kien possibbli biss li nlesti xi xogħol grazzi għan-nursery,"* isostni.

Il-proġett tal-Uffiċċju tat-tfal, li nbeda fl-2002 b'kofinanzjament mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew, għandu l-għan li joffri ħarsien tat-tfal bi prezz raġonevoli u bi flessibbiltà. *"Fir-realtà, nursery regolari ma kinitx waħda mill-possibbiltajiet. Probabbilment ma konniex nifilħu għaliha,"* isostni Stephan. Persuni u faċilitajiet professjonali għall-ħarsien tat-tfal huma disponibbli għal trabi li għadhom kemm telqu jimxu u għal tfal sa 12-il sena matul kull ġurnata tal-ġimgħa. Sadanittant, il-ġenituri għandhom aċċess għal kamra kwieta tal-istudju mgħammra bil-kompjuters u mwejjed għall-qari sabiex huma jkunu jistgħu jkomplu bix-xogħol tagħhom filwaqt li xorta jkunu faċilment disponibbli għat-tfal tagħhom. Stephan jgħid li l-vantaġġi fuq nursery regolari jinkludu li tista' tibbukkja billi tavża minn ftit qabel u għal perjodi qosra taż-żmien daqs ftit sigħat kull darba.

*"Stajt inkompli biss bir-riċerka tiegħi grazzi għan-nursery. Hija fissret li stajt naħdem fuq it-teżi u nieħu ħsieb it-tifla tiegħi."*

Billi t-trobbija tal-ulied sikwit tkun raġuni għaliex persuna tbiddel, tipposponi jew titlaq mill-istudji jew karriera fis-settur akkademiku, l-università ddeċidiet li tgħin lill-impjegati u lill-istudenti jirrikonċiljaw l-istudju u l-ħajjiet familjari tagħhom u tagħmel l-università iżjed aċċessibbli għat-tfal. Il-koordinaturi jistmaw li madwar 11% tal-istudenti fl-universitajiet fi Vjenna, madwar 11,500 persuna, għandhom obbligi ta' ħarsien tat-tfal, u sa 50% tal-persunal.

Għal Stephan, il-benefiċċji kienu evidenti. *"Tassew għenitni, stajt inkompli biss bir-riċerka tiegħi bis-saħħa tan-nursery. Hija fissret li stajt naħdem fuq it-teżi u nieħu ħsieb it-tifla tiegħi. Hija għenet ukoll biex Marie ssir familjari ma' tfal u persuni adulti oħrajn minn età żgħira,"* huwa jżid jgħid. *"Ma kellhiex problemi sabiex tadatta meta bdiet il-kindergarten."*

## Servizz ta' nanny ittir

Daniela Finzi, li tinsab fit-tielet sena tal-istudji tagħha tal-PhD fil-letteratura Ġermaniża u l-istudji kulturali, hija ġenitur oħra li tuża n-nursery għat-tewmin tagħha ta' sentejn. *"Ilni nuża n-nursery minn mindu l-bniet kellhom erba' xhur,"* issostni. *"Għalija hija perfetta u nippreferi naħdem hawnhekk għax tassew nista' ntella' x-xogħol. Iddar dejjem ikun hemm xi jtellfek."*

L-uffiċċju joffri wkoll faċilitajiet oħra, billi jipprovdi servizz ta' 'nanny ittir' għall-ħarsien tat-tfal waqt avvenimenti tal-università, jikkoordina grupp ta' persuni li jieħdu ħsieb lit-tfal, u jipprovdi pariri u informazzjoni għall-ġenituri. Inizjattiva oħra li huwa involut fiha Stephan hija l-'università tat-tfal', fejn il-persunal li jgħallem jintroduċi lit-tfal għas-suġġetti tagħhom waqt korsijiet ta' ġimagħtejn fis-sajf. *"Dik li jitgħallmu dwar l-università u jibdew jaħsbu dwar l-oqsma li jkunu jixtiequ jistudjaw aktar 'il quddiem, hija xi ħaġa li tispirahom,"* jispjega.

# Żvilupp ta' negozju turistiku uniku



Il-ġurnata ta' Riikka-Leena Lappalainen tibda kmieni b'għadsa fil-lag barra d-dar tagħha – anki f'nofs Diċembru meta t-temperatura tal-arja tinżel għal -4°C u s-silġ ikun oħxon 10cm. *"Dan nagħmlu kuljum,"* hija ssostni. *"Huwa mod mill-aqwa biex tqum."*

Riikka-Leena, li tgħix fil-qalba tal-kampanja fir-reġjun ta' Pohjois Savo ġewwa l-Finlandja, għandha ġibda għan-natura li jmur lil hinn mir-ritwal tal-għawma tagħha ta' kuljum. Hija tmexxi lukanda żgħira u negozju turistiku fuq ix-xtajtiet tal-lag ma' żewġha Reijo, li trabba hemm, fir-razzett tal-familja tiegħu. *"Il-lag huwa kwiet ħafna, trankwill ħafna,"* hija ssostni. *"Meta konna iżgħar, konna noħolmu li nifthu negozju turistiku hawnhekk."*

Dik il-ħolma llum saret realtà, bil-mistednin jieħdu post il-merħliet u l-għelejjel bħala d-dħul ewlieni mill-art tal-familja. It-turisti jiġu biex igawdu l-inħawi selvaġġi tal-madwar u jagħmlu firxa ta' attivitajiet ibbażati fuq in-natura, fosthom snowmobiling, skijjar fil-kampanja, slittar bil-klieb, kaċċa, sajd, għawm u tbaħħir.

Il-koppja l-ewwel fetħet xi dwejriet tal-vaganzi fil-bidu tas-snin disgħin. Billi kien għad hemm biss ftit faċilitajiet oħrajn għat-turisti fiż-żona tal-madwar, din l-inizjattiva saret popolari u n-negozju kiber b'mod konsistenti. Fl-2001, huma bnew sawna bid-duħħan – tip ta' sawna tradizzjonali relattivament mhux tas-soltu – u din ġibdet saħansitra aktar nies. *"Wara, kellna gruppi ġejjin bix-xara-banks. Dan tana l-idea li nespandu. Kien hemm aktar nies iridu jikru d-dwejriet u s-sawna milli stajna nakkomodaw."* It-taħriġ fil-bini ta' timijiet ta' ħidma u attivitajiet oħra għal dawk fin-negozju, saru parti importanti ta' dan in-negozju.

Fl-2004, Riikka-Leena ħadet id-deċiżjoni li titlaq l-impjieg tagħha full-time li kienet ilha fih 20 sena bħala accountant fl-amministrazzjoni pubblika u li tiddedika l-enerġija tagħha kollha għan-negozju tal-familja. Huma bdew ix-xogħol fuq il-bini tal-lukanda prinċipali, li issa tifforma ċ-ċentru tan-negozju, u bdew jikru dwejriet oħrajn. Hemm seba' kmamar għall-mistednin u kamra kbira għall-ikliet u għall-avvenimenti, flimkien ma' diversi dwejriet. Fis-sajf hemm akkomodazzjoni għal sa 40 persuna u għal madwar 30 fix-xitwa.

*"Jiena kuntenta ħafna li tlaqt mix-xogħol sigur li kellii biex nikkonċentra fuq in-negozju tiegħi stess. Hija ħaġa meraviljuża li tkun l-imgħallma tiegħek innifsek."*

## Li tagħmel il-pass

Li titlaq mill-impjieg sigur tagħha kien pass kbir għaliha, u għalhekk Riikka-Leena ddeċidiet li tieħu xi taħriġ biex jgħinha tagħmel il-bidla. Hija ħadet sehem fi proġett internazzjonali, kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew, għal intraprendituri nisa li jaħdmu f'kull settur tan-negozju.

Ma' parteċipanti minn Franza, il-Belgju, id-Danimarka, l-Italja, Spanja u l-Finlandja, hija żaret negozji turistiċi żgħar f'pajjiżi oħrajn u kisbet ideat ġodda għan-negozju. *"Tgħallimt ħafna affarijiet żgħar. Waħda miż-żjarat f'negozju tal-kampanja ġewwa l-Italja kienet ta' ispirazzjoni kbira,"* hija ssostni. *"Rajt il-passjoni u s-sens ta' kburija fin-negozji ta' hemmhekk. Ġeneralment, dan huwa nieqes fil-Finlandja."*

*"Tgħallimt il-valur tal-laqta personali,"* iżżid tgħid Riikka-Leena, li tqis dan bħala fattur kruċjali fis-suċċess tan-negozju. Iż-żjarat f'pajjiżi oħrajn ispirawha għan-negozju tagħha stess u inkoraġġew lill-koppja sabiex jagħmluh saħansitra aktar personali. Dawn iż-żjarat ippermettewlha li tiltaqa' ma' kuntatti ġodda u ppreżenta opportunitajiet ġodda għan-negozju.

*"Morna għal żjara f'Lapland, kellna ikla u nnotajt li l-platti kienu differenti ħafna minn tas-soltu. Ikkuntattjajt lid-disinjatur lokali li kien għamilhom u għedtlu jiddisinjalna sett speċjali ta' reċipjenti taċ-ċaqquf esklussivament għalina hawnhekk."* Speċjalista lokali għamel id-drappijiet kollha fil-lukanda u l-ħwejjeġ li jilbsu l-impjegati, b'laqta individwali fuq disinji tradizzjonali Finlandiżi. Barra minn hekk, huma jbigħu xogħol tal-artiġjanat magħmul minn nies tas-sengħa u artisti lokali, kif ukoll speċjalitajiet tal-ikel lokali. *"Dawn il-laqtiet kollha jżidu mal-esperjenza li rridu nagħtu lill-mistednin tagħna."*

## Ħarsa lejn il-ġejjieni

Għalkemm mhux kollox kien mingħajr diffikultajiet, Riikka-Leena hija ċerta li għamlet id-deċiżjoni t-tajba. *"Naturalment kien hemm mumenti diffiċli – kellna nieħdu self kbir mill-bank. Dan ġegħelna naħsbu dwar ir-responsabbiltà u l-konsegwenzi tal-falliment. Iżda jiena kuntenta ħafna li tlaqt mix-xogħol sigur li kelli biex nikkonċentra fuq in-negozju tiegħi stess,"* issostni. *"Inħossni kuntenta ħafna b'din il-ħajja; hija ħaġa meraviljuża li tkun l-imgħallma tiegħek innifsek."*

In-negozju llum jinvolvi lit-tlett itfal kbar kollha tal-koppja - Sanna-Riikka, 29, Esa-Mikko, 27, u Juho-Pekka, 23. *"Jiena kburija ħafna li issa kollha huma parti min-negozju. F'dawn l-aħħar snin kiber tassew,"* tirrifletti Riikka-Leena. U hija tittama li l-involviment tagħhom ikompli. *"Fil-ġejjieni, irridu nitilqu l-affarijiet minn idejna u nħallu lill-ġenerazzjoni iżgħar minna żżid l-ideat ġodda tagħha. Il-klijenti qegħdin ikunu aktar żgħażagħ u għalhekk irridu nżommu aġġornati magħhom."*

# Mara fis-siġġu tax-xufier



Għall-ġurnalista Beata Szozda, li tibda negozju ġdid f'Poznań, il-Polonja, kienet tidher bħala taqtigħa diffiċli. Filwaqt li hija rċeviet bosta inkoraġġiment mingħand il-ħbieb u l-familja, l-investituri potenzjali ma kinux interessati li jiffinanzjaw servizz online propost minn xi ħadd li ma kellu l-ebda esperjenza fin-negozju – speċjalment pubblikazzjoni online għan-nisa dwar il-karozzi.

*"Minn dejjem kont interessata fil-karozzi,"* tiftakar Beata. *"Mill-iskola primarja 'l quddiem, ħafna mill-ħbieb tiegħi kienu subien u kienu dejjem jitkellmu dwar il-karozzi, u għalhekk jiena dħalt magħhom b'mod naturali. Niftakar li darba, waqt li konna fuq btala tal-familja, missieri beda jgħidli dwar il-mudelli differenti kollha tal-karozzi. Meta mort lura d-dar, stajt insemmi l-ismijiet kollha tal-manifatturi u l-mudelli tal-karozzi lill-ħbieb tiegħi."*

Hija interessat ruħha fil-ġurnaliżmu wara li rebħet it-tieni post fil-kompetizzjoni tas-sbuħija ta' Miss Poland 2003. Xi sena wara li spiċċat il-kompetizzjoni, ċemplilha riporter biex jistaqsiha jekk kinitx irċeviet il-premju u s-sostenn li kien wegħedha l-organizzatur. It-tweġiba negattiva ta' Beata wasslet għal sensiela ta' stejjer nazzjonali dwar problemi bil-kompetizzjoni tas-sbuħija. Immedjatament wara hija rċeviet offerti ta' impjieg mingħand numru ta' postijiet tal-midja.

Sal-2007, Beata kienet qiegħda ssegwi programm ta' Baċellerat tal-Arti fir-relazzjonijiet internazzjonali f'Poznań. Hija kienet tippreżenta wkoll programm ta' 15-il minuta kull ġimgħa li janalizza l-karozzi għal stazzjon lokali tat-televiżjoni u kienet tippreżenta programm tax-xiri għal stazzjon ieħor. Hija kienet għadha kemm qalbet għat-televiżjoni wara li ħadmet tliet snin għall-Gazeta Poznań, fejn hija kienet responsabbli sabiex tipproduċi s-sezzjoni tal-gazzetta dwar il-karozzi u l-kolonna tal-pariri għan-nisa kull ġimgħa dwar il-karozzi.

## Passjoni tiddawwar f'negozju

Kien waqt li kienet qiegħda tagħmel il-programm fuq it-TV dwar il-karozzi li Beata ġietha l-idea li toħloq il-pubblikazzjoni tagħha stess dwar il-karozzi maħsuba speċifikament għan-nisa. Beata esplorat jekk setgħetx iddawwar l-idea tagħha f'negozju vijabbli. Hija sabet stħarriġ minn kumpanija tar-riċerka li kien jindika li kważi nofs il-karozzi li jinbiegħu fil-Polonja jinxtraw min-nisa, jew personalment jew billi jinfluwenzaw id-deċiżjoni ta' żwieġhom.

*"Ix-xogħol tiegħi huwa l-passjoni tiegħi. Ma tantx norqod għax hemm ħafna xogħol xi jsir."*

*"Kont ilni għal xi snin ġurnalista dwar il-karozzi u ma stajt insib l-ebda informazzjoni dwar karozzi li jindirizzaw speċifikament il-ħtiġijiet tan-nisa,"* issostni. *"Ma ridtx niffoka biss fuq l-industrija tal-karozzi. L-idea kienet għal portal dwar in-nisa u għan-nisa. Ridt niżviluppa pubblikazzjoni li tagħti ħafna parir prattiku lin-nisa dwar l-użijiet ta' kuljum ta' karozza."*

Il-familja u l-kollegi tagħha fl-istazzjon tat-televiżjoni nkoraġġewha biex twettaq il-ħolma tagħha, iżda hija ħabtet mal-ostakolu li sikwit jiffaċċjaw l-intraprendituri żgħażagħ – li jsibu investituri li jkunu lesti li jirriskjaw flushom fuq biċċa xogħol ta' sogru. Imbagħad kollega tagħha mill-istazzjon tat-televiżjoni semma li l-park tax-xjenza u t-teknoloġija ta' Poznan u l-Fondazzjoni tal-Università Adam Mickiewicz kienu qegħdin jorganizzaw konkors immirat għal intraprendituri żgħażagħ bl-aħjar ideat għal negozju ġdid. Il-konkors kellu jagħlaq l-għada.

*"Daħħalt l-applikazzjoni ħames minuti qabel ma għalaq il-konkors,"* tiftakar Beata. *"Kien is-16 ta' Marzu, għeluq snini."*

Beata kienet waħda mill-applikanti magħżula mill-fondazzjoni biex jipparteċipaw fil-programm ta' taħriġ dwar in-negozju tal-konkors, li kien kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew. Minn Marzu sa Ġunju 2007, Beata rċeviet taħriġ dwar it-tħejjija ta' pjan tan-negozju, tagħrif dwar il-kontijiet u r-rekwiżiti legali u fiskali tal-Polonja, flimkien ma' parir dwar kif tfittex finanzjament għall-investiment.

Fl-aħħar tal-programm, Beata kienet lestiet il-pjan tan-negozju tagħha li mbagħad ġie evalwat minn kummissjoni ta' esperti. Huma ddeċidew li l-pjan tan-negozju tagħha kien vijabbli biżżejjed sabiex tirċievi fondi biex tibda mill-UE. Hija użat il-flus biex tniedi Autopolki.pl, l-ewwel portal ta' informazzjoni dwar il-karozzi fil-Polonja għan-nisa, f'Awwissu 2008. Illum hija taħdem full time tmexxi n-negozju u tespandi l-portal. Il-ħinijiet huma twal, iżda Beata qiegħda tgħix il-ħolma tagħha.

*"Ix-xogħol tiegħi huwa l-passjoni tiegħi,"* issostni. *"Ma tantx norqod għax hemm ħafna xogħol xi jsir. Ħafna drabi ma nidħolx norqod qabel it-3.00 ta' filgħodu."*

## Lok għal tkabbir

Is-sit huwa sostnut permezz tar-reklamar. Minbarra l-valutazzjonijiet tal-karozzi u l-għajnuniet dwar is-sewqan, Autopolki.pl joffri wkoll lill-qarrejja nisa l-opportunità li joħorġu karozzi għal testijiet fit-triq permezz ta' ftehim li Beata għandha ma' negozjanti lokali tal-karozzi. In-nisa mbagħad jissottomettu l-valutazzjonijiet tagħhom tal-karozzi lil Autopolki.pl. Beata tagħmel ammont mhux ħażin mill-valutazzjonijiet hija stess, u ta' spiss tivvjaġġa ħafna barra l-Polonja sabiex tipprova l-karozzi u tiġbor informazzjoni minn esibizzjonijiet tal-karozzi.

Is-sit espanda wkoll sabiex joffri korsijiet ta' taħriġ fis-sewqan ta' ġurnata għan-nisa f'ajruport mhux użat ftit barra minn Poznań. Il-korsijiet isiru minn kumpanija għat-taħriġ tas-sewwieqa, li permezz ta' Autopolki.pl. toffri skont lill-parteċipanti li jixtiequ jtejbu l-ħiliet tagħhom. F'sessjoni ta' taħriġ li saret dan l-aħħar ipparteċipaw madwar 20 mara, fejn tgħallmu kif għandhom jikkontrollaw il-karozzi tagħhom fuq toroq imxarrba u bis-silġ.

Il-viżjoni ta' Beata ma tiqafx hemm. Għaliha, il-portal huwa r-rampa biex tillanċja negozju akbar li jiġġenera biżżejjed dħul sabiex tkun tista' tqabbad ġurnalisti u impjegati oħra. Hija trid tagħmel mappa ta' ħwienet tat-tiswija tal-karozzi fil-Polonja li n-nisa jistgħu jafdaw sabiex jagħmlulhom xogħol tajjeb u bi prezz ġust. Hija trid toħloq ħanut online li jbigħ l-aċċessorji għall-karozzi. Beata rċeviet ukoll offerti mingħand investituri potenzjali sabiex tespandi s-sit barra l-Polonja.

*"Meta kont naħdem għal ħaddieħor ma stajtx nilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħi daqs kemm xtaqt,"* hija ssostni. *"Jiena ngħożż din l-indipendenza bħala intraprenditriċi. Napprezza din il-libertà li noħloq u mmexxi negozju."*

Lil viżitatur li jkun ser jitlaq, Beata tgħidlu: *"Szerokiej drogi!"* Il-frażi tittraduċi ruħha bħala *"Nixtieqlek triq wiesgħa"*, mod tradizzjonali fil-Polonja ta' kif tixtieq lil xi ħadd vjaġġ mingħajr problemi lejn id-dar.

# Bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja



L-ilma huwa problema kbira fir-reġjun ta' Friesland fl-Olanda, fejn ħafna mill-art hija reklamata u tinsab taħt il-livell tal-baħar. Dan ifisser li x-xogħol ta' Gerard Jansen bħala avukat għall-bord reġjonali tal-ilma huwa wieħed impenjattiv.

*"Dejjem hemm kunflitti ta' interessi,"* jgħid dan l-avukat ta' 53 sena. *"Il-bdiewa pereżempju għandhom mnejn ikunu jridu livelli ogħla tal-ilma, iżda l-pubbliku ġenerali ma jkunx. Irridu nsibu l-bilanċ."*

*"Xi kultant il-kumpaniji ma jkunux iridu jonfqu l-flus [sabiex jikkonformaw mar-regolamenti legali] u l-affari tispiċċa l-qorti,"* huwa jżid jgħid. Meta jinqalgħu kunflitti bħal dawn, Gerard huwa l-persuna li jieħu ħsiebhom. Huwa ilu jaħdem għall-bord mill-1983 u jservi bħala konsulent legali għad-dipartiment tal-infurzar u l-ħruġ tal-liċenzji.

Id-dipartiment tiegħu għandu għadd ta' rwoli – jiċċekkja li l-ilma tal-wiċċ jissodisfa l-istandards legali, jassigura li jinżammu d-difiżi tal-baħar u li l-livelli tal-baħar ikunu korretti, li l-kumpaniji u s-sidien tal-art jikkonformaw mar-regolamenti u, fl-aħħar nett, li jieħu azzjoni meta ma jagħmlux dan. Dan ifisser li huwa jkollu x'jaqsam mal-*"fażijiet kollha tal-proċess legali"*.

Għalkemm Gerard jogħġbu x-xogħol tiegħu, ftit snin ilu beda jfittex flessibbiltà akbar fl-iskeda tiegħu. B'żewġt itfal subien żgħar, Rik u Nico, u vjaġġ ta' siegħa kuljum bil-karozza mid-dar tiegħu fi Drachten għal Leeuwarden, is-sigħat riġidi tax-xogħol bdew jagħmlu tagħhom. Huwa beda jkollu wkoll diffikultajiet biex jikkonċentra fl-uffiċċju tiegħu. *"Ftit snin ilu ġarrejna għal uffiċċju ġdid bi pjan miftuħ. Ikun hemm ħafna storbju."*

## Xogħol mid-dar

Fl-2006 huwa beda jipparteċipa f'e-papa – proġett kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew biex jgħin impjegati rġiel jaħdmu mid-dar. L-iskema tippermetti ħinijiet aktar flessibbli u tnaqqas mill-ivvjaġġar. Bħalissa Gerard huwa bbażat id-dar għal parti mill-ġimgħa, u hekk jista' jieħu t-tfal l-iskola, jiekol magħhom, jgħinhom fix-xogħol tal-iskola u anki jilħaq jagħmel ftit xogħol tad-dar.

*"Ix-xogħol mid-dar għenni nsib bilanċ aħjar bejn ix-xogħol tiegħi u l-ħajja tal-familja. Qabel, kont nara lit-tfal biss filgħaxija."*

*"Ix-xogħol mid-dar għenni nsib bilanċ aħjar bejn ix-xogħol tiegħi u l-ħajja tal-familja,"* isostni, filwaqt li jżid jgħid li dan ineħħi l-pressjoni minn fuq martu li taħdem bħala infermiera ġerjatrika fi sptar fil-qrib. *"Qabel, kont nara lit-tfal filgħaxija biss. Issa nista' nagħmel affarijiet differenti magħhom."*

L-arranġament iżjed flessibbli tejjeb ukoll ix-xogħol u l-produttività tiegħu. *"Jekk qiegħed taħdem id-dar m'għandekx għalfejn tieqaf u titlaq fil-5.00 ta' wara nofsinhar – tista' tlesti dak li tkun bdejt bil-pass tiegħek. Tista' tkomplih aktar tard."*

## Kif taħdem l-iskema

L-iskema tagħmilha iżjed faċli għall-organizzazzjonijiet sabiex idaħħlu arranġamenti flessibbli għax-xogħol. Hija żżid l-għarfien dwar il-benefiċċji tax-xogħol mid-dar għal min iħaddem u tevalwa b'mod regolari l-mod kif l-impjegati jkunu qegħdin jadattaw għax-xogħol mid-dar, biex hekk il-kwistjonijiet li jista' jkun hemm jiġu identifikati kmieni. Gerard ipparteċipa fil-proġett għal sentejn, li matulhom huwa rrisponda kwestjonarji dwar kif kien sejjer.

Permezz tal-iskema, il-bord tal-ilma rrealizza l-vantaġġi tax-xogħol mid-dar u issa jippromwovih attivament fost il-ħaddiema. *"Bħala dak li timpjega, inti llum trid tipprovdi opportunitajiet għal xogħol aktar flessibbli,"* tispjega Gjil de Jong, li hija l-maniġer tal-linja ta' Gerard. Hija nnifisha taħdem mid-dar, u tistma li madwar kwart tal-impjegati fid-dipartiment tagħha issa għandhom arranġamenti simili. *"Bla dubju ta' xejn dan jgħin sabiex jittejjeb il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja,"* issostni.

Gjil temmen li huwa importanti li jkun hemm ftehim ċar dwar dak li huwa mistenni miż-żewġ naħat – fis-sens li jkunu disponibbli jew li jirrappurtaw ix-xogħol li jkun sar – u proċeduri sempliċi. *"Aħna nassiguraw ukoll li jkollna laqgħa regolari l-għada tax-xogħol mid-dar sabiex naġġornaw ruħna fuq dak li jkun sar,"* tkompli tgħid.

Gerard, l-ewwel wieħed, huwa favur b'saħħtu kollha tal-arranġamenti aktar flessibbli. *"Hija għajnuna kbira,"* huwa jsostni. *"Is-sena d-dieħla, se nżid in-numru ta' ġranet li naħdem mid-dar."*

# Il-ġejjieni f'idejha stess



*Katarína Vargová* kienet negozjanta ta' suċċess li kienet tmexxi l-kumpanija żgħira tagħha fis-settur tat-tessuti fi Bratislava, fis-Slovakkja, meta waqqfet il-karriera tagħha biex trabbi lil binha li kien għadu jitwieled. Iżda dik li bdiet bħala pawsa qasira spiċċat f'waqfa ferm itwal. Wara tliet snin id-dar, hija kienet lesta biex tirritorna għax-xogħol, iżda bħal ħafna nisa oħra li jkunu ħadu waqfa mix-xogħol sabiex irabbu t-tfal, hija sabitha biċċa xogħol iebsa.

*"Tista' tgħid li kont tlift il-kuntatt mad-dinja ta' barra,"* hija ssostni. *"Kien jeħtieġli nerġa' lura fiċ-ċirkolazzjoni. U kelli bżonn sfida ġdida."* Il-mistoqsija kienet x'se tagħmel. *"Kont naf li nagħmel x'nagħmel issa, b'tifel żgħir x'nieħu ħsieb, kont se nkun qiegħda nibbilanċja numru ta' responsabbiltajiet."*

## Li terġa' tidra mill-ġdid

Kors ta' taħriġ speċjali għal nisa li jkunu jridu jerġgħu lura fid-dinja tax-xogħol wara lif imtawwal tal-maternità, kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew, għen lil Katarína ttejjeb il-ħiliet tagħha u ssib modi ġodda sabiex tesprimi t-talenti u l-ambizzjoni tagħha.

Wieħed mill-akbar ostakoli wara li tkun ilek nieqes mix-xogħol għal perjodu twil huwa biex terġa' tikseb il-kunfidenza, sfida li jiffaċċjaw bosta nisa wara l-lif tal-maternità. Il-kors ta' taħriġ għalhekk kien jinkludi moduli mmirati speċifikament sabiex jgħinu lill-persuna tibni l-fiduċja fiha nnifisha u tkun assertiva.

Il-kors laqqagħha wkoll ma' persuni fil-komunità kummerċjali. *"Kont naf li ridt nagħmel xi ħaġa marbuta mal-arti,"* hija ssostni. *"Il-programm ta' taħriġ għenni nsib nies b'interessi simili."*

## Tħares lura, timxi 'l quddiem

Permezz tal-programm ta' taħriġ, Katarína ltaqgħet mal-proprjetarju ta' Ateliér Keramiky Rena, workshop żgħir li joffri lezzjonijiet taċ-ċeramika fis-subborgi ta' Bratislava. Katarína issa bdiet tmexxi l-workshop waqt li l-proprjetarju jqatta' żmien imsiefer. Katarína tgħallem lill-istudenti l-arti tal-immudellar bit-tafal u hija toħloq l-iskulturi tagħha stess, li tbigħhom f'gallerija lokali.

*"Kont naf li nagħmel x'nagħmel issa, b'tifel żgħir x'nieħu ħsieb, kont se nkun qiegħda nibbilanċja numru ta' responsabbiltajiet."*

L-attivitajiet preżenti tagħha, tgħidilna, jeħduha lura fejn riedet tkun fil-bidu. *"Jien studjajt fi skola tal-arti,"* issostni Katarína, *"u tassew ridt nerġa' lura għal hekk. Kont naf li x-xogħol ġejjieni tiegħi kellu jkollu fih element artistiku qawwi. U dik hija r-raġuni għaliex jiena daqshekk ferħana li sirt naf dwar il-ħanut taċ-ċeramika."*

*"Hawnhekk fl-atelier, aħna nagħtu lin-nies iċ-ċans li jesprimu ruħhom,"* hija ssostni; *"li jħammġu jdejhom, li jirrilassaw u li jħossuhom ħielsa. Ix-xogħol bit-tafal jista' jkun esperjenza profonda u terapewtika għal xi nies, u l-verità hija li jiena stess nikseb ħafna enerġija mill-istudenti tiegħi."*

## Bosta ringrazzjamenti

Katarína tgħid li hija sabet il-bilanċ li kellha bżonn f'ħajjitha. Hija tibda kmieni, tieħu lit-tifel tagħha l-kindergarten, u mbagħad tibda l-ġurnata tagħha fil-workshop. *"F'xi ġranet nagħti lezzjonijiet, iżda ġranet oħra naħdem biss l-affarijiet tiegħi. Imbagħad nerġa' lura biex niġbor lit-tifel wara nofsinhar."*

Il-kors ta' taħriġ, issostni, taha l-fiduċja li kellha bżonn biex terġa' tqajjem il-karriera tagħha, u biex titlaq f'direzzjoni ġdida, billi pprovdielha dik id-daqqa ta' id li għaliha hi rikonoxxenti ħafna. *"Il-programm tal-FSE għenni nġedded il-ħiliet tiegħi fit-tmexxija u r-reklamar, u li niżviluppa lili nnifsi bħala artista. Dik kienet eżattament it-tip ta' imbuttatura li kelli bżonn."*

# Persuni żvantaġġati

# Id-diżabilità mhijiex ostakolu għax-xogħol



*Andrzej Lubowiecki* kien jaħdem fit-tarznari fil-belt ta' Gdynia, parti miż-żona urbana ta' Gdansk, fuq il-kosta Baltika tal-Polonja. Fl-aqwa żmien tagħhom, it-tarznari storiċi kienu jipprovdu impjieg għal xi 20,000 ruħ. Illum fadal biss xi 3,000 ħaddiem.

Madankollu, għal 12-il sena Andrzej kellu xogħol sigur u mħallas tajjeb, l-ewwel bħala mastrudaxxa u mbagħad bħala bajjad. Sakemm, fl-2001, l-uġigħ dejjem jiżdied ġiegħlu jagħmel operazzjoni ta' bdil tal-ġenbejn fi sptar lokali. Iżda l-operazzjoni marret ħażin, inqata' nerv bi żball, huwa jsostni, u minflok ma seta' jibda jiċċaqlaq aktar mill-ġdid huwa seta' jimxi biss bl-għajnuna tal-krozzi. Huwa ma setax jirritorna għax-xogħol, u wara 180 ġurnata l-imgħallem tiegħu keċċieh.

Minħabba li kellu biss ħiliet manwali u n-nuqqas ta' xogħol, Andrzej irrassenja ruħu li jgħix fuq il-benefiċċji għad-diżabilità. Huwa ma setax jaffordja l-ispiża tat-taħriġ mill-ġdid. *"Ma kontx naħseb li xi darba stajt insib xogħol, minħabba d-diżabilità tiegħi,"* jispjega. Huwa kien ilu qiegħed għal ħames snin, sal-ġurnata li fiha nnota kartellun fuq karozza tal-linja jirreklama opportunitajiet tax-xogħol għal persuni 'li għandhom diżabilità parzjali'. *"Mort dritt fiċ-ċentru tal-impjiegi u rreġistrajt bħala persuna qiegħda. Jumejn wara qaluli dwar l-iskema ta' taħriġ."* F'Ġunju 2006, huwa rreġistra f'kors ta' erbat ijiem kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew, imfassal skont il-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità, u li kien joffri parir dwar kif tfittex ix-xogħol, kif tipprepara CV u kif tapplika għax-xogħol. L-awtorità lokali, waħda mill-imsieħba, ipprovdiet xarabank żgħira biex tiġbru mid-dar kuljum.

## Id-determinazzjoni trodd il-frott

*"Wara l-kors domt biss ġurnata biex insib xogħol,"* jiddikjara kburi Andrzej. *"Fl-intervista, urejthom li tabilħaqq ridtu."* Kumpanija tas-sigurtà lokali impjegatu u ħarrġitu biex juża kompjuter. Huwa jaħdem fl-uffiċċju ċentrali, ma' persunal ta' sitta, responsabbli biex jimmonitorjaw l-operazzjonijiet madwar iż-żona ta' Gdansk, jiġbru informazzjoni, u jekk ikun meħtieġ, jinfurmaw lill-pulizija dwar ksur tas-sigurtà. Huwa jaħdem għal 24 siegħa kull darba, segwiti minn 48 siegħa mistrieħ, inklużi t-tmiem il-ġimgħa u l-btajjel, b'kull tielet tmiem il-ġimgħa frank. *"Fil-bidu, kien jaqbadni n-ngħas*

*"Il-kors tani l-fiduċja li, minkejja d-diżabilità tiegħi, naf x'għandi bżonn nagħmel biex insib xogħol."*

*f'nofs il-lejl, iżda issa drajt,"* isostni, għalkemm għad għandu problemi biex jorqod meta jispiċċa x-xift tiegħu. Billi l-paga hija baxxa, huwa żamm il-benefiċċju tad-diżabilità.

Mart Andrzej, Ania, hija għalliema tal-kindergarten, u titlaq mid-dar fis-6.00 ta' filgħodu. *"Għall-ewwel, li ma mmurx għax-xogħol kienet xi ħaġa sabiħa,"* jiftakar. *"Ania kienet tagħmilli lista ta' faċendi. Kont immur nixtri u mbagħad inpoġġi bilqiegħda u nieħu birra."* Iżda aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, huwa beda jħoss il-pressjoni, kemm finanzjarja kif ukoll psikoloġika. Fortunatament, huma kienu xtraw l-appartament tagħhom fi skema tad-djar, b'self mit-tarzna, eżatt qabel l-operazzjoni tiegħu. Sa dak iż-żmien, il-familja kienet tgħix f'kamra waħda fid-dar tal-ġenituri ta' Ania. *"Iżda l-agħar biċċa dwar il-fatt li kien qiegħed kienet meta ħadd ma mar għal vaganza fis-sajf, u s-subien kellhom jibqgħu d-dar minħabba li ma kellniex flus,"* huwa jispjega. Issa għandu dħul regolari, u jistgħu jippjanaw vaganza fil-muntanji.

Ġurnata tipika għal Andrzej, meta ma jkunx għax-xogħol, tinvolvi li jqajjem liż-żewġ uliedu subien, Karol, ta' sittax-il sena, u Przemek, ta' 14-il sena, jippreparalhom il-kolazzjon u jibgħathom l-iskola. Minn dejjem kien jieħu pjaċir isajjar, u kien ipartat ir-riċetti mal-ħbieb ta' Ania. *"Is-soppa tal-faqqiegħ selvaġġ bit-taljatelli hija l-ispeċjalità tiegħi,"* jgħid Andrzej, li jiġbor il-faqqiegħ hu stess mill-kampanja u jieħu pjaċir jistad. Huwa ħa ħsieb id-dar tagħhom minn ġewwa wkoll u bena armarji inkorporati. *"Dejjem kont kapaċi nadatta ruħi – nista' nagħmel kollox fid-dar. 'Raġel huwa annimal li jista' jitgħallem kollox!'"*

## Lura għan-normal

Andrzej isostni li jħossu *"100% aħjar"* b'impjieg. *"Hija ħaġa loġika li l-fatt li tkun bla xogħol ma jħallikx tħossok tajjeb,"* jirrimarka. *"Xi nies sempliċement jiskru, iżda jien m'iniex hekk. Il-kors tani l-fiduċja li, minkejja d-diżabilità tiegħi, naf x'għandi bżonn nagħmel biex insib xogħol."*

*"Fil-bidu kont ferħana li kelli 'raġel tad-dar'",* tgħid Ania. *"Iżda bdejt nirrealizza li Andrzej kien pjuttost stressjat. Meta kien ikollu bżonn joħroġ u jiltaqa' man-nies, xejn ma kien iħossu komdu. Illum kollox reġa' lura għan-normal, u naqsmu bejnietna l-faċendi tad-dar."*

*"Kien proġett li rnexxa,"* tikkonferma l-koordinatriċi tal-kors, Anna Dabrowska miċ-ċentru tat-taħriġ Fundacja Gospodarcza. *"Aħna norganizzaw inizjattivi simili għall-persuni b'diżabilitajiet il-ħin kollu, noffru taħriġ vokazzjonali jew parir dwar kif għandhom iwaqqfu l-kumpanija tagħhom stess. Dik issa hija popolari ħafna, għax jistgħu jiksbu għotja mill-UE."*

Andrzej jixtieq ukoll jibda n-negozju tiegħu, billi jerġa' jiżbogħ il-kontejners tat-tbaħħir. Huwa qiegħed ifittex kumpens permezz tal-qrati għall-operazzjoni li ħallietu b'diżabilità, u li għadu rrabjat dwarha. Iżda f'Lulju 2008, operazzjoni ta' bdil fuq ġenbu l-ieħor irnexxiet, u issa jista' jiċċaqlaq minn post għall-ieħor sempliċement b'bastun. Huwa jaf li jinsab aħjar minn bosta oħrajn. *"Ġeneralment il-persuni b'diżabilità fil-Polonja ma jiġux impjegati,"* isostni. *"Huwa diffiċli għalihom biex jiċċaqalqu minn post għall-ieħor, u l-kumpaniji ma jridux jimpjegawhom. Iżda hawnhekk, il-belt qiegħda tipprova ttejjeb il-faċilitajiet."*

# Riċetta għas-suċċess



Huwa ħin l-ikel ta' ġurnata fost il-ġimgħa, u kull mejda fir-ristorant *Ízlelő* ('Biċċa Ikel għat-Togħma'), fil-belt ta' Szekszárd fl-Ungerija, hija okkupata. Matul wieħed mill-ħitan tal-kamra mdawla, ak-koljenti, qafas tal-injam għat-tixbit u munzell ġugarelli huma prova tal-approċċ tal-post 'favur il-familja'. Iżda minbarra ommijiet bit-tfal żgħar, il-klijentela mħallta tinkludi koppji, nies anzjani u ħaddiema tal-uffiċċji lokali.

Fil-kċina bieżla, Éva Gyulai ta' 33 sena tgħin fil-preparazzjoni tal-platti. *"Tassew nieħu gost naħdem f'dan il-post kuljum, hemm ħafna affarijiet differenti x'tagħmel, u minn dejjem kont inħobb insajjar,"* tesklama. *"L-impjegati kollha jmorru tajjeb ma' xulxin. Huwa xogħol fi grupp ta' veru."* Għal Éva, dan ifisser li tifhem lill-kollegi tagħha billi taqra xofftejhom – hija kienet truxa kważi għal kollox mit-twelid, meta żball mediku u doża eċċessiva ta' ossiġnu għamlulha ħsara permanenti fis-smigħ. Sebgħa mill-impjegati tar-ristorant għandhom diżabilitajiet, u ġew jaħdmu f'Ízlelő bis-saħħa ta' proġett ta' taħriġ lokali kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew. Il-Blue Bird Foundation (Il-Fondazzjoni tal-Għasfur Ikħal), imwaqqfa fl-1997 bil-għan li tippromwovi soċjetà li toffri opportunitajiet u għażliet lil kull individwu, nediet il-proġett *LIFT Likeliness – Integration – Full employment – Training (Probabbiltà – Integrazzjoni – Impjieg sħiħ – Taħriġ)* f'Ġunju 2006, u għenet 36 żagħżugħ/a mingħajr impjieg b'livelli edukattivi baxxi u diżabilitajiet sabiex jiksbu ħiliet ġodda li jippermettulhom li jsibu impjieg.

## Xogħol ħażin, paga baxxa

Éva, li twieldet ġewwa Szekszárd, attendiet skola residenzjali speċjali għall-persuni neqsin mis-smigħ ġewwa Budapest sakemm kellha 16-il sena. Hemmhekk hija tgħallmet taqra x-xofftejn, qabel ma reġgħet lura fir-raħal fejn twieldet sabiex tlesti ċ-ċertifikat tagħha tal-iskola. Iżda ma kinitx ħaġa faċli biex issib xogħol diċenti. Hija bdiet tagħmel xogħol mhux tas-sengħa mħallas bl-imqietgħa, tħit il-ħrieqi ġewwa fabbrika. *"Konna nitħallsu tal-affarijiet li nlestu u r-rata kienet baxxa ħafna,"* tiftakar. *"Għalhekk kont qiegħda naħdem bla waqfien – dahri u rasi kienu juġgħuni l-ħin kollu. Tassew kien tedjanti."*

Ftit wara, Éva ltaqgħet u żżewġet lir-raġel tagħha Zoltán, li jaħdem ma' kumpanija lokali tal-istampar, u l-koppja żagħżugħa marret toqgħod mal-ġenituri tiegħu. Meta twieldu ż-żewġt itfal subien tagħhom,

*Hemm nies b'diżabilitajiet madwar l-Ungerija kollha li jixtiequ jaħdmu f'post bħal dan. L-idea għandha tiġi kkupjata."*

Akos, li llum għandu għaxar snin, u Balazs, ta' seba' snin, hija kienet kuntenta li ser tieħu l-lif tal-maternità biex tieħu ħsiebhom. Balázs għandu l-ażma u problemi fil-vista li diġà kellhom bżonn żewġ operazzjonijiet, u żammewh sena lura. Iżda meta ż-żewġ subien kienu lesti biex jibdew l-iskola, Éva kienet ħerqana li tfittex tip ta' xogħol differenti.

## Bidu ġdid

Hija semgħet mingħand omm oħra dwar il-proġett LIFT, u rreġistrat bħala waħda minn 16-il persuna fil-kors tal-catering (20 oħra tgħallmu ħiliet fil-bini). It-taħriġ dam sejjer sena, u matul dak il-perjodu hija kienet tirċievi salarju mill-baġit tal-proġett. F'Settembru 2007, hija kkwalifikat bħala koka u sabet xogħol fir-ristorant ħabib tal-familja – li tmexxih ukoll il-Fondazzjoni – flimkien ma' sitta mill-kollegi tagħha li jagħmlu t-tisjir, il-ħasil u jservu lin-nies waqt il-mejda. *"Kont fortunata. Inħobb insajjar,"* tispjega Éva, li tgħallmet mingħand ħtintha, li hija koka esperta. *"It-tfal tagħna dejjem bil-ġuħ, għalhekk il-passatemp tiegħi huwa xogħli."* L-ispeċjalità tagħha huwa l-ħelu: hija tħobb issajjar pancakes, kif ukoll strudels u cheesecakes.

Il-kċina ta' Ízlelő tipprepara sa 140 ikla kuljum, 40% minnhom għal klijenti li l-ikel jixtruh għal barra. Il-kok ewlieni u l-espert tad-dieta flimkien jagħżlu menus tajbin għas-saħħa li jappellaw għaż-żgħażagħ. Ir-ristorant diġà jipprovdi ikliet għaċ-ċentru ta' kura ta' matul il-ġurnata għall-familji tal-Fondazzjoni nnifisha, u beħsiebu jespandi sabiex jaqdi skola primarja tal-lokal. Àkos iħobb jiekol hemmhekk meta jeħduh il-ġenituri tiegħu. *"L-ikel huwa delizzjuż,"* jikkonferma kollu entużjażmu hekk kif jispiċċa mit-tieni porzjon tas-soppa. *"Aħjar mill-kantin tal-iskola tiegħi."*

U klijenti oħra jaqblu li r-ristorant joffri kwalità tajba u prezzijiet raġonevoli. *"In-nies li jaħdmu hawnhekk dejjem jitbissmu, u jafu lil kulħadd b'ismu,"* tirrimarka Judit Botos, li tmur tiekol regolarment għand Ízlelő.

*"L-għan tagħna huwa li ngħinu familji bi tfal żgħar, u persuni b'diżabilità, u r-ristorant jgħaqqad flimkien dawn iż-żewġ għanijiet,"* jispjega Andrea Mészáros, Direttur Maniġerjali tal-Fondazzjoni Għasfur Ikħal. *"Konna qegħdin nistennew li jkun awtosuffiċjenti fi żmien tliet snin, iżda salaħħar tal-ewwel sena konna diġà qegħdin nagħmlu profitt."*

## It-togħma tal-libertà

Bi dħul ieħor affidabbli, Éva u Zoltán setgħu jirrealizzaw il-ħolma tagħhom li jixtru dar li tkun tagħhom. *"L-ispazju ma kienx kbir biżżejjed għand il-ġenituri ta' Zoltán u ridna bidla,"* tispjega Éva. *"Ma kienx hemm ġnien u mkien fejn it-tfal setgħu jilagħbu. X'ħin konna naslu d-dar ma kellna xejn x'nagħmlu ħlief li npoġġu bilqiegħda u naraw it-TV."* Huma daħlu fid-dar tagħhom barra Szekszárd f'Diċembru 2008, igawdu l-isfida li jirrinnovaw il-proprjetà. Il-ġnien imdaqqas fih dwieli u siġar tal-frott. Zoltán huwa ħerqan sabiex jitgħallem kif jagħmel l-inbid, filwaqt li l-prijorità ta' Eva kienet li tkabbar it-tuffieħ biex tagħmel it-torti tat-tuffieħ tagħha stess, u tiżra' l-fjuri. *"Ix-xogħol tal-ġnien jogħġobni"* issostni. *"Barra mill-belt għandna arja friska u sensazzjoni ta' libertà."* Hija qiegħda tistudja wkoll biex tikseb liċenzja tas-sewqan.

Éva tħossha fortunata li sabet ir-ristorant Ízlelő. *"Hemm nies b'diżabilitajiet madwar l-Ungerija kollha li jixtiequ jaħdmu f'post bħal dan,"* tirrimarka. *"L-idea għandha tiġi kkupjata. Kieku ma nħabblux rasna – inkunu tabilħaqq kuntenti!"*

# Li toffri l-id ta' għajnuna lil min hu agħma



*"M'inix ċerta jekk nixtieqx li nista' nara. Li jien għamja hija parti minn dak li jien."*

Mogħmija bħala tarbija minħabba żball mediku traġiku, Sarmite Gromska ma għandha l-ebda memorja fil-vista. Illum, hija ssibha diffiċli anki timmaġina l-esperjenza. *"Twelidt qabel iż-żmien, ta' madwar seba' xhur, u mbagħad tpoġġejt f'inkubatur. Minħabba f'hekk għamejt. Kien aċċident, xejn aktar. In-nies mhux dejjem jifhmuni meta ngħid li ma nixtieqx li nara. Kieku nista' nara, nitlef parti mill-identità tiegħi. Il-fatt li jiena għamja jiddefinixxi min jien,"* iżżid tgħid.

Sarmite issostni li l-għama tagħha tatha viżjoni aktar 'veritjiera' taddinja. *"L-apparenza mhijiex kollox,"* hija tispjega. *"Naħseb li 'nara' aktar ċar minn dawk li jistgħu jaraw. Ħafna nies jagħtu kas ta' dak li jaraw b'għajnejhom, iżda jien nara r-ruħ tan-nies. Jiena nara l-'ġesti tal-vuċi' tagħhom, l-intonazzjonijiet tagħhom, u nħoss il-mod kif imissuni."*

Sarmite, li tgħix mal-ġenituri tagħha u żewġ ħutha subien ġewwa Riga, hija eżempju li jispirak ta' kemm wieħed jista' jasal 'il bogħod bid-determinazzjoni u l-appoġġ. Hija qattgħet l-ewwel snin tagħha fi skola residenzjali speċjali għall-għomja, fejn tgħallmet taqra u tikteb bil-Braille. Meta kompliet l-istudji tagħha fl-università, hija ddistingwiet ruħha bħala studenta u ngħatat għotja. Hija għandha wkoll talent mużikali u kienet iddoqq is-sassofonu f'banda taż-żgħażagħ. Għalkemm Sarmite għadha ddoqq kultant, hija tgħid li għalissa se titlaq il-mużika biex tikkonċentra fuq l-università.

## Materjal tal-istudju

Sarmite għandha bżonn ta' apparat speċjalizzat sabiex tistudja, u hija taf tikteb tajjeb ħafna jew bi 'slate' jew b'typewriter speċjali tal-Braille, kif ukoll b'kompjuter mgħammar b'softwer li jagħraf il-vuċi.

Biex il-materjal kollu tal-kors universitarju tagħha jinqaleb għall-Braille, hija tiddependi fuq il-Biblijoteka Latvjana għall-Għomja. Madankollu, kif tispjega Gunta Bite, il-kap tad-Dipartiment tal-Braille tal-biblijoteka, *"it-traskrizzjoni għall-Braille tiġi għalja esaġerata. Aħna nistgħu nagħmlu dan ix-xogħol biss internament bis-saħħa ta' fondi mill-Unjoni Ewropea, li għenuna nwaqqfu d-dipartiment tal-Braille tagħna."* L-għan tal-proġett kien li jipprovdi varjetà ta' servizzi u materjali għall-persuni għomja u dawk neqsin mid-dawl, li finalment jgħinuhom sa-

*"Il-biblijoteka tal-Braille għamlet differenza kbira f'ħajti u, jiena ċerta, fil-ħajjiet ta' nies għomja oħrajn."*

biex jintegraw fis-soċjetà u s-suq tax-xogħol u biex jgħixu ħajjiet aktar indipendenti.

L-UE, permezz tal-Fond Soċjali Ewropew, għamlitha possibbli għal-librerija li tixtri tagħmir u taħriġ sabiex tkun tista' tibda tistampa kotba u dokumenti oħrajn għall-għomja. Il-qarrejja tal-Braille minn madwar il-Latvja kollha llum għandhom aċċess għal firxa ġdida sħiħa ta' materjali tal-qari, bla ħlas. U jistgħu jitolbu testi speċifiċi meta jkollhom bżonn.

Illum, id-dipartiment jimpjega persuni għomja u neqsin mid-dawl sabiex jaħdmu fil-preparazzjoni tat-testi. *"Kien waqt li sajf minnhom kont qiegħda naħdem fil-biblijoteka li kkonvinċejt ruħi li rrid insir editriċi tal-Braille,"* tispjega Sarmite, karriera li bħalissa qiegħda taħdem għaliha fl-università.

## Titgħallem tkun indipendenti

Għall-parti l-kbira ta' ħajjitha, Sarmite kienet tiddependi kompletament fuq il-ġenituri tagħha. Fil-fatt, l-istorja ta' Madame Gromska, omm Sarmite, fiha nnifisha hija studju tal-każ dwar il-kuraġġ, id-determinazzjoni u d-dedikazzjoni ta' ħajja sħiħa lejn it-tifla tagħha.

Iżda kienet taf li xi darba se tkun waħedha u trid tieqaf fuq saqajha stess. *"Iva, kont nervuża li se nibda l-università,"* issostni. *"Kien pass kbir li kelli nagħmel, kemm fuq livell akkademiku kif ukoll fuq livell personali. Għadni niddependi ħafna fuq nies oħra, speċjalment fuq il-familja tiegħi, iżda rrid nitgħallem inkun b'saħħti u nibqa' għaddejja b'ħajti."*

*"Il-biblijoteka tal-Braille għamlet differenza kbira f'ħajti u, jiena ċerta, fil-ħajjiet ta' nies għomja oħra. Bla dubju ta' xejn jiena ħadt ħafna mill-proġett tal-FSE. Li nista' nistampa l-materjal kollu li għandi bżonn għall-istudji tiegħi jfisser li nista' nkompli l-proċess biex nikber, nimxi 'l quddiem u nsir membru produttiv tas-soċjetà."*

# Tgawdija tal-ħajja tal-kampanja



Andrej Lovrencec, li kiber f'razzett żgħir fir-reġjun rurali ta' Prekmurje fil-Lvant tas-Slovenja, għandu għeruq fondi fil-kampanja. *"Inħobb ħafna dan ir-reġjun, jiena posti hawnhekk. Ma nistax nimmaġinani ngħix ġewwa belt,"* jgħid dan iż-żagħżugħ ta' 22 sena. *"Nista' forsi niċċaqlaq fiż-żona, iżda ma naħsibx li se mmur xi mkien kompletament differenti."*

Fid-dar ma' ommu u missieru, huwa jkabbar diversi wċuħ tar-raba' fosthom qamħ, għeneb, frott, u patata, u jrabbi mogħoż, baqar u ifrat. Għalkemm fuq skala żgħira, ir-razzett jipprovdi ikel għall-familja u għall-annimali b'xi prodott żejjed sabiex ibigħuh.

Andrej kellu diffikultajiet fit-tagħlim fl-iskola u ta' spiss kellu jfalli minħabba problemi ta' saħħa mentali. Huwa beda jkollu perjodi ta' wġigħ ta' ras qawwi, rimettar u indeboliment fil-vista minn età żgħira u ta' 12-il sena huwa beda jbati minn dipressjoni.

*"L-iskola kienet diffiċli. Kelli problemi biex nitgħallem iżda anki ma' sħabi tal-klassi. Kienu biss affarijiet żgħar iżda kont niddejjaq."* Fl-2002, meta kien fis-seba' klassi, Andrej marad sewwa u ma reġax lura l-iskola għal sena. Ta' 15-il sena huwa ġie rreġistrat bħala diżabbli u għalkemm eventwalment huwa temm l-edukazzjoni bażika tiegħu fl-2004, wara skopra li kellu possibbiltajiet limitati ta' impjieg. Imwaħħal id-dar il-ġurnata kollha, huwa ħassu mdejjaq u iżolat. *"Kont id-dar, nistenna li tiġri xi ħaġa. Ma kontx naf x'se naqbad nagħmel, fejn se mmur u ma kellix flus."*

Fl-2008, huwa beda jagħti direzzjoni ġdida lil ħajtu billi jieħu kors ta' taħriġ. Dan kien jinvolvi programm ta' mentoring ta' tliet xhur immexxi minn organizzazzjoni lokali, Mosaic (Mużajk), li timpjega u tgħin lil gruppi soċjalment vulnerabbli, b'mod speċjali persuni b'diżabilitajiet. Hemm erba' oqsma ta' attivitajiet – agrikoltura, produzzjoni ta' ikel organiku, ekoturiżmu u restawr tal-bini.

## Impjieg full-time

Il-programm ta' taħriġ fuq il-post tax-xogħol huwa sforz nazzjonali li beda fl-2004 u huwa kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew. Huwa mmirat lejn persuni li jista' jkollhom diffikultà biex isibu impjieg fosthom persuni b'diżabilitajiet, żgħażagħ li ma tantx għandhom kwalifiki u nies li jkunu ilhom qiegħda.

*"Iltqajt ma' nies ġodda u qiegħed nitgħallem xi ħaġa ġdida kuljum. U issa għandi l-indipendenza finanzjarja."*

Wara l-programm, Andrej ġie offrut pożizzjoni full-time. Huwa jaħdem f'tim żgħir li jagħmel varjetà ta' xogħlijiet fl-agrikoltura jew fil-produzzjoni tal-ikel. Dan huwa ideali għal Andrej, billi jgħaqqad flimkien ambjent ta' sostenn u amikevoli ma' post tax-xogħol li jaf u li huwa entużjast dwaru. *"Jien inħobb naħdem hawnhekk għax inħobb il-biedja,"* isostni.

*"Ix-xogħol huwa tassew interessanti, kemm jekk ikun fuq barra fir-raba', kif ukoll jekk ikun fuq ġewwa."* Billi huwa negozju agrikolu, l-impjegati jaħdmu kull meta jkun hemm bżonn, skont l-istaġuni u l-uċuħ tar-raba'. *"Xi drabi naħdmu sebat ijiem fil-ġimgħa,"* ikompli jgħid. Għal Andrej, bit-trobbija tiegħu fir-razzett, dan it-tip ta' reġim sar parti minnu. *"Il-ħinijiet twal ma jdejqunix. U sabiħ għax il-kollegi tiegħi huma wkoll il-ħbieb tiegħi."*

## Ħiliet personali

Hija evidenti li tassew qiegħed jieħu gost bil-ħajja tax-xogħol tiegħu, il-fiduċja fih innifsu kibret u huwa sar ferm aktar indipendenti. *"Iltqajt ma' nies ġodda u qiegħed nitgħallem xi ħaġa ġdida kuljum,"* isostni. *"U issa għandi l-indipendenza finanzjarja."* Id-dħul regolari ppermettielu li jixtri l-karozza tiegħu, li tgħinu jmur minn post għall-ieħor u żżid mal-ħajja soċjali mtejba tiegħu.

Il-ġenituri tiegħu nnotaw differenza kbira. *"Issa huwa ferm iżjed ferħan u mimli enerġija. Qiegħed iqatta' l-ħin mal-ħbieb – qabel ma kienx jagħmilha daqshekk,"* issostni ommu.

Mateja Kaljevič, konsulenta mis-servizz reġjonali tal-impjiegi li jorganizza l-postazzjonijiet tax-xogħol, ukoll innotat bidla. *"Andrej huwa kompletament differenti wara li għamel il-programm. Fil-bidu, huwa daħal ma' ommu u kienet titkellem għalih hi. Huwa kien jibża' minn kollox u ma kellu ebda kunfidenza. Illum huwa wieħed mill-iżjed parteċipanti kunfidenti li qatt kellna."*

Huwa u jevalwa t-titjib li seħħ f'ħajtu billi daħal fid-dinja tax-xogħol, Andrej jgħid: *"Issa nħossni verament sodisfatt. Hija l-ewwel darba li ksibt dak li ridt. M'għandi l-ebda pjanijiet kbar għall-ġejjieni. Iżda jekk kollox jibqa' kif inhu, ikun tajjeb ukoll. Aħna għandna qawl: min jimxi bil-mod jasal il-bogħod."*

# Li titgħallem tgħix bl-uġigħ



Otilia Marques kellha biss 22 sena meta telqet mid-dar tagħha f'Ansião, fil-Portugall, sabiex tingħaqad ma' oħtha u ħatinha fil-Lussemburgu. Bħal bosta Ewropej oħra, hija marret f'pajjiż ġdid bit-tama li ssib xogħol u tgħix ħajja aħjar.

*"Fil-bidu kienet diffiċli,"* tiftakar. *"Kelli xogħol ġewwa fabbrika, iżda jiena qatt ma kont tgħallimt il-Franċiż. Kelli nitgħallmu fuq ix-xogħol."* Bħala waħda minn seba' aħwa bniet u subien, hija kienet drat ikollha n-nies madwarha meta jkollha bżonn xi għajnuna.

Imbagħad, fl-1975, hija żżewġet lir-raġel tagħha Manuel Augusto fil-Portugall. Is-sena ta' wara huwa ngħaqad magħha fil-Lussemburgu, fejn bħalissa jaħdem ma' fornitur ta' materjali tal-bini. Fl-istess ħin, Otilia bdiet xogħol ġdid bħala naddafa mal-kumpanija tal-posta u t-telekomunikazzjoni P&T. Bit-twelid ta' binthom Alexandra tliet snin wara, l-affarijiet dehru mexjin lejn ġejjieni tajjeb.

## Sens ta' kburija fix-xogħol tagħha

Iżda Otilia bilkemm kienet daħlet fit-tletinijiet tagħha meta saret konxja tal-uġigħ rewmatiku f'daharha, li sar iżjed qawwi meta sofriet ħsara f'rukkell tas-sinsla. *"Għal aktar minn 20 sena, jiena batejt minn uġigħ li għamilha diffiċli għalija li naħdem, u bl-età qiegħed isir agħar. Iżda xorta nipprova nagħti l-aħjar tiegħi,"* tgħid b'modestja. Bħala persuna li tnaddaf iż-żona tat-tojlits tal-kumpanija, hija tieħu sodisfazzjon ovvju fil-mirja jleqqu u l-madum bla tbajja'. Ix-xogħlijiet tagħha jinkludu li togħrok ix-xawers, titla' s-slielem biex tfarfar il-lokers, iġġorr bramel mimlijin bl-ilma u tbattal l-ixkejjer tal-iskart….. xogħol fiżikament iebes. *"Kultant taf tagħmel moviment żbaljat u tweġġa' aktar,"* tispjega. *"Iżda m'hemm ħadd ieħor biex jagħmlu, u għalhekk irrid nimmaniġġja."* U meta t-tekniċi jiġu lura mit-tqegħid ta' kejbils tat-telecom fi trinek mimlijin tajn, speċjalment fix-xitwa, ikun hemm ħafna xi tnaddaf.

Għalhekk f'Settembru 2007, il-kumpanija offriet ħin liberu lil Otilia sabiex tattendi kors ta' taħriġ darbtejn fil-ġimgħa għal ħames ġimgħat, kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew, sabiex jgħinha tikkontrolla l-uġigħ. B'kumbinazzjoni, sa dak iż-żmien bintha Alexandra kienet qiegħda taħdem mas-*Service de Santé au Travail Multisectoriel* (STM – id-dipartiment tal-gvern responsabbli għas-saħħa fis-setturi differenti tax-xogħol)

*"Tgħallimt kif nikkontrolla l-movimenti tiegħi u għalhekk għandi inqas uġigħ f'dahri waqt ix-xogħol kuljum, u anki d-dar."*

li organizza l-kors, u hija nkoraġġiet lil ommha sabiex tieħu dik l-opportunità.

Otilia tgħallmet kif jaħdem id-dahar, ir-riskji ta' ħsara, u x'għandek tagħmel biex tħarsu. Il-ħarrieġa urewha eżerċizzji biex tiżviluppa l-muskoli ta' saqajha, metodi ta' rilassament biex tevita t-tensjoni, u anki d-dieta korretta sabiex ittejjeb is-saħħa ġenerali tagħha. Hija skopriet kif għandek terfa' sewwa l-piżijiet, u kif tiċċaqlaq b'mod sigur biex tevita l-uġigħ. *"Bis-saħħa tal-kors, issa naf li rrid ninżel fuq irkopptejja – ma nistax nitbaxxa, pereżempju – u noqgħod attenta biex ma nimliex l-ixkejjer tal-iskart iżżejjed. Tgħallimt kif nikkontrolla l-movimenti tiegħi u għalhekk għandi inqas uġigħ f'dahri waqt ix-xogħol kuljum, u anki d-dar. It-taħriġ għenni għaliex spjegali x'għandi nistenna."* Kien hemm disponibbli wkoll psikologi sabiex jitkellmu dwar il-problemi tal-parteċipanti.

## Bidu kmieni

Is-sede tat-telecoms fejn taħdem Otilia, li tinsab fil-parti ta' barra tal-belt ta' Lussemburgu, hija binja angulari, bil-briks ħomor, fuq sit spazjuż imdawwar b'meded ta' ħaxix u siġar. Dan ifisser li hija tista' ssuq għax-xogħol kuljum u tipparkja fil-bini tal-kumpanija. *"Għalkemm ma noqgħodx ħafna 'l bogħod, tgħinni li niġi bil-karozza, anki minħabba li nibda kmieni ħafna – fis-6.00 ta' filgħodu."*

Għal Otilia, il-ħajja ta' kuljum hija kwistjoni li tikkontrolla l-ugigħ u tnaqqsu għal livell kontrollabbli. Hija rrifjutat li tagħmel operazzjoni meta sabet li din kienet toffri 20% biss ċans ta' suċċess. Minflok, hija tagħmel sessjonijiet regolari ta' massaġġi, u darba fis-sena tagħmel terapija intensiva fil-belt spa lokali ta' Mondorf-les-Bains. Hija tipprova tevita li tieħu mediċini għal kontra l-uġigħ. *"Għandi trattament illi jipprova jwaqqaf lill-artrite milli tiżviluppa aktar, għax ladarba dak iseħħ ma hemm xejn x'tagħmel,"* tispjega.

Ma' Manuel, hija tgħix f'dar imdawla, miżmuma tajjeb b'ħitan bojod, għamara tleqq tal-injam u pavimenti bil-madum. Il-ħġur tattwieqi huma mżejna b'ġeranji ħomor, u 'l hemm u 'l hawn bċejjeċ ta' fuħħar imżejjen jew suvenirs oħrajn li jfakkru l-kuluri tal-Portugall fejn twieldu. Attwalment Otilia hija tajba biżżejjed li tista' tieħu pjaċir tmur għal mixja mal-Labrador tagħhom ta' sitt snin, Bell.

## Li tkompli għaddejja

Hija tittama li tkun tista' tkompli taħdem sakemm tilħaq l-età tal-irtirar. *"Issa naraw kemm nista' ndum għaddejja,"* tgħid b'mod filosofiku. *"Teħtieġ il-kuraġġ. Xorta għadni nħoss l-uġigħ, u kultant inkun daqsxejn imdejqa. L-uġigħ ivarja mat-temp – meta tagħmel ix-xita jkun agħar. Iżda wieħed irid jipprova jibqa' għaddej. Ma tistax toqgħod tilmenta l-ħin kollu. Trid tgħix b'li jkollok."*

Nadine Sadler, mis-servizz tas-saħħa u l-affarijiet soċjali ta' P&T, issostni li madwar 20 impjegat fis-sena jieħdu taħriġ dwar l-uġigħ fid-dahar. *"Jaħdem tassew,"* issostni. *"Nittama li jgħin lil Otilia ttawwal il-ħajja tax-xogħol tagħha."*

*"Kien kors utli ħafna,"* tikkonferma Fatima Tomaz, li tmexxi t-tim ta' 14-il mara li jnaddfu fil-bini. *"Segwejtu jiena stess, u tgħallimt ħafna."*

F'post prominenti fuq il-ħajt tas-salott ta' Otilia hemm ċertifikat fi gwarniċ, li jifirħilha għall-progress li għamlet fil-kors ta' taħriġ, u jħeġġiġha biex tqiegħed fil-prattika l-lezzjonijiet li tgħallmet. Dan jgħid ħafna dwar kemm kienet importanti għaliha dik l-esperjenza.

# L-istorja ta' Georgia



*"Naħseb li billi nitkellem dwar ħajti, dan se jgħin persuni oħrajn,"* issostni Georgia Chrisikopoulou b'mod sempliċi. *"Kont negattiva ħafna. Ma stajtx naċċetta li kont marida u ma ridtx nitlob l-għajnuna. Għadni naf b'persuni li ma jeħdux lit-tobba bis-serjetà."*

B'riżultat ta' mard mentali, Georgia, ta' 36 sena, qattgħet snin dieħla u ħierġa mill-isptar f'Korfù fejn twieldet, fil-Greċja. Iżda mill-2006, skema ta' riabilitazzjoni li tħares fil-bogħod għenitha toħroġ mill-kura residenzjali u tmur fl-appartament tagħha stess, u tibda taħdem. L-iskema hija mmexxija mill-Kooperattiva Orizzonti Ġodda, u hija kofinanzjata mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew.

Il-kooperattiva hija bbażata fil-qalba tal-belt ta' Korfù, f'bini fejn tmexxi wkoll kafeterija, bit-terrazza tagħha għad-dell tas-siġar tal-larinġ. L-istudenti jaqraw u jixorbu l-kafè mal-imwejjed. Il-klijenti każwali jistgħu ma jħarsux darbtejn lejn l-isem umoristiku tal-istabbiliment: Lunatico. U jista' jkun li ma jafux li l-bini eleganti ta' madwaru – ir-rixtelli tal-ħadid tiegħu miftuħin beraħ – huwa dak li qabel kien l-isptar mentali sikur ta' Korfù, l-eqdem wieħed fil-Greċja, li llum ġie mibdul f'dipartimenti tal-università.

## Il-bidu tal-mard

Georgia tagħmel parti minn tim ta' ġardinara li jieħdu ħsieb il-ħmiemel u l-ħaxix tal-madwar, ilkoll lebsin overalls u brieret griżi. L-istorja tagħha hija waħda ta' tbatija u kuraġġ. Georgia, li hija l-akbar fost erba' aħwa, tiftakar lill-ġenituri tagħha jittrattawha ħażin. *"Kont għadni żgħira wisq biex nifhem jekk kontx qiegħda nagħmel xi ħaġa ħażina,"* hija ssostni. *"Ma ntwerejt l-ebda mħabba sakemm kont ferm akbar."* Ta' 12-il sena, beda jaqgħalha xagħarha, u ġiet dijanjostikata bi problemi psikjatriċi. Ta' 17-il sena ħarġet tqila, u ppruvat tagħmel suwiċidju. Minkejja l-oppożizzjoni tal-ġenituri tagħha, hija telqet mill-iskola, iżżewġet, u marret tgħix mal-ġenituri ta' żewġha. Iżda ż-żwieġ ma kienx wieħed feliċi. Il-koppja bdiet tixrob bil-qawwi u tieħu d-drogi, u huwa sar vjolenti.

Sakemm kellha 24 sena, Georgia kienet mardet serjament. *"Bdejt nisma' l-ilħna, u ħsibt li kont misħuta. Kont nimmaġina li t-televixin qiegħed ikellimni, u li kelli kapaċitajiet telepatiċi. Ma stajtx nissaporti lit-tifel tiegħi, u kont nisfoga kollox fuqu u fuq il-familja tiegħi – kont qiegħda niġġieled ma' kulħadd. Ridt noqtol lili nnifsi."*

*"Jogħġobni kollox fix-xogħol. Huwa bidilli ħajti kompletament. Minn dejjem kont inħobb ix-xogħol tal-ġnien – inħobb inkun qrib tan-natura."*

Finalment, hija marret lura għand ommha u missierha, u minn dak iż-żmien 'il quddiem, ir-relazzjonijiet tjiebu. *"Fl-aħħar mill-aħħar, kienu l-ġenituri tiegħi li salvawni,"* tirrikonoxxi. Hija bdiet, għall-ewwel kontra qalbha, tieħu l-mediċina, iżda tgħid kif xorta kienet għadha tisma' leħen żewġha ġewwa rasha, jheddidha. Hija telqet minn Korfù u bdiet tivvjaġġa, u spiċċat fi Stuttgart fejn kienet taħdem ġewwa bars u klabbijiet. *"Kien iżjed inkubu milli xogħol ta' billejl,"* tiftakar b'niket. Hija sofriet minn disturbi tal-ikel u għamlet id-dejn. Mifluġa bil-għeja, marret lura d-dar. Iżda anki meta l-kundizzjoni tagħha baqgħet sejra għall-agħar, hija xorta ma riditx temmen li kienet marida.

## Taċċetta l-għajnuna

Fl-2002, hija ddaħħlet fi sptar tal-moħħ, iżda żewġha mar biex joħroġha. *"Fil-bidu kien pjuttost ġentili,"* tiftakar, iżda ma damx ma reġa' lura għall-modi tiegħu ta' qabel. Fl-2005, Georgia finalment irrealizzat li ma setgħetx tmur għall-aħjar waħedha. Żewġ avvenimenti kellhom impatt kruċjali: ħuha ż-żgħir Prokopis inqatel f'inċident, u f'Lejlet il-Milied, missierha miet b'attakk tal-qalb. Georgia ddeċidiet li ssib ħajja aktar b'saħħitha.

Hija marret lura l-isptar, u sena wara kienet trasferita għall-programm ta' riabilitazzjoni. Għal sitt xhur għexet ġewwa ħostel f'Thinalion. U f'Ottubru 2006 kienet tajba biżżejjed biex tidħol f'appartament protett ma' pazjenta oħra, Corinna Mouzakiti. Hija bdiet ukoll taħdem mat-tim li jieħu ħsieb l-ambjent u l-ġonna tal-kooperattiva.

*"Jogħġobni kollox fix-xogħol, speċjalment it-tħawwil. Huwa bidilli ħajti kompletament,"* issostni. *"Minn dejjem kont inħobb ix-xogħol tal-ġnien – inħobb inkun qrib tan-natura. Filgħaxija meta nkun qiegħda nara t-televiżjoni, nimmissjah. Nippreferi li nkun qiegħda naħdem."* Madankollu trid toqgħod attenta. *"It-temp sħun jikkaġunali problemi f'rasi,"* tammetti. Hija trid tieqaf u tieħu brejk. Il-mexxejja tat-tim jifhmuh dan u jevitaw li jagħtuha l-aktar xogħlijiet ibsin. *"Georgia hija kburija ħafna, u tipprova kemm tista',"* tgħid l-operatur soċjali tagħha Helena Moshat. Tim ta' professjonisti jimmonitorja l-progress tagħha, u hija tista' ċċempel għall-għajnuna tul il-ġurnata kollha mingħand it-tabib tagħha.

## Approċċ kooperattiv

Orizzonti Ġodda għandha 70 impjegat, fosthom 45 pazjent li jaħdmu flimkien mal-impjegati l-oħra. Minbarra l-kafeterija u t-tim ambjentali, huma jmexxu servizz tat-tindif, parkeġġ għall-karozzi u bar u ristorant jismu Dusk (L-Għabex), fil-belt ta' Korfù. Il-kooperattiva, li twaqqfet fl-2005, kibret minn għaxar persuni għal 183 membru bid-dritt għall-vot, li 98 minnhom huma pazjenti. Il-bord li jmexxi dejjem jinkludi mill-anqas żewġ eks pazjenti.

It-tim ambjentali għandu kuntratt mal-awtorità lokali. Dmitris Vlachos, is-superviżur tat-tim, huwa kburi mill-fatt li t-tim joffri servizz professjonali u kompetittiv. *"Il-klijenti tagħna huma kuntenti ħafna bix-xogħol,"* jikkonferma. *"Aħna ngħallmu lill-ħaddiema tagħna biex jagħmlu xogħol tajjeb."* Il-ħaddiema kollha huma mħarrġa – pereżempju biex jużaw l-għodod tal-elettriku – u jilbsu lbies protettiv għas-saħħa u s-sigurtà. Georgia tibda kuljum fit-8.00 ta' filgħodu, xi drabi tivvjaġġa bil-minibus ma' sħabha tax-xogħol lejn postijiet aktar imbiegħda. Hija taqla' €500 fix-xahar għal erba' jew ħames għodwiet fil-ġimgħa, minbarra l-għajnuna li tieħu permezz tas-servizzi tas-saħħa, filwaqt li l-appartament illi taqsam ma tħallasx kera tiegħu.

*"Aħna ma ngħidux lill-klijenti li xi wħud mill-ħaddiema tagħna huma pazjenti,"* jispjega Thanasis Papavlasopoulos, espert fl-ekonomija soċjali li għen sabiex titwaqqaf il-kooperattiva. *"Ma rridu lil ħadd minnhom jiġi stigmatizzat, u diffiċli tgħid min huma l-persuni bi problemi. Għaxra minnhom diġà huma indipendenti għal kollox. Tista' tara d-differenza li għamel il-proġett tal-FSE f'erba' snin,"* ikompli jgħid. *"Fl-1997, kien hemm 350 pazjent fl-isptar minn madwar il-gżira kollha. Illum hemm biss 15-il sodda, għall-emerġenzi assoluti. Dan huwa progress ta' veru. L-aktar ħaġa importanti hija r-riintegrazzjoni, u l-għan prinċipali tagħna huwa li nagħtu lin-nies l-opportunità li jaħdmu u nippermettulhom li jkunu indipendenti."*

## Ġlieda kontinwa

Georgia stess bdiet tipprattika xi wħud mill-passatempi l-antiki tagħha. Hija tħobb issajjar u taħdem ir-rakkmu, u kienet tpitter u tikteb il-mużika. *"Minn dejjem kont inħobbha l-mużika. Darba ridt insir żeffiena,"* tinnota b'diqa. Hija żżur regolarment lil ommha, lil ħuha u lil oħtha, u hija qrib iż-żewġt itfal ta' oħtha.

Hija xorta għadha trid tiġġieled ta' kuljum biex iżżomm ħajjitha għaddejja fid-direzzjoni t-tajba. Tiddependi fuq mediċina tliet darbiet kuljum. Ftit xhur ilu, il-kundizzjoni tagħha reġgħet qalbet għall-agħar għal għarrieda. *"Ħassejtni rrabjata ħafna. Kont qiegħda nwerżaq,"* tispjega. *"Mort għand it-tabib u tlabt l-għajnuna, u qattajna xahar niġġieldu biex ma nkomplix sejra lura… u tabilħaqq kienet ġlieda."*

Xi jżommha għaddejja? *"Il-karattru tiegħi, kif ukoll il-fatt li għandi tifel,"* twieġeb. *"U għandi familja tajba. Ma ridtx inweġġagħhom."* Binha Antonis illum jgħix f'Ateni ma' missieru. Huma jitkellmu darbtejn fil-ġimgħa bit-telefon, iżda Georgia tgħid li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet tkun aħjar kieku ma kienx daqshekk 'il bogħod. Hija determinata li tfiq tajjeb biżżejjed sabiex ikollha dar tagħha fejn binha jkun jista' jingħaqad magħha mill-ġdid.

# Ħaddiema akbar fl-età

# Tingrana għal karriera ġdida




*"Stajt qattajt il-bqija ta' ħajti fuq il-benefiċċji tal-qgħad jew tal-irtirar kmieni, iżda jiena ma ridtx hekk,"* tiddikjara Jane Grøne b'ton ta' sfida. *"Kont determinata li nsib xogħol, u dan għamiltu waħdi, mhux għaliex is-servizzi tax-xogħol qaluli biex nagħmlu. Kienet l-inizjattiva tiegħi personali. Iżda t-taħriġ kien fundamentali, għax ma tistax tagħmel dan ix-xogħol jekk ma tkunx għaddejt mit-test u ksibt il-liċenzja ta' xufier."*

Kemm jekk wara l-istering tal-karozza tal-linja safra tagħha b'sular wieħed, jew titkellem ma' sħabha tax-xogħol f'City Trafik, waħda miż-żewġ kumpaniji prinċipali tal-karozzi tal-linja ġewwa Aalborg fuq il-kosta esposta għar-riħ ta' Jutland fid-Danimarka, Jane tidher kompletament rilassata. Madankollu fil-bidu tal-2007, ta' madwar ħamsa u ħamsin sena, hija kienet qiegħda u ma kellha ebda kwalifika formali sabiex tgħinha ssib xogħol. Meta lemħet reklam għal xufiera apprendisti tal-karozzi tal-linja fil-gazzetta lokali tagħha, kienet imħajra twieġeb – hija kienet tieħu gost issuq u x-xogħol kien jidher interessanti. Iżda ma kinitx ċerta. Kienet se tkun kapaċi timmaniġġja vettura kbira? U setgħet tlaħħaq mar-responsabbiltà tas-sigurtà tal-passiġġieri tagħha? *"Fil-bidu ħsibt li seta' jkun diffiċli minħabba l-età tiegħi,"* tammetti.

Ġimgħa wara, Jane nnotat l-istess reklam. *"Donnu kien id-destin,"* tiftakar. *"F'qalbi għedt: Jekk ħaddieħor jista' jagħmel dan, għaliex jiena le? Ma nitlef xejn billi nipprova u nara kif immur. Dejjem nista' nirtira aktar tard jekk ikun hemm bżonn."*

Għalhekk kompliet u, f'Novembru 2007, hija kisbet post fil-programm *Kompetenza fix-Xogħol* immexxi miċ-ċentru lokali għat-taħriġ vokazzjonali AMU Nordjylland (ArbejdsMarkedsUddannelser – Edukazzjoni dwar is-Suq tax-Xogħol), proġett edukattiv kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew. Il-kors għas-sewwieqa tal-karozzi tal-linja kien jinkludi kemm teorija kif ukoll prattika, b'diversi moduli differenti li jkopru s-saħħa u s-sigurtà, l-ewwel għajnuna, l-immaniġġar tal-flus, l-ergonomija, u kif tassisti passiġġieri b'diżabilitajiet.

Jane hija kollha tifħir għat-taħriġ li rċeviet. *"L-għalliema għamluh divertenti u interessanti. Huma kienu professjonali ħafna. Anki jekk xi wħud mill-affarijiet li kellna nitgħallmu kienu pjuttost tedjanti, ngħid għalija ma ħassejtni niddejjaq fl-ebda stadju."*

## Wegħda ta' impjieg

Sadanittant hija bdiet tfittex għal xi post tax-xogħol battal, u City Trafik offrewlha post li kellu jibda fi Frar 2008. Iżda kien hemm problema, għax

*"Tagħtik ħafna kunfidenza meta tieħu d-diploma u tikseb xogħol tajjeb ma' kollegi tajba. Tħossok aħjar bik innifsek."*

għalkemm sa dik id-data hija kellha tkun lestiet il-kors, hija ħasset li ma kellhiex biżżejjed esperjenza prattika. *"Kont nervuża, għax il-kumpanija kienet wegħditni impjieg, u x-xufiera l-ġodda l-oħrajn kollha kienu lesti biex jibdew."* Kienet qiegħda tibża' li se titlef iċ-ċans tagħha, iżda l-kumpanija żammet kelmitha. *"Kif ngħidu fid-Danimarka, forsi għax għandi għajnejja blu,"* tidħak Jane nebbiexa. Hija qattgħet xahrejn tieħu lezzjonijiet addizzonali tas-sewqan, u sa April kienet lesta biex tidħol għal dak ix-xogħol.

*"Tassew kuntenta li ksibt il-liċenzja tiegħi ta' xufiera tal-karozzi tal-linja,"* tkompli. *"Tagħtik ħafna kunfidenza meta tieħu d-diploma u tikseb xogħol tajjeb ma' kollegi tajba. Tħossok aħjar bik innifsek."*

*"Tul it-taħriġ hemm għaddej il-messaġġ li n-nies jistgħu jirnexxu,"* jikkonferma Henrik Johannesson, kap tat-trasport u l-loġistika fl-AMU. *"Naraw ħafna nies ta' bejn ħamsin u sittin sena, ħafna drabi għax ikunu tilfu x-xogħol tagħhom u jkunu jridu jibdew karriera ġdida."*

## Teħid tar-responsabbiltà

Jane ġejja minn Hjorring fit-Tramuntana tad-Danimarka. Meta kellha 15-il sena marret tghix Aalborg, fejn il-ġenituri tagħha fetħu kafeterija. Iżda ftit żmien wara, ommha mietet, u billi kienet l-akbar fost sitt itfal, hija malajr kellha x'tagħmel tieħu ħsieb it-tliet ħutha subien u ż-żewġ ħutha bniet, u tgħin fin-negozju ta' missierha. Ma tantx kellha ħin biex tistudja u tgħaddi mill-eżamijiet, u għalhekk telqet mill-iskola mingħajr kwalifiki.

Iżżewġet ta' 'l fuq minn għoxrin sena, u kellha tlett itfal. Jane u żewġha kienu jmexxu negozju żgħir tat-tagħmir tal-uffiċċju, u hija kienet isservi bħala receptionist u segretarja. Iżda meta miet żewġha fl-1997, hija kellha tbigħ in-negozju u tfittex xogħol ieħor. *"Kelli kważi 50 sena, u kelli niddeċiedi x'irrid nagħmel. Fittixt fuq li fittixt,"* tiftakar. Hija sabet xogħol bħala ħaddiema fil-kura tas-saħħa, u għamlet sena taħriġ vokazzjonali biex tikseb il-kwalifiki addizzjonali li kellha bżonn għal promozzjoni, meta inċident tat-triq ħallieha b'leżjoni f'daharha, li għamlithielha impossibbli li terfa' jew tagħmel ix-xogħol iebes meħtieġ f'dak l-impjieg. Jane qattgħet madwar sena, l-ewwel fuq il-lif tal-mard, imbagħad fuq il-benefiċċji tal-mard, qabel ma qatgħetha li dan ma kienx il-mod li riedet tgħix.

It-tfal ta' Jane issa kibru u huma indipendenti. Binha l-kbir jgħix f'Kopenħagen, iżda t-tifla tagħha u binha ż-żgħir joqogħdu viċin, u hija tkun qiegħda tistenna bil-ħerqa b'mod partikolari l-ħin li tqatta' tieħu ħsieb in-neputi tagħha ta' sentejn, Mathias.

Jane taħdem 37 siegħa fil-ġimgħa, normalment mifruxa fuq sitt ijiem, b'xiftijiet li jibdew anki fl-4.00 ta' filgħodu u jispiċċaw anki fis-1.30 ta' filgħodu. Kull filgħodu hija tasal fil-venda biex jgħidulha liema rotta se tkun qiegħda tkopri f'dik il-ġurnata. Hemm 170 xufier li jaħdmu mill-venda ta' City Trafik, 22 minnhom nisa.

## Immaniġġjar tal-kunflitti

Bis-saħħa ta' xogħolha, Jane saret taf beltha ferm aħjar. It-toroq dojoq taċ-ċentru l-antik ta' Aalborg, bid-djar puliti tiegħu miżbugħin bil-pastell, mhumiex l-aktar post faċli biex issuq vettura kbira. Iżda Jane tieħu sodisfazzjon billi ssuq bil-mod u b'attenzjoni sabiex il-passiġġiera tagħha jkollhom rikba komda u mingħajr periklu. Hekk jew hekk xorta trid tieqaf mad-dwal tat-traffiku, tirrimarka. Mela x'inhu l-punt li tiġri żżejjed? Hija tieħu gost bil-kuntatt soċjali mal-passiġġieri regolari tagħha, u huma, min-naħa tagħhom, juru l-apprezzament tagħhom: *"Huma jagħtuni r-rigali: ċikkulata u flixken tal-inbid. . .!"*

Mill-banda l-oħra, il-vjolenza kontra l-ħaddiema tat-trasport hija sors kontinwu ta' tħassib, b'żewġ persuni jiġu arrestati għal attakki bis-sikkina fuq xufiera tal-karozzi tal-linja xi sena ilu. L-immaniġġjar tal-kunflitti kien wieħed mis-suġġetti tal-kors, u Jane tgħid li l-agħar problema tagħha sa issa kien grupp indixxiplinat fuq stejġ. Billi ftakret dak li kienet tgħallmet fit-taħriġ, hija għalqet malajr il-bieba u saqet. Il-karozzi tal-linja issa għandhom allarmi mqabbdin mal-pulizija lokali.

*"Inħossni ferħana ħafna fix-xogħol tiegħi"* tikkonkludi Jane. *"Kuntenta bil-kollegi tiegħi, u bl-imgħallem tiegħi. Kulħadd huwa ttrattat tajjeb u ngħinu lil xulxin. Qisna familja waħda kbira u ħadd mhu mħolli barra. Se nibqa' hawnhekk sakemm immut!"* tgħid b'ċajta. Għandha raġuni tajba sabiex tistenna karriera twila u ta' sodisfazzjon: sakemm ix-xufiera jġeddu ċ-ċertifikati mediċi tagħhom kull ħames snin, l-età tal-irtirar hija flessibbli. L-ixjeħ xufier tal-karozza tal-linja ta' City Trafik għandu 72 sena.

*"Tassew nieħu pjaċir niġi għax-xogħol, anki fl-4.00 ta' filgħodu,"* issostni. *"Qatt ma jiddispjaċini li qiegħda naħdem."*

# Taħriġ mill-ġdid għall-forza tax-xogħol moderna



Hemm tliet affarijiet li huma importanti għal *Milan Nedbal*, mir-reġjun ta' Kromeriz fir-Repubblika Ċeka: *"Il-familja, is-saħħa u x-xogħol,"* isostni dan ir-raġel ta' 53 sena. Madankollu, meta l-fabbrika li kien jaħdem fiha għalqet f'Ottubru 2006, huwa staqsa lilu nnifsu jekk kienx tilef wieħed minn dawn il-pilastri ta' ħajtu għal dejjem.

Milan ħadem b'mod stabbli tul il-ħajja tiegħu adulta kollha. Wara li studja fl-università għall-makkinarju tat-tessuti f'Liberec, huwa ħadem fl-industrija tat-tessuti għal 27 sena, fejn mexa mill-produzzjoni sabiex isir il-maniġer ġenerali ta' fabbrika lokali. *"Tlajt il-gradi kollha,"* isostni. *"Bħala maniġer ta' fabbrika lokali, kelli r-responsabbiltà ġenerali ta' kull aspett tal-produzzjoni. Kont norganizza l-materjal għall-produzzjoni, il-preparazzjoni kollha, kif ukoll it-tmexxija tal-impjegati."*

L-industrija Ċeka tat-tessuti bdiet sejra lura fis-snin disgħin. Għalhekk meta l-fabbrika fejn kien jaħdem finalment falliet, ftit kien fadal opportunitajiet f'dak is-settur. *"Li nispiċċa bla xogħol kienet sensazzjoni kerha,"* isostni. *"U kompliet saret agħar bl-istress li trid tfittex xogħol ġdid."*

Huwa beda jfittex ix-xogħol immedjatament, iżda għall-ewwel ftit kellu fortuna. *"Bgħatt is-CV tiegħi lil iżjed minn 140 kumpanija,"* jissokta. *"Iżda bqajt nirċievi l-istess risposta – Nirringrazzjawk tal-interess tiegħek fl-organizzazzjoni tagħna, iżda jiddispjaċina ninfurmawk li bħalissa m'għandniex opportunitajiet xierqa…"*

Mhux biss kienet diffiċli li jsib xi xogħol relatat mal-esperjenza tiegħu, iżda huwa skopra wkoll li l-pożizzjoni għolja li kellu qabel kienet qiegħda tkun ta' ostakolu. *"Hija ħadmet bħala ħaġa negattiva. Meta l-kumpaniji kienu jisimgħu li kont maniġer ta' fabbrika, huma ma kinux jikkunsidrawni għal pożizzjonijiet aktar baxxi,"* isostni. *"Kienu jibżgħu li kont inkun irrid noqgħod nagħti l-ordnijiet kollha."* Madankollu, huwa kompla jibgħat aktar applikazzjonijiet għax-xogħol. *"Kelli nippersisti. Kien importanti ħafna,"* isostni. *"Jiena bniedem ottimist. Iżda tibda tħossha taffettwa l-fiduċja tiegħek. Ma kontx naf jekk qattx kont se nerġa' nsib xogħol."*

## Aġġornat mat-teknoloġiji l-ġodda

Milan għaraf li l-ħiliet tiegħu setgħu kellhom bżonn li jiġu aġġornati sabiex isib impjieg fil-forza tax-xogħol moderna. Huwa beda kors ta' taħriġ mill-ġdid offrut mill-uffiċċju lokali tax-xogħol

f'Jannar 2007. Il-proġett kien imħejji u organizzat mill-biblijoteka mhux għall-profitt Knihovna Kromerizska, u kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew. Il-proġett kien jikkonsisti prinċipalment f'taħriġ biex wieħed jitgħallem juża l-kompjuter u l-IT, jitgħallem juża l-ħardwer u s-softwer, ifittex fuq l-internet, joħloq u jipprepara varjetà ta' dokumenti bil-kompjuter; kif ukoll ħiliet tal-komunikazzjoni u edukazzjoni ambjentali.

*"Qabel il-kors, kelli għarfien limitat ta' kif nuża l-kompjuters,"* isostni. *"Bdejt nużahom biss fl-aħħar tal-karriera preċedenti tiegħi. Iżda t-taħriġ kien verament prattiku u l-ħiliet tiegħi fil-kompjuter tjiebu ħafna."*

Il-kors għenu wkoll sabiex itejjeb abbiltajiet oħra fundamentali sabiex issib impjieg, bħal pereżempju kif tikteb l-ittri ta' applikazzjoni u s-CVs, kif tilbes għall-intervisti u kif tikkomunika aħjar man-nies. *"Fuq kollox, għenni nikseb il-fiduċja fija nnifsi. Innotajt differenza fil-ħiliet interpersonali tiegħi,"* iżid jgħid Milan.

Fis-sajf tal-2007, l-isforzi tiegħu taw il-frott u t-tfittxija għax-xogħol spiċċat meta huwa kiseb pożizzjoni ma' kumpanija lokali tal-manifattura. Il-ħiliet il-ġodda mtejba tiegħu kienu vitali. *"Livell għoli ta' għarfien fl-użu tal-kompjuter kien rekwiżit essenzjali għax-xogħol. U l-kumpanija ma tibżax timpjega ħaddiema akbar fl-età."* Il-kumpanija, Chropyňská Strojírna, tispeċjalizza fid-dirgħajn robotiċi li jagħmlu l-welding fil-produzzjoni tal-karozzi, flimkien ma' prodotti oħrajn bħall-forom għall-magni li jippressaw il-plastik biex jagħmlu oġġetti bħall-bampers tal-karozzi.

## Ħiliet tal-komunikazzjoni

Milan jaħdem fid-dipartiment tal-kooperazzjoni. *"Xogħli huwa li nassigura l-produzzjoni ta' partijiet differenti tal-katina ta' provvista mis-sottokuntratturi,"* isostni. *"Aħna m'għandniex il-kapaċità biex nagħmlu kollox waħedna."* Imseħbin mal-esperjenza kbira tiegħu fil-manifattura, il-ħiliet tal-kompjuter huma essenzjali għall-pożizzjoni l-ġdida tiegħu. Ix-xogħol tiegħu jinvolvi li jiġbor informazzjoni u li jagħżel il-fornituri, jipprepara l-ordnijiet u d-dokumentazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u jorganizza l-loġistika għall-kunsinna tad-diversi partijiet. Għal dan il-għan huwa juża softwer għall-ġestjoni u l-inġinerija tal-proġett. *"Il-komunikazzjoni u l-koordinazzjoni jsiru kollha bil-kompjuter. Mingħajr ħiliet fil-kompjuter kien ikolli diffikultajiet."*

*"It-taħriġ kien verament prattiku u l-ħiliet tiegħi fil-kompjuter tjiebu ħafna… Inħossni ferm aktar sikur issa."*

*"Huwa kompletament differenti mir-rwol tiegħi l-antik. Qabel, dejjem kont naħdem fuq ġewwa. Issa jeħtieġli nikkomunika esternament ma' kumpaniji oħrajn u norganizza l-katina kollha tal-provvista,"* ikompli jgħid.

Il-fatt li reġa' beda jaħdem għamel differenza kbira fil-kwalità tal-ħajja tiegħu. *"Inħossni ferm aktar sikur issa. Ma naħsibx wisq dwar il-ġejjieni, inħossni kuntent b'dak li qiegħed nagħmel bħalissa,"* isostni. Huwa jieħu gost jagħmel xogħol fil-ġnien u jqatta' ħin mal-familja tiegħu. *"Madankollu, ma tantx għandi ħafna ħin liberu,"* jammetti. *"Naħdem ħafna."* U għal xi ħadd li japprezza x-xogħol daqs Milan, dik hija ħaġa tajba.

# Il-valur veru tal-esperjenza



*"Teżisti s-sensazzjoni li ladarba tibda tixjieħ, min iħaddem ma jkollux bżonnok aktar. Għandna l-kapaċità, iżda aħna sempliċement xjuħ iżżejjed u niswew ħafna flus."*

Jekk hemm ħjiel ta' mrar fil-leħen ta' *Roswitha Kerbel* ta' 55 sena, huwa faċli biex tifhmu. Għal mara li tippossiedi firxa wiesgħa ta' kwalifiki, li qattgħet ħafna minn ħajjitha ssegwi karriera ta' suċċess fl-istampar, li f'daqqa waħda ssib ruħek ma tistax tigi impjegata meta taf li trid taħdem hija esperjenza frustranti għall-aħħar. Roswitha, li għandha ftit aktar minn ħamsin sena, qattgħet erba' snin tfittex xogħol ġewwa Vjenna, l-Awstrija, mingħajr offerta xierqa. *"Kelli ħafna rifjuti,"* tiftakar. *"Kont skoraġġuta ħafna. Tibda tħossok xiħa u ma tiswa għal xejn."*

Finalment, iċ-ċentru tal-impjiegi tagħha ssuġġerilha li tikkuntattja lil Initiative 50 (*Inizjattiva 50*), skema kofinanzjata mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew u maħsuba sabiex tlaqqa' ħaddiema akbar fl-età ma' persuni li jħaddmu u li jirrikonoxxu l-valur ta' dawn il-ħaddiema. F'Jannar 2008 huma talbuha tibgħat is-CV tagħha lil *Licht ins Dunkel* (Id-Dawl fid-Dlam), organizzazzjoni popolari tal-karità bbażata fi Vjenna li taħdem mat-TV Awstrijak u ma' ċelebritajiet biex tiġbor flus għall-familji fil-bżonn. L-organizzazzjoni bagħtet għaliha għal intervista, u f'temp ta' siegħa Roswitha kienet offruta impjieg.

## Dedikata għall-kotba

Roswitha twieldet fi Graz ġewwa l-Awstrija, iżda ta' sitt snin marret tgħix ġewwa Stuttgart fil-Ġermanja, fejn kibret u studjat. Hija kkwalifikat bħala bibljotekarja qabel ma kisbet ħiliet addizzjonali fl-ekonomija u t-teknoloġija tal-informazzjoni u daħlet fl-istampar.

*"Dejjem ikkonċentrajt fuq il-karriera tiegħi. Il-kotba nħobbhom,"* tispjega, hija u tipponta lejn il-fillieri ta' kotba li jiksu l-ħitan tas-salott tagħha mill-art sas-saqaf. *"Kelli karigi għoljin fil-promozzjoni ma' xi kumpaniji kbar tal-pubblikazzjoni. Kont naħdem minn 60 sa 70 siegħa fil-ġimgħa, u kont nivvjaġġa ħafna, bir-responsabilità sabiex norganizza fieri u tnedijiet tal-kotba. Kien xogħol iebes ħafna."*

Meta l-ewwel żwieġ tagħha spiċċa f'divorzju, hija marret lura l-Awstrija fl-1993, fejn iltaqgħet mat-tieni raġel tagħha, Michael

*"Ix-xogħol inħobbu ħafna, u kuntenta li nista' naqla' d-dħul tiegħi stess għax inħobb inkun finanzjarjament indipendenti."*

Estl. Roswitha ħasset li kien wasal iż-żmien għal bidla f'ħajjitha. *"L-ewwel żwieġ tiegħi tfarrak għax kelli x'nagħmel ħafna fix-xogħol tiegħi,"* tiftakar. *"Ma kontx inkun id-dar għal ħafna żmien u kien xogħol li jegħjik iżżejjed. Ma ridtx li jerġa' jiġri l-istess."*

## Dar fil-kampanja

Roswitha u Michael iżżewġu fis-sena 2000. Huma xtraw dar fil-villaġġ ta' Königstetten, fit-tarf tal-Imsaġar sbieħ ta' Vjenna barra l-kapitali Awstrijaka. Waqt li jkunu qed jieħdu l-kolazzjon fuq it-terrazza tagħhom, huma jħarsu minn fuq il-ġnien tagħhom lejn għoljiet u għelieqi ta' lift isfar jgħajjat. Michael jaħdem id-dar bħala programmatur tal-kompjuter, waqt li ż-żewġt iklieb enormi tal-koppja, Benny u Teddy, u l-qtates Mimi u Pepper, iżommulu kumpanija.

Dak iż-żmien, Roswitha kellha bżonn ukoll il-flessibbiltà biex tieħu ħsieb ta' missierha anzjan – kull ġimagħtejn jew tlieta hija kienet tivvjaġġa lura lejn Stuttgart fejn kienu għadhom jgħixu l-ġenituri tagħha – u ta' ħtintha fi Vjenna. Hija telqet ix-xogħol tagħha fl-istampar u bdiet tfittex direzzjoni ġdida fil-karriera. Il-ġnien deher li kien fih is-soluzzjoni: *"Minn dejjem kont inħobb ix-xogħol tal-ġnien, iżda ma kelli l-ebda idea dwar il-pjanti,"* issostni Roswitha. Hija għamlet kors ta' sena fit-tfassil u t-tiżjin tal-ġonna, segwit minn impjieg fil-park naturali tal-Imsaġar ta' Vjenna. Hija kienet responsabbli mill-ippjanar ta' avvenimenti u eskursjonijiet għal gruppi ta' viżitaturi, kif ukoll mill-kontijiet u l-amministrazzjoni, iżda ma damitx wisq f'dak ix-xogħol. *"Kont nixtieq kieku nikseb impjieg permanenti, iżda kont kbira wisq."*

Roswitha tgħid li hija bdiet issir konxja tad-diskriminazzjoni minħabba l-età xi għaxar snin ilu. Hija tattribwiha għall-prezz ogħla tas-sigurtà soċjali li dawk li jħaddmu jħallsu għall-ħaddiema akbar fl-età. *"Hemm ħafna pressjoni, minħabba li m'hemmx dawk l-impjiegi kollha fis-suq, u għalhekk il-kumpaniji joffru x-xogħol lill-ħaddiema irħas,"* targumenta.

## Awtonomija finanzjarja

Madankollu Inizjattiva 50 offriet lil Roswitha bidu ieħor ġdid. Issa ilha taħdem full-time ma' Licht ins Dunkel minn Frar 2008. L-iskema tħallas is-salarji tal-impjegati għall-ewwel tliet xhur, u hekk tagħti inċentiv addizzjonali lil min iħaddem sabiex jimpjega. Hija tammetti li l-amministrazzjoni ta' uffiċċju mhijiex l-impjieg 'tal-ħolm' tagħha, u jista' jkun aktar interessanti. *"Iżda tal-età tiegħi ma rridx li jkolli aktar dik ir-responsabbiltà kollha,"* tispjega. *"Irrid nieħu l-ħajja b'aktar kalma. Hija sitwazzjoni diffiċli, u napprezza l-opportunità li reġa' għandi impjieg. M'inix mara tipika tad-dar. Ix-xogħol inħobbu ħafna, u nieħu gost inkun mal-kollegi tiegħi. U kuntenta li nista' naqla' d-dħul tiegħi stess għax inħobb inkun finanzjarjament indipendenti."*

*"Inizjattiva 50 hija skema tajba ħafna għaliex tgħin lil persuni akbar fl-età sabiex isibu impjiegi xierqa, u dik mhijiex ħaġa faċli. Issa għandi ħin għall-ġnien tiegħi, għar-raġel tiegħi u għall-klieb tiegħi. Ma rridx it-tensjoni li kelli qabel. Il-proġett għenni nikseb dan."*

# Is-solidarjetà soċjali tagħti tama ġdida



Il-filosofija tal-ħajja ta' Tsvetan Ivanov hija ċara ħafna: *"L-għajnuna lil xulxin tagħmilna lkoll aktar b'saħħitna,"* isostni. *"Li tħares lejn in-numru wieħed mhijiex politika li naqbel magħha."*

Tsvetan ħadem għal 25 sena fl-impjant lokali tal-fertilizzanti kimiċi fi Vratsa, fil-majjistral tal-Bulgarija, fejn kien jissorvelja l-proċeduri tas-sigurtà, qabel ma fl-2000 ikkwalifika għal irtirar kmieni. Huwa malajr iddeċieda li ried jagħmel xi ħaġa biex jgħin persuni oħrajn fil-komunità tiegħu. Vratsa hija belt pittoreska magħrufa għall-irdum għat-tixbit mal-blat u għall-għerien spettakolari tagħha. Iżda bosta familji żgħażagħ jitilqu biex isibu x-xogħol, u xi drabi jħallu ġenituri anzjani jew qraba diżabbli relattivament iżolati.

Fl-2008, huwa sema' dwar il-proġett *Permezz tas-Servizzi Soċjali*, għal Għajxien Diċenti, immexxi minn NGO lokali *Most* (pont), u kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew. Il-proġett iħarreġ u jimpjega nies irtirati u qiegħda sabiex iservu bħala assistenti soċjali, sabiex jipprovdu għajnuna kuljum lil 40 persuna li jkunu qegħdin jgħixu fid-djar tagħhom stess, iżda li ma jistgħux jimmaniġġjaw waħedhom u li għandhom bżonn kura fit-tul.

Wara perjodu qasir ta' taħriġ, li kien ikopri l-ewwel għajnuna, ħiliet ta' kif tagħti l-pariri u kif tittratta l-emerġenzi, Tsvetan ġie offrut kuntratt u ngħata r-responsabbiltà ta' żewġ klijenti: Nicola Kotsev ta' 87 sena, u Emil Ginev, eks perit li sofra amputazzjoni ta' sieqi wara ħabta bil-karozza. Huwa jmur għandhom kuljum, jgħinhom sabiex iżommu djarhom nodfa u jagħmlu x-xirjiet tagħhom. Huwa jista' jkun meħtieġ ukoll biex jgħin fil-viżti tat-tobba, jew biex jagħmel xogħlijiet amministrattivi ta' rutina bħal pereżempju jħallas il-kontijiet tas-servizzi. F'ħin l-ikel huwa jiġbor l-ikliet tagħhom mill-kantin tas-servizzi soċjali, li jipprepara 200-300 ikla kuljum għal persuni fuq il-welfare soċjali. Xi kultant huwa joħroġ lil Nicola fis-siġġu tar-roti, jew inkella sempliċement joqgħod bilqiegħda ħdejh u jżommlu kumpanija.

## Passjoni għat-tagħlim

Tsvetan żviluppa rabta personali b'saħħitha maż-żewġ persuni li huwa responsabbli minnhom. *"Nicola huwa mimli bl-ispirtu u attent ħafna. Huwa jħossu ħafna aħjar meta noqgħod nitkellem miegħu,"* jgħid Tsvetan. *"Huwa għandu bżonn medikazzjoni wara*

*"Permezz ta' dan il-proġett jiena nagħti t-tama lin-nies. Nista' nara li huma jridu jkomplu jgħixu u ma jċedux."*

*puplesija. Iżda għandu s-sensi kollha u ma jridx iċedi. L-iżjed aspett interessanti tax-xogħol huwa li tikseb intuwitu psikoloġiku dwar kif in-nies ilaħħqu mas-sofferenza. Li jogħġobni fix-xogħol tiegħi huwa li nitgħallem affarijiet ġodda, u aktar ma nitgħallem, aktar nista' nagħmel biex ngħin lin-nies. Tibda tifhem kif iħossuhom dwar bosta kwistjonijiet, bħax-xjuħija u saħansitra l-mewt."* Huwa l-ewwel offra għajnuna bħala assistent soċjali għal proġett preċedenti, iffinanzjat min-Nazzjonijiet Uniti tul il-Bulgarija kollha, li kien ikopri 210 persuni fir-reġjun ta' Vratsa.

Tsvetan minn dejjem kien ħassieb indipendenti, b'firxa wiesgħa ta' interessi. Gradwat fil-kimika, huwa qatta' 15-il sena wara l-università jaħdem fin-negozju tal-kostruzzjoni u jgħin biex jiġu restawrati ikoni u pitturi mal-ħajt fil-Monasteru famuż ta' Cherepish, qrib Vratsa. Għal xi żmien huwa kien *"mitluf"* wara t-taħbila tal-moħħ tar-Rubik Cube – għad għandu bosta mill-aktar verżjonijiet diffiċli fuq l-ixkafef tiegħu. Meta skopra l-internet, dan ukoll sar passjoni. *"Biex noħroġ kelli nisforza ruħi,"* jammetti. Fl-2007 huwa ppubblika l-ewwel ktieb tiegħu, li fih fisser it-teorija filosofika tiegħu ta' *The Tetralectics of Nature* (It-Tetralettika tan-Natura).

Dan jirrifletti l-interess tiegħu f'kull aspett tad-dinja naturali. Huwa u jaħdem fuq il-kompjuter tiegħu, qattus wieħed jew tnejn mis-sitta li salva mit-toroq jitilgħu f'ħoġru jew jaqbdu ma' spallejh. *"Meta inti tittratta lill-annimali sewwa, huma jibdew jafdawk, eżatt bħan-nies,"* huwa jispjega. Għadd ta' pjanti jimlew it-tieqa tas-salott modest tiegħu li jintuża wkoll bħala kamra tas-sodda. Il-librerija personali tiegħu timla l-appartament żgħir, b'xi 6,000 volum dwar varjetà kbira ta' suġġetti. *"Kollha qrajthom,"* isostni Tsvetan kburi. Huma membru ta' soċjetà lokali tal-filosofija, u ppubblika xi 150 artiklu.

## Affezzjoni reċiproka

Velika Mamkova ta' sebgħa u sebgħin sena hija benefiċjarja oħra talinizjattiva Għajxien Diċenti. Il-krozzi, li kellha tuża wara operazzjoni u sieq miksura, iżommuha ġewwa darha. Iż-żewġ uliedha subien għandhom il-familji tagħhom stess u telqu 'l bogħod – wieħed biex jaħdem fl-Italja. *"L-għajnuna hija importanti ħafna. Hemm affarijiet li ma nistax nagħmilhom waħdi u ma nkunx nista' nlaħħaq mingħajrha,"* hija ssostni. *"Jekk tinqala' problema, naf li dejjem nista' nċempel, 24 siegħa kuljum."* Hija tibbaża wkoll fuq il-kuntatt uman – li jkollha xi ħadd ma' min titkellem – u żviluppat relazzjoni mill-qrib mal-persuna li tieħu ħsiebha, Maryika Mitova.

L-affezzjoni hija reċiproka. *"Għalija qisha omm,"* tistqarr Maryika, li wkoll hija impjegata mill-iskema Għajxien Diċenti. L-assistenti soċjali jaħdmu sitt sigħat kuljum u jirċievu salarju mill-baġit tal-proġett. Iżda billi huwa stess huwa pensjonant, Tsvetan ma jħallasx taxxa u huwa intitolat għal kura tas-saħħa b'xejn, xi ħaġa li min-naħa tagħha tfaddal il-flus għall-proġett. Ir-rwol tal-għaxar assistenti soċjali huwa dak li jgħinu lill-għaxar ħaddiema ta' kura full-time impjegati mill-awtorità lokali.

Il-kuntratt tiegħu jdum għal sena – it-tul tal-iskema. Huwa jittama li l-kuntratt ikun jista' jiġġedded, filwaqt li jgħid li jieħu pjaċir kieku jkompli x-xogħol. *"Permezz ta' dan il-proġett jiena nagħti t-tama lin-nies. Nista' nara li huma jridu jkomplu jgħixu u ma jċedux. Ix-xogħol jagħtini dħul ieħor sabiex inkun nista' ngħix ħajja diċenti, u jien min-naħa tiegħi nista' ngħin lil ħaddieħor sabiex jgħix diċenti. Kemm ilni nitkellem ma' Nicola, huwa mtela iżjed bit-tama u pprova jerġa' jibda jimxi. Dan għamillu l-kuraġġ. Għalhekk, filwaqt li kien utli għalija, jiena kont utli għalih ukoll."*

# Ħiliet ġodda u sens ta' komunità



Aldona Mikalauskiene, li twieldet f'raħal żgħir qrib Vilnius fis-snin tletin, rat personalment xi wħud mill-akbar taqlibiet fl-Ewropa, mill-atroċitajiet tat-Tieni Gwerra Dinjija u l-kunflitt taħt il-ħakma Sovjetika, għall-indipendenza eventwali tan-nazzjon żgħir tagħha tal-Litwanja. Matul dan kollu hija żammet karattru sod u sens ta' dover lejn sħabha ċ-ċittadini l-oħrajn.

*"Illum għandna ħafna libertajiet ġodda,"* hija ssostni. *"Il-libertà li mmexxu negozju u ntejbu lilna nfusna, li nikkritikaw u nitkellmu liberament dwar il-gvern tagħna, iżda għandna wkoll l-obbligu li nużaw il-libertajiet u t-talenti tagħna biex ngħinu lil xulxin. Ilkoll aħna poplu wieħed, soċjetà waħda."*

## Minn bidu umli…

Bint bidwi minn Ukmerge, f'żona rurali, Aldona marret l-iskola, iżżewġet u romlot, u mbagħad reġgħet bdiet l-istudji tagħha, fejn iddistingwiet ruħha bħala studenta matura fl-università. Illum li hija accountant kwalifikata, hija tmexxi l-kumpanija tagħha stess tal-accountancy fil-kapitali Litwana, tħarreġ u timpjega persuni żgħażagħ, u tgħin firxa ta' klijenti jirnexxu fi żminijiet finanzjarji diffiċli. *"Qattajt il-parti l-kbira tal-karriera tiegħi naħdem ma' professjonisti futuri,"* issostni. *"Jiena nipprovdi apprendistati u ħarriġt bosta accountants ta' suċċess."*

Il-klijenti tagħha huma ħafna u varjati, minn ristoranti Ċiniżi u mekkaniks tal-karozzi sa organizzazzjonijiet tan-nisa u tat-tfal, għal kumpaniji kbar u manifatturi. *"Ix-xogħol tiegħi jogħġobni u nsibha partikolarment ta' sodisfazzjon li nara lill-grupp tiegħi jgħin lil ħaddieħor jirnexxi – sew jekk ikunu negozji żgħar, fornituri ta' servizzi jew korporazzjonijiet li jagħmlu l-flus għall-ekonomija tagħna,"* issostni. *"U għaliex għandi nieqaf issa? Ilni hawn mhux ħażin, iżda ngħix ħajja attiva u naħseb li għad baqagħli xi ħaġa x'nikkontribwixxi."*

## F'forma tajba sa issa

*"Ix-xogħol tal-accountancy dejjem jirriduċi ruħu f'numri,"* tispjega Aldona, *"u dak ifisser li jkollok għerf speċjalizzat u l-għodod xierqa."*

*"Ix-xogħol tal-accountancy dejjem jirriduċi ruħu f'numri, u dak ifisser għerf speċjalizzat u l-għodod xierqa."*

Programm uniku ta' taħriġ fl-IT għal persuni akbar fl-età, organizzat mill-grupp taċ-ċittadini anzjani LPS Bociai u kofinanzjat mill-UE permezz tal-Fond Soċjali Ewropew, għen lil Aldona tagħmel użu aktar sħiħ mit-teknoloġiji moderni tal-informazzjoni, ittejjeb il-ħiliet tagħha u taġġorna ruħha dwar l-aħħar tagħmir tal-kompjuter, programmi u servizzi ta' netwerking.

*"Inqatta' parti sewwa mill-ġurnata tiegħi barra u niġri,"* issostni, *"niltaqa' ma' klijenti, niġbor u nqassam dokumenti u preżentazzjonijiet u nbigħ is-servizzi tagħna lil klijenti prospettivi."* Imbagħad mill-ġdid fl-uffiċċju fejn tiġbor flimkien u tanalizza r-riżultati u l-figuri.

Meta bdejt, konna nużaw dawk il-magni l-antiki tal-għadd, b'dak il-liver kbir li jinżel 'l isfel u jagħmel 'ċa-ċing'. Konna naħsbu li kienu pjuttost utli. Tiskanta, kif inbidlu l-affarijiet! Hemm tant strumenti u teknoloġiji ġodda li jistgħu jkunu estremament utli fl-accountancy.

*"Il-korsijiet tal-kompjuter ippermettewli li niżviluppa ħiliet ġodda u fl-aħħar mill-aħħar li nagħmel ix-xogħol tiegħi b'mod aktar effiċjenti,"* issostni. *"Il-lezzjonijiet kienu ta' għajnuna kbira."*

# Lura għax-xogħol



George Mifsud, li twieled fl-1949, ra ftit bidliet mhux ħażin f'ħajtu. Matul żgħożitu f'Malta, huwa tgħallem il-welding, is-sengħa tal-mastrudaxxa u ħiliet oħrajn li tawh bidu tajjeb fil-ħajja profess-jonali tiegħu. Aktar tard, huwa tħarreġ fis-sengħa tal-ibbalzmar, sengħa li huwa pprattika attivament għal 20 sena.

Kaċċatur u mużiċist tul ħajtu kollha, l-interessi varjati ta' George żammewh għaddej, isallab min-naħa għall-oħra ta' pajjiżu – u daru - arċipelagu. Huwa li qatt ma tbiegħed wisq minn Malta, pajjiżu, żar biss l-Italja u l-Iżvizzera. *"Dan huwa pajjiż żgħir iżda hemm ħafna x'tagħmel. Aħna l-Maltin ma nħobbux nitbiegħdu wisq. Hawn storja kbira f'dan il-pajjiż. Inħobbu nieħdu ħsieb il-gżejjer tagħna u nżommuhom sbieħ,"* jispjega.

U dak huwa eżattament dak li jagħmel George fil-pożizzjoni l-ġdida tiegħu bħala ħaddiem tal-pajsaġġ. *"Għamilt ħafna xogħlijiet diffe-renti,"* jissokta. *"Qabel dan, kelli bar li kien iservi ikel ħafif għat-turisti. Domt bih għal 11-il sena. Imbagħad, meta għalaqnieh, ma nafx, kont qisni spiċċajt. Ridt insib xi ħaġa x'nagħmel. Ma kellix xogħol."*

## Korsijiet ta' aġġornament

George ra rapport fuq it-televiżjoni dwar fondi ġodda tal-Unjoni Ewropea għal persuni qiegħda, għalhekk huwa għamel ftit tele-fonati u rreġistra fit-*Training and Employment Exposure Scheme* (TEES). It-TEES, li hija kofinanzjata mill-UE permezz tal-Fond Soċjali Ewropew, tgħin lil persuni ta' aktar minn 40 sena li jkunu jridu jerġgħu jidħlu fid-dinja tax-xogħol.

*"Meta kont iżgħar għamilt xogħol tal-welding u tal-elettriku,"* isos-tni, *"xi ħaġa li minn dejjem kont nieħu pjaċir nagħmel, iżda l-abbiltà tiegħi kienet marret lura sewwa. Din it-TEES daħħlitni f'xi korsijiet ta' aġġornament bla ħlas. Għamilt plaming, xogħol tal-injam, welding u elettriku. Ħadt pjaċir ħafna u ltqajt ma' ħafna nies sewwa. Għamilna sitt xhur sħaħ ta' taħriġ."*

Wara li tejjeb il-ħiliet qodma tiegħu, George tpoġġa f'kuntatt ma' konsorzju tal-landscaping li jagħmel xogħlijiet madwar Malta, u issa rega' lura f'impjieg full-time. Huwa jaħdem ma' tim ta' rġiel li jiġru mal-pajsaġġ Malti jagħmlu manutenzjoni u jsewwu infras-

*"Jiena naħdem fuq barra u nieħu sodisfazzjon kbir fix-xogħol tiegħi. Aħna nduru l-pajjiż min-naħa għall-oħra."*

trutturi tat-trasport bħar-riservi ċentrali fit-toroq, jinstallaw sistemi tad-dawl u tad-dranaġġ, u jżommu l-affarijiet ġeneralment nodfa u puliti.

*"Jiena naħdem fuq barra u nieħu sodisfazzjon kbir fix-xogħol tiegħi. Aħna nduru min-naħa għall-oħra tal-pajjiż,"* jiftaħar, filwaqt li jżomm f'moħħu li dan l-Istat Membru tal-UE b'kollox għandu erja totali modesta ta' 316-il kilometru kwadru.

Filgħaxijiet, George idoqq il-kitarra fi grupp lokali tal-mużika country, passjoni oħra li huwa segwa mill-bidu taż-żgħożija tiegħu. Magħruf min-nies fit-triq u fil-loġoġ sbieħ tal-lukandi, George huwa speċi ta' istituzzjoni lokali, u b'daqsxejn ta' għajnuna minn ħbiebu huwa wera kif persuna akbar fl-età xorta tista' tagħmel differenza.

*"Dan il-programm tani ċ-ċans li nagħmel xi ħaġa ġdida,"* isostni. *"Inħossni qisni se nerġa' nibda mill-ġdid, erġajt lura fil-logħba."*

# L-intraprenditorija

# Il-konsulenza tpoġġi l-hovercraft fit-triq it-tajba



*"Kont naħseb li t-twaqqif ta' negozju li joffri rikbiet bil-hovercraft kienet idea tant tajba li n-nies kienu se jiġu jiġru biex iżuruna, iżda ma kienx hekk. Fortunatament, il-programm ta' konsulenza tani l-appoġġ li kelli bżonn, għax tgħallimt dwar ir-reklamar, u mingħajr dak, il-kumpanija ma tistax teżisti."*

Peeter Tarmet jgħix f'Saku, fil-kampanja abbundanti barra l-kapitali tal-Estonja, Tallinn, u issa jmexxi l-uniku divertiment tal-hovercraft fil-pajjiż. Fl-2007, huwa ddeċieda li ma riedx iqatta' l-kumplament ta' ħajtu jaħdem l-għamara, kif kien għamel minn mindu telaq mill-università tmien snin qabel. *"Ridt nagħmel xi ħaġa ġdida. Qabel, kont dejjem naħdem waħdi, f'kamra kollha trab. Ma kontx nara d-dawl tal-ġurnata ta' sikwit u kelli bżonn ta' ftit arja friska,"* jispjega. *"Jekk tkun waħdek, kollox huwa r-responsabbiltà tiegħek, u jekk tkun marid ix-xogħol jieqaf."*

L-idea kbira ta' Peeter ġietu f'moħħu waqt li kien qiegħed jara d-Discovery Channel fuq it-TV. *"Dan wera hovercraft żgħir li jista' jivvjaġġa kemm fuq l-art kif ukoll fuq l-ilma. Jiena ħsibt: 'M'għandniex bħal dak fl-Estonja.' Ridt nagħmel xi ħaġa ġdida."*

Kien pass kuraġġuż. Peeter u martu Birgit għandhom żewġt itfal żgħar, Ken, ta' 12-il sena, u Kendra, ta' 10 snin. Billi kull hovercraft jiswa €16,000, huma kellhom jieħdu self sabiex ikopru x-xiri. *"Sa dak il-ħin kien għadu biss diskors, ma konna qegħdin nissograw xejn. Iżda meta morna biex niffirmaw għas-self, dak kien differenti. Kellna nieħdu deċiżjoni u ma stajniex immorru lura minnha."* Mal-imsieħeb tiegħu fin-negozju Kalmer Kallasmaa, Peeter investa fi tliet inġenji żgħar, u fi ftit xhur huma kienu varaw ir-rikbiet tagħhom, immirati ugwalment lejn it-turisti u lejn in-nies tal-lokal.

## Mistoqsijiet u tweġibiet

Iżda mhux kollox mexa ħarir. *"In-nies ma kinux jafu dwarna,"* jispjega Peeter. *"B'xi ħaġa ġdida, trid iż-żmien."* Huwa sab li ma kienx qiegħed ikollu l-klijenti li kien qiegħed jittama li jkollu. *"Ħsibna: x'qegħdin nagħmlu ħażin? X'mhux qiegħed jaħdem? Kien hemm ħafna mistoqsijiet."*

Biex isib it-tweġibiet, Peeter irrikorra għall-Programm ta' Konsulenza ta' Enterprise Estonia, kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Socjali Ewropew. Fil-bidu, huwa ried ikun jaf aktar

dwar it-tmexxija, il-ġestjoni finanzjarja, u r-reklamar. Iżda laqgħa ma' konsulenti potenzjali kkonvinċietu li s-soluzzjoni kienet ir-reklamar. *"X'inhu l-punt li tkun mexxej aħjar jew timmaniġġja l-flus aħjar jekk ma tista' tbigħ xejn?"* jirrimarka.

Il-konsulenta magħżula tiegħu, Kadi Elmeste, hija esperta tar-reklamar fil-belt ta' Pärnu, u hija wrietu kif jagħmel preżentazzjonijiet u jagħżel l-aħjar postijiet għall-pubbliċità. *"Kulħadd joffrilek pubbliċità, iżda din mhux irħisa, u jekk din ma taħdimx tkun qiegħed titlef il-flus,"* huwa jispjega. Fi żmien qasir, huwa kiseb ftehim ta' negozju mal-akbar aġenzija tal-ivvjaġġar tal-Estonja, Estravel.

*"Kienet ħaġa tajba ħafna għalija li nieħu din l-edukazzjoni, għax meta kont nagħmel l-għamara ma kelli bżonn l-ebda ħiliet fil-bejgħ jew reklamar. Kelli aktar xerrejja milli kont neħtieġ."* Fil-fatt, Peeter iħoss li sab il-vokazzjoni tiegħu: iżur u jagħmel preżentazzjonijiet lill-klijenti, jippromwovi n-negozju ġdid tiegħu. *"M'għadnix naħdem waħdi,"* isostni b'sodisfazzjon. *"Hija ħaġa ġdida għalija, u dan ix-xogħol jogħġobni ħafna. Niltaqa' man-nies u nista' nikkomunika magħhom. Forsi skoprejt persuna ġdida ġewwa fija li tħobb titkellem. Kull darba li nagħmel preżentazzjoni tiġi aħjar."*

## Pjanijiet għal tkabbir

L-imsieħba għandhom ippjanat li jniedu websajt sabiex jiġbdu viżitaturi internazzjonali, biex eventwalment joffru s-servizzi tagħhom b'sitt lingwi: l-Estonjan, l-Ingliż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, ir-Russu u l-Finlandiż. Xi 25-35% tan-negozju bħalissa ġej minn barra l-Estonja.

*"Fil-ġejjieni għandna pjanijiet kbar,"* huwa jħabbar. Il-pass li jmiss huwa karozza tal-linja mgħammra b'mod speċjali b'sawna u servizzi tal-ikel. Is-sit eżistenti diġà jinkorpora faċilitajiet għall-isparar bil-qaws, u kamra għas-seminars. Il-ħsieb huwa li jkun ipprovdut pakkett komplut sabiex fit-tmiem tal-ġurnata, il-viżitaturi jkollhom x'imkien sħun fejn jistrieħu, jieħdu pjaċir b'sawna, xarba jew ikla, u saħansitra jitwasslu d-dar.

*"Irridu ntejbu l-kwalità tas-servizzi tagħna u nagħmlu lill-klijenti komdi, għax jekk ikunu komdi jerġgħu jiġu,"* jispjega Peeter. Eventwalment, huwa jittama li jibni sit permanenti li joffri faċilitajiet għall-konferenzi u għall-forniment tal-ikel u firxa ta' attivitajiet ta' mistrieħ u divertiment. *"Mingħajr l-għerf speċjalizzat li ksibt permezz tal-programm ta' konsulenza,"* huwa jirrifletti, *"ma naħsibx li kont inkun fejn ninsab illum."*

*"Forsi skoprejt persuna ġdida ġewwa fija li tħobb titkellem. Kull darba li nagħmel preżentazzjoni tiġi aħjar."*

# Produzzjoni ta' enerġija li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent



Il-kappella ċkejkna tas-seklu sbatax f'Lagness, qrib Chichester fuq il-kosta tan-Nofsinhar tal-Ingilterra, tħares fuq għoljiet telgħin u neżlin, mergħat wesgħin u orizzonti mbiegħda. Attwalment hija takkomoda erba' kmamar tas-sodda doppji komdi bi kmamar tal-banju magħhom. *Sandra Barnes-Keywood* u żewġha Charles biddlu b'imħabba l-ħerba li kien hemm qabel fiċ-ċentru tan-negozju ta' rqad u kolazzjon li huma fetħu tmien snin ilu.

Ftit kienu jafu li programm ta' taħriġ kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew kien se jpoġġi lil Sandra fit-triq biex issir pijuniera ppremjata fit-'turiżmu ambjentali' u persuna rikonoxxuta 'li tagħmel u ċċaqlaq' fil-promozzjoni ta' prattiċi tan-negozju ambjentali.

Sandra twieldet fil-Punent ta' Londra. Iżda minn dejjem kienet tħobb il-ħajja tal-kampanja, u kellha xewqa kbira li tmur tgħix f'Chichester. Din il-parti ta' Sussex tal-Punent hija magħrufa bħala żona ta' ġmiel naturali eċċezzjonali. L-estwarju tax-xmara esposta għar-riħ fil-port fil-qrib ta' Pagham – kenn għall-għasafar selvaġġi – u l-għoljiet ta' South Downs, huma destinazzjonijiet favoriti għal dawk li jħobbu jmorru għall-passiġġati u għal min iħobb in-natura.

Sandra, li għandha Diploma Nazzjonali Ogħla (HND) fil-forniment tal-ikel u l-immaniġġar ta' lukandi, xtrat dar pubblika mġarrfa u biddlitha f'ristorant. Madankollu, wara t-twelid ta' Jasmine, bint il-koppja, 16-il sena ilu, is-sigħat twal irriżultaw ibsin wisq biex jgħaqqduhom mal-kura tat-tifla, u għalhekk biegħu kollox. *"Meta Jasmine kellha xi tmien snin jiena ddeċidejt li tassew ridt nerġa' lura fin-negozju tal-ospitalità,"* tiftakar Sandra, u B&B dehret soluzzjoni flessibbli.

## Storja x'tirrakkonta

Bħala ristoratriċi kwalifikata, hija kienet xettika dwar il-valur ta' iżjed taħriġ. Iżda t-tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fost l-ifrat fir-Renju Unit ħalliet bosta negozji rurali żgħar jitħabtu biex ikampaw. Bl-appoġġ tal-FSE, Tourism South East nieda l-iskema tiegħu Merħba Rurali u fl-2004 Sandra nkitbet fiha. *"Tassew kont sorpriża,"* hija tammetti. *"Irrealizzajt li fil-ħajja qatt ma tieqaf titgħallem."* Din urietha li filwaqt li hija diġà kienet qiegħda tmexxi l-B&B fuq linji ambjentali, hija ma kinitx qiegħda tgħaddi l-messaġġ lill-viżitaturi

*"Dak it-taħriġ bidilli l-karriera tiegħi. Qatt ma ħarist lura. Issa għandi l-għodda biex nagħmel dak li rrid u nħossni kunfidenti."*

tagħha, u li l-enfasi fuq l-ideali ambjentali tagħha setgħet tagħmel differenza kbira. *"Kelli storja xi ngħid, iżda ħadd ma kien qiegħed jismagħha,"* issostni.

Il-kors ta lil Sandra l-imbuttatura li kellha bżonn. Hija kienet pjuttost ma tiflaħx meta twieldet Jasmine, kienet tbati minn pressjoni tad-demm għolja, u welldet b'ċesarja mingħajr loppju. Wara hija qattgħet tliet xhur l-isptar tirkupra minn stress post-trawmatiku, u żiedet ħafna piż. Għalhekk li terġa' tibda tmexxi negozju kienet sfida għaliha. *"Inti titlef il-kunfidenza bħala omm,"* tispjega. *"Iżda dak it-taħriġ bidilli l-karriera tiegħi. Qatt ma ħarist lura. Issa għandi l-għodda biex nagħmel dak li rrid u nħossni kunfidenti. Ma nħossnix bħal dik il-mara tad-dar żgħira li telqet ix-xogħol. It-taħriġ għenni nerġa' nġib ħajti fid-direzzjoni tajba."*

*"Aħna involuti kompletament fl-ambjent,"* tissokta Sandra. *"Nemmnu li t-turiżmu ambjentali huwa filosofija, u mhux prodott."* Hija tkabbar il-frott tagħha stess, biex tpoġġih fil-kmamar tal-klijenti jew tagħmel il-ġammijiet għall-kolazzjon. Hija tixtri prodotti organiċi minn ħwienet lokali li jbigħu prodotti tar-raba', u tagħmel il-materjali naturali tagħha stess għat-tindif. Hija tħeġġeġ lill-klijenti biex ma jaħlux dawl jew ilma, u b'hekk naqqset il-ħasil tax-xugamani bi 43%. L-ilma mormi 'griż' kollu huwa riċiklat għall-ġnien. L-ilma jissaħħan permezz ta' pannelli solari, u 'tubi tad-dawl' idaħħlu d-dawl tal-ġurnata fi kmamar tal-banju mingħajr twieqi.

Sandra tipprova wkoll *"trodd xi ħaġa lura"* lill-komunità lokali, billi tgħin żgħażagħ ta' 16-il sena li ma jkunux sejrin tajjeb fl-iskola u tgħallem studenti universitarji lokali. Il-*Green Tourism Payback Scheme* (Skema ta' Ħlas Lura għal Turiżmu Ambjentali) tagħha ġabret flus għal xtillieri tar-roti fil-Port ta' Pagham, u biex jissewwew moħbiet għall-osservaturi tal-għasafar. Charles issa jgħaqqad in-negozju tiegħu ta' ħaddied, fejn joħloq għamara u aċċessorji tal-ferrobattut, ma' verifikar ambjentali, fejn jispezzjona lukandi madwar il-pajjiż.

## Xhieda indipendenti

Il-ħidma ta' Sandra rebbħitha rikonoxximent wiesa'. Old Chapel Forge għandha klassifikazzjoni tad-deheb mill-Green Tourism Business Scheme, il-programm ewlieni fir-Renju Unit għaċ-ċertifikazzjoni tat-turiżmu sostenibbli. *"Dik tatni l-kredibilità, minħabba li kont ġejt valutata b'mod indipendenti. Sirt kampjun tan-negozju għar-Renju Unit, ngħin lil ħaddieħor jiġi akkreditat. Iżda ntbaħt li l-parir li kien qed jiġi offrut kien antikwat, u għalhekk ktibt il-programm ta' taħriġ tiegħi stess."* Illum, permezz tal-*Green Training Company* (Kumpanija dwar it-Taħriġ Ambjentali) tagħha (http://www.thegreentrainingcompany.co.uk/) hija tassisti dipartimenti reġjonali u organizzazzjonijiet turistiċi madwar l-Ingilterra. Fost sensiela ta' premjijiet, Sandra u Charles rebħu l-Green Apple Award għall-arkitettura fl-2006, għar-restawr favur l-ambjent li huma għamlu fuq il-kappella, il-Premju Arun Business of the Year fl- 2007, u l-Premju Sussex Sustainable Business fl-2007-8.

Sandra issa hija sostenitur entużjasta tat-taħriġ, u għamlet iżjed korsijiet. In-netwerking huwa biss wieħed mill-benefiċċji. *"Fin-negozju tal-B&B inti tista' tiżola ruħek,"* hija tirrimarka. *"Dak li hemm sabiħ f'li ddur madwar il-pajjiż u titkellem man-nies. Tista' tiġbor suġġerimenti mingħand ħaddieħor."* Is-sena li għaddiet, l-Old Chapel Forge rnexxielu jikseb rata ta' okkupanza ta' 89%, meta mqabbel ma' medja ta' 54% fir-reġjun b'mod ġenerali.

*"Imxejt triq twila. Meta bdejt it-turiżmu ambjentali hawnhekk, ħafna min-nies ħasbu li kienet xi ħaġa verament stramba. Kienu jibżgħu li għall-kolazzjon kienu se jieħdu biss muesli jew xi ħaġa hekk!"* tgħid, filwaqt li ssostni wkoll li r-riċerka tas-suq turi li l-viżitaturi fir-realtà jistennew standards ġenerali ogħla minn akkomodazzjoni ambjentali.

Il-klijenti tagħha japprezzaw b'mod ċar il-filosofija ta' Sandra. John u Eunice Yates minn Gloucester fil-Punent tal-Ingilterra sabu l-Old Chapel Forge fuq l-internet. *"Ħsibna: 'dan perfett għalina,'"* tgħid Eunice. *"Ma kien jonqosna xejn."*

# Negozju tal-għasel



Qabel ma pparteċipa f'kors ta' taħriġ għal sidien ta' negozju li għadhom jibdew, Normunds Zeps kien mekkanik qiegħed, b'interess fin-naħal u bi preferenza għall-għasel. *"In-naħal itir u jiġbor in-nektar f'raġġ ta' tliet kilometri,"* huwa jispjega. *"Huma għandhom bżonn art biżżejjed, ambjent nadif u trid tieħu ħsiebhom."*

Normunds jgħix f'appartament żgħir f'Kalupe fil-Latvja rurali ma' martu u ż-żewġ uliedu subien, iżda r-razzett jinsab 76km 'il bogħod f'post imsejjaħ Grugules. *"Ommi issa qiegħda tgħix f'dik iż-żona,"* isostni. *"Huwa l-post fejn il-familja tiegħi kisbet xi art meta l-irziezet kollettivi antiki ġew privatizzati."* Wara l-isfaxxar tal-Unjoni Sovjetika fl-1990-91, il-Latvja ddeċidiet li terġa' ddaħħal ir-razzett żgħir tal-familja. L-irziezet kollettivi li qabel kienu proprjetà tal-Istat inqasmu f'ġonot u ċ-ċittadini rċevew krediti li setgħu jintużaw biex jixtru l-art.

Normunds iggradwa mill-kulleġġ agrikolu ta' Viski bħala mekkanik tal-magni. *"Iżda l-ħajja hawn isfel hija ġlieda kuljum,"* huwa jsostni, *"u jista' jkun diffiċli ħafna biex issib xogħol diċenti, anki meta jkollok il-kwalifiki. Ħafna mill-ħin, jiena sempliċement kont nibqa' d-dar u nieħu ħsieb is-subien waqt li l-mara tiegħi tmur taħdem. Iżda kelli wkoll passjoni għat-trobbija tan-naħal. Kont insejjaħlu passatemp, verament, iżda mbagħad ħsibt li għandi mnejn inkun nista' niżviluppah f'negozju."*

## Aktar minn passatemp

B'xhieda ta' inizjattiva tassew, Normunds iddeċieda li jipparteċipa fi proġett kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew. *"Ridt inbiddel is-sitwazzjoni tiegħi,"* isostni. *"Kont naf li ridt nitgħallem aktar dwar in-negozju. Dan il-programm kien qiegħed joffri kors ta' taħriġ b'xejn dwar kif tmexxi intrapriża żgħira, u għalhekk iddeċidejt li nagħmlu."*

Il-FSE jappoġġja familji bit-tfal li jkunu jridu jibdew negozji. Fid-distrett Latvjan ta' Daugavpils fejn jgħix Normunds, żona li għadha s'issa titħabat biex tegħleb deċennji ta' ħakma Sovjetika, tnieda proġett biex jiġi żviluppat l-għarfien dwar kif wieħed jibda negozju u impjieg għal rasu. Is-suġġetti tal-kors kienu jinkludu l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' pjan tan-negozju solidu.

> *"Illum għadna nitħabtu, il-ħajja tibqa' diffiċli, iżda qegħdin nagħmlu suċċess minnha. Kif naraha jien, trid tibqa' miexi 'l quddiem."*

*"Bażikament, kien kulma għandek bżonn tkun taf dwar kif tibda negozju,"* jgħid Normunds, *"u kien kollu b'xejn, anki l-materjal tal-istudju. Hekk kif temmejt il-kors, irreġistrajt ruħi bħala sid ta' negozju żgħir u rġajt bdejt naħdem."*

*"Nibda l-ġurnata f'xi s-6.00 ta' filgħodu,"* jgħid, *"nieħu kikkra kafè u xi ħaġa x'niekol u mbagħad għandi siegħa bil-karozza biex nasal sa ħdejn in-naħal tiegħi."* Normunds ma jgħaddix mit-toroq prinċipali, u hekk jaqsam xi wħud mill-isbaħ pajsaġġi fin-Nofsinhar tal-Latvja. *"Din iż-żona hija storika mhux ħażin,"* isostni. *"Hemm bosta stejjer xi tgħid dwar din l-art."*

Normunds jieħu ħsieb 28 'familja' tan-naħal, billi jsegwi rutina li tinvolvi li jieħu ħsieb strixxa wiesgħa ta' territorju madwar il-qolol. *"Il-ħaxix naqtgħu waqt li n-naħal ikunu reqdin, u nieħu ħsieb it-territorju b'mod ġenerali. Niġi hawnhekk tliet darbiet fil-ġimgħa. Il-jumejn l-oħra nibqa' d-dar mas-subien."*

## Qolla ta' attività

Minbarra l-produtturi tal-għasel, ir-razzett ta' Zeps huwa qolla waħda ta' attività. Normunds jibda kmieni u jibqa' sa tard. Huwa qiegħed jaħdem biex jirrestawra xi binjiet storiċi fil-proprjetà, jaqta' l-injam għal saqaf ġdid għal matmura tal-ġebel. Huwa jkabbar ukoll ħaxix għall-familja u l-ħbieb, f'serer temporanji li bena huwa stess. Meta jkunu jistgħu, il-mara tiegħu u t-tfal imorru sa ħdejh biex jagħtuh daqqa ta' id, iżda fil-biċċa l-kbira għadu jaħdem waħdu.

*"Hawnhekk ma nużawx kimiċi,"* jiftaħar. *"In-naħal jużaw diversi speċi ta' fjuri f'din iż-żona, billi jmorru minn waħda għall-oħra tul il-ġurnata u tul l-istaġuni. Qegħdin inwasslu prodott naturali ħafna u tajjeb għas-saħħa."*

Illum Normunds iqis ruħu bħala koltivatur tan-naħal stabbilit, fejn jipproduċi tunnellata għasel ta' kwalità għolja kull sena, u qiegħed jaħdem iebes sabiex ikabbar in-negozju tiegħu. *"Fadalli ħafna x'nimxi qabel ma nkun nista' nsejjaħ lili nnifsi negozjant ta' suċċess,"* jammetti. *"Li nipprovdi għall-familja tiegħi għadha ġlieda, iżda l-UE tatni bidu tajjeb."*

*"M'hemmx dubju dwar dan – meta bdejt dieħel fin-negozju rrealizzajt kemm tassew kien siewi l-kors ta' taħriġ. Onestament, ħajti ma kienet sejra mkien, u din l-esperjenza għenitni naħseb f'termini prattiċi. Illum għadna nitħabtu, il-ħajja tibqa' diffiċli, iżda qegħdin nagħmlu suċċess minnha. Kif naraha jien, trid tibqa' miexi 'l quddiem. Għamel differenza f'ħajti t-taħriġ li rċevejt? Iva, għamel differenza fil-ħajja tagħna lkoll."*

# Li tibqa' ħieles mill-periklu fir-razzett



*"Ir-razzett huwa post meraviljuż għat-tfal. Għandek il-magni u l-annimali, iżda dawn l-affarijiet jirrappreżentaw ukoll perikli potenzjali."* Hekk issostni *Gaetane Anselme*, li tmexxi razzett żgħir mal-familja tagħha fil-villaġġ ta' Nevraumont fil-Belġju rurali.

Gaetane 'tħalltet' mar-razzett ta' żewġha fl-1986 u malajr tgħallmet is-sigrieti tax-xogħol. Flimkien, il-familja Anselme tipproduċi ħalib frisk u bajd u trabbi l-majjali. Huma jorganizzaw ukoll żjarat edukattivi għat-tfal, fejn joffrulhom l-opportunità li jitgħallmu dwar il-ħajja tar-razzett, u jinvolvu ruħhom biex jieħdu ħsieb l-annimali.

*"Għandna ħafna annimali,"* tgħid Gaetane. *"Għandna kull tip ta' tjur – tiġieġ, papri u wiżżijiet, u għandna wkoll il-baqar, il-majjali… It-tfal iħobbu dan kollu u jitgħallmu ħafna. Aħna nuru lit-tfal kif jaħdem razzett. Ngħallmuhom ukoll jirkbu fuq dahar iż-żiemel u jitgħallmu daqsxejn dwar l-istorja taż-żona, dwar prattiċi tal-biedja u l-wirt rurali. Hija verament esperjenza sħiħa li naħsbu li tressaqhom eqreb lejn l-għeruq tagħhom."*

Il-koppja Anselme tilqa' tfal ta' kull età fir-'razzett edukattiv' tagħhom. *"Huma jiġu miż-żona lokali u minn bliet imbiegħda bħal Brussell u Antwerp,"* tgħid Gaetane. *"Ħdimna ma' tfal tal-iskola u ma' gruppi oħrajn, individwi, tfal b'diżabilitajiet, u anki għalliema futuri tal-iskejjel primarji."*

## L-annimali huma imprevedibbli

Li niżguraw li ħadd ma jkun fil-periklu hija prijorità ovvja, hija ssostni, iżda li taħdem ta' kuljum fl-istess ambjent jagħmilha ħaġa faċli li ma tindunax bir-riskji potenzjali. *"Il-mistednin tagħna jistgħu joqogħdu ġurnata waħda biss jew jistgħu jqattgħu diversi ġranet. Għandna varjetà ta' akkomodazzjonijiet għall-mistednin tagħna. Jistgħu jingħaqdu magħna anki familji. Hemm ħafna affarijiet x'tikkunsidra meta jkollok nies fil-post li jistgħu ma jkunux familjari mal-ambjent tar-razzett. Għandna ħafna għodod u makkinarju mxerrdin madwar il-post, u l-annimali, għalkemm domestikati, jistgħu jkunu imprevedibbli."*

Gaetane riedet tkun ċerta li qiegħda tagħmel dak kollu possibbli biex tkun ċerta mis-sigurtà tat-tfal li jkun hemm fir-razzett. *"Aħna tant drajna r-razzett,"* issostni, *"li jiena ċerta li hemm ħafna affarijiet li ma kontx qiegħda naħseb dwarhom jew ninnota – perikli potenzja-*

*"Illum tassew nemmen li aħna lkoll iżjed sikuri: jiena stess u l-familja tiegħi, u t-tfal u l-viżitaturi l-oħra li jkunu magħna."*

*li."* Għaldaqstant, f'Lulju 2007, hija ddeċidiet li titlob l-għajnuna. Il-programm Preventagri, kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew, bagħat tim ta' spetturi, mingħajr ħlas, biex jagħtu daqqa t'għajn ġdida lejn ir-razzett, u jissuġġerixxu l-aħjar modi kif jiġu evitati l-inċidenti.

## Għarfien tal-perikli

Permezz ta' Preventagri, il-Fond Soċjali Ewropew jipprovdi konsulenza u taħriġ immirati sabiex inaqqsu r-riskji tas-saħħa u s-sigurtà relatati mal-post tax-xogħol. Meta jintalab, tim ta' spetturi jmur jeżamina l-faċilitajiet tar-razzett, sabiex jiċċekkja aspetti tas-sigurtà u jiġbed l-attenzjoni dwar il-perikli li jista' jkun hemm. Huma mbagħad jistgħu jinfurmaw lill-bdiewa dwar il-miżuri li jkollhom bżonn jieħdu biex jevitaw l-inċidenti. Il-proġett joffri wkoll konferenzi u korsijiet ta' taħriġ relatati mas-sigurtà.

*"It-tim ta' spezzjoni ġie u qagħad ġurnata sħiħa,"* tispjega Gaetane. *"Tabilħaqq eżaminaw kollox, affarijiet li ma kinux jiġuni f'moħħi, fosthom fejn taħżen l-għodda tar-razzett, il-bramel u saħansitra l-ġugarelli, jew kif tagħżel l-annimali t-tajba għall-wirjiet."*

Hija tgħid li waħda mill-attivitajiet favoriti tat-tfal hija li jitgħallmu kif jaħilbu baqra. *"Il-baqar tagħna jafuna sewwa u huma rilassati u komdi meta nkunu madwarhom, iżda xi wħud minnhom jistgħu jsiru nervużi ma' nies li ma jafuhomx u speċjalment mat-tfal żgħar. L-ispetturi ġibdulna l-attenzjoni dwar din il-ħaġa."*

*"Nista' ngħid li din l-inizjattiva għenitna nwasslu l-aħjar servizz u l-aktar esperjenza sikura lill-mistednin żgħar tagħna,"* issostni Gaetane. *"Iva, sibtha utli ħafna. Bis-saħħa tal-programm, inbidel il-mod kif naraw l-ambjent tar-razzett, u llum tassew nemmen li aħna lkoll iżjed sikuri: jiena stess u l-familja tiegħi, u t-tfal u l-viżitaturi l-oħra li jkunu magħna."*

# Negozju tal-kostruzzjoni jeħtieġ sisien sodi




*"Ħdimt iebes biex noħloq in-negozju tiegħi mix-xejn. Madankollu, meta kont kważi tlift kollox, jiena rrealizzajt li kelli bżonn nagħmel xi bidliet kbar,"* jgħid José Salmerón Guindos.

Dan ir-raġel ta' 47 sena jmexxi negozju ta' daqs medju li qiegħed jikber b'pass imgħaġġel, il-Grupo Salmerón, li jispeċjalizza f'xogħol tal-ħadid u prodotti u servizzi tal-bini. Huwa u jieħu l-kolazzjon ħdejn il-pixxina fil-villa tiegħu fil-kampanja, José jidher tabilħaqq in-negozjant li għamel suċċess.

Madankollu, it-triq tiegħu lejn is-suċċess mhux dejjem kienet waħda lixxa. Huwa trabba u kiber fir-reġjun sabiħ selvaġġ qrib Sierra Nevada. Bin bdiewa modesti, il-ħajja bikrija tiegħu kienet iebsa. *"Meta kont tifel, kulma kien ikollna fil-platt jew fid-dar kien jiġi mir-raba' jew mill-annimali ta' fuqu,"* huwa jsostni, *"lanqas biss kell-na elettriku sakemm kelli 15-il sena."*

Għalkemm il-ġenituri tiegħu riduh ikompli bil-biedja, José kellu ħsibijiet oħra. *"Rajt li l-ġenituri tiegħi ma mxewx 'il quddiem. Ridt nipprova mod differenti kif ngħix u naqla' l-flus."* Huwa telaq mill-iskola ta' 14-il sena mingħajr kwalifiki formali. Madankollu, billi kien bieżel u kapaċi jadatta, huwa medd idu għal bosta tipi ta' xogħlijiet – fir-raba', fil-militar, mal-annimali u fil-bini. Eventwal-ment, huwa skopra li kellu ħila għax-xogħol tal-metall u tgħallem kif jiwweldja.

Fl-1983, bi flus li huwa ssellef mingħand ħbieb u qraba tiegħu, huwa beda l-fabbrika tiegħu stess li tagħmel trejlers tal-karozzi u apparat tal-bini. Fil-bidu huwa kien jopera minn bini żgħir ta' 20m$^2$ u, flimkien ma' martu Concepción, kien jieħu ħsieb l-aspetti kollha tan-negozju. Fl-ewwel snin, madankollu, il-progress kien wieħed instabbli, jilgħab. *"Ma konniex immexxuh tabilħaqq bħala negozju. Ngħid il-verità, lanqas biss konna nafu verament x'inhu ne-gozju,"* jiftakar José. *"Ħafna drabi daqqa tiġi tajba u daqqa ħażina."* In-negozju ġarrilhom ħajjithom hekk kif huma assumew rwol di-rett fl-operazzjonijiet kollha. *"Kont naħseb li stajt nagħmel kollox waħdi,"* isostni.

## Il-bidla deċiżiva

Imbagħad ġiet il-kriżi. Huma tilfu l-akbar klijent tagħhom u l-kumpanija kienet fix-xifer tal-falliment. Wara li kien investa tant

*"Tgħallimt li l-aktar ħaġa importanti f'negozju huma n-nies. Jiena tassew kburi bit-tim li bnejna."*

fin-negozju, José waqa' f'dipressjoni qawwija. *"Għal madwar sena u nofs, l-attività fin-negozju niżlet tista' tgħid għal xejn,"* huwa jsostni.

Huwa mar jara psikologu u l-affarijiet bdew jinbidlu għall-aħjar – kemm personalment kif ukoll professjonalment. It-terapista ssuġġerixxa li taħriġ dwar in-negozju seta' jbiddel il-mod kif José kien imexxi l-kumpanija u hekk itaffi l-pressjoni. Għalhekk huwa ħa kors għall-intraprendituri li kien kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew u mmexxi mill-Iskola tan-Negozju EOI. Il-kors jagħti lill-intraprendituri pariri u taħriġ dwar kif itejbu l-kumpaniji tagħhom u jkabbru s-swieq tagħhom, permezz ta' prattiċi innovattivi u titjib fin-netwerking.

Huwa kien student mimli entużjażmu. *"Il-kors inizjali tiegħi suppost li dam 500 siegħa. Naħseb li għamilt xi 1000,"* jgħid bid-daħka. *"Wara l-lezzjonijiet kont niġri wara l-għalliema tiegħi fil-kurituri u nagħmlilhom ħafna mistoqsijiet."*

It-taħriġ biddillu l-mod kif jaħsibha dwar in-negozju. *"Tgħallimt li biex tmexxi negozju mhuwiex biżżejjed li tkun tajjeb f'xogħlok. Tista' tkun l-aħjar ħaddiem, iżda dak ma jfissirx li inti se tkun l-aħjar maniġer. Biex tmexxi kumpanija, għandek bżonn it-taħriġ,"* isostni. José applika dak li tgħallem waqt il-kors għan-negozju tiegħu u bidel il-mod li kien jopera, billi daħħal persunal speċjalizzat u proċessi ġodda. *"Kont kapaċi npoġġi fil-prattika dak li kont qiegħed nitgħallem,"* isostni. *"Mill-ewwel rajt ir-riżultati."*

## Trasformazzjoni

In-negozju issa espanda u qiegħed jikber b'pass imgħaġġel. Matul dawn l-aħħar seba' sa tmien snin, l-impjegati rduppjaw għal iżjed minn 70 ħaddiem full-time. Mill-2005 'l hawn kien hemm erba' taqsimiet fil-grupp – li jieħdu ħsieb il-manifattura tat-trejlers u oġġetti dekorattivi żgħar tal-metall; il-proprjetà ta' beni immobbli u l-ġestjoni tal-proprjetà; proġetti ta' inġinerija fuq skala akbar bħall-oqfsa għal ċentri kummerċjali jew fabbriki; u distributur għal affarijiet tal-aluminju bħal bibien tal-garaxxijiet, frejms jew poġġamani.

Id-dħul annwali tal-kumpanija issa huwa ta' madwar €10 miljuni u hemm pjanijiet biex fit-tliet snin li ġejjin il-kumpanija tirdoppja. Madankollu, huwa jinsisti li l-flus mhumiex il-motivazzjoni prinċipali tiegħu. *"L-għan prinċipali tiegħi huwa li nagħmel l-affarijiet sewwa u nittama li kumpaniji oħrajn jistgħu jitgħallmu mill-esperjenzi tiegħi u japplikaw il-metodi tiegħi."*

Wara l-esperjenzi pożittivi tiegħu José issa sar xandar dwar it-taħriġ li issa sar ċentrali għall-kumpanija. Li jgħin lill-komunità u lir-reġjun fejn għex ħajtu kollha hija prijorità oħra. *"Aħna nippreferu li nimpjegaw nies miż-żona lokali. Jekk ikollhom taħriġ bażiku, huma jistgħu jitgħallmu aktar b'għajnuna minn hawn ġew stess u jinvolvu ruħhom fin-negozju."*

*"Tgħallimt li l-aktar ħaġa importanti f'negozju huma n-nies. Jiena tassew kburi bit-tim li bnejna. Flimkien aħna ppreparati għall-ġejjieni…irrispettivament minn dak li se jippreżenta,"* huwa jsostni. *"Għandi dak li ma stajtx noħlom dwaru. Ma stajtx noħlom dwaru għax ma kontx naf li jeżisti."*

# Bini ta' futur rurali



It-tkabbir tal-frott ilu għal ġenerazzjonijiet sħaħ il-pilastru taż-żoni rurali tal-Kontea ta' Dâmboviţa fil-Lvant tar-Rumanija. Il-karatteristiċi ġeografiċi tar-reġjun – il-ħamrija, il-klima u x-xita – huma ideali għal din it-tip ta' biedja. Madankollu l-kundizzjonijiet ekonomiċi mhumiex daqshekk favorevoli.

Bosta żgħażagħ miż-żona qegħdin jabbandunaw il-ħajja tal-kampanja u jmorru fl-ibliet u fl-irħula. Iżda Florin Istrate huwa abitant tal-post li qiegħed jirreżisti din it-tendenza. Huwa kburi bir-reġjun fejn għex għal ħajtu kollha u qiegħed jaħdem bil-qawwa sabiex itejjeb is-sitwazzjoni għalih u għal ħaddieħor.

Bin bdiewa li kienu jkabbru l-frott fuq skala żgħira, huwa tgħallem kif jaħdem ir-raba' minn età żgħira. *"It-tkabbir tal-frott kien l-aktar ħaġa importanti f'din iż-żona għal ġenerazzjonijiet sħaħ. Kienet ħaġa naturali għalija li nkompli dan ix-xogħol,"* jgħid dan il-bidwi ta' 39 sena. *"Din hija waħda mill-ftit żoni fejn it-tkabbir tal-frott għadu qiegħed jiżviluppa. Qegħdin indaħħlu metodi ġodda u jiena rrid inkun parti minn dan l-iżvilupp."*

Wara li huwa eventwalment ħa f'idejh ir-razzett tal-familja, huwa xtara aktar raba' u ħawwel aktar għelieqi bis-siġar tal-frott – l-aktar tuffieħ u xi siġar tal-lanġas. *"Bħalissa nipproduċu xi 70 tunnellata tuffieħ fis-sena,"* isostni, filwaqt li żied li fil-ġejjieni huwa ried jespandi aktar.

Iżda l-biedja waħedha mhijiex biżżejjed sabiex tipprovdi għajxien għalih, għal martu u għal ibnu ta' 10 snin. Huwa uża l-għerf u l-esperjenza tiegħu fis-settur sabiex isir assessur tal-assigurazzjonijiet agrikoli. *"Meta l-intermedjarji tal-assigurazzjonijiet ibigħu poloz lill-bdiewa, jiena nikkontrolla li kollox ikun sewwa,"* huwa jsostni. *"Jeħtieġ li jkollok għarfien speċjalizzat tal-biedja u l-kuntatti lokali."*

## Teħid tal-inizjattiva

Florin għandu wkoll rwol ewlieni fl-għaqdiet reġjonali u nazzjonali tal-bdiewa, u huwa Viċi President tal-federazzjoni nazzjonali Rumena tan-negozju agrikolu, AGROSTAR. Huwa involut f'bosta attivitajiet li qegħdin jippruvaw jiżviluppaw ir-reġjuni u jgħinu lill-bdiewa żgħar joħolqu għajxien vijabbli għalihom infushom. *"Irrid nikkonvinċi lin-nies biex ma jitilqux. Ngħidilhom kif jiżviluppaw in-negozji tagħhom,"* isostni.

*"Din hija waħda mill-ftit żoni fejn it-tkabbir tal-frott għadu qiegħed jiżviluppa. Qegħdin indaħħlu metodi ġodda u jiena rrid inkun parti minn dan l-iżvilupp."*

*"Qed naħdem biex niġbor flimkien il-bdiewa li jbigħu l-istess prodott biex jaħdmu f'kooperattivi,"* jissokta. *"Fil-preżent, il-produzzjoni tagħna hija kbira iżda m'għandniex il-kundizzjonijiet tajba biex naħżnu u nippakkjaw il-frott. Irrid intejjeb dan."*

F'dawn l-aħħar snin, Florin żar postijiet oħrajn fl-Ewropa. *"Għaddejjin bi proġett ma' msieħba mir-Reġjun tal-Galizja fi Spanja,"* isostni. *"Rajna kif imexxu n-negozji tagħhom hemmhekk u qegħdin norganizzaw taħriġ sabiex inxerrdu dan l-għerf."* Is-suġġetti li jittrattaw huma l-ħażna, l-ippakkjar u n-negozjar mas-supermarkets. *"Rajt li l-kundizzjonijiet naturali tagħna forsi huma aħjar minn ta' Spanja, iżda ma nistgħux nużawhom. Għandna problemi bl-infrastruttura tagħna – pereżempju n-netwerks tat-toroq,"* jispjega.

## Taħriġ

Fil-bidu tal-2009, huwa sar il-koordinatur reġjonali ta' proġett sabiex tiġi żviluppata aktar din iż-żona rurali. L-inizjattiva, kofinanzjata mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew, tipprovdi taħriġ u informazzjoni lill-komunità. L-għan tagħha huwa li tgħin lin-nies iżidu d-dħul tagħhom mill-biedja u jespandu f'setturi oħra.

*"Il-proġett jgħin lill-bdiewa jiżviluppaw minn li jkabbru sempliċement għalihom infushom għal li jbigħu l-prodott tagħhom u jibnu negozji,"* jgħid Florin. Sa 750 bidwi minn erba' żoni fir-Rumanija sejrin jattendu għal diversi korsijiet, fuq perjodu ta' tliet snin. Il-moduli jiffokaw fuq ħames suġġetti:

- L-iżvilupp ta' negozji artiġjanali;
- It-trasport u d-distribuzzjoni tal-prodotti agrikoli;
- Il-lukandi u l-iżvilupp ta' negozji tat-turiżmu rurali;
- L-iżvilupp ta' negozji tal-kaċċa u s-sajd;
- L-iżvilupp ta' servizzi għall-welfare soċjali.

Florin għandu stennijiet kbar li x-xogħol iebes se jħalli l-frott. *"Qiegħed nittama li fi żmien ħames snin hawnhekk ikollna sitwazzjoni kompletament differenti,"* jikkonkludi. *"Il-missjoni tiegħi hija li ngħin l-akbar numru possibbli ta' nies, sabiex jiżviluppaw iż-żona u l-infrastruttura tagħha."*

Ħiliet ġodda

# Ċans ieħor, karriera ġdida



*Marie Therese Vella* għaddiet il-maġġoranza tal-ħajja adulta tagħha trabbi liż-żewġ uliedha fl-Iklin, villaġġ relattivament modern fiċ-ċentru ta' Malta. Meta dawn kibru u bdew imorru l-iskola, hija kellha aktar ħin xi tqatta' fuq it-tpinġija u l-fotografija, liema passatempi kienet ilha tipprattika b'tant passjoni minn żmien twil qabel, iżda issa hija riedet ukoll li tkun produttiva u tibda taqla' ftit flus. Wara li għaddiet bosta snin fid-dar, hija ma kinitx ċerta minn fejn kellha tibda.

*"Meta kont iżgħar, kont naħdem bħala assistenta f'uffiċċju ta' nutar,"* tispjega, *"iżda kelli nieqaf minħabba li l-prijorità tiegħi dak iż-żmien kienet il-familja. It-trobbija tat-tfal hija esperjenza mill-isbaħ u importanti. Għandi żewġt itfal stupendi. Binti waslet biex ittemm l-istudji tagħha fl-edukazzjoni għolja u ibni diġà qiegħed jistudja d-disinn fl-Istitut tal-Arti u d-Disinn fil-Mosta. Kienet xi ħaġa tassew pjaċevoli u sabiħa li kelli ċ-ċans inkun ġenitur, iżda malli t-tfal bdew jikbru u saru aktar indipendenti, jiena bdejt inħoss li kien hemm xi ħaġa nieqsa f'ħajti. Ridt li nerġa' lura fid-dinja tax-xogħol."*

## Lura f'posti

L-Iskema ta' Espożizzjoni għat-Taħriġ u l-Impjiegi (TEES), koiffinanzjata mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew, offriet lill-persuni qiegħda ta' 'l fuq minn 40 sena madwar Malta programm ta' taħriġ fuq tliet fażijiet, inkluż ħidma fuq ħiliet prinċipali, ittestjar għall-kapaċitajiet, ħiliet għall-ħajja, sessjonijiet speċifiċi ta' taħriġ intensiv u espożizzjoni għax-xogħol biex jgħinuhom jidħlu lura fil-forza tax-xogħol.

*"Naħseb li kont smajt dwar it-TEES fuq it-televiżjoni,"* tgħid Marie Therese. *"Kienet għaddejja kampanja kbira ħafna; fuq il-kartelluni fit-toroq u fuq ir-radju, kampanja li kienet qiegħda ssir madwar il-gżira kollha."*

Il-korsijiet tat-TEES kienu jinkludu sessjonijiet immirati biex jagħtu lill-parteċipanti intuwizzjonijiet ġodda fil-motivazzjonijiet u l-ħtiġijiet personali tagħhom, ir-raġunijiet għala riedu jaħdmu u x'riedu jagħmlu. *"L-integrazzjoni mill-ġdid kien kunċett importanti għalina waqt dan it-taħriġ,"* tgħid Marie Therese. *"Kellna lezzjonijiet tal-kompjuter u tgħallimna ħiliet fil-maniġment u f'suġġetti oħrajn relatati, iżda kienet il-ħidma mal-psikoloġi li verament kienet*

*“Intbaħt li jiena ridt nerġa’ nsir parti mid-dinja, li ridt naħdem man-nies u nkun ta’ ġid għal xi ħadd.”*

*qiegħda ġġegħelna naħsbu. Intbaħt li jiena ridt nerġa’ nsir parti mid-dinja, li ridt naħdem man-nies u nkun ta’ ġid għal xi ħadd.”*

## Il-qsim tal-piż

L-iskema TEES għenet lil Marie Therese ssib min iħaddimha. *“Wara xahrejn fil-kors, bdejt naħdem mal-Fondazzjoni Temi Zammit,”* hija tispjega. *“Huma kienu jħallsu nofs il-paga tiegħi, filwaqt li n-nofs l-ieħor kien jitħallas mill-iskema ta’ taħriġ. Wara li għaddew sitt xhur oħra, TZF impjegatni bħala impjegata matura.”*

Għaddew tliet snin u Marie Therese għadha qiegħda taħdem għal TZF, illum il-ġurnata bħala senior executive, tippjana u timplimenta proġetti internazzjonali mmirati biex jgħinu lin-nies u biex jinkoraġġixxu u jixprunaw l-iżvilupp reġjonali. Wieħed mill-proġetti riċenti tagħha kien jinvolvi t-tlaqqigħ ta’ żgħażagħ minn Malta u minn madwar l-UE għal ‘Parlament Ewropew taż-Żgħażagħ’ li sar fil-belt ta’ Venezja.

*“Jiena nieħu gost ħafna nagħmel dan ix-xogħol,”* tgħid. *“U naħseb li hemm ukoll vantaġġi ċari għal dawk il-kumpaniji u organizzazzjonijiet li jkunu jridu jimpjegaw persuni akbar fl-età: ‘persuni ta’ aktar minn 40 sena’ bħali. Aħna għandna l-esperjenza u kapaċi nieħdu deċiżjoni, u għandna ħafna enerġija.”*

## Aġġustamenti u premjijiet

Marie Therese xorta għadha tqatta’ ħin biżżejjed tieħu ħsieb il-familja tagħha, iżda r-responsabbiltajiet ġodda tagħha bħala omm li toħroġ taħdem ifissru li uliedha kellhom jagħmlu xi konċessjonijiet. *“Huwa veru li llum il-ġurnata ninsab inqas disponibbli għat-tfal tiegħi, iżda issa huma kbar u ma għadx għandhom bżonni daqs qabel, u wara kollox jafu li jiena qiegħda naħdem għalihom ukoll.”*

*“Fix-xogħol tiegħi jiena niltaqa’ ma’ ħafna nies. Naħdem ma’ msieħba internazzjonali, ikolli x’naqsam ma’ proġetti differenti minn ġimgħa għal oħra, u saħansitra jkolli ċans insiefer fuq xogħol. Qatt ma ħsibt li ser inkun qiegħda nagħmel dan it-tip ta’ xogħol, u fil-fatt dan qatt ma seta’ jseħħ mingħajr il-programm ta’ taħriġ tal-iskema TEES u l-Fond Soċjali Ewropew.”*

# Is-soluzzjonijiet għall-problemi jkunu aktar sempliċi bi ftit appoġġ




*"Dan huwa l-impjieg ideali għalija, għaliex nieħu gost naħdem waħdi. Naf x'irrid nagħmel, u ma hemm ħadd jagħtini l-ordnijiet. Dejjem nipprova nagħmel xogħli bl-aħjar mod li nista', u nemmen li rnexxieli nikseb ir-rispett tal-kollegi tiegħi."*

*Andreas Apatzidis* huwa mimli entużjażmu u enerġija qawwija. Waqt li kien irrilassat fix-xemx ta' Ċipru, huwa tkellem dwar id-doveri tiegħu bħala sewwieq li jwassal kunsinni għall-kumpanija Zorbas, li hija involuta fil-kummerċ bl-imnut tal-ikel u prodotti relatati mat-tisjir fl-ifran. *"Meta n-nies jistaqsuni biex nagħti l-għajnuna tiegħi jew biex nagħmel xogħol addizzjonali dejjem naċċetta. Għandi relazzjoni tajba wkoll ma' dawk ta' fuqi. Xi drabi nkun waħdi l-ġurnata kollha, iżda jien nagħmel xogħli u mbagħad immur id-dar, u hekk inħossni kuntent ħafna. Minix lest ningħalaq fl-istess post kuljum u l-ġurnata kollha."*

Andreas għadda minn triq twila biex wasal sa hawnhekk. Fl-1995, mill-belt nativa tiegħu ta' Thessaloniki, fil-Greċja ġie fil-belt ta' Larnaka f'Ċipru. Hawnekk, huwa għamel kors ta' studju fiż-żamma tal-kotba tan-negozju qabel kompla fis-servizz militari għal tliet snin. Meta ħalla l-armata, huwa sabha bi tqila biex jissetilja f'impjieg addattat għalih, avolja kellu d-diploma. Għalhekk, meta qara f'gazzetta li Ċipru kien qiegħed jirrekluta voluntieri għal mal-forzi armati tiegħu, huwa nkiteb u ffirma għal mandat ta' ħames snin.

F'Ċipru, Andreas iltaqa' mal-mara tiegħu Helen – huma żżewġu fl-1999. Hija diġà kellha żewġ ulied bniet, Maria u Georgina, u l-koppja ma damux ma kellhom żewġt itfal oħra tagħhom, Giannis ta' 9 snin u Andrea ta' 4 snin. Wara li ntemmlu l-kuntratt tiegħu fl-armata, Andreas beda jaħdem ma' kumpanija tal-enerġija. Iżda billi Andreas kien l-unika persuna li kienet qiegħda taqla' l-flus biex tgħajjex familja ta' sitta, meta f'daqqa waħda sab ruħu bla xogħol, iż-żminijiet għalih u għall-familja tiegħu saru tabilħaqq diffiċli ħafna.

## Ir-responsabbiltajiet tal-familja

Andreas kien tilef il-fiduċja fih innifsu. *"Mentalment kont qiegħed inħossni ħażin ħafna,"* jistqarr. *"Lanqas biss ridt immur għall-intervisti tax-xogħol. Iżda mbagħad smajt dwar programm għal persuni bi problemi, appoġġjat mill-Unjoni Ewropea. Mort id-dipartiment tas-servizzi tal-assistenza soċjali u għedtilhom li kelli bżonn l-għajnuna.*

*"Grazzi għall-programm jien sirt aktar kalm. Ma bqajtx inħoss li kulħadd kien kontrija, jew li kienu qegħdin jitkellmu dwari minn wara dahri. Ħassejtni soċjalment aċċettat."*

*Ridt naqla' l-flus biex ikolli x'nipprovdi għall-familja tiegħi."* F'Lulju 2006, Andreas beda l-iskema għal Taħriġ Vokazzjonali u l-Promozzjoni tar-Riċevituri tal-Assistenza Pubblika għall-Impjiegi, li hija kofinanzjata permezz tal-Fond Soċjali Ewropew. *"Din kienet l-aqwa ħaġa li qatt ġratli f'ħajti,"* jgħid. *"Ħajti nbidlet totalment."*

Il-programm kien jinkludi kors ta' taħriġ maqsum f'żewġ partijiet: ġimagħtejn ta' tagħlim ta' ħiliet professjonali u kif issolvi l-problemi, segwiti minn ġimagħtejn ta' tagħlim tat-teknoloġija tal-informatika f'Nikosija. *"Il-kors kien maħsub biex l-individwu jsir jaf lilu nnifsu aħjar, u jitgħallem kif għandu jittratta sitwazzjonijiet differenti fuq il-post tax-xogħol. F'dak iż-żmien, il-familja kollha kienet tassew stressjata u nervuża. Iżda grazzi għall-programm, jien stajt insir aktar kalm. Tgħallimt inġib ruħi aħjar man-nies – ma bqajtx irrabjat. Ma bqajtx inħoss li kulħadd kien kontrija, jew li kienu qegħdin jitkellmu dwari minn wara dahri. Ħassejtni soċjalment aċċettat."*

Għal Andreas kienet esperjenza bħallikieku sejjer lura l-iskola, u għad għandu l-kotba li studja minnhom. Fl-aħħar tal-kors, il-programm ħa ħsieb id-dħul tiegħu sakemm il-ħaddiema soċjali għenuh japplika għall-postijiet tax-xogħol battala. L-ewwel impjieg li sab kien fuq linja tal-produzzjoni ġo fabbrika, u Andreas kien jaf li dan ix-xogħol ma kienx jgħodd għalih. *"Meta għedtilhom li x-xogħol ma għoġobnix, huma ma qalulix li kelli nagħmlu bilfors,"* jirrikonoxxi bi gratitudni. Finalment, f'Mejju 2007, huwa beda jaħdem ma' Zorbas, u minn dakinhar qatt ma ħares lura. Huwa japprezza l-indipendenza li joffri x-xogħol tiegħu, u l-fiduċja li juruh dawk li jħaddmuh.

Matul l-ewwel sena, huwa kompla jirċievi kemm appoġġ finanzjarju kif ukoll morali. Għal sitt xhur, persunal mill-programm, kif ukoll nies mid-dipartiment tal-persunal tal-kumpanija, baqgħu jżuruh regolarment biex jaraw kif kien sejjer f'xogħlu u jaraw jekk kellux xi problemi. Kemm hu stess, kif ukoll min impjegah, imlew kwestjonarji dwar il-progress tiegħu.

## Ix-xogħol ta' kuljum

Sa issa, Andreas tgħallem ix-xogħol sewwa. Huwa jqum kuljum fl-erbgħa ta' filgħodu biex isuq id-distanza ta' għaxar minuti sal-bini tal-kumpanija. Hemmhekk, l-ewwel li jrid jagħmel hu li jgħabbi t-trolis tal-ikel li jkollu mħejjija fil-vann tiegħu u jwassalhom fil-ħwienet bejn Larnaka u Nicosia. Huwa jerġa' lura fil-fabbrika sat-8 ta' filgħodu biex jiddiżinfetta l-vettura tiegħu u jerġa' jgħabbi aktar dixxijiet bl-ikel għal vjaġġ ieħor ta' tqassim fil-ħwienet. Huwa jċempel fl-istess ħwienet biex jiġbor it-trolis vojta u mbagħad jerġa' lura għal darba oħra fil-bini tal-kumpanija. It-traffiku ta' Nicosia jfisser li huwa rari jasal lura sa nofsinhar, il-ħin li fih tintemm il-ġurnata tax-xogħol uffiċjali tiegħu, iżda dan il-fatt xejn ma jdejqu. Huwa ġieli jibqa' fuq il-post tax-xogħol jekk ikun fadal xi jsir, u jistqarr li l-ħlas tas-sahra jkun utli ħafna għall-familja. Huwa jista' wkoll jagħżel li jidħol jaħdem nhar ta' Ħadd u ma jidħolx jaħdem għal xi sigħat matul il-ġimgħa, opportunità li tagħtih iċ-ċans jevita t-traffiku qawwi tal-ġranet ta' matul il-ġimgħa. Ix-xogħol tiegħu jlaqqgħu ma' ħafna nies, u huwa jieħu gost jgħid kelmtejn ma' dawk li jaħdmu fil-ħwienet.

Dawk li jħaddmu lil Andreas japprezzaw kemm il-ħidma tiegħu, kif ukoll il-programm li bagħtu magħhom. *"Din hija skema tajba ħafna, għaliex hemm kontribuzzjoni mill-gvern,"* jgħid Zacharias Joannou, il-Maniġer tar-Riżorsi Umani ta' Zorbas. *"Min iħaddem jeħtieġ motiv biex jassisti lin-nies."*

Lura d-dar, fl-appartament kumpatt tal-familja, fl-ewwel sular, Andreas jgħix fil-ġabra flimkien ma' martu u t-tfal tagħhom. Huwa jiċċekkja biex ikun żgur li Giannis – li jkollu ħerqa kbira biex ifittex joħroġ jilgħab il-futbol ma' ħbiebu – ikun lesta x-xogħol skolastiku tad-dar. *"Kien żmien diffiċli ħafna meta Andreas ma kienx jaħdem,"* tirrifletti Helen. *"Il-kors għenu jsir jaf lilu nnifsu aħjar, u b'hekk nbidel. Ma għadux iħossu ħażin dwaru nnifsu. Ir-rabja hija parti mill-ħajja, iżda issa jaf kif għandu jittratta din il-problema."*

*"Nafu li m'aħniex weħidna,"* iżżid tgħid. *"Hemm min lest jagħti l-għajnuna, anki jekk aħna għandna problema familjari – hemm xi ħadd li tista' titkellem miegħu u li lest jisimgħek. Illum il-ġurnata sejrin tajjeb ħafna. Il-programm kien miraklu."*

# Ħaddiem tajjeb jirbaħ rikonoxximent formali



Zsolt Korcz iħobb jaħdem. *"Jien iffissat fix-xogħol,"* huwa jammetti. Kemm jekk ikun qiegħed jiżbogħ l-appartament tiegħu bi lwien vivaċi, jieħu ħsieb is-subien żgħar tiegħu jew jagħmel il-faċendi tad-dar, huwa dejjem għandu bżonn iżomm ruħu attiv. Minn mindu telaq l-iskola fl-età ta' 14-il sena, Zsolt dejjem ħadem iebes. Huwa ġej minn familja kbira f'Zalaegerszeg, l-Ungerija – wieħed minn 12-il wild – u l-ġenituri tiegħu kellhom bżonn id-dħul finanzjarju li setgħu jipprovdu hu u t-tliet ħutu subien. *"Missieri ma setax jaqla' flus biżżejjed,"* jispjega.

Zsolt beda bħala apprendist ta' mastrudaxxa, u minn hemm 'il quddiem għadda għal impjiegi każwali fil-biedja tat-tjur u ta' prodotti magħmula mill-ħalib. Wara li serva fis-servizz militari, fl-1994 huwa ħa s-sengħa tal-bini, billi beda jpoġġi l-brikks u jiżbogħ. *"F'ħajti għamilt ħafna xogħlijiet,"* isostni. *"Għamilt kwalunkwe xogħol li kien disponibbli."*

Fl-2003, hu u s-sieħba tiegħu Aniko bdew jgħixu flimkien, u s-sena ta' wara twieled l-ewwel tifel tagħhom David. Kien hawn li *Zsolt* beda jinkwieta dwar id-dħul finanzjarju tiegħu. *"Jien ma kelli ebda kwalifika, għalhekk għalkemm kont qiegħed naħdem fil-qasam tal-bini, ma kontx qiegħed nieħu l-ħlas li kien jixraqli, u ma kelli ebda sikurezza,"* jispjega. Bħala ħaddiem bla sengħa, jgħid li huwa kien qiegħed jieħu lura d-dar nofs il-paga ta' ħaddiem tas-sengħa.

## Lura l-iskola

Zsolt kien diġà qiegħed iżur iċ-ċentru lokali tal-impjiegi regolarment biex ifittex kuntratti ġodda. Kien hemmhekk fejn huwa sema' dwar il-Fondazzjoni tal-Iskola tal-Ewwel Produzzjoni Ungeriża-Daniża, li ġiet stabbilita f'Zalaegerszeg 15-il sena ilu. Għall-ewwel huwa warrab l-idea li jkompli jistudja, billi beża' li issa kien nesa kif jitgħallem u jdaħħal f'moħħu, iżda Aniko rnexxilha tipperswadih biex jidħol għal din l-avventura. F'Ġunju 2006, huwa beda kors ta' sena fuq bażi full-time li kien imfassal biex jgħin lil dawk iż-żgħażagħ bla xogħol u lil persuni soċjalment żvantaġġjati biex jiksbu kwalifiki professjonali, flimkien ma' ħiliet soċjali u edukattivi. Kien hemm sitta u tletin parteċipant li rċevew taħriġ fis-sengħa tal-bini, fit-tisjir jew bħala ħaddieda li jagħmlu tiswija ta' katnazzi u serraturi, permezz ta' proġett kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew. Il-miri stabbiliti għan-nisa u r-Roma assiguraw li 30% tal-istudenti kienu ġejjin minn komuni-

*"Issa nista' nuri li jien bennej ikkwalifikat u qiegħed naħdem ħafna. Inħossni kburi b'xogħli, u ċ-ċertifikat jagħmel differenza reali."*

tajiet bi sfond ta' Roma. Ħamsa u tletin minn dawn il-parteċipanti msemmija temmew il-kors b'suċċess, u eventwalment 31 minnhom sabu wkoll impjieg.

Kontra dak illi fil-fatt kien qiegħed jistenna, Zsolt sab li huwa ħa gost b'kull mument ta' din l-esperjenza. *"Kont għal qalbi, qatt ma fallejt ġurnata, u xogħli kien tajjeb ħafna. Bosta drabi kont inkun aħjar u ngħaġġel aktar mill-kollegi tiegħi minħabba li jien kelli l-esperjenza. It-tagħlim tal-ħiliet soċjali kien ukoll tassew utli. L-għalliema tawni attenzjoni personali, u kull meta kelli xi mistoqsijiet huma dejjem weġbuhom. Qatt ma qalu le."* Zsolt għadda b'suċċess kbir mill-ħames testijiet finali, li kienu jkopru s-saħħa u s-sigurtà, kif ukoll l-abbiltà teknika.

## Il-mudell Daniż

L-iskola pijuniera twaqqfet fl-1993 bl-appoġġ tal-Ministeru Daniż tal-Edukazzjoni. *"Aħna ma nieħdu ebda finanzjament mill-Istat, iżda nibbażaw fuq imsieħba lokali u fuq l-appoġġ Ewropew,"* jispjega l-Maniġer tal-Proġett Máté Molnár. Matul is-snin, l-iskola għenet lil madwar 1,500 żagħżugħ u żagħżugħa biex jiksbu kwalifiki f'dawk is-snajja' li jkun hemm l-akbar domanda għalihom. *"Hemm aktar u aktar żgħażagħ mingħajr edukazzjoni xierqa, u aħna qegħdin hemm biex ngħinuhom jiksbu l-ħiliet li jeħtieġu fis-soċjetà b'mod ġenerali."*

Matul il-kors, Zsolt kien impjegat mill-iskola u kien jieħu l-paga minima. *"Li kieku ma kienx hekk ma kienx ikun possibbli għalija,"* jistqarr. *"Għall-ewwel ħsibt li kien ser ikolli naħdem aktar biex inkun nista' nħallas għall-kors – iżda fil-verità qatt ma kont ser niflaħ inħallsu minn buti."* Il-parteċipanti għenu biex jibnu mill-ġdid u jsebbħu l-binjiet li jinsabu madwar dik li qabel kienet l-iskola primarja, li llum tilqa' fiha l-fondazzjoni, sabiex iservu bħala klassijiet ġodda.

## Xogħol staġjonali

*"Zsolt huwa bennej fantastiku,"* jgħid Máté. *"Il-prestazzjoni tiegħu hija għolja ħafna. Il-problema fl-industrija tal-kostruzzjoni hija li x-xogħol jieqaf fix-xitwa u dawk li jħaddmu jħobbu jwaqqfu lill-ħaddiema. Huwa vittma ta' dak l-approċċ, u aħna nixtiequ li din l-użanza tispiċċa. Hija kwistjoni reali li jridu jħabbtu wiċċhom magħha l-familji mingħajr riżorsi finanzjarji."* L-iskola toffri pariri kemm fuq it-tfittxija tax-xogħol kif ukoll fuq il-ksib tal-benefiċċji għall-familji tal-istudenti.

Is-sieħba ta' Zsolt għadha fuq il-lif tal-maternità mill-impjieg tagħha ta' tindif u catering f'ristorant kbir, biex tieħu ħsieb it-tieni tifel tagħhom Adam, ta' sena. *"Mhux dejjem ikun faċli li ssib ċentri fejn tħalli tfal żgħar, għaliex m'hemmx biżżejjed postijiet,"* tispjega Aniko, li ġejja minn familja ta' mużiċisti mill-komunità Roma u għandha qraba li jdoqqu f'orkestra ta' żingari. Iżda bħala ħaddiem tas-sengħa, Zsolt u l-familja tiegħu kisbu d-dritt li jmorru jgħixu f'appartament akbar tal-kunsill fejn fil-fatt twieled Adam. Huwa seta' jiżdied fis-salarju tiegħu biex b'hekk jassigura l-appartament.

Huwa jgħid li jinsab ferħan ħafna. *"Din l-esperjenza rriżultat f'waħda tajba ħafna. Kull ma kelli bżonn kienet il-kwalifika, għaliex mingħajrha ma stajtx nuri bil-provi li stajt nagħmel ix-xogħol. Issa nista' nuri li jien bennej ikkwalifikat u qiegħed naħdem ħafna. Inħossni kburi b'xogħli – tassew inħobbu – u ċ-ċertifikat jagħmel differenza reali. Waqt xogħli qatt ma niddejjaq għaliex dejjem immorru f'postijiet differenti u nagħmlu affarijiet differenti. Dejjem mort għax-xogħol – qatt ma bqajt id-dar. Inħobb ħafna l-professjoni tiegħi, u dejjem kienet ix-xewqa tiegħi li nikseb kwalifika, ikolli impjiegi aħjar u jkolli salarju ogħla. Irrid li nkun f'pożizzjoni tajba biex nieħu ħsieb il-familja tiegħi. Huma jiġu l-ewwel."*

*"Aħna konna kuntenti ħafna li Zsolt kellu din l-opportunità,"* tikkonferma Aniko. *"Meta rċevejna l-ittra mingħand il-fondazzjoni ħassejna li dan kien bħal miraklu – u dan kollu juri li l-mirakli jistgħu jseħħu!"*

# Investiment f'raqda tajba bil-lejl




*"Jien bniedem kurjuż min-natura tiegħi. Inħobb naħdem. Issa qiegħed nitgħallem xi ħaġa ġdida kuljum – nitgħallem kif insolvi l-problemi. Hija xi ħaġa li tagħtini ħafna sodisfazzjon,"* jgħid Daniel Dellisse bi tbissima. *"Ikolli ngħid illi kont ixxurtjat ħafna – iżda jrid ikollok ir-rieda li taħdem."*

Daniel ilu sa mill-1987 impjegat minn kumpanija li tipproduċi u tesporta prodotti tal-PVC għall-industrija tal-bini, ibbażata f'Roeselare fit-Tramuntana tal-Belġju. Ix-xogħol tal-manifattura jibqa' għaddej il-ġurnata kollha, bil-lejl b'kollox, u għal 21 sena sħaħ huwa ħadem xifts ta' bil-lejl, l-ewwel fil-linja tal-ippakkjar u mbagħad bħala teknixin fil-proċess tal-estrużjoni: l-ifformar tal-plastik għall-bibien u l-frejms tat-twieqi. Iżda madwar sentejn ilu, il-mudell mhux normali tal-jum għal-lejl ('day-for-night') beda jħalli l-effett ħażin tiegħu, u Daniel beda jsibha aktar u aktar diffiċli biex jorqod.

Programm ta' taħriġ mill-ġdid kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew għen biex terġa' tirrenja l-paċi fid-dar tal-familja Dellisse.

*"Kienet problema kbira għalija, u t-tabib tiegħi qalli li l-aħjar ħaġa tkun li nibda naħdem matul il-ġurnata,"* sostna Daniel. *"Huwa offrieli pilloli tal-irqad, iżda jien ma xtaqtx li nibda nieħu l-mediċini."* Huwa ma kienx l-unika vittma – id-disturb affettwa wkoll il-ħajja tal-familja tiegħu. Matul is-Sibtijiet huwa kien ikollu jirkupra l-irqad mitluf fil-lejl tal-Ġimgħa, għalhekk ma setax igawdi tmiem il-ġimgħa ma' martu Dina jew jissodisfa l-passjoni li kellhom għall-mixi u l-ħajks.

## Nuqqas ta' impjiegi

Daniel ħadem iebes tul ħajtu kollha. Missieru miet meta huwa kellu disa' snin, u ħalla lil ommu b'erba' subien xi trabbi. Huwa telaq l-iskola fl-età ta' 14-il sena biex jitħarreġ bħala mastrudaxxa. *"Aħna kellna noħorġu naħdmu biex ikollna x'nieklu,"* jispjega b'sens ta' rassenjazzjoni. Huwa mexa għal serje ta' impjiegi, inkluż fil-linja tal-produzzjoni ta' kumpanija ewlenija li timmanifattura l-karozzi, fejn huwa jammetti li xejn ma kien għal qalbu. Wara li żżewweġ fl-1979, l-azjenda tal-bini li kien jaħdem magħha falliet finanzjarjament, u Daniel sab ruħu bla xogħol.

*"Inħobb naħdem. Issa qiegħed nitgħallem xi ħaġa ġdida kuljum – nitgħallem kif insolvi l-problemi. Hija xi ħaġa li tagħtini ħafna sodisfazzjon."*

*"Kien diffiċli ħafna biex issib xogħol,"* jiftakar. Għalhekk, meta tfaċċa l-post battal fix-xift ta' bil-lejl f'Deceuninck, huwa kien kuntent jieħdu. *"Din kienet l-unika offerta interessanti u stajt nibda mill-ewwel … u l-flus kienu bżonnjużi ħafna."* Sadanittant il-koppja twelditilhom tifla, Sarah, għalhekk b'Dina taħdem wara nofsinhar u Daniel jorqod filgħodijiet, huma setgħu jirranġaw ħinhom b'mod konvenjenti biex ikunu jistgħu jieħdu ħsiebha.

Iżda huwa beda jinnota l-bidla hekk kif beda jikber. Wara l-parir li tah it-tabib, huwa avviċina lil min kien iħaddmu u staqsihom jekk jistax jibdel ix-xifts. Iżda biex jagħmel dan, huwa kellu juri li kien kapaċi jagħmel xogħol ġdid li kien jirrikjedi taħriġ ġdid, minħabba li l-opportunitajiet f'partijiet oħrajn tal-fabbrika kienu limitati. *"Kienu għaddew bosta snin minn mindu kont użajt il-magni l-aħħar, u issa kollox sar jaħdem b'sistema awtomatika. Il-kumpanija qalet 'aħna għandna post għalik, iżda jeħtieġ li qabelxejn taġġorna l-ħiliet tiegħek'."* Deceuninck daħħluh fil-programm ta' taħriġ mill-ġdid tagħhom bl-isem ta' *Excellent Learning* ('Tagħlim Eċċellenti') immexxi mill-Vlaamse *Dienst voor Arbeidsbemiddeling en Beroepsopleiding* (VDAB), is-servizz tal-impjiegi tal-Fjandra. *"Kienet sfida, iżda kien ukoll ta' pjaċir għalija li nerġa' niskopri l-magni,"* jgħid Daniel.

Il-kors tah iċ-ċans li jikseb pożizzjoni fiċ-ċentru tar-riċerka u t-taħriġ tal-kumpanija, jittestja l-frejms tal-PVC, jgħallem lill-kuntratturi indipendenti kif jifformaw u jwaħħlu l-bibien u t-twieqi f'posthom, u jirriċerka tekniki u materjali ġodda. *"Dejjem ikun hemm innovazzjonijiet ġodda fis-suq. Il-kumpanija trid iġġedded u ddaħħal l-innovazzjonijiet sabiex tkun tista' tespandi, u dan dejjem kien aspett li interessani ħafna. Nieħu gost nagħmel xogħli, u dejjem ħadt it-taħriġ meħtieġ sabiex intejjeb lili nnifsi. Mhijiex xi ħaġa sabiħa li tmur għax-xogħol kontra qalbek,"* jirrimarka Daniel. Bħala parti minn tim ta' inġiniera, skrivani u operaturi, huwa għen biex jaqsam l-għarfien tiegħu mal-viżitaturi minn fergħat Ewropej oħrajn.

## Igawdi l-ħajja

Huwa beda jaħdem matul il-jum f'Jannar 2008. *"Domt ħames xhur biex bdejt norqod sew,"* huwa jiftakar. *"Għall-ewwel bdejt inqum wara tlieta jew erba' sigħat ta' rqad. Il-mara tiegħi kienet tgħidli biex nibqa' fis-sodda, iżda ma kienx jirnexxieli nagħmel hekk. Kont inqum u nintefa' nara t-televiżjoni, u mbagħad sakemm jasal il-ħin ta' wara nofsinhar kont inkun għajjien ħafna."* Iżda sa Ġunju kien qiegħed jirnexxilu jorqod sitt sigħat mingħajr tfixkil kull lejl. *"Ħajti nbidlet kompletament,"* jiddikjara. *"Wara kollox, il-lejl qiegħed għall-irqad."*

Daniel jaħdem ġimgħa regolari ta' 40 siegħa, fejn jispiċċa aktar kmieni nhar ta' Ġimgħa wara nofsinhar. *"Issa għandi aktar ħin xi nqatta' ma' marti, u sar ikolli ħafna ħin liberu matul tmiem il-ġimgħa. Tassew qiegħed ingawdi l-ħajja ħafna aktar."* Huwa u Dina ssieħbu fi klabb li jorganizza attivitajiet ta' mixi u fis-Sibtijiet u l-Ħdud regolarment jimxu bejn 20 u 30km f'ġurnata, billi jsegwu rotot fi Fjandra u l-Olanda. Fi żmien sitt xhur minn mindu beda jaħdem matul il-jum, huwa u martu għamlu distanza ta' xejn inqas minn 900km ta' mixi, u l-ambizzjoni tiegħu issa hija li jirnexxilu jagħmel mixja ta' 100km mingħajr ma jieqaf. Huwa kellu ċ-ċans itejjeb il-ħiliet li kellu fil-passat fis-sengħa ta' mastrudaxxa bil-għan li jagħti dehra ġdida lill-kmamar tas-sodda tad-dar tiegħu. U bħallikieku dan ma kienx biżżejjed biex iżomm ruħu okkupat il-ġurnata kollha, Daniel huwa wkoll appassjonat fit-trobbija tal-isponsuni, tant li jħarreġ bir-reqqa lill-għasafar tal-għana tiegħu jirrepetu melodiji sempliċi u jieħu sehem bl-għasafar tiegħu f'kompetizzjonijiet fejn l-aqwa għasafar kapaċi jsaffru sa 800 melodija f'siegħa.

U xorta waħda, għalkemm huwa intitolat għal ġurnata żejda barra mix-xogħol kull xahar, Daniel jgħid li huwa rari jeħodha. *"Għandi kollegi tajbin, u l-ġimgħa tgħaddi tant malajr li lanqas biss naħseb li nieħu xi ħin off mix-xogħol."*

# Progress fil-karriera



*"Xogħli jogħġobni ħafna,"* tgħid Biliana Filipova, minn Dupnitsa fil-Bulgarija. *"Il-ħin kollu għaddejja u kull ġurnata hija differenti."*

Bħala maniġer reġjonali għal katina kbira ta' pompi tal-fjuwil, din il-mara ta' 33 sena tgħaddi ħafna mill-ħin tagħha fuq it-toroq, tivvjaġġa bejn 19-il stazzjon ta' pompi tal-fjuwil. Hija għandha r-responsabbiltà totali għat-tmexxija ta' kuljum tal-istazzjonijiet, bid-doveri tagħha jvarjaw mill-immaniġġjar tal-persunal, għal li tassigura li t-tagħmir huwa miżmum f'kundizzjoni tajba u li jiġi ordnat l-istokk meħtieġ, għal li tittratta kwistjonijiet legali, u tirrispondi għal emerġenzi bħal għargħar ta' ilma.

Fil-bidu hija kienet tmexxi stazzjon wieħed, imbagħad f'Marzu 2008, hija ngħatat promozzjoni għall-pożizzjoni li għandha bħalissa. *"Il-pożizzjoni li għandi bħalissa ġġib magħha ħafna aktar responsabbiltà,"* tgħid. *"Iżda jiena kont naf x'jinvolvi x-xogħol minħabba li ġieli kont inkopri x-xogħol tal-maniġer reġjonali qabel."*

Hija ssemmi u tiddeskrivi l-kwalitajiet li teħtieġ fir-rwol tagħha: *"Jiena kapaċi nibqa' kalma u nirreaġixxi malajr – dawn huma kwalitajiet importanti. U ħafna drabi jkolli nħabbat wiċċi ma' ħafna affarijiet fl-istess ħin. Irrid nagħti prijorità lil dawk l-affarijiet li jkunu l-aktar importanti u nkun organizzata sewwa. Huwa impjieg ta' responsabbiltà. Irrid nieħu d-deċiżjonijiet waħdi. Deċiżjoni ħażina tista' tiġi tiswa ħafna flus."* Hemm ukoll kunsiderazzjonijiet kruċjali relatati mas-sigurtà, hija żżid. *"Biex nieħdu eżempju, bit-trakkijiet li jwasslu l-fjuwil, huwa importanti ħafna li jiġu segwiti l-proċeduri t-tajbin. Jeżistu perikli potenzjali kbar."*

## Bidla fid-direzzjoni

Oriġinarjament Biliana studjat l-inġinerija industrijali, fejn speċjalizzat fit-teknoloġiji għall-produzzjoni tal-ħwejjeġ. Wara li lestiet il-kors ta' ħames snin fil-grad ta' Masters, hija kellha lil bintha, Joanna. *"Wara t-twelid tat-tifla għamilt tliet snin ma naħdimx,"* tgħid. *"Iżda bdejt niddejjaq ħafna nqatta' ħini kollu d-dar. Jiena persuna dinamika li nħobb inżomm ruħi attiva. Ma għandix kwiet f'ġismi."*

Hija bdiet taħdem fis-settur tat-tessuti, fi rwol relatat mal-istudji tagħha. *"Kont naħdem bħala teknoloġista fil-fabbriki."* Madankollu, wara sena u nofs taħdem għal żewġ kumpaniji differenti, hija rrealizzat li riedet tagħmel xi ħaġa differenti. *"Xi drabi jkollok bżonn*

*"It-taħriġ għenni ħafna fix-xogħol tiegħi, u anki fl-iżviluppar tal-ħiliet għall-ħajja b'mod ġenerali. Jiena sodisfatta ħafna b'dak li rnexxieli nikseb hawnhekk f'din il-kumpanija."*

*tbiddel kompletament biex issib is-sodisfazzjon. Jiena kelli bżonn sfida ġdida sabiex nimtela bl-enerġija."*

Hija semgħet li kien hemm opportunitajiet ta' xogħol ma' Petrol, netwerk li qabel kien immexxi mill-Istat u li għadu sa issa wieħed mill-akbar ktajjen ta' stazzjonijiet ta' pompi tal-fjuwil fil-Bulgarija. Hija ġiet offruta intervista għal pożizzjoni fil-maniġment, iżda minflok hija għażlet li tmur għal xogħol ta' kaxxiera. *"Ma ridtx li mmur għal pożizzjoni maniġerjali mill-ewwel. Ridt li nibda f'livell aktar baxx peress li ma kont naf xejn dwar dan in-negozju."*

Iċ-ċaqliqa ħalliet il-frott. Wara li bdiet taħdem għall-kumpanija fl-2002, hija drat sewwa fix-xogħol tagħha u malajr wittiet it-triq 'il fuq lejn il-quċċata b'bosta promozzjonijiet illi ħadet. *"Il-fatt li bdejt bħala kaxxiera għeni ħafna. Issa naf ix-xogħol minn ġewwa. Naf fejn jistgħu jiżbaljaw u jonqsu l-maniġers."*

## Taħriġ għal rwol ġdid

Hija ħadet sehem f'serje ta' sessjonijiet ta' taħriġ intensiv kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew. Il-korsijiet kienu jinvolvu l-bini ta' tim, eżerċizzji fejn il-parteċipanti jitgħallmu jaqdu r-rwoli tagħhom, diskussjonijiet u eżerċizzji li jgħallmuk is-solvi l-problemi. Dawn is-sessjonijiet ta' taħriġ għenuha tiżviluppa l-ħiliet li għandha bżonn fir-rwol ġdid tagħha – kemm meta tiġi biex taffronta n-nies, biex tieħu deċiżjonijiet, tagħti prijorità jew tħabbat wiċċha ma' sitwazzjonijiet diffiċli.

*"It-taħriġ għenni ħafna fix-xogħol tiegħi, u anki fl-iżviluppar tal-ħiliet għall-ħajja b'mod ġenerali. Tassew ġegħelni naħseb dwar kif għandi nsib is-soluzzjonijiet għal problema partikolari,"* tgħid. *"Jiena sodisfatta ħafna b'dak li rnexxieli nikseb hawnhekk f'din il-kumpanija. Ħdimt u stinkajt tul it-triq kollha tal-karriera, minn isfel nett sa fuq. Kienu ħafna dawk il-persuni li rrikonoxxew il-ħidma tiegħi u jiena napprezza dan."*

Meta taħseb dwar il-ġejjieni, Biliana tgħid: *"M'inix ċerta xi rrid eżattament, iżda naf li rrid inkompli ntejjeb u niżviluppa lili nnifsi. L-ewwel irrid nagħti prova tal-kapaċitajiet tiegħi f'dan ir-rwol."*

Lura d-dar, ħajjitha mhi xejn inqas attiva. Ir-rinnovament tad-dar tal-familja flimkien ma' żewġha huwa proġett kontinwu u fit-tul. *"Bdejna x-xogħlijiet ta' rinnovament ħames snin ilu,"* tgħid. Billi bdew jibnu fuq art li tmiss mad-dar tal-ġenituri tar-rispett tagħha, il-koppja bnew id-dar tagħhom mill-bidu nett – għalkemm xorta għad fadal ħafna xogħol xi jsir. *"Sa issa għandna t-tieni sular mibni, iżda fadlilna aktar xogħol x'nagħmlu qabel inkunu nistgħu nibdew ngħixu fiha,"* tgħid Biliana, filwaqt li żżid tgħid li sa ftit tas-snin ilu, it-tlieta li huma kienu qegħdin jgħixu f'kamra waħda waqt li kien qiegħed isir ix-xogħol.

Il-bqija tal-ħin tagħha tqattgħu tieħu ħsieb ta' Joanna, li issa għandha 10 snin, u żżur lill-familja estiża tagħha. *"Għandi żewġ ħuti bniet iżgħar minni u ħija tar-rispett. Aħna lkoll ngħixu f'dawn l-inħawi u aħna qrib ħafna ta' xulxin. Il-familji kollha jiltaqgħu mal-ġenituri tagħna fi tmiem il-ġimgħa. Il-prijoritajiet tiegħi huma l-familja u x-xogħol tiegħi. Jiena naħdem iebes biex nassigura s-sikurezza tagħna,"* tikkonkludi.

# Riattivazzjoni tal-għarfien



Peter Meller u martu Olga qegħdin jissetiljaw fid-dar ġdida tagħhom f'Magdeburg, fis-Sassonja-Anhalt fil-Lvant tal-Ġermanja, fejn dan l-aħħar Peter beda jaħdem bħala programmatur tas-softwer għal ditta żgħira tal-inġinerija.

Għalkemm oriġinarjament huwa studja u kien jaħdem bħala inġinier mekkaniku fir-Rumanija, fejn trabba, huwa ma ħadimx f'dan is-settur għal 15-il sena sakemm, fl-2008, huwa beda esperjenza ta' xogħol fil-kumpanija fejn issa qiegħed jaħdem fuq bażi full-time.

Il-familja kollha tiegħu marret lura lejn l-għeruq tagħha fil-Ġermanja fl-1990 – il-ġenituri tiegħu, ħuh u oħtu, kif ukoll l-ewwel mara tiegħu u ibnu ż-żgħir. *"Aħna ċċaqlaqna għal raġunijiet finanzjarji. Kien verament diffiċli biex taqla' l-għajxien fir-Rumanija f'dawk iż-żminijiet. Aħna ridna nitilqu qabel iżda kien impossibbli."* Is-sitwazzjoni nbidlet mal-waqgħa tar-reġim komunista. *"F'dak iż-żmien, il-membri familjari u l-ħbieb kollha tagħna kienu qegħdin jitilqu,"* jgħid dan ir-raġel ta' 48 sena.

## Vittma tat-tnaqqis fl-attività ekonomika

Wara li wasal f'Bergisch Gladbach qrib il-belt ta' Cologne fil-Ġermanja fl-età ta' 29 sena, għall-ewwel beda jaħdem ma' kumpanija żgħira bħala inġinier mekkaniku. Madankollu, f'dik il-ħabta, is-settur tal-inġinerija fil-Ġermanja kien qabad it-triq tan-niżla u sal-1993 huwa sab ruħu fuq il-lista tan-nies qiegħda.

Bi ftit li xejn prospetti li jassigura pożizzjoni oħra bħala inġinier, huwa għarag li jekk jerġa' jibda jieħu xi taħriġ, dan kien se jgħinu biex ikabbar il-prospetti tiegħu li jsib xogħol. Huwa beda jattendi għal kors tal-kompjuter. *"Qabel dan il-kors qatt ma kelli x'naqsam wisq mal-kompjuters,"* jistqarr Peter.

Wara dan huwa beda jiżviluppa taħriġ ibbażat fuq l-użu tal-kompjuter, billi beda jaħdem fuq bażi ta' freelance. *"Dan kien xogħol kompletament differenti mill-impjieg preċedenti tiegħi,"* jgħid. *"Kont naħdem għal kumpanija żgħira li kienet tiżviluppa korsijiet għal kumpaniji kbar li jħarrġu lill-impjegati tagħhom biex jużaw softwer komuni."*

Huwa dam jagħmel dan ix-xogħol għal diversi snin u eventwalment waqqaf kumpanija li tagħmel l-istess tip ta' xogħol flimkien ma' erba'

*"Qabel, kelli ħafna għarfien u ħiliet, iżda ma kontx naf kif għandi ngħid lin-nies dwarhom. Huwa ġust li ngħid li l-kors bidilli ħajti."*

msieħba oħrajn. Madankollu, wara ftit taż-żmien l-ordnijiet bdew jonqsu ħafna, tant li kellu jerġa' jmur jaħdem fuq bażi kuntrattwali. Huwa kompla jaħdem b'dan il-mod mill-2001 sal-2007, iżda kulma jmur beda dejjem aktar iħossu mhux sodisfatt bin-natura irregolari tax-xogħol tiegħu. *"Ġieli kont nagħmel tliet xhur naħdem fuq proġett u mbagħad ma jkolli xejn aktar għal xhur sħaħ,"* jgħid Peter. *"Ma stajt nara ebda futur f'dan kollu."*

F'dan iż-żmien l-inġinerija bdiet tirpilja fil-Ġermanja u Peter ħaseb li seta' jkun hemm xi opportunitajiet għalih biex jerġa' lura fil-professjoni li kellu fil-passat. Madankollu, meta applika għal impjiegi fl-inġinerija mekkanika, huwa sab in-nuqqas tiegħu ta' esperjenza riċenti kienet problema.

## Tiswir fuq l-għarfien

Programm ta' taħriġ, kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew, għenu biex jiffriska u jibni fuq l-għarfien u l-ħiliet tiegħu fl-inġinerija. Il-kors tiegħu kien wieħed mit-18-il AQUA *(Akademikerinnen und Akademiker Qualifizieren sich für den Arbeitsmarkt)* organizzati madwar il-pajjiż kollu, kull wieħed minnhom immirat għal settur professjonali speċifiku. Il-korsijiet, li jaħdmu b'kollaborazzjoni mal-universitajiet, jagħtu lill-persuni diġà kkwalifikati ċ-ċans li jibnu fuq l-għarfien tagħhom u jtejbu l-prospetti tagħhom fir-rigward tax-xogħol.

Il-kors ta' Peter, mifrux fuq 10 xhur, kien jiġbor fih programm sħiħ fil-livell ta' grad universitarju b'10 semestri fl-inġinerija mekkanika. *"Kienet xi ħaġa tal-għaġeb meta rajt kemm kont insejt affarijiet, iżda serraħt daqsxejn rasi meta ndunajt li kien hemm persuni li kienu ggradwaw aktar riċenti li kienu nsew bosta affarijiet huma wkoll,"* jgħid. Huwa tgħallem ukoll dwar l-iżviluppi riċenti, speċjalment dwar l-użu tal-kompjuters fl-inġinerija, suġġett li bilkemm kien intmess matul l-istudji oriġinali tiegħu.

Minbarra t-tagħlim akkademiku, il-kors kopra wkoll ħiliet prattiċi li jgħinu lill-individwu jsib xogħol, bħall-mod kif tippreżenta ruħek, il-komunikazzjoni u l-lingwaġġ permezz tal-movimenti tal-ġisem, x'għandek tagħmel biex tapplika għal xogħol u kif tipprepara ruħek għall-intervisti tax-xogħol. Peter innota titjib kbir fil-ħiliet personali tiegħu. *"Issa kont kapaċi mmur għal intervista u nwieġeb il-mistoqsijiet. Illum il-ġurnata għandi wisq aktar fiduċja fija nnifsi."*

## Biċċa xogħol kumplessa

Peter seta' juża l-ħiliet li kien għadu kif tejjeb meta ngħata opportunità li jagħmel tliet xhur jaħdem fil-kumpanija fejn qiegħed jaħdem bħalissa. Il-kumpanija tispeċjalizza fi proċessi li jassiguraw il-kwalità għas-settur tal-produzzjoni tal-karozzi. *"Irrealizzajt li dak li kont tgħallimt kien kruċjali. Sa minn kmieni ħafna ġejt mitlub nagħmel ipprogrammar kumpless bil-kompjuter. Tawni biċċa xogħol mhux urġenti li huma ma ħasbux li jien kont kapaċi nagħmilha. Meta raw li fil-fatt jien stajt nagħmilha kienu impressjonati."*

F'Ottubru 2008, meta ntemmlu l-kuntratt ta' xogħol temporanju mal-kumpanija, huwa ġie offrut impjieg permanenti. Issa huwa jaħdem bħala programmatur tas-softwer għal makkinarju tal-inġinerija, pożizzjoni li tikkombina l-ħiliet tiegħu fl-inġinerija ma' dawk fl-użu tal-kompjuter.

*"Qabel, kelli ħafna għarfien u ħiliet, iżda ma kontx naf kif għandi ngħid lin-nies dwarhom,"* jgħid Peter. *"Huwa ġust li ngħid li l-kors bidilli ħajti. Issa nħossni ħafna aktar sikur u nista' nħares 'il quddiem lejn il-ġejjieni."*

# Edukazzjoni u taħriġ

# Il-valur tat-tradizzjoni



Sibiu fi Transylvania huwa raħal storiku. L-influwenzi u t-tradizzjonijiet li ħallew warajhom ir-Rumani, it-Torok, l-Unni u s-Sassoni maż-żona kollha tul is-sekli ħallew patrimonju li jattira l-interess ta' turisti li jfittxu l-kultura u li jiġu minn kull naħa tad-dinja. Iżda persuna waħda b'interess professjonali fir-reġjun hija l-antropoloġista Monica Stroe.

*"Jiena qiegħda nistudja l-wirt Sassonu tan-Nofsinhar ta' Transylvania,"* tgħid it-tfajla ta' 24 sena. *"Bdejt il-PhD tiegħi sitt xhur ilu."*

Il-ħidma tagħha tiffoka fuq kif l-industriji kulturali u turistiċi jidħlu fl-istorja u t-tradizzjonijiet għonja u diversi taż-żona. *"Jiena għażilt iż-żoni Sassoni għal raġunijiet personali,"* tgħid. *"Twelidt u trabbejt f'raħal imwaqqaf mis-Sassoni, fejn għad hemm ħafna aspetti medjevali. Iżda minn dejjem ħsibt li Sibiu għamel użu akbar mill-wirt tiegħu."*

Iċ-ċentru medjevali tal-belt, li ġie rrestawrat b'mod metikoluż, huwa wieħed mis-siti tradizzjonali li tista' żżur f'Sibiu. Il-belt kienet il-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura fl-2007 u tilqa' ħafna avvenimenti magħrufa fuq livell internazzjonali. Għal Monica, dan kien żmien ideali biex tiżviluppa studju ta' każ. *"Kont interessata nara kif Sibiu żviluppa l-'brand' tiegħu u kif din affettwat liż-żoni tal-madwar."*

Ir-riċerka tagħha tkopri żona akbar fir-reġjun tan-Nofsinhar ta' Transylvania. *"Jiena interessata ħafna fiż-żoni rurali – kif dawn qegħdin jippromwovu lilhom infushom bħala destinazzjonijiet kulturali,"* tgħid. *"Aspett ieħor importanti huwa li hawn wieħed iħoss li jeżisti paradoss etniku,"* tissokta. *"Is-sindku huwa Ġermaniż, madankollu huma biss madwar 1.6% tal-popolazzjoni li għandhom oriġini Ġermaniża – huwa fenomenu li qiegħed iseħħ f'kull parti tar-reġjun."*

## Kien wasal iż-żmien għar-riċerka akkademika

L-istudji ta' Monica fil-grad ta' PhD komplew fuq il-grad tagħha ta' Master's fl-istudji tan-nazzjonaliżmu u r-relazzjonijiet etniċi fl-Università Ewropea Ċentrali f'Budapest. Wara li kkwalifikat, kienet taf li riedet tkompli tistudja suġġetti relatati. *"Fl-istudji tiegħi għall-grad ta' Master's stħarriġt id-dinamika tal-gruppi etniċi, l-identitajiet reġjonali u l-kunflitti,"* tgħid. *"Sirt aktar konxja dwar id-differenza li*

*"L-għotja ta' flus ipprovduta kienet tassew importanti għalija. Hija tatni ċ-ċans li nibqa' fil-qasam li kont għażilt. Ma kontx inkun nista' nibda PhD mingħajrha."*

*teżisti bejn il-gruppi etniċi. Jiena interessata f'dak li għandu x'jaqsam mal-mod kif jissawru l-identitajiet."*

Madankollu, meta reġgħet lura lejn Bukarest, fejn kienet studjat oriġinarjament, l-opportunitajiet għar-riċerka akkademika kienu skarsi u mhux imħallsa biżżejjed. Hija kienet qiegħda tikkunsidra li tbiddel id-direzzjoni tal-karriera tagħha: *"Kont qiegħda naħseb biex nibda nagħmel xogħol ta' riċerka fis-suq. Dan kien ikun kompromess, iżda l-idea li nkompli nistudja kienet tidher finanzjarjament mhux vijabbli."*

L-għajnuna waslet minn borża ta' studju, kofinanzjata mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew. *"L-għotja ta' flus ipprovduta kienet tassew importanti għalija. Tatni ċ-ċans li nibqa' fil-qasam li kont għażilt. Ma kontx inkun nista' nibda PhD mingħajrha."*

Hija tirċievi stipendju kull xahar biex tkun tista' tkopri l-ispejjeż tal-għajxien tagħha matul it-tliet snin tal-istudji tagħha. Dan jagħtiha wkoll iċ-ċans li tgħaddi tmien xhur f'universitajiet barranin madwar l-UE u jagħtiha aċċess għal-libreriji u l-materjali li jkunu essenzjali għax-xogħol tagħha. *"Din il-mobilità hija vitali għar-riċerka tiegħi,"* tgħid Monica. *"Hija tagħtini l-opportunità li nivvjaġġa. B'hekk nista' nikseb aċċess għal arkivji importanti u allura nieħu perspettiva usa'."*

Bħala parti mill-programm, hija trid tikteb artikli għal ġurnali akkademiċi u taħdem ma' professuri. *"Dan jagħtini esperjenza tajba u l-appoġġ li neħtieġ biex niffoka fuq ir-riċerka fis-suq għal perjodu ta' żmien twil."* Meta ntalbet tikkummenta x'taħseb dwar il-futur, qalet: *"Qiegħda nittama li l-PhD tiftaħli aktar bibien. Irrid intejjeb il-ħiliet tiegħi fir-riċerka u nsaħħaħ l-isfond teoretiku tiegħi. Idealment, nixtieq li eventwalment nibda naħdem fl-iżvilupp tal-komunità. Iżda għadu kmieni wisq, għalhekk bħalissa qiegħda nikkonċentra fuq ir-riċerka tiegħi,"* tikkonkludi.

# Appoġġ għall-kreattività



*"Jien minn dejjem kont interessat f'attivitajiet kreattivi,"* jgħid Harri Haanpää minn Ħelsinki fil-Finlandja. B'passjoni għat-tpinġija u l-fotografija, sa minn kmieni huwa ddeċieda li ried jaħdem fl-industriji kreattivi. *"Meta kont tifel ridt insir illustratur. Bdejt inpinġi l-komiks iżda mbagħad bdejt ninteressa ruħi f'tipi oħrajn ta' tpinġija."*

*"Fl-età ta' disa' snin, iddeċidejt li l-uniku mod li bih ridt naqla' l-flus kien li nkun illustratur kummerċjali,"* iżid jgħid.

Harri interessa ruħu li jidħol għal kors fl-illustrazzjoni kummerċjali offrut minn kulleġġ lokali. Madankollu, sakemm qorob lejn it-tmiem tal-istudji skolastiċi tiegħu, dak il-kors kien spiċċa. *"Wara dan, biddilt xi ftit id-direzzjoni,"* jgħid. Huwa beda jattendi l-kulleġġ marittimu fl-età ta' 15-il sena u mbagħad beda jaħdem bħala kok fuq il-vapuri kummerċjali.

Wara tliet snin, huwa ddeċieda li l-ħajja fuq il-baħar ma kinitx tgħodd għalih u ried li jerġa' jibda jagħmel xi ħaġa kreattiva. Fl-1995, beda kors fl-istudji tal-films f'kulleġġ f'Voionmaa. *"Iffissajt fuq il-fotografija,"* jgħid Harri. *"Kont qiegħed niffilmja kull ħaġa li tiċċaqlaq."*

## Esperjenza prattika

Wara huwa mar lura lejn iż-żona ta' Ħelsinki u beda jaħdem għal stazzjon tal-mużika Finlandiż. *"Bdejt naħdem bla waqfien. Kont nagħmel kollox – narma u nieħu ħsieb id-dwal, nuża l-kamera, l-apparat tal-kontroll,"* jgħid. Beda jaħdem ukoll fuq il-vidjos mużikali u jidderieġi. *"Kont kuntent ħafna b'dan ix-xogħol għaliex minn dejjem ridt nitgħallem aktar."*

Din l-esperjenza wasslet lil Harri biex jikseb pożizzjoni f'Los Angeles jaħdem fuq Hollywood Express, programm televiżiv dwar il-mużika, il-films, il-kultura popolari u ċ-ċelebritajiet, u għamel sena u nofs fl-Istati Uniti qabel reġa' lura fl-Ewropa. Huwa beda kors ta' *European Masters in Multimedia and Audiovisual Business Administration* (EMMABA), li kien jinvolvi studju f'Ateni, il-Greċja, u mbagħad f'Lapland lura fil-Finlandja. *"Dak il-programm għallimni kif nipproduċi, u bis-saħħa tiegħu stajt niltaqa' ma' ħafna nies minn madwar l-Ewropa kollha."*

Fis-sena 2000, wara li lesta l-kors, huwa waqqaf il-kumpanija tal-produzzjoni tiegħu, bl-isem ta' DreamMill. *"Jien dejjem kelli*

*"Intbaħt li qatt ma tista' tkun taf biżżejjed. Dan huwa settur li qiegħed jiżviluppa b'pass mgħaġġel u rrid li nkun kapaċi nikkompeti ma' gradwati ġodda."*

*l-mira li jkolli kumpanija tiegħi. Ma kinitx kwistjoni ta' jekk għandix nagħmilha, iżda meta,"* jgħid. Huwa jidderieġi, jipproduċi u jiffilmja programmi televiżivi, vidjos mużikali, films kummerċjali u applikazzjonijiet għat-TV mobbli.

Għal Harri, il-vantaġġi li jmexxi n-negozju tiegħu huma ċari. *"Jien inħobb noħloq,"* jgħid. *"Jekk tkun qiegħed taħdem għal ħaddieħor, ħafna drabi jdejk ikunu marbutin. Il-fatt li għandi kumpanija tiegħi stess ifisser li għandi aktar libertà biex nagħmel dak li rrid nagħmel. Dejjem inkun irrid nagħmel xogħol ta' kwalità. Inħobb nara televiżjoni ta' kwalità tajba. Huwa tajjeb li titħallas, iżda dan mhuwiex il-punt prinċipali."*

## Żvilupp kontinwu

Harri huwa difensur entużjastiku tal-edukazzjoni u t-taħriġ. *"Intbaħt li qatt ma tista' tkun taf biżżejjed. Dan huwa settur li qiegħed jiżviluppa b'pass mgħaġġel u rrid li nkun kapaċi nikkompeti ma' gradwati ġodda. L-esperjenza ma tgħoddx wisq f'din l-industrija,"* kompla jgħid.

Bejn l-2005 u l-2006 huwa għamel kors ta' taħriġ prattiku għall-intraprendituri tal-midja. Il-kors *MEDA*, kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew, għenu jiżviluppa l-ħiliet tiegħu u jespandi n-negozju li għandu. *"Ridt perspettiva aktar teoretika,"* jgħid Harri. *"Il-kors kien dwar kif tmexxi negozju u kif tipproduċi."* Matul iż-żmien tat-taħriġ huwa għamel kuntatti ġodda, li fetħu opportunitajiet akbar għall-kumpanija. *"Ħadt ħafna mill-kors. Tgħallimt li qatt ma għandek tikkomplika l-affarijiet, anzi trid tikkonċentra fuq li żżommhom kemm jista' jkun sempliċi,"* isostni.

Għal Harri, il-kors kellu rilevanza diretta. *"Kien straordinarju għaliex bis-saħħa tiegħu stajt napplika immedjatament dak li kont qiegħed nitgħallem u naħseb kif dan seta' jgħin lin-negozju tiegħi."* Issa ħerqan li jkompli bit-tagħlim tiegħu, bil-pass li jmiss ikun grad universitarju fil-livell ta' master's. *"Xi darba rrid insir għalliem u nxerred l-għarfien tiegħi,"* jgħid.

Madankollu, il-mira ġenerali tiegħu tibqa' waħda ċara. *"Il-motivazzjoni tiegħi hija sempliċi: dik li dejjem nipproduċi xogħol aħjar u aħjar."*

# Barra mill-bosk



Ninsabu fix-xahar ta' Settembru fil-kampanja qrib Boelhe, villaġġ żgħir 40km bogħod minn Porto fit-Tramuntana tal-Portugall. Ix-xemx qiegħda tiddi hekk kif Maria Balbina miexja tul linji ta' siġar żgħar imħawla f'ordni pulita, tiċċekkja l-kundizzjoni taz-zkuk u tiżbor il-friegħi.

Maria taħdem fil-foresti tagħha meta ma tkunx waqt ix-xogħol full-time tagħha bħala l-kap tal-amministrazzjoni għal grupp ta' 18-il skola fiż-żona. *"Jiena minn dejjem kont attiva ħafna,"* tgħid Maria. *"Meta kont għadni tifla kont involuta fil-mużika, fit-teatru, fiż-żfin, fil-knisja u fl-isports."*

Dan l-aħħar, din il-mara ta' 59 sena għandha skeda mimlija b'ħafna attivitajiet barra mill-impjieg tagħha: hija involuta fil-politika lokali, tagħti konsulenza lit-tfal, tippresiedi l-aġenzija tal-iżvilupp lokali, tippresiedi l-bord tal-unjoni reġjonali għall-iskrivani tal-iskejjel u hija membru tal-kumitat tal-assoċjazzjoni tas-sidien tal-foresti lokali – minbarra li tkun dejjem hemm għaż-żewġ uliedha kbar u għal żewġha.

Iżda minkejja li għandha dawn l-attivitajiet kollha, il-foresti u l-ħidma fuq l-art tagħhom tibqa' attività għal qalbha ħafna. Il-ġenituri tagħha kellhom razzett u kienu jieħdu ħsieb il-foresti – tradizzjoni li hija ħerqana li tkompli. Waqt li turi l-masġar abbundanti ta' madwarha, tgħid hekk: *"Il-ġenituri tiegħi għallmuni napprezza u nirrispetta n-natura. Jiena kbirt f'dan l-ambjent, għalhekk nidentifika ruħi totalment mal-kampanja."* Wara l-iskola, hija studjat l-inġinerija kimika fl-università f'Porto. Madankollu, hija reġgħet lura lejn darha qabel lestiet il-kors tagħha. *"Dan ma kienx dak li ridt nagħmel,"* issostni. *"Ħassejt ħafna n-nuqqas ta' hawnhekk, allura ġejt lura."*

## Art li ntirtet

Fl-1973, Maria sabet impjieg bħala skrivana amministrattiva fi skola fiż-żona u bdiet taħdem full time. *"Għoġobni l-fatt li kont ser naħdem maż-żgħar, iżda ma kontx nara lili nnifsi bħala għalliema. Il-vantaġġ l-ieħor kien li l-post tax-xogħol kien viċin tal-villaġġ fejn noqgħod, il-ġenituri tiegħi u ħbiebi."*

Madankollu, meta fl-1984 hija wirtet l-art tal-ġenituri tagħha – madwar 18-il ettaru ta' raba', u l-istess ammont ta' foresta – hija

*"Il-foresti huma proġett fit-tul. Huwa importanti ħafna li żżomm it-tradizzjoni għaddejja. Qiegħda nittama li ngħaddi l-istess interess lit-tfal tiegħi."*

sabitha diffiċli biex tikkombinahom mal-attivitajiet l-oħrajn tagħha. Ir-raba' għamlet disa' snin sħaħ ma tinħadimx. *"L-art sabet ruħha fi stat ta' pawsa, fi 'standby'. Ma kontx naf kif nieħu ħsiebha,"* tistqarr. *"Ma kellix ħin x'niddedika għaliha u ma stajt insib lil ħadd biex jieħu ħsiebha. Ma kontx naf kif għandi nindirizza s-sitwazzjoni. L-art bdiet timtela b'ħafna ħaxix selvaġġ."*

Madankollu, hija kienet determinata li ma tħallihiex abbandunata. *"Ħassejtni nistħi nara l-istat li kienet tinsab fih. Ridt nagħmel xi ħaġa, għalhekk bdejt nikkuntattja sidien ta' foresti oħrajn għall-pariri."* Sal-1993, is-sidien tal-foresti fir-reġjun kienu ħolqu assoċjazzjoni b'mod formali, b'Maria tkun waħda mill-membri fundaturi. *"L-iffurmar ta' grupp kien iġib miegħu ħafna benefiċċji,"* żżid tgħid. *"Barra minn hekk, sirna nafu li kien hemm fondi tal-Unjoni Ewropea li kienu disponibbli għall-iżvilupp u l-ġestjoni tal-foresti."*

## It-tlaqqigħ tas-sidien flimkien

L-assoċjazzjoni tgħin lis-sidien biex jevalwaw il-kwalità tal-injam u l-valur tiegħu, iħejju applikazzjonijiet għal fondi u jimplimentaw proġetti konġunti, kif ukoll tipprovdi taħriġ fil-ġestjoni tal-foresti. Hija tgħin ukoll biex tikkonsolida l-artijiet tas-sidien fi plots akbar, peress li dawn spiss ikunu jippossjedu diversi żoni żgħar. *"Aħna nistabbilixxu skambji bejn il-membri, biex b'hekk dawn ikunu jistgħu jamministraw l-art tagħhom flimkien,"* tkompli tgħid. *"Plots akbar ta' art iħallu aktar profitti, u huma aktar faċli biex jiġu ġestiti u protetti minnirien."*

Bejn l-1996 u l-2008, Maria għamlet numru ta' korsijiet ta' taħriġ kofinanzjati mill-UE, f'suġġetti li jvarjaw minn kif tiżbor u tħawwel is-siġar, sal-prevenzjoni u l-kontroll tan-nirien li jaħkmu l-foresti, u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti relatati mal-forestrija. Il-korsijiet tawha l-għarfien li kellha bżonn biex tieħu kontroll tal-art tagħha u terġa' tibda żżommha mħaddma kif jixraq. Permezz ta' ħidma flimkien, il-membri tal-assoċjazzjoni kisbu aċċess għall-fondi tal-UE biex jibdew proġetti fiż-żona.

Maria nnifisha żergħet ir-raba' tagħha mill-ġdid b'varjetajiet ta' siġar li jħallu l-profitti u neħħiet il-ħaxix ħażin. *"Il-foresti huma proġett fit-tul ħafna,"* tgħid. *"Huwa importanti ħafna li żżomm it-tradizzjoni għaddejja. Il-konnessjoni li għandi ma' din l-art ġejja mill-ġenituri tiegħi u qiegħda nittama li ngħaddi l-istess interess lit-tfal tiegħi."*

# Karriera fl-innovazzjoni



*Simone Rossi* minn dejjem jiftakar li l-affarijiet mekkaniċi kollha kienu jaffaxxinawh. *"Bħala tifel dejjem kont interessat fil-karozzi, l-arjuplani u l-affarijiet tekniċi,"* jgħid dan ir-raġel ta' 30 sena minn Montecastello di Vibio, raħal medjevali li jinsab mifrux għall-beraħ fuq waħda mill-għoljiet tar-reġjun ta' Umbria fl-Italja.

*"Ridt insir naf aktar dwar kif verament jaħdmu l-magni,"* huwa ssokta jgħid. Wara li lesta l-iskola fl-edukazzjoni għolja, Simone għażel li jistudja l-inġinerija mekkanika fl-Università ta' Perugia li tinsab fil-qrib, u l-interess tiegħu kompla jikber u jinżel aktar fil-fond. *"Ma kontx nistudja biss biex ngħaddi mill-eżamijiet. Tassew ridt insir naf fid-dettall kif jaħdmu l-affarijiet,"* jgħid. *"Bdejt nara kif il-matematika, il-fiżika u l-kimika kienu l-bażi ta' kollox u ridt nitgħallem aktar dwarhom."*

Meta ggradwa fl-2005, huwa kien jaf li ried jagħmel karriera f'qasam relatat. Madankollu, huwa sabha diffiċli biex isib impjieg xieraq. Għamel perjodu ta' żmien mingħajr xogħol; imbagħad għamel xi xogħol għal kumpanija tal-assigurazzjoni u ħa xi pożizzjonijiet amministrattivi oħrajn fin-negozju. *"Kont naf li ma ridtx nagħmel dawn ix-xogħlijiet fit-tul. Iżda huwa diffiċli biex issib impjiegi fl-inġinerija, speċjalment f'dan ir-reġjun,"* isostni. *"Hemm domanda għall-inġiniera, iżda mhux biex jagħmlu xogħol ta' inġinerija."*

## Inċentiv għal min iħaddem

L-għajnuna waslet permezz ta' skema ta' għotja għar-riċerka, kofinanzjata mir-reġjun lokali tiegħu u mill-Fond Soċjali tal-Unjoni Ewropea. Il-programm jagħti għotjiet ta' flus lir-riċerkaturi bla xogħol bil-għan li jkunu jistgħu jaħdmu fuq proġetti f'negozji jew f'ċentri ta' riċerka, biex b'hekk jiksbu l-esperjenza u jtejbu l-prospetti tagħhom fl-impjiegi. Il-kumpaniji jew organizzazzjonijiet oħrajn involuti jibbenifikaw minn riċerka li jista' jkun li ma jkunux jistgħu jiġġustifikaw kummerċjalment, u jingħataw inċentivi biex fl-aħħar tal-perjodu tal-għotja jkunu jistgħu jikru r-riċerkaturi.

Għal Simone, l-iskema kienet kruċjali biex hu seta' jibda xogħol permanenti, minħabba li tagħtu ċ-ċans li jagħmel esperjenza ta' xogħol ta' 18-il xahar fil-kumpanija fejn issa huwa jaħdem fuq bażi full-time – il-manifattur tat-teknoloġija u l-innovazzjoni Angelantoni (http://www.angelantoni.it/), li hija bbażata fir-reġjun.

*“L-iskema kienet tassew importanti għalija għaliex għenitni nkompli nirriċerka, nipproteġi l-prodott bil-liġi, nesperjenza l-ħajja fuq ix-xogħol u nżid il-possibbiltajiet tiegħi li nsib ix-xogħol.”*

*“L-iskema kienet tassew importanti għalija għaliex għenitni nkompli nirriċerka, nipproteġi l-prodott bil-liġi, nesperjenza l-ħajja fuq ix-xogħol u nżid il-possibbiltajiet tiegħi li nsib ix-xogħol,”* iżid jgħid. *“Kienet b’kumbinazzjoni li sirt naf dwar l-għotja. Rajt reklam li kien qiegħed ifittex riċerkaturi, iżda għall-ewwel ħsibt li dan ma kienx jgħodd għalija. Ħsibt li l-għotjiet kienu għal nies li diġà kienu qegħdin jaħdmu fl-universitajiet jew fiċ-ċentri tar-riċerka. Iżda wara kollox ma kelli xejn x’nitlef, għalhekk applikajt.”*

## L-enerġija solari

Simone ntgħażel minn fost ħafna applikanti u ngħata l-għotja. Din fetħitlu l-bieb għall-impjieg ta’ riċerka fil-kumpanija, fejn kellu ċ-ċans jara x’inhu l-potenzjal għal tip ġdid ta’ sistema ‘fotovoltajka kkonċentrata’ fuq skala żgħira maħsuba biex tutilizza l-enerġija mix-xemx bil-għan li tiġi ġġenerata l-enerġija.

*“Meta bdejt ir-riċerka ma kontx naf wisq dwar is-sistemi fotovoltajċi,”* jistqarr, *“iżda dan huwa qasam eċċitanti ħafna, speċjalment bħalissa bl-interess dejjem jikber fl-enerġiji li jiġġeddu.”*

L-iżvilupp tas-sistemi fotovoltajċi beda fit-tmeninijiet fl-Istati Uniti. *“Iżda hawnhekk fl-Italja, ħadd ma kien jaf wisq dwarhom,”* jgħid Simone. *“Konna tista’ tgħid qegħdin nibdew mill-bidu nett.”* Billi ħadem ma’ universitajiet u istituti ta’ riċerka Taljani oħrajn, huwa rnexxielu jiżviluppa applikazzjoni li taħdem b’inqas spejjeż u li kienet ser iżżid l-effiċjenza, meta mqabbla mal-proċessi fotovoltajċi solari tradizzjonali.

Is-sistema tikkonċentra l-enerġija mix-xemx billi tuża lenti u mbagħad taqsam ir-raġġi f’meded ta’ frekwenza differenti. *“Il-vantaġġ ewlieni huwa li din għandha temperatura ferm aktar baxxa mis-soluzzjonijiet simili. Iċ-ċelloli ma jisħnux iżżejjed u dan jagħmilha ħafna aktar effiċjenti,”* kompla jispjega. Il-kumpanija ngħatat il-brevett legali għall-invenzjoni u fil-ħarifa 2008 Simone ġie offrut pożizzjoni permanenti biex ikompli l-ħidma tiegħu.

*“Meta bdejt kienet bħal donnha xi logħba. Jien bdejt insir naf aktar dwar qasam ġdid u ninvestiga l-affarijiet,”* jgħid. *“Meta l-applikazzjoni ntlaqgħet u ngħatat il-brevett legali, dak li kien irnexxieli nikseb laqat lil kulħadd fil-laħam il-ħaj. Ħassejtni kburi ħafna.”*

Huwa jwissi li għadna fil-bidu u li jistgħu jgħaddu diversi snin qabel prodott lest jidħol fis-suq. *“Madankollu, issa tassew nixtieq narah jitlesta. Hija esperjenza meraviljuża li tkun fuq quddiem nett fl-iżvilupp ta’ ħaġa bħal din.”*

# Immira fl-għoli



Il-belt provinċjali ta' Siauliai fit-Tramuntana tal-Litwanja tħossha mbiegħda sewwa mill-qalba tal-Ewropa, anki mill-belt kapitali tal-pajjiż Vilnius, iżda *Nedas Jurgaitis*, għalliem tal-lingwa fil-kulleġġ lokali, huwa determinat li jlaħħaq mal-bqija tad-dinja.

*"Fir-reġjun tagħna qegħdin iseħħu bidliet pożittivi ħafna,"* huwa jgħid. *"Hawnhekk ninsabu 'l bogħod miċ-ċentru tal-affarijiet, iżda għandna sistema skolastika eċċellenti, kulleġġ mill-aqwa u bosta studenti li huma tajbin ħafna. Il-ġejjieni jidher sabiħ."*

L-imħabba vera ta' Nedas hija l-lingwistika komparattiva. Wara li studja għal-grad ta' Master's fis-suġġett, huwa beda jgħallem fil-Kulleġġ ta' Siauliai, iżda bil-ftit esperjenza li kellu fir-riċerka, il-prospetti tiegħu li jħalli marka fid-dinja akkademika kienu jidhru żgħar ħafna.

Dan inbidel meta huwa attenda serje ta' korsijiet ta' taħriġ speċjali, seminars u workshops, kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew. Il-proġett *MOKOM* (L-iżviluppar tal-kompetenza fir-riċerka xjentifika) kien immirat biex iħarreġ, itejjeb il-kwalifiki u jikkwalifika mill-ġdid lix-xjentisti u riċerkaturi oħrajn biex ilaħħqu mal-ħtiġijiet tas-suq ta' kuljum. Nedas sema' dwar il-programm mingħand wieħed mill-amministraturi fil-kulleġġ, u huwa u xi għalliema sħabu kienu mħeġġa jipparteċipaw.

## Teħid ta' vantaġġi mill-punti pożittivi tal-Ewropa

Matul is-serje ta' attivitajiet edukattivi tal-proġett MOKOM, li damu għaddejjin minn Settembru 2005 sa Frar 2008, Nedas u l-kollegi tiegħu ltaqgħu ma' wħud mill-aqwa riċerkaturi, xjentisti u għalliema universitarji mill-aktar ikkwalifikati fl-Ewropa.

Is-suġġetti tal-kors kienu jinkludu 'għodod ġodda tal-IT għar-riċerka', 'il-bini ta' tim', u 'kif tikkomunika r-riżultati tar-riċerka'. Xogħol prattiku kien jinkludi l-iżviluppar ta' metodoloġiji ġodda għar-riċerka u t-tħejjija ta' preżentazzjonijiet xjentifiċi tal-aħħar teknoloġija.

Nedas jgħid li huwa kiseb intuwizzjonijiet importanti għax-xogħol tiegħu u għall-qasam tal-lingwistika komparattiva. L-esperjenza tagħtu sens ġdid ta' fiduċja u motivazzjoni. *"Il-parteċipazzjoni f'dan il-programm tatni esperjenza siewja ħafna,"* isostni. *"Il-programm*

*"Dan il-programm ħalla impatt pożittiv fuq il-mod kif ngħallem, u, aktar importanti, fuq il-mod kif naħseb dwar l-edukazzjoni u r-riċerka."*

*ħalla impatt pożittiv fuq il-mod kif ngħallem, u, aktar importanti, fuq il-mod kif naħseb dwar l-edukazzjoni u r-riċerka."* B'fiduċja ġdida fih innifsu, Nedas jgħid li issa huwa jħossu ppreparat aħjar minn qatt qabel biex jikkompeti fid-dinja tal-akkademiċi ta' livell għoli.

## Fiduċja ġdida

Fl-età żgħira ta' 28 sena, Nedas kien diġà jservi bħala Kap tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Internazzjonali fil-Kulleġġ ta' Siauliai. Issa huwa ddeċieda li jagħmel pass ieħor 'il quddiem u qiegħed jippjana li jaħdem fuq PhD, fejn qiegħed jittama li eventwalment isir professur b'mod sħiħ. U billi issa jridu jieħdu ħsieb lil binthom ċkejkna li għadha kif twieldet, Nedas u l-mara tiegħu qegħdin tabilħaqq jistennew affarijiet aħjar xi jseħħu.

*"Ma ngħidx li qabel ma kelli ebda fiduċja fija nnifsi,"* jistqarr. *"Kont ċert minni nnifsi u mill-ġejjieni tiegħi, sa ċertu punt, iżda ma kellix l-għarfien u l-esperjenza meħtieġa biex nagħmel il-pass li jmiss, biex nagħmel dak il-futur realtà. Kien hemm xi ħaġa nieqsa. Issa qiegħed nara t-triq quddiemi u din tinkludi bibien ġodda li qegħdin jinfetħu għalija u għall-familja tiegħi."*

# Wiri tat-triq ’il quddiem lill-oħrajn



*Mogens Lausen* għandu personalità soċjevoli u li tattirak, iżda mhux minn dejjem kien hekk. Illum il-ġurnata mużiċist u attur ta’ talent kbir, huwa rnexxielu jegħleb il-mistħija fl-iskola u fil-ħajja personali tiegħu.

*“Jien trabbejt u kbirt f’raħal żgħir fit-Tramuntana ta’ Jutland,”* jispjega Mogens. *“Kont tifel kwiet u kien diffiċli għalija biex nesprimi ruħi, iżda minn dejjem kont inħobb il-mużika.”*

Oriġinarjament, Mogens kien ried li jistudja l-mużika fl-Università ta’ Aarhus, iżda dak iż-żmien id-dipartimenti tal-mużika kienu qegħdin jiġu mrażżna madwar il-pajjiż kollu. *“Sabiex issir mużiċist professjonali dejjem kienet ser tkun biċċa xogħol iebsa,”* jgħid. *“It-teatru ppreżenta sfidi oħrajn u ħsibt li din tista’ tkun is-soluzzjoni għalija, għalhekk għażilt li nidħol bħala student tad-drama.”* Id-deċiżjoni kienet waħda tabilħaqq kuraġġuża għal xi ħadd b’mistħija kronika. B’xi mod jew ieħor, il-belt ta’ Aarhus kellha tilgħab parti kbira fil-ġejjieni tiegħu.

*“Dan huwa ċentru kulturali eċċitanti u vibranti,”* jgħid Mogens. Aarhus hija t-tieni l-akbar belt u l-port prinċipali tad-Danimarka, u fis-snin riċenti rat sensiela ta’ proġetti pubbliċi kbar ta’ restawr, li biddlu l-belt interna li darba kienet qiegħda titfarrak, f’post ta’ interess għall-kummerċ u l-kultura lokali. B’aktar minn 300,000 abitant, Aarhus tafferma t-titolu mhux uffiċjali tal-‘Kapitali ta’ Jutland’.

## Jibni fuq esperjenza siewja

*“Meta spiċċajt mill-kulleġġ għamilt xi reċtar professjonali hawnhekk fil-belt,”* jgħid Mogens, *“u anki xi ftit direzzjoni teatrali. Xogħli għallimni ħafna dwar il-fiduċja li persuna għandu jkollha fiha nnifisha, iżda l-ħajja fit-teatru mhijiex faċli u l-mara tiegħi u jien għaddejna minn żminijiet diffiċli.”*

Mogens intebaħ li t-triq li kellu jaqbad biex javvanza kienet li jibda n-negozju tiegħu stess. Fih ra l-potenzjal li jgħin lin-nies jibnu l-fiduċja fihom infushom u jipperfezzjonaw ‘il-prestazzjonijiet fil-ħajja’ tagħhom. Tul is-snin li qatta’ jaħdem fit-teatru, huwa żviluppa tekniċi ta’ kowċing tiegħu personali, billi uża l-għarfien tiegħu bħala attur u artist biex jgħin atturi oħrajn joħorġu fuq il-palk, isibu l-motivazzjoni u jiffaċċjaw kwistjonijiet personali diffiċli. Huwa ntebaħ li dawn l-istess tekniki jistgħu jiġu applikati biex jgħinu

> *"L-esperjenza għenitni biex nikseb stampa ċara ta' fejn ridt immur u kif ridt nasal hemm. U dan huwa dak illi ngħallem lil ħaddieħor."*

lin-nies b'mod ġenerali, iżda xorta waħda kien jeħtieġ l-għajnuna biex jirnexxilu jdawwar l-ideat tiegħu f'karriera vijabbli.

*"Kelli diversi ideat ċari dwar fejn ridt nasal,"* jgħid Mogens, *"iżda jien kont qiegħed nipprova nibda kumpanija mingħajr ebda esperjenza. Sadanittant, il-mara tiegħi kienet qiegħda tfittex appoġġ għal grupp teatrali li tmexxi, u dan kien ifisser li s-sitwazzjoni finanzjarja tagħna ma kinitx stabbli ħafna. Kont naf li kont neħtieġ għajnuna reali biex inkun nista' nibda n-negozju tiegħi, u kelli bżonn nieħu azzjoni malajr."*

## Aktar minn regoli u regolamenti

L-għajnuna għal Mogens u l-familja tiegħu waslet fl-għamla ta' kors ta' taħriġ speċjali għal intraprendituri li riedu jagħmlu isem, kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew. Il-kors għen lil Mogens jagħti bidu lill-kumpanija tiegħu. *"Irċevejt informazzjoni siewja ħafna dwar kif kelli nibda. Hemm ħafna regoli amministrattivi li trid issegwi u trid tgħaddi minn bosta provi diffiċli,"* isostni.

Il-kors ta' taħriġ, organizzat miċ-Ċentru għall-Intraprenditorija fl-Università ta' Aarhus, kien jinkludi pariri konkreti dwar kif wieħed għandu jimxi mar-regoli u r-regolamenti kummerċjali, iżda kien jirrikjedi wkoll li l-parteċipanti jeżaminaw il-ħiliet, il-motivazzjonijiet u l-aspettattivi personali tagħhom. *"Li tkun familjari mar-'regoli tat-triq' kienet għajnuna reali,"* jgħid Mogens. *"Ma kontx inkun nista' nibda n-negozju tiegħi mingħajr dan il-kors, iżda tgħallimt ukoll xi ħaġa dwar is-saħħiet u d-dgħjufijiet individwali tiegħi, il-personalità tiegħi, u l-potenzjal tiegħi bħala intraprenditur indipendenti."*

## It-triq lejn is-suċċess

Illum, Mogens imexxi n-negozju tiegħu stess f'Aarhus. 'Re-Act!' tipprovdi coaching u konsulenza lin-nies li jkunu jridu javvanzaw fil-karrieri tagħhom, jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom, jaħdmu biex isolvu l-problemi fin-negozju u jegħlbu l-beżgħat personali.

Il-ħidma ta' Mogens tieħdu għand kumpaniji u organizzazzjonijiet fiċ-ċentru tal-belt u l-kampanja tal-madwar, u jagħmel ukoll sessjonijiet ta' kowċing fl-uffiċċju li għandu d-dar. *"Il-klijenti tiegħi huma ta' kull xorta,"* jgħid Mogens. *"Dawn jistgħu jkunu individwi li jkunu jridu jagħmlu ċaqliq fil-karriera tagħhom, kumpaniji li jikkunsidraw li jagħmlu ristrutturar strateġiku, jew organizzazzjonijiet involuti f'negozjati diffiċli mal-awtoritajiet tal-gvern jew ma' entitajiet oħrajn."* Huwa jgħid li dawn kollha jirrappreżentaw nies b'personalitajiet u karatteristiċi differenti, li jkollhom bżonn jesprimu ruħhom u jifhmu u jinteraġġixxu ma' nies oħrajn.

*"Li tkun taf min inti u għaliex trid dak li trid jista' jinfluwenza l-mod kif taħdem,"* jgħid Mogens. *"Din hija xi ħaġa li tgħallimt matul il-kors tal-FSE. L-esperjenza għenitni biex nikseb stampa ċara ta' fejn ridt immur u kif ridt nasal hemm. U dan huwa dak illi ngħallem lil ħaddieħor; issa għent mijiet ta' persuni biex javvanzaw f'ħajjithom u fil-karrieri tagħhom. Nista' ngħid li dan kien suċċess."*

# L-inklużjoni soċjali

# Fit-triq it-tajba



Studenta fl-Università ta' Ljubljana, Jana Urbanija hija entużjastika dwar il-ġejjieni. It-tfajla ta' 26 sena qiegħda tagħmel kors fil-ġeoteknoloġiji u daħħlet f'rasha li taqbad karriera fl-industrija tal-minjieri.

*"Irrid insir inġinier,"* tgħid Jana. *"Irrid xogħol fejn inkun nista' naħdem fuq proġetti ta' skala kbira f'pajjiżi differenti madwar id-dinja."*

Madankollu, it-triq li qabdet mhux dejjem kienet mingħajr diffikultajiet u sa ftit tas-snin ilu, il-ġejjieni tagħha ma kienx jidher daqstant sabiħ. L-ewwel snin taż-żgħożija tagħha, hija u tikber fir-reġjun qrib il-Lag Bled, kienu mqallba. *"Meta kont qiegħda nikber kelli ħafna problemi,"* tistqarr. *"Missieri kien jixrob ħafna u l-ġenituri tiegħi ddivorzjaw. L-ewwel kont ħrabt mid-dar meta kelli sitt snin u mbagħad waqajt f'dipressjoni mill-età ta' 12-il sena 'l quddiem."*

Hija kienet tħobb l-isports, iżda kellha twarrab ħafna attivitajiet minħabba problemi f'irkupptejha – sitwazzjoni li kienet qiegħda żżid is-sens ta' aljenazzjoni li diġà beda jikber fiha. *"Ma stajt nissetilja mkien u ħajti kienet tad-disprament."* It-tfittxija tagħha biex issib post fejn kienet tappartjeni wasslitha biex tibda tesperimenta bid-drogi. *"Kienet bdiet bħala xi ħaġa soċjali, fil-parties u d-diskoteki, iżda maż-żmien saret problema aktar serja."* Hija bdiet tieħu d-droga ecstasy kuljum u l-użu tad-drogi ma damx ma eskala għal drogi aktar qawwija. *"Kont qiegħda nieħu sa ħames pilloli f'ġurnata. Imbagħad bdejt nieħu l-eroina biex nikkalma."*

Jana bdiet tisraq biex tkun tista' tiffinanzja l-vizzju li kien qabad jaħkimha b'mod mgħaġġel, u l-imġiba tagħha bdiet tbiegħed lil ħbiebha minnha. *"Moħħna ma kienx qiegħed jaħdem l-istess. Ma kien jimpurtani minn xejn. L-iskola sibt ruħi waħdi u bdejt infittex ħbieb li kienu jieħdu d-droga bħali. Fl-aħħar żmien tal-istudji kont qiegħda nqatta' aktar ħin fil-ħwienet tax-xorb milli fl-iskola,"* tistqarr. Forsi kif wieħed kien jistenna, hija weħlet mill-eżamijiet fl-aħħar sena tal-iskola u kellha tieqaf. *"Dak iż-żmien kont bdejt nidħol f'aktar u aktar inkwiet mal-pulizija."*

## Il-bidla

Programm ta' edukazzjoni informali kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew għenha biex tibda tbiddel ħajjitha. Il-programm *Project Learning for Young Adults* (PLYA)

*"Fil-kors ittrattawni bħala individwu. Kien hemm atmosfera tajba. Kulħadd kien jappoġġja lil ħaddieħor, ma kien hemm ebda kompetizzjoni u hemmhekk stajna nkunu aħna nfusna."*

huwa mmirat biex jgħin liż-żgħażagħ li ma jkunux komplew bl-edukazzjoni regolari tagħhom biex jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Huwa jaħdem permezz ta' proġetti fl-arti u s-snajja', tagħlim prattiku, ħiliet għall-ħajja, l-iżvilupp personali u konsulenza.

Għal Jana, dan għenha biex tbiddel u tirranġa ħajjitha. *"Dan il-programm kien dak li kelli bżonn. Bdejt nara li jiena stajt ngħix b'mod differenti."* Hija minnufih innotat differenza pożittiva mqabbla mal-esperjenzi edukattivi li kellha qabel. *"Fl-iskola jittrattawk bħala numru. Iżda fil-kors ittrattawni bħala individwu. In-nies kollha li kienu qegħdin jattendu kienu jinsabu fl-istess dgħajsa, ilkoll kemm huma kienu ġew imbuttati 'l barra mis-sistema regolari,"* tgħid. *"Għalhekk, kien hemm atmosfera tajba. Kulħadd kien jappoġġja lil ħaddieħor, ma kien hemm ebda kompetizzjoni u hemmhekk stajna nkunu aħna nfusna."*

Hija għamlet sena tattendi għal dan il-kors. Madankollu, hija xorta waħda kienet għadha qiegħda tieħu d-drogi, iżda kien f'dan il-punt li hija bdiet tirrealizza li riedet twaqqaf il-vizzju. *"Kont qiegħda niġġennen,"* tgħid. *"Kont qiegħda nibża' li ser nispiċċa f'xi istitut mentali jew saħansitra li mmut."*

Hija ddeċidiet li tmur f'komunità magħluqa sabiex tkun tista' taqta' l-vizzju tad-droga u terġa' ġġib lura ħajjitha. *"Kienet iebsa ħafna,"* tistqarr Jana. *"Il-komunità, immexxija minn organizzazzjoni kattolika bbażata fl-Italja, kienet stretta – ma kellniex televiżjoni, lanqas kellna l-iċken kuntatt mad-dinja ta' barra, kellna biss ftit kumditajiet materjali u programm ta' xogħol fiżiku iebes. Kienet agħar mill-ħajja fl-armata,"* tgħid Jana.

Iżda saħansitra aktar iebes mix-xogħol fiżiku, tgħid Jana, kienu l-bidliet personali. *"Ikollok taċċetta lilek innifsek kif inti u mbagħad taħdem biex ittejjeb lilek innifsek. Inti tingħata responsabbiltà u toħroġ bħala persuna. Tasal biex tara l-iżbalji tiegħek,"* hija tispjega. *"Kienet qisha l-infern, iżda llum għandi memorji tajbin għaliex il-komunità hija safja ħafna. Hija komunità onestà u fiha tagħmel ħbiberiji kbar. Hemm mumenti sbieħ għaliex il-ħajja hemm ġew hija safja immens."*

Wara kważi tliet snin, Jana ħassitha lesta biex terġa' tiffaċċja d-dinja. Hija reġgħet lura f'darha fl-2004. *"Il-ħbieb li kelli fil-passat aċċettawni u dik kienet xi ħaġa li għenitni ħafna. Erġajt bdejt nistudja mill-ewwel. L-agħar ħaġa [għal persuna bil-vizzju tad-droga] hija li tkun solitarja u waħdek."* Hija reġgħet għamlet l-eżamijiet tal-iskola u mbagħad għamlet kors ieħor biex tkun tista' tidħol għall-kors universitarju li qiegħda ssegwi bħalissa.

## Trid trodd xi ħaġa lura

Jana hija filosofika dwar l-imgħoddi u ntebħet li hija kienet ixxurtjata li kellha ċ-ċans taħrab mill-passat tagħha. *"Inħossni grata ħafna għall-għajnuna kollha li ngħatajt u għan-nies li kienu hemm għalija,"* tgħid. *"Irċevejt ħafna u issa rrid inħallas lura."*

Hija taħdem xifts ta' bil-lejl f'ċentru għaż-żgħażagħ bi problemi tad-droga u l-alkoħol, billi qiegħda tuża l-esperjenza tagħha biex tgħin lill-oħrajn jgħaddu minn żminijiet diffiċli. Hija tissorvelja lill-adoloxxenti li joqogħdu hemmhekk u tagħtihom pariri kull meta tkun tista'.

*"Nixtieq nistabbilixxi komunità bħal dik li kont immur fiha jien, iżda biex ngħin lin-nies li jkunu qegħdin ibatu minn dipressjoni,"* tkompli Jana. *"Iżda dik hija mira għat-tul. Fil-mument sempliċiment qiegħda nieħu gost b'dak li qiegħda nagħmel u nħares 'il quddiem lejn il-ġejjieni."*

# Ħiliet ġodda fl-IT għal ġejjieni aħjar




*"Bħal ħafna nies illum il-ġurnata, jien nuża l-kompjuters kemm għan-negozju kif ukoll għall-gost. Li tkun taf kif tagħmel l-aħjar użu minn dawn it-teknoloġiji jfisser ħajja aħjar u ġejjieni aktar promettenti."* Hekk jgħid Christos Giannakopoulos, żagħżugħ bi prospetti sbieħ, grazzi parzjalment għall-Fond Soċjali Ewropew.

Christos tilef il-ġenituri tiegħu meta kien għadu żgħir u kellu jittieħed, flimkien ma' ħuh akbar minnu, minn Ateni għal ġo orfanatrofju fl-inħawi ta' barra Chalkida. L-istituzzjoni, fejn huwa għadu jgħix sa issa, hija bbażata fil-bini ta' monasteru antik. Mibnija fil-beraħ fuq linja tal-kosta bil-blat, hemm knisja żgħira mdawra b'binjiet żgħar imgeddsa f'xulxin, inklużi klassijiet għat-tagħlim u bitħa, kif ukoll bini akbar bid-dormitorji, kċina kbira u kmamar komuni għal madwar għaxart itfal orfni.

## Jegħleb żvantaġġi kbar

*"L-ambjent kien wieħed pittoresk,"* jgħid Christos b'ċerta nostalġija, waqt li jħares lejn il-baħar kaħlani u kalm tal-Golf ta' Evia, *"iżda li tikber mingħajr omm u missier xorta kienet iebsa ħafna."* Minkejja dan, iż-żewġ subien irnexxielhom isibu triqithom. Meta wasal iż-żmien, Christos telaq biex jaqdi s-servizz nazzjonali tiegħu.

Bħalissa, il-Greċja għandha sistema ta' servizz militari universali obbligatorju għall-irġiel, fejn l-irġiel kollha ta' 'l fuq minn 18-il sena jridu jservu għal 12-il xahar. Matul iż-żmien li Christos qatta' fl-armata, l-uffiċjal kmandant tiegħu ssuġġerielu li jidħol għal kors ta' taħriġ mingħajr ħlas fit-teknoloġija tal-informatika. Christos feraħ b'dan iċ-ċans li ġieh. Il-kors, immirat għal grupp wiesa' li jinkludi individwi żvantaġġjati u membri tal-forzi armati, kien appoġġjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE).

L-għan tal-programm ta' taħriġ kien li jgħallem ħiliet bażiċi fl-IT, itejjeb l-'għarfien diġitali' tal-istudenti u jkabbar il-potenzjal tagħhom fis-suq tax-xogħol.

Il-proġett kien immexxi mill-Awtorità għall-Implimentazzjoni tal-Azzjonijiet tas-Segretarjat Ġenerali għall-Ġestjoni tal-Fondi Ewropej tal-FSE tal-Greċja – il-Ministeru tal-Impjiegi u l-Ħarsien Soċjali, fil-qafas tal-Programm Operattiv *Is-Soċjetà tal-Informatika 2000-2006* – Il-Ministeru tal-Ekonomija u l-Finanzi.

*"Illum il-ġurnata, it-teknoloġiji tal-informatika jipprovdu għodod importanti fis-setturi kollha, u l-parteċipazzjoni fil-kors ta' taħriġ kienet esperjenza definittivament utli għalija."*

It-Taqsima tal-Organizzazzjoni tal-Ġestjoni (Management Organisation Unit - MOU) hija istituzzjoni li ma tagħmilx profitti fi ħdan is-settur pubbliku usa', li tassisti lill-awtoritajiet pubbliċi fil-ġestjoni effettiva tal-programmi ffinanzjati mill-UE. L-MOU tgħarraf b'dak kollu li jiġri lill-Ministru Grieg tal-Ekonomija u l-Finanzi.

Christos jgħid li l-lezzjonijiet tal-IT għenuh biex itejjeb il-ħiliet pjuttost modesti li kellu qabel fl-użu tal-kompjuter, billi tawh fehim aħjar tal-funzjonijiet bażiċi tal-applikazzjonijiet tal-word processing u l-ispreadsheet u kif juża l-internet.

## Użu prattiku

Christos jaħdem bil-kompjuter kuljum, kemm fid-dar kif ukoll fix-xogħol tiegħu. *"Fuq l-internet tista' tikseb aċċess għal ħafna affarijiet,"* jgħid. *"Jien nużah biex nikkomunika ma' ħbiebi, u biex nikseb tagħrif dwar kull tip ta' suġġetti. Barra minn hekk, permezz tiegħu nsir naf dwar prodotti u servizzi ġodda, iżda l-kompjuter nużah ukoll fuq ix-xogħol."*

Huwa impjegat fuq bażi full-time fi stabbiliment tal-għamara għad-dar li jinsab fil-qrib. Huwa jqatta' parti mill-ħin tiegħu jgħin lill-klijenti fis-sular tax-showroom, iżda huwa jiċċekkja wkoll l-ordnijiet u jaġġorna l-istokk u d-databases tal-inventarju fuq il-kompjuter tal-uffiċċju, filwaqt li joħroġ iwassal l-ordnijiet meta jkollu aptit joħroġ għal ftit arja friska.

*"Il-fatt li kelli ċ-ċans nagħmel kors tal-kompjuter b'xejn għamel differenza kbira f'ħajti,"* huwa jsostni. *"Ma kontx inkun fejn jien illum mingħajru."* Christos jgħid li studenti oħrajn li kienu fil-kors miegħu għamlu saħansitra affarijiet akbar u aħjar bħala riżultat tal-ħiliet li tgħallmu.

## Iħares lejn il-ġejjieni

Christos jara l-impjieg li għandu bħalissa bħala tarġa importanti biex ikompli javvanza, fejn huwa tgħallem ħafna dwar il-maniġment u kif tmexxi negozju ta' suċċess. Huwa jittama li xi darba jiftaħ negozju tiegħu, forsi bi sħab ma' ħuh. *"Inħobbu niltaqgħu naqsmu l-ideat li jiġuna,"* jirrimarka. *"Qegħdin naħsbu biex forsi niftħu xi tip ta' kafetterija jew bar li jkun mgħammar bl-internet. Hija ħolma li se ssir realtà fiż-żmien li ġej, meta jkun il-waqt."*

*"Jien ġej minn pajjiż antik fejn aħna kburin bl-istorja tagħna,"* iżid jgħid Christos. *"Iżda m'għandniex għalxiex inkomplu ngħixu fil-passat; nistgħu wkoll inħarsu lejn il-ġejjieni. Illum il-ġurnata, it-teknoloġiji tal-informatika jipprovdu għodod importanti fis-setturi kollha, u l-parteċipazzjoni fil-kors ta' taħriġ kienet esperjenza definittivament utli għalija."*

# Mit-triqat għal fuq il-passarella tal-isfilati tal-moda



*"Bologna nħobbha, iżda hija kienet il-qerda tiegħi,"* tgħid Fiorella, hija u tħares lejn Piazza Maggiore, il-pjazza tal-belt Taljana li hija famuża mad-dinja kollha. *"Madankollu, fit-triqat teżisti għamla ta' solidarjetà li ma ssibha mkien aktar."*

Minn mindu ħarbet mid-dar kmieni f'żgħożitha, Fiorella kellha ħajja iebsa u avventuruża. Hija qattgħet diversi snin il-ħabs, segwiti minn perjodu twil ta' dipressjoni. Għal sentejn għexet ħajja mħarbta, torqod fil-ġonna pubbliċi u fil-kmamar ta' stennija tal-istazzjonijiet. Issa, fl-età ta' 50 sena, ħajjitha sa fl-aħħar ġiet għan-normal. Hija tgħix f'appartament tagħha stess flimkien mal-kelba Alsatian ta' razza mħallta u kwieta tagħha, Alba, u għandha relazzjoni stabbli. Hija tmexxi wkoll ħanut tal-ħwejjeġ 'vintage' imżejjen b'mod eleganti – Il Vestito – fiċ-ċentru tal-belt, fejn ir-residenti u t-turisti joħorġu jimxu u jduru qalb l-istabbilimenti tal-ħwienet famużi ta' Bologna. Il-ħanut huwa proprjetà ta' Piazza Grande, organizzazzjoni lokali mwaqqfa fl-1993 biex tagħti appoġġ lin-nies bla dar. B'appoġġ mill-Unjoni Ewropea, permezz tal-Fond Soċjali Ewropew, Piazza Grande għamlet l-arranġamenti għat-taħriġ fil-ħjata tal-ilbiesi li wassal lil Fiorella biex tibda taħdem u ġġib lura r-rispett lejha nnifisha.

*"Piazza Grande aċċettatni u tatni l-ispazju u ż-żmien biex nirkupra, u jiena ħtaft l-opportunitajiet kollha li offrietli,"* tgħid Fiorella. *"Kelli ħafna problemi, iżda dejjem żammejt id-dinjità u l-valuri tiegħi. Fuq kollox, jiena ħaddiema."*

## Tinħall mill-irbit li kellha fil-passat

Fiorella twieldet f'familja sinjura, iżda warrbet mill-isfond tagħha sa minn ċkunitha. *"Ommi żviluppat tumur ftit wara li twelidt jiena. Hija mietet meta jiena kelli 13-il sena. Kienet storja diffiċli. Stajt niekol minn platt tad-deheb, iżda minn dejjem xtaqt li nkun fil-libertà. Ridt ngħix ħajti. Il-ġenituri tiegħi kienu meraviljużi, u riedu jħassruni b'ħafna fsied. Iżda dak iż-żmien ma kelli ebda interess f'dan."*

*"Huwa importanti li tirrispetta lill-familja tiegħek,"* hija temmen illum il-ġurnata. *"Huma għamlu żbalji miegħi, iżda dan minħabba li huma kellhom il-problemi. Barra minn hekk, huma kienu sinjuri ħafna."*

Fiorella ħarbet mid-dar biex tiżżewweġ fl-età ta' 16-il sena. *"Missieri ordna li ż-żwieġ tagħna ma jseħħx, għalhekk morna Ruma biex inġibu permess mingħand il-Papa nnifsu,"* hija tiftakar. Iżda l-koppja

*"Piazza Grande aċċettatni u tatni l-ispazju u ż-żmien biex nirkupra, u jiena ħtaft l-opportunitajiet kollha li offrietli."*

sseparat fi żmien sena. Hija ma damitx ma sabet imħabba ġdida, din id-darba ma' raġel Amerikan-Indjan. Iżda ġimgħa wara li Fiorella skopriet li kienet tqila, huwa miet f'inċident tal-ajru. Hija kellha kważi 18-il sena meta welldet lil binhom Michele, li nstab li kellu marda konġenitali f'qalbu u eventwalment miet fl-isptar sitt xhur biss wara li twieled.

*"Wara l-mewt ta' ibni, l-affarijiet bdew imorru għall-agħar,"* tistqarr Fiorella. Hija għamlet xi snin tivvjaġġa madwar id-dinja – l-Awstralja, il-Brażil, it-Tajlandja – dejjem kienet tiekol u tgħix minn fuq is-serq. Meta finalment inqabdet, hija kellha tqatta' żmien twil fil-ħabs.

Madankollu, meta ħarġet mill-ħabs, hija reġgħet ingħaqdet ma' missierha, u bdiet taħdem fin-negozju tar-ristorant tiegħu bħala koka. Imbagħad, għodwa waħda fl-1992, meta Fiorella ħaditlu l-kafè ta' filgħodu, hija sabitu mejjet. Huwa kien sofra minn attakk tal-qalb qawwi. Din it-traġedja tefgħetha f'dipressjoni qawwija. Għalkemm għall-ewwel hija kompliet tmur taħdem, *"ma kontx qiegħda ngħix fir-realtà,"* tissokta tgħid. Wara li nqatgħet minn ma' membri oħrajn tal-familja, Fiorella tatha għat-teħid tad-droga. *"Eroina, kokaina, methadone … Ippruvajt kollox."* Meta spiċċat tiddejjen, hija bdiet tisraq biex ikollha x'tiekol u ssostni l-vizzju tagħha, sakemm finalment spiċċat bla saqaf fuq rasha.

## Għajnuna fejn hemm bżonn

L-ewwel kuntatt ta' Fiorella ma' Piazza Grande kien fl-2002. L-organizzazzjoni, li oriġinarjament kienet ġiet imnedija biex tippubblika gazzetta bil-għan li jinġabru fondi għan-nies bla dar, issa qiegħda tinvolvi ħaddiema soċjali u 'avukati tat-toroq' *(avvocati di strada)* li joħorġu fil-belt biex jipprovdu għajnuna prattika (ikel, ħwejjeġ u kutri) u pariri. Timpjega wkoll madwar 20 persuna fil-kooperattiva tagħha tat-tindif u t-tiżjin *(Fare Mondi)*, fil-workshop tar-roti u fil-maħżen tal-ħwejjeġ, li jiġbor id-donazzjonijiet u jqassamhom lin-nies fil-bżonn. Piazza Grande tmexxi grupp teatrali u kompliet tespandi biex torganizza attivitajiet ta' taħriġ, fejn toffri aktar opportunitajiet ta' xogħol lill-aktar nies foqra u lill-aktar persuni mwarrbin f'Bologna, li ħafna minnhom ikunu immigranti u nies mill-komunità Roma. *"L-għan huwa li kulħadd jiżviluppa u jkollu ċ-ċans jagħmel dak li jista',"* jgħidu l-organizzaturi.

*"Il-ħaddiema ta' Piazza Grande kienu sabuni fil-park,"* tiftakar Fiorella. *"Fil-verità jiena m'inix persuna tat-triq, għalhekk kont iddeċidejt li nieqaf nieħu d-drogi. Irnexxieli nagħmel dan waħdi. Tgħallimt niġġieled għalija nnifsi meta kont għadni f'ġuf ommi, u llum għandi karattru sod – fil-ħabs kienu jħobbu jsejħuli 'silġ u nar' minħabba l-għajnejn pallidi tiegħi. F'ħajti rajt wisq affarijiet, għalhekk illum nattakka jien qabel niġi attakkata. Jiena persuna diffiċli, iżda jiena wkoll passjonali."*

## Il-valur essenzjali tax-xogħol

Piazza Grande offriet it-tama li kellha bżonn. Wara diversi xhur fl-isptar bi ħsara serja fil-fwied u l-kliewi li setgħet kienet fatali, sa fl-aħħar seta' jkollha akkomodazzjoni tagħha. *"Għalkemm xorta waħda kien għad għandi l-problemi, Piazza Grande bdew jagħtuni x-xogħol,"* tissokta tgħid. Fl-2004, hija bdiet il-kors fil-ħjata bażika tal-ilbiesi. *"Meta kont żgħira ħafna, dawk li kienu jieħdu ħsiebi kienu ħajjatin. Kont noqgħod narahom jaħdmu. Minn dejjem kienet xi ħaġa li ridt nagħmel jiena stess."* Taħriġ ieħor li ħadet fl-2006 għallimha tidentifika ħwejjeġ qodma u tittrasformahom fi ħwejjeġ tal-moda. Finalment, f'Novembru 2007, Il Vestito fetaħ il-bibien tiegħu. Fiorella u l-assistenta tagħha Micaela Ugolini huma responsabbli mill-ġestjoni finanzjarja tan-negozju, fejn huma jridu jagħżlu l-affarijiet għall-bejgħ mid-donazzjonijiet ta' ħwejjeġ li jaslu, u jmexxu l-ħanut, bl-assistenza ta' tim żgħir ta' ħajjatin imħarrġa li jagħmlu xogħol ta' alterazzjonijiet.

*"Jiena kuntenta b'dak li qiegħda nagħmel issa – għalkemm niflaħ nagħmel daqsxejn aktar. Iżda n-nies fi Piazza Grande investew fija u jiena nista' biss nirringrazzjahom,"* tirrifletti Fiorella. Xi ftit taż-żmien ilu, hija reġgħet ingħaqdet ma' ħutha u man-neputijiet, wara perjodu twil ta' iżolament.

Fit-triqat, hija għexet ma' grupp ta' nies bla dar li wrew rispett reċiproku u ħaddnu regola mhux miktuba li jgħixu ħajjithom bla ma jindaħlu f'dak li jagħmel ħaddieħor. *"Iżda qatt ma jiena ser nerġa' lura f'dik il-ħajja – assolutament le!"* tiddikjara. *"Kelli bżonn neħles mill-istint illi kelli li neqred lili nnifsi, iżda mhux min-nies li kont naf. Huwa importanti li tibqa' pożittiva. Jekk tkun pożittiva tkun tista' tgħin nies oħrajn ukoll, u jiena nipprova nagħti l-għajnuna tiegħi lil ħaddieħor, bil-mod tiegħi."*

# Id 'il fuq, ċans biex tinfeda



*Allan McGinlay* mhuwiex bniedem mill-agħar, iżda iffaċċja żminijiet diffiċli huwa u jikber fit-triqat perikolużi ta' Glasgow. Wara li beda dieħel f'ċirki dubjużi, sakemm għalaq it-18-il sena huwa kien diġà għamel għadd ta' żbalji u kien inqabad f'attivitajiet suspettużi. Eventwalment, ħajtu bdiet iddur max-xorb, l-inkwiet fil-ħwienet tax-xorb lokali u l-ġlied fit-toroq. Iż-żmien beda għaddej u huwa sab ruħu f'ċirku vizzjuż ta' qgħad, użu tad-droga u, finalment, sentenza ta' priġunerija.

Ħareġ mill-ħabs, għaddew ħafna snin u żwieġ hieni pprovdielu xi ftit tas-serħan u ta lil Allan sens ta' struttura u appartenenza, iżda x-xorti ħażina tiegħu kienet għadha ma ħallitux. Il-frustrazzjoni reġgħet bdiet taħkmu meta tilef impjieg ieħor. Dan iċ-ċirku vizzjuż donnu ma setax jitwaqqaf. Huwa tilef it-tama u waqa' f'dipressjoni.

Illum huwa jgħid, *"Xi kultant in-nies ikollhom bżonn ċans ieħor f'ħajjithom, u jien kont ixxurtjat biżżejjed li kelli t-tieni ċans."*

## L-għaqal bl-esperjenza

Il-proġett *Life Coaching*, kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew, ta lil Allan it-tieni ċans tiegħu. L-għan ta' dan il-proġett huwa li jdaħħal lil dawk il-persuni li kienu priġunieri f'impjieg li jħalli l-qligħ. Dawk li jkunu qegħdin iħarrġu, ex-delinkwenti huma stess, jiġu mgħallma kif jipprovdu pariri u konsulenza lil ex-delinkwenti oħrajn li jirritornaw fiż-żona ta' Glasgow wara perjodu fil-ħabs.

Il-proġett għen lil Allan jiffaċċja l-problemi tiegħu u jibdel ħajtu. Wara li lesta t-taħriġ, huwa ġie impjegat mill-Wise Group, u issa huwa jaħdem fuq bażi full-time fl-uffiċċju tagħhom f'Wishaw, l-Iskozja, fejn jassisti ex-delinkwenti oħrajn.

Għalhekk, issa, Allan reġa' lura fil-ħabs – iżda din id-darba biex jgħin lil ħaddieħor: nies bħalu li laħqu l-qiegħ u ħadu deċiżjonijiet ħżiena. Huwa jiltaqa' ma' priġunieri li jkunu waslu biex joħorġu mill-ħabs u jgħinhom jirritornaw u jerġgħu jintegraw fil-ħajja ta' barra, isibu xogħol u akkomodazzjoni, jagħmlu kuntatt mas-servizzi offruti, iżommu ruħhom fuq tagħhom u jagħmlu l-kuraġġ u joqogħdu attenti li jġibu ruħhom tajjeb.

*““Xi kultant in-nies ikollhom bżonn ċans ieħor f'ħajjithom, u jien kont ixxurtjat biżżejjed li kelli t-tieni ċans.”*

Il-mudell tal-'peer-support', li juża persuni li qabel kienu priġunieri biex jgħinu lil persuni oħrajn li bħalhom kienu l-ħabs, huwa meqjus bħala mod effettiv biex tiġi stabbilita l-fiduċja, tissaħħaħ is-saħħa mentali u emozzjonali ta' dawk li jagħmlu użu mis-servizz, u biex jitnaqqas iċ-ċans li l-persuna tpoġġi lilha nnifisha fil-periklu u li terġa' tagħmel atti ta' mġiba delinkwenti.

## Is-sodisfazzjon fix-xogħol

*"Fix-xogħol tagħna niltaqgħu ma' każijiet pjuttost serji,"* jispjega Allan. *"Aħna naraw żgħażagħ maħkuma mill-vizzju tad-droga, f'kundizzjoni ħażina, iddisprati, saħansitra suwiċidali. Hija sitwazzjoni traġika, kultant tal-qsim il-qalb, iżda lilna tagħtina sens enormi ta' sodisfazzjon li nkunu għamilna xi ħaġa ta' ġid meta jirnexxilna nbiddlu l-ħajja ta' wieħed jew waħda minn dawn iż-żgħażagħ, ngħinuhom isibu impjieg u post fejn joqogħdu."*

Is-sodisfazzjon u l-fiduċja fih innifsu huma ċ-ċwievet għas-suċċess ġdid li sab Allan. Huwa jgħid li l-proġett *Life Coaching* għamel id-differenza kollha fid-dinja għalih u għall-familja tiegħu, u llum huwa jista' jgħid bl-onestà kollha li huwa raġel ferħan. *"Li kieku ma kienx il-programm, ħajti setgħet tkompli tintilef kompletament minn taħt il-kontroll tiegħi. Il-programm tani ċ-ċans li nsir ir-raġel li suppost kelli nkun żmien twil ilu."*

# Komunikazzjoni għal persuni torox



Imwieled trux u mutu, Mário Greško kien għadu daqsxejn ta' tarbija meta ommu ħallietu f'orfanatrofju f'żona rurali tas-Slovakkja. Kien biss meta kellu sitt snin, meta ttieħed fi skola għal tfal torox, li seta' jibda l-vjaġġ twil tiegħu għal-libertà u s-sodisfazzjon f'ħajtu.

*"Jien ngħid lin-nies li twelidt darbtejn,"* jgħid Mário. *"It-tieni darba kienet meta kelli sitt snin. Qabel dak iż-żmien, ma kellix ħsibijiet ċari. Il-memorji tiegħi ta' dak iż-żmien bilkemm għadhom jeżistu f'moħħi, tant li fadal biss impressjonijiet vagi. Naf li kont nilgħab ma' tfal oħrajn. Kont nista' nara ħalqhom jiċċaqlaq u kont naf li din kienet xi ħaġa sinjifikanti, iżda kont konfuż u ma stajtx nifhem x'kien qiegħed jiġri. Illum il-ġurnata, ma fadalli kważi xejn minn dawk iż-żminijiet."*

## Irkuprar minn bidu mħarbat

Il-fatt li ttieħed biex jattendi fi skola speċjali kien ifisser li Mário seta' jitgħallem u jibda jifforma ideat ċari u speċifiċi. *"Tgħallimt nikkomunika bis-sinjali,"* jgħid, *"u kien minn hemm li beda jkolli l-memorji."* Mário tgħallem ukoll jaqra l-movimenti tax-xufftejn, u kif jaqra u jikteb. *"Bdejt nifhem min kont u x'kont,"* jgħid, *"kif jien differenti, u stajt nittama għal xi ħaġa aħjar."*

Meta wasal iż-żmien, huwa telaq lejn Bratislava, fejn beda jaħdem bħala apprendist ma' ħajjat. *"Parti mill-kurrikulu tal-iskola tat-torox kienet li trid titgħallem sengħa,"* jispjega Mário. *"Jien għamilt il-ħjata, għalhekk kienet xi ħaġa loġika li nibda nfittex xogħol fis-settur tal-ħjata. Dan kien bidu, iżda ma kienx dak li ridt nagħmel għall-bqija ta' ħajti. Il-ħolma vera tiegħi kienet li nibda naħdem fl-industrija tal-karozzi. Ir-raġuni hija sempliċi, inħobb ħafna l-karozzi."*

## Tama ġdida

Ħabib ta' Mário qallu dwar kors ta' taħriġ speċjali fit-teknoloġija tal-informatika għal persuni torox, kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew. Il-kors, fil-qafas tal-programm EQUAL, kien jinkludi informazzjoni dwar għodod ta' softwer ġodda u servizzi online għall-persuni neqsin mis-smigħ.

*"Il-persuni torox u muti jiffaċċjaw problemi speċifiċi relatati mal-lingwa,"* jgħid il-koordinatur tal-proġett EQUAL Milan Ručkay. *"Mhijiex kwistjoni sempliċi ta' traduzzjoni. Il-lingwa miktuba hija*

*"L-għarfien fl-użu tal-kompjuter u l-internet fetaħli l-bibien għal kull tip ta' opportunità."*

*kompletament differenti f'termini ta' kunċetti, meta mqabbla mal-komunikazzjoni bis-sinjali. Il-qari u l-kitba huma atti simboliċi: l-ittri f'kelma jikkorrespondu mal-ħsejjes, il-kliem jikkorrespondi ma' affarijiet, azzjonijiet u kunċetti. Aħna naraw l-ittri u l-kliem u nisimgħuhom f'moħħna. Iżda persuna truxa u muta ma tismax kliem."* Ručkay jgħid li l-komunikazzjoni bis-sinjali tixbah aktar li tiddeskrivi xi ħaġa fiżikament b'idejk. *"Hija lingwa għaliha, b'sintassi u grammatika partikolari."*

Matul il-kors ta' taħriġ tiegħu, Mário tgħallem dwar is-servizzi online li huma disponibbli biex jgħinu lill-individwi b'nuqqas ta' smigħ, pereżempju biex jifhmu aħjar l-informazzjoni miktuba. Finalment Mário ddeċieda li jinvesti f'kompjuter laptop. *"Din kienet l-aqwa ħaġa li qatt għamilt,"* jgħid. *"L-għarfien fl-użu tal-kompjuter u l-internet fetaħli l-bibien għal kull tip ta' opportunità."*

## Il-ħajja fil-'karreġġjata veloċi'

B'ħiliet ġodda u b'sens ġdid ta' kunfidenza, Mário beda japplika għall-impjiegi online, u rnexxielu jsib wieħed. Issa huwa jaħdem mal-kumpanija Brose bħala operatur fil-linja tal-assemblaġġ tal-karozzi. Brose hija kumpanija li ilha stabbilita u li timmanifattura komponenti għall-industrija tal-karozzi. Il-faċilità li għandha fi Bratislava tipproduċi assemblaġġi tal-bibien tal-karozzi għall-impjant tal-Volkswagen, li jinsab ftit kilometri biss bogħod.

Mário mhuwiex l-unika persuna truxa u muta fuq il-linja tal-assemblaġġ fi Brose, tispjega l-Maniġer tar-Riżorsi Umani Ediltrúda Makarová. *"Aħna għandna politika miftuħa lejn persuni b'diżabilità. Għandna persuni neqsin mis-smigħ, u għandna persuni li jisimgħu u li għandhom ħakma tajba tal-lingwa tas-sinjali u li jistgħu jgħinu bit-traduzzjoni, meta jkun meħtieġ. Il-fatt huwa li Mário huwa komunikatur mill-aqwa, bil-kliem u mingħajrhom. Aħna lkoll jirnexxilna nifhmu lil xulxin. Huwa ħaddiem eċċellenti u motivat ħafna, xejn differenti minn ħaddieħor hawnhekk."*

Meta mkejjel bi kwalunkwe standard, jista' jingħad illi Mário rnexxielu jegħleb inugwaljanzi u diffikultajiet inkredibbli, iżda huwa ma baqax jgħix fil-passat. Fl-età ta' 30 sena, b'impjieg tajjeb u salarju kompetittiv, huwa qiegħed jgħix ħajja aħjar u jippjana ġejjieni aħjar għalih innifsu. Huwa jgħid li jixtieq li jmur jgħix f'appartament isbaħ u bħalissa qiegħed ifittex mara li eventwalment ikun jista' jiżżewwiġha. *"Nisa eliġibbli biss jistgħu japplikaw!"*

*"L-affarijiet tassew inbidlu għalija,"* jgħid. *"Li tgħallimt naħdem b'kompjuter kien pass kbir. Inħossni kuntent li kelli ċ-ċans nagħmel dan."*

# Tbissem u għid 'cheese'!



Il-passiġġieri li jinżlu fl-istazzjon tal-ferrovija fir-raħal ta' Hässleholm fin-Nofsinhar tal-Iżvezja, jgħaddu minn ħdejn ħanut tal-merċa sabiħ b'assortiment li jħajrek ta' ġobnijiet imqiegħda għall-wiri fit-tieqa. 'Anne-Lie's Ost & Delikatess', iħabbar sinjal vivaċi. Fuq ġewwa, Anne-Lie Thuvesson titbissem bil-ħlewwa hi u tilqa' lill-klijenti u sservihom mill-għażla wiesgħa ta' ġobon speċjali tagħha, tejiet u kafejiet fini, żjut importati u għażliet ta' gallettini u ċikkulati.

Huwa faċli biex tinduna li l-ħanut huwa s-sodisfazzjon u l-kuntentizza ta' Anne-Lie. *"Il-ħanut ġie ddisinjat kollu kemm hu minni, bi ftit għajnuna mingħand oħti u xi ħbieb,"* tiddikjara. Il-madum tal-art b'disinn bħal bord taċ-ċess b'kaxxi bojod u suwed, l-ixkafef tal-injam illustrati, ir-ringieli ta' laned ikkuluriti – kollha huma xhieda ta' għajn perfezzjonista għad-dettall estetiku.

B'mod konvenjenti, il-ħanut jinsab imiss mal-appartament fejn Anne-Lie tgħix flimkien maż-żewġ uliedha bniet, Hanna ta' 17-il sena u Amanda ta' 16-il sena, u qattus griż bl-isem ta' Fritz. *"Ix-xorti riedet li sibt dan il-ħanut – bħallikieku kien maħsub għalija! Din hija l-ħolma li dejjem kelli. Issa nħossni sodisfatta ħafna b'ħajti,"* tkompli tgħid.

Din il-mara ddivorzjata ta' 52 sena fetħet il-ħanut b'ikel delizzjuż f'Lulju 2008. Kien pass kuraġġuż, wara ħames snin barra mix-xogħol bil-lif tal-mard tbati minn eżawriment u dipressjoni. U dak li għamel din l-opportunità possibbli, tgħid Anne-Lie, kien proġett ta' saħħa u rijabilitazzjoni mfassal għal nisa bla xogħol li fil-passat ikunu ħadmu f'servizzi ta' kura, koffinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew.

## Tliet deċennji ta' servizz

Anne-Lie telqet l-iskola meta kellha 16-il sena u qattgħet kważi 30 sena taħdem fil-kura psikjatrika. Hija kienet tieħu ħsieb lill-pazjenti alkoħoliċi u skiżofreniċi li jkunu qegħdin jirkupraw, qabel qabdet taħdem f'dipartiment ġdid fl-isptar ta' Hässleholm għal pazjenti li jbatu mid-dimenzja. Hija żżewġet fl-1991 u fis-snin ta' wara twieldu Hanna u Amanda. Iżda ż-żwieġ ma marx kif xtaqet. Żewġha kien instabbli u aggressiv, tgħid Anne-Lie. Hija bdiet xogħol ġdid fir-raħal viċin ta' Bjärnum u wara divorzju diffiċli u li ġab ħafna dwejjaq fl-1994, hija ddedikat it-tmien snin ta' wara għax-xogħol tagħha u għal uliedha.

*"Issa nħossni ferħana ħafna. Nixtieq li kulħadd ikollu l-istess opportunitajiet illi kelli jiena."*

Imbagħad fl-2002 ħakimha stress qawwi. Ix-xifts tax-xogħol u l-kunflitti li beda jkollha mal-maniġer tagħha komplew iżidu mal-pressjoni. *"Dan kien wisq għalija,"* tispjega Anne-Lie. Hija bdiet tbati minn perjodi ta' sturdament, attakki ta' biki, u saret aggressiva – bdiet tgħajjat ħafna ma' wliedha. Hija ħadet xahar lif mix-xogħol, iżda fi żmien ħmistax-il ġurnata mindu daħlet lura għax-xogħol, hija reġgħet ħarġet bil-lif tal-mard. *"Għamilt jumejn fis-sodda ma nagħmel xejn. It-tobba fl-Iżvezja jsejħulha dipressjoni, iżda kien diffiċli għalija li naċċetta dik id-dijanjożi – kont ilni naħdem fil-qasam tal-kura psikjatrika għal kważi 30 sena. Ma kont qiegħda nikseb ebda appoġġ fl-impjieg tiegħi, iżda dan ma kienx kollox. Kien perjodu ta' kriżi f'ħajti. Kont marida ħafna. Ma stajtx naqra l-gazzetta, pereżempju, u kien ikolli nagħmel sforz biex inżomm bilwieqfa jiena u naħsel il-platti. Kont nibki kontinwament u kont inħossni rrabjata ħafna. Matul l-ewwel sena li għamilt bil-lif tal-mard ma kont nagħmel assolutament xejn: kont nibgħat lill-bniet lejn l-iskola u mbagħad nintefa' norqod."*

Fortunatament, Anne-Lie rċeviet ħafna appoġġ mingħand il-familja tagħha. Hija kienet iżżur konsulent kull ġimagħtejn, u bdiet tieħu l-mediċina kontra d-dipressjoni. *"Ma ridtx nieħu mediċini,"* tistqarr, *"iżda t-tabib tiegħi spjegali li moħħi ma kienx qiegħed jipproduċi sustanza kimika li kellu bżonn. Għadni sa issa nieħu doża żgħar; il-ftuħ tal-ħanut ġab miegħu ħafna stress ukoll."*

## Offerta li ma setgħetx tirrifjuta

Imbagħad, wara tliet snin, waslitilha ittra li għarrfitha li ġiet offruta post fil-programm Saħħa Sostenibbli. *"Xejn ma ħassejtni mħajra nidħol f'dan il-programm,"* tammetti Anne-Lie. *"Iżda ħassejt li ma stajtx inwarrab din l-opportunità, għalhekk aċċettajt."* L-iskema kienet imfassla speċifikament għal nisa li qabel kienu jaħdmu fil-qasam tal-kura u li kienu fuq lif tal-mard fit-tul, billi tagħtihom il-ħiliet u l-għarfien imfassla għalihom u li kienu meħtieġa sabiex isibu rwol ġdid fis-suq tax-xogħol. Seba' komunitajiet lokali ħadu sehem biex jagħżlu l-kandidati minn fost l-ex impjegati tas-servizz tas-saħħa u soċjali tagħhom.

*"Aħna ma kellna ebda pjan stabbilit minn qabel,"* jgħid il-Koordinatur Per Larsson. *"Ħdimna ma' kull persuna bħala individwu, fejn fittixna li nsiru nafu x'riedu jagħmlu fil-verità. Jien konvint li kien għalhekk li kollox mar daqstant tajjeb. Hekk kif beda jiżviluppa, rajna li kien proġett tant tajjeb li ma setax jeskludi lill-irġiel, għalkemm il-maġġoranza tan-nies f'dawn l-impjiegi huma nisa."* Mill-2005 sal-2007, il-proġett għen 200 persuna b'firxa wiesgħa ta' kundizzjonijiet, kemm fiżiċi kif ukoll psikoloġiċi. *"Il-mira inizjali u ambizzjuża tagħna kienet li ndaħħlu 70% lura għax-xogħol jew jistudjaw,"* jgħid Per Larsson. *"Iċ-ċifra finali tagħna kienet ta' 69% - kien riżultat fantastiku. Anki li kieku rnexxiet persuna waħda biss kien ikun siewi u importanti! Dan juri li n-nies ikollhom l-abbiltà ġo fihom jekk ikollhom iċ-ċans li jiżviluppawha."*

Minn dak iż-żmien 'il hawn Per nieda proġett ta' rijabilitazzjoni ġdid. U waħda mill-parteċipanti, Berith Eriksson, issa qiegħda taħdem fil-ħanut ta' Anne-Lie. Hija għamlet 23 sena taħdem fil-qasam tal-kura tas-saħħa qabel bdiet it-taħriġ mill-ġdid. *"Huwa ħanut sabiħ ħafna,"* tirrimarka Berith. *"Aħna minn dejjem konna nħobbu, għalhekk issa qiegħda nittama li jkolli ċ-ċans nibqa' fl-impjieg."*

*"Hija storja verament ħelwa,"* iżid jgħid Per. *"Anne-Lie marret tajjeb fil-programm u bdiet negozju għaliha, u issa hija qiegħda tgħin lil xi ħadd ieħor li jinsab fl-istess sitwazzjoni."*

## Iż-żmien ifejjaq

Anne-Lie hija grata li ngħatat iż-żmien biex terġa' tpoġġi ħajjitha fuq il-binarji t-tajbin. *"Mhux kulħadd jifhimha din il-ħaġa,"* tispjega. *"Hemm it-tendenza li n-nies jiġu mgħaġġla. Iżda grazzi għall-appoġġ mogħti mill-UE, il-mexxejja tal-proġett setgħu jieħdu ż-żmien li kellhom bżonn. Huwa għalhekk li jiena ninsab hawn illum, u li qiegħda nħossni tajba."* It-twemmin reliġjuż qawwi tagħha għenha wkoll fiż-żminijiet diffiċli tagħha. Hija kienet iddoqq il-kitarra fl-iskola lokali ta' nhar ta' Ħadd. *"Għedt lil Alla, inħalli dan kollu f'idejk. U kollox ħadem sew."*

Billi bdiet b'passi żgħar ħafna – ħaġa waħda wara l-oħra – hija fasslet il-pjan tan-negozju tagħha. *"Anki qabel kont marida kont naħseb dwar il-ġobon,"* tgħid bi tbissima. *"Hija idea li kienet ilha tberren f'moħħi żmien twil ħafna."* Billi ġabret nofs il-kapital mingħand organizzazzjoni li tappoġġja intraprendituri żgħar, hija setgħet tassigura skema ta' self addizzjonali mingħand il-bank lokali tagħha. Hija għamlet aktar minn sena taħdem f'ħanut ieħor tal-ġobon fir-raħal ta' Kristianstad, fejn kellha ċ-ċans titgħallem mis-sid Tom Persson. Huwa għenha tistabbilixxi netwerk ta' fornituri u tagħmel il-kuntatti.

Il-ħanut diġà beda jagħmel il-profitti. *"Fil-ġimgħat ta' qabel il-Milied kien hawn ħames persuni jaħdmu fil-ħanut,"* tgħid Anne-Lie bi kburija. Il-passiġġieri tal-ferrovija jieqfu biex jixtru xi biċċa ġobon għal matul il-vjaġġ jew biex jeħduha magħhom id-dar. *"Qed ikollna klijenti ġodda kuljum. Dan huwa l-uniku ħanut li jbigħ ikel delizzjuż fir-raħal, u trid tivvjaġġa triq twila biex issib prodotti simili xi mkien ieħor. Jiena ridt noħloq post sabiħ fejn il-klijenti jħossuhom milqugħin, u hekk huwa fil-fatt."*

*"Issa nħossni ferħana ħafna, u nieħu gost inkun is-sid tiegħi nnifsi,"* tgħid Anne-Lie. *"Għandi ħafna ħbieb li kienu fl-istess pożizzjoni tiegħi. Nixtieq li kulħadd ikollu l-istess opportunitajiet illi kelli jiena. Il-proġett tant kien ta' għajnuna għalija li nixtieq li fl-Iżvezja kulħadd isir jaf aktar dwaru."*

# Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni

# Il-proġett ta' integrazzjoni Estonjan jiftaħ il-bibien għall-opportunitajiet



*"Il-programm ta' taħriġ għen lin-nies jibdew jaħsbu għalihom infushom, minflok ifittxu nies oħrajn biex jgħinuhom,"* tgħid Messurme Pissareva. *"Il-programm ma kienx jgħidilna x'irridu nagħmlu, iżda ġegħelna neżaminaw x'direzzjoni xtaqna nieħdu. Ma kienx diffiċli għalija biex nitgħallem, għaliex jiena ridt insir naf kollox. Issa rrid nitgħallem aktar!"*

Dinamika u b'persunitha żgħira u rqiqa, liebsa libsa pulita li tikkonsisti f'ġakketta u qalziet, Messurme hija direttriċi maniġerjali ta' kumpanija bil-proprjetà ta' beni immobbli bl-isem ta' Ida-Virumaa Kinnisvara f'Jõhvi, fit-Tramuntana tal-Estonja. Iżda qabel ma fl-2004 daħlet għal programm ta' taħriġ għall-integrazzjoni tal-persuni mhux Estonjani, kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew, ħajjitha kienet differenti ħafna. Hija ma kellhiex xogħol, kienet iżolata u frustrata.

Messurme trabbiet u kibret f'Dagestan fl-Unjoni Sovjetika, f'villaġġ qalb il-muntanji qrib il-Baħar Kaspju, fejn il-familja tagħha kellha għalqa bid-dwieli. Hija kienet titkellem bil-lingwa lokali magħrufa bħala l-Lesgin, li għandha alfabett Ċirilliku u fiha elementi kemm tar-Russu kif ukoll tat-Tork.

Għoxrin sena ilu hija telqet lejn l-Estonja. Ħuha l-kbir wasal fil-pajjiż bħala suldat mal-armata Sovjetika, meta l-Istati Baltiċi kienu għadhom parti mill-USSR. Wara servizz militari, huwa ddeċieda li jibqa' u jissetilja fir-reġjun, li ta ċ-ċans lil Messurme – li dak iż-żmien kellha 17-il sena – biex tingħaqad miegħu u tibda tattendi l-iskola f'Jõhvi. *"Huwa qal li din kienet għamla differenti ta' ċivilizzazzjoni,"* tiftakar. *"Fil-bidu, kelli l-ħsieb li mmur lura lejn Dagestan wara li nlesti l-istudji tiegħi, iżda mbagħad iltqajt ma' dak li kellu jsir ir-raġel tiegħi."*

Għalhekk, minflok, hija bdiet taħdem f'impjant lokali tal-kimika f'Jõhvi, fejn żewġha, li huwa inġinier, illum il-ġurnata jaħdem għal kumpanija li timmanifattura l-makkinarji. Hija applikat għal kors li jsir filgħaxija fil-belt ta' Tallinn biex tistudja l-mekkanika u l-kostruzzjoni, mingħajr ma qatgħet qalbha li kellha tieħu deċiżjoni mhux tas-soltu għal mara żagħżugħa f'dak iż-żmien. Iżda x-xogħol kien iebes, b'xiftijiet twal u li jgħejuk, u meta twieldu t-tieni u t-tielet ulied subien tagħha, hija ħarġet mix-xogħol fuq il-lif tal-maternità u mbagħad baqgħet id-dar biex tieħu ħsiebhom.

*"Psikoloġikament, il-proġett għallimni li nista' nagħmel kollox. Kwalunkwe ħaġa li rrid, hija possibbli jekk inpoġġi moħħi hemm u nistinka għaliha."*

Wara sitt snin magħluqa d-dar mal-familja, hija bdiet tħossha dejjem aktar eskluża u mingħajr kwalifiki biżżejjed. *"Kienet sitwazzjoni finanzjarjament diffiċli minħabba li kellna sors wieħed biss ta' dħul, iżda ma kontx naf x'għandi nagħmel biex nerġa' nsib posti fis-suq tax-xogħol wara li kont ilni barra minnu għal daqstant żmien."*

## Problema bil-lingwa

Minbarra n-nuqqas ta' fiduċja, il-problema ewlenija tagħha kienet dik lingwistika. Messurme kienet studjat ir-Russu. Madwar kwart tal-popolazzjoni tal-Estonja hija ta' oriġini Russa, u Jõhvi, li tinsab qrib il-fruntiera, għandha ħafna nies li jitkellmu r-Russu. Fl-iskola f'Dagestan hija kienet iġġib marki tajbin fil-lingwa, iżda meta sabet ruħha fost kelliema nativi malajr intebħet li kienet għadha ferm 'il bogħod milli tkun fluwenti fl-ilsien, u ma kienet taf assolutament xejn bl-Estonjan. *"Jekk ma titkellimx il-lingwa lokali, ikun ferm aktar diffiċli biex tikkomunika, filwaqt li aktar ma tkun taf lingwi, aktar issib id-dinja miftuħa quddiemek,"* temmen Messurme.

L-uffiċċju lokali tal-impjiegi rreferieha għall-proġett kofinanzjat mill-FSE, immexxi miċ-Ċentru ta' Taħriġ ta' Ontika. Dan offrielha mhux biss ċans li titgħallem il-lingwa, iżda wkoll li ssir taf l-istorja u l-kultura tal-Estonja, kif ukoll ħiliet soċjali bħall-kitba ta' CV, kif tapplika għall-impjiegi, u tekniki li jintużaw fl-intervisti għax-xogħol. Permezz ta' diskussjonijiet, preżentazzjonijiet bil-vidjo u eskursjonijiet, ma' esperti li jvarjaw minn avukati sa psikoloġi, Messurme rnexxielha tirkupra l-istima tagħha nnifisha b'mod gradwali.

Wara madwar tliet xhur hija sabet impjieg f'ħanut tal-kotba, fejn aktar tard ingħatat promozzjoni għall-pożizzjoni ta' maniġer. *"Il-mira tiegħi kienet li nikseb il-ħiliet biex inkompli navvanza,"* tgħid, għalhekk hija bdiet aktar korsijiet biex iżżid l-abbiltajiet tagħha, u daħlet fin-negozju tal-proprjetà tal-beni immobbli. Hija qiegħda tippjana li hekk kif tipperfezzjona l-Estonjan hija tapplika għal grad universitarju fil-liġi fl-Università ta' Tartu jew ta' Tallinn. *"Inħoss li għandi bżonn aktar għarfien"*, tiddikjara b'entużjażmu.

Jõhvi hija differenti ħafna minn Dagestan. Għalkemm Messurme tħoss in-nuqqas tal-inbid tajjeb magħmul mid-dwieli ta' missierha, hija tistqarr li kemm ilha fl-Estonja tgħallmet tixrob il-kafè. Illum il-ġurnata, ir-rutina tagħha ta' kuljum tibda b'kikkra kafè għall-kwiet fil-kċina tagħha wara li t-tliet uliedha subien, Vladimir ta' 15-il sena, Jeugeni ta' 8 snin u Renat ta' 7 snin, ikunu telqu għall-iskola. Hija tibda xogħol fl-uffiċċju li jinsab qrib tad-dar tagħha fl-10 ta' filgħodu, u bħala kap tal-kumpanija, il-kompiti tagħha jinkludu t-twettiq tal-amministrazzjoni fuq il-kompjuter tagħha, iżżomm kuntatt mal-klijenti, u turihom id-djar u l-appartamenti fuq il-kotba tagħha. Ir-responsabbiltajiet tagħha mhumiex limitati għall-bejgħ tal-proprjetà. F'Kivioli, 30 kilometru barra minn Jõhvi, pereżempju, l-aġenzija tagħha taħdem ma' kumpanija tal-bini li qiegħda tittrasforma blokk ta' appartamenti mibni fuq il-ġebla tradizzjonali f'44 appartament, flimkien ma' kmamar għal nies li jmorru f'Kivioli biex jaħdmu fil-fabbrika tal-ħwejjeġ li qiegħda tikber u tirnexxi.

## Ebda biża' mill-ġejjieni

Messurme kienet beżgħet li meta tħalli l-impjieg tagħha qatt ma kienet ser terġa' ssib ieħor. Iżda l-proġett biddel din il-mentalità fiha. Huwa għallimha tħares 'il quddiem mingħajr ma tibża' mill-ġejjieni. Meta waslet f'Jõhvi, hija kienet taf biss lil ħuha, iżda issa hija għandha ċirku wiesa' ta' ħbieb.

L-aktar ħaġa importanti li kisbet kienet il-fiduċja fiha nnifisha. *"Psikoloġikament, il-proġett għallimni li nista' nagħmel kollox – li m'għandix naqta' qalbi. Kwalunkwe ħaġa li rrid, hija possibbli jekk inpoġġi moħħi hemm u nistinka għaliha. Jiena kelli bżonn imbuttatura biex noħroġ mis-sitwazzjoni li kont fiha, u matul il-proġett kienu jgħidulna: 'Inti tista' tagħmilha!' Kont naf li kont ser insib xogħol wara għaliex il-proġett kien jgħinna nħossuna tajjeb dwarna nfusna."*

*"Jekk trid takkwista xi ħaġa trid taħdem iebes,"* tikkonferma l-koordinatriċi tal-proġett Eha Korkus. *"Messurme hija waħda mill-aħjar eżempji. Kien grupp ta' nies mill-aqwa. Kienu qalulna li jekk 30% jsibu xogħol kien ikun riżultat tajjeb, iżda fl-aħħar tal-proġett kienu 60% li integraw ruħhom fis-suq tax-xogħol. Ir-riżultati ma kinux mistennija u aħna konna ferħanin ħafna. Issa qegħdin immexxu proġett ieħor, għaliex il-postijiet tax-xogħol qegħdin jistennew in-nies."*

Eha temmen ukoll li l-għalliema akkwistaw esperjenza daqs l-istudenti. *"Mhux l-Estonjani kollha huma miġbuda lejn ir-Russi,"* tispjega. *"Aħna kellna nbiddlu lilna nfusna – mhux kulħadd kapaċi jagħmilha."*

# Dħul fil-forza tax-xogħol



Oriġinarjament mill-Kamerun, *Serge Mbami* erħielha lejn l-Irlanda fl-2001. *"Fil-Kamerun il-ħajja hija iebsa u huwa diffiċli biex tgħix ħajja diċenti,"* isostni. *"Kont qiegħed infittex opportunitajiet ta' ħajja aħjar."*

Madankollu, għall-ewwel huwa sab li ma setax isib xogħol. *"Kien diffiċli għalija biex insib xogħol,"* jgħid dan ir-raġel ta' 38 sena. *"Kienet sitwazzjoni frustranti. Kont qiegħed nagħmel xogħol ta' volontarjat ngħallem lit-tfal, iżda ma kontx nitħallas."* Għall-għajxien tiegħu u ta' ibnu żgħir, Ryan, huwa kien jiddependi fuq l-appoġġ tal-gvern. *"Ridt nagħmel aktar minn hekk,"* jgħid. *"Iddeċidejt li kelli bżonn aktar taħriġ biex inkabbar iċ-ċansijiet tiegħi."*

Fl-2003, huwa beda jistudja għal diploma fil-loġistika u l-ġestjoni tal-katina tal-provvisti fl-Istitut Irlandiż tax-Xiri u l-Ġestjoni tal-Materjali. *"Kelli xi esperjenza f'dan il-qasam qabel u kont naf li kien it-tip ta' xogħol addattat għalija,"* jgħid Serge. *"Min-natura tiegħi kapaċi nagħmel ħafna affarijiet, nitkellem lingwi differenti u naħdem tajjeb taħt pressjoni."*

Il-kors ta' tliet snin kien ikopri l-loġistika, xogħol fl-imħażen tal-merkanzija, il-ksib u l-ġestjoni tal-katina tal-provvisti. Madankollu, huwa xorta waħda sabha diffiċli biex isib impjieg meta ntemmu l-istudji tiegħu. *"Minkejja li kelli d-diploma ma stajtx insib impjieg, għaliex ma kelli ebda esperjenza ta' xogħol rilevanti. Fl-Irlanda dan huwa importanti ħafna."*

## Esperjenza ta' xogħol

Wara ftit taż-żmien huwa sema' dwar it-traineeship FÁS (l-Awtorità Nazzjonali tat-Taħriġ u l-Impjiegi fl-Irlanda) fl-amministrazzjoni tal-loġistika tal-katina tal-provvisti. *"Dan kien assolutament dak li kont qiegħed infittex,"* jgħid Serge. Il-kors, kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew, jikkonsisti minn 22 ġimgħa ta' studju bbażati fil-klassi, segwiti minn esperjenzi ta' xogħol f'negozji.

Serge kiseb kwalifika vokazzjonali rikonoxxuta – il-livell 6 FETAC taċ-Ċertifikat Avvanzat fil-Loġistika tal-Katina tal-Provvisti – u, aktar importanti, għamel esperjenza ta' xogħol ta' 16-il ġimgħa f'SerCom Solutions, kumpanija Sussidjarja ta' DCC f'Limerick, li tispeċjalizza fil-ksib integrat madwar id-dinja, il-loġistika, il-ħżin

*"Nista' nibgħat il-flus lura d-dar u din hija għajnuna kbira għalihom hemmhekk. Inħossni aktar sikur u nista' nirrilassa mingħajr ma jkolli għaliex ninkwieta dwar x'ser iġib miegħu l-ġejjieni."*

u d-distribuzzjoni ta' oġġetti elettroniċi, tat-telekomunikazzjoni u li jservu għal ħafna żmien. In-negozju jaġixxi bħala msieħeb ta' Sourcing globali u l-Ġestjoni tal-Katina tal-Provvisti (Supply Chain Management - SCM) għal ħafna mill-kumpaniji ewlenin tat-teknoloġija u t-telekomunikazzjoni fid-dinja, kif ukoll distributuri u bejjiegħa bl-imnut.

Wara li lesta t-taħriġ, huwa ġie offrut pożizzjoni permanenti fil-kumpanija. *"Fil-placement tiegħi kont bdejt naħdem fuq xi proġetti, nimplimenta kuntratt ġdid ma' kumpanija mill-Istati Uniti li riedet tidħol fl-Irlanda u l-Ewropa. Il-kumpanija offrietli pożizzjoni biex inkompli x-xogħol."*

L-impjieg tiegħu issa jinvolvi l-aspetti kollha tal-loġistika, mill-ħruġ tal-liċenzji, għat-trasport ta' merkanzija bil-baħar, il-produzzjoni, il-ħżin u l-kunsinna finali. *"Issa qiegħed nieħu esperjenza mifruxa madwar id-dinja,"* jispjega. *"Fix-xogħol tiegħi jkolli x'naqsam ma' klijenti minn pajjiżi fl-Ewropa, fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika. Tassew nieħu gost naħdem f'din il-kumpanija. Hija ħaġa straordinarja li tkun taħdem bħala parti minn tim."*

Il-ksib ta' xogħol regolari għamel differenza kbira f'ħajtu, jgħid Serge, li permezz ta' hekk tejjeb il-kwalità tal-ħajja bil-kbir. Iż-żieda fis-sikurezza tiegħu tfisser li issa m'għandux għaliex jinkwieta dwar l-għajxien ta' ibnu, u saħansitra jista' jassisti lill-familja tiegħu fil-Kamerun. *"Nista' nibgħat il-flus lura d-dar u din hija għajnuna kbira għalihom hemmhekk. Inħossni aktar sikur u nista' nirrilassa mingħajr ma jkolli għaliex ninkwieta dwar x'ser iġib miegħu l-ġejjieni,"* iżid jgħid.

*"Issa qiegħed ingawdi l-ħajja fl-Irlanda. Huwa pajjiż li jilqgħek ħafna,"* jirrimarka Serge. *"L-Irlandiżi huma nies li jafu jieħdu ħafna pjaċir. Qatt ma tista' tpoġġi ħdejn persuna Irlandiża u ma taqbadx diskursata. Avolja tagħmel ħafna xita,"* huwa jgħid bid-daħka.

Fil-ħin liberu tiegħu huwa jħobb iżomm ruħu f'saħħtu, imur il-ġinnasju u jagħmel il-jogging. *"Inħobb nara l-futbol,"* ikompli jgħid, *"u jien partitarju kbir tal-Arsenal."* Madankollu, Serge jgħid li huwa mhux kuntent b'dak li kiseb sa issa u mhux ser jieqaf hemm, tant li ser ikompli jistudja l-kummerċ. *"Jien dejjem irrid nirnexxi aktar. Irrid nagħmel lill-ibni kburi."*

# Kamra fis-sular ta' fuq



*"Inħobb ħafna x-xogħol tiegħi għaliex jagħtini sens ta' stabilità u l-opportunità li nitgħallem affarijiet ġodda,"* tgħid Amparo Navaja Maldonado, minn Sevilja, Spanja.

Hija u titkellem fil-loġġa tal-lukanda esklussiva fejn taħdem, din il-mara ta' 30 sena tidher pożittiva u kuntenta. Madankollu, ftit taż-żmien ilu hija kienet f'sitwazzjoni differenti. Minħabba li ħalliet l-iskola fl-aħħar tal-edukazzjoni obbligatorja bi ftit kwalifiki, l-uniku xogħol li setgħet issib kien xogħol irregolari, tnaddaf l-uffiċini. *"Ħajti kienet qabdet rutina ta' ħajja monotona,"* tistqarr. *"Tassew ma kelli xejn stabbli – sempliċiment nagħmel xogħlijiet ta' tindif minn żmien għal żmien. Kont nieħu kuntratt ta' xahrejn f'post, jew ftit jiem xogħol post ieħor, iżda kien hemm ukoll perjodi twal meta ma kellix xogħol."*

Amparo trabbiet f'familja kbira ta' oriġini Roma. Il-ġenituri tagħha kienu jaqilgħu l-għajxien tagħhom billi jivvjaġġaw minn suq għal ieħor ibigħu l-frott – ħajja li hija rat li kienet diffiċli, bi ftit li xejn ċertezza. Meta hi u żewġha, Juan Manuel Gallego, kellhom l-ewwel tarbija tagħhom, Marco, ftit aktar minn ħames snin ilu, hija bdiet tirrealizza li riedet aktar sikurezza għall-familja tagħha. *"Jiena ridt nagħmel xi ħaġa differenti u nbiddel is-sitwazzjoni tiegħi,"* tkompli, *"u ridt li jkolli karriera u nkun nista' nsostni lili nnifsi u lit-tfal tiegħi."*

Minħabba li ma kellha ebda dħul fiss dieħel, il-familja żagħżugħa baqgħet toqgħod fid-dar tal-ġenituri tagħha flimkien mal-erba' ħutha subien – li kien ifisser li l-ispazju kien ristrett ħafna. *"Kienet sitwazzjoni iebsa. Kont qiegħda ngħix mal-ġenituri tiegħi b'tarbija żgħira u r-raġel tiegħi,"* tkompli tgħid, *"ma kellna ebda privatezza u din is-sitwazzjoni ġabet tensjoni qawwija fir-relazzjoni tagħna."*

## Appoġġ adattat għaliha

L-għajnuna waslet meta hija saret taf dwar il-kors ta' taħriġ ACCEDER permezz ta' ċentru lokali tal-impjiegi. Il-kors, kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew, huwa mmirat biex jiġġieled id-diskriminazzjoni kontra l-komunitajiet Roma u jgħin lill-individwi jiksbu t-taħriġ u l-edukazzjoni li jeħtieġu biex isibu xogħol permanenti. Dan il-kors ilu jopera mis-sena 2000 u fl-ewwel sitt snin tiegħu għen aktar minn 30,000 individwu biex jieħdu kuntratti ta' xogħol f'kull parti ta' Spanja.

*"Ħajti nbidlet drammatikament, għaliex issa qiegħda naħdem fuq il-pagi tal-ħaddiema. Stajt nikseb self mill-bank."*

Il-kors jagħti ċ-ċans lin-nies jiksbu l-ħiliet u l-esperjenza li jeħtieġu biex ikollhom aċċess għall-opportunitajiet ta' xogħol, permezz ta' programmi ta' taħriġ flessibbli. Il-korsijiet jikkombinaw il-prattika mat-teorija u huma mfassla għall-ħtiġijiet tal-individwi. Amparo tħarrġet bħala kamriera u għamlet esperjenza ta' xogħol f'lukanda f'Sevilja. *"Il-kors tani kwalifika addizzjonali biex inkun nista' nsib ix-xogħol,"* issostni.

Iżda aktar importanti, hija tissokta, it-taħriġ żied il-fiduċja fiha u l-istima lejha nnifisha. *"Rajt li kelli aktar għażliet. Il-kors fetaħli aktar bibien."*

## Xogħol ta' sorveljanza

Ftit wara li lestiet il-kors fl-2004, hija sabet impjieg bħala kamriera b'kuntratt fiss f'lukanda. Erba' snin wara, hija qalbet għal pożizzjoni f'waħda mill-akbar lukandi fil-belt, fejn hija għandha kuntratt permanenti u ngħatat promozzjoni għar-rwol ta' sorveljanza.

Issa hija inkarigata minn tim żgħir ta' kamriera, fejn tassenja r-roster tax-xogħol u tassigura li l-istandards jinżammu għoljin. Amparo tgħid li waħda mill-affarijiet li tapprezza l-aktar dwar ix-xogħol tagħha hija l-kollegi li taħdem magħhom: *"Hija xi ħaġa straordinarja li tkun taħdem bħala parti minn tim professjonali."*

Fuq livell personali, l-istabbiltà tal-pożizzjoni tagħha fil-lukanda ppermettiet lill-koppja żagħżugħa jixtru d-dar tagħhom. Bl-aħħar żieda fil-familja, iċ-ċkejken Adrian, li twieled kmieni fl-2008, il-bidla għall-aħjar f'xortihom waslet eżatt fil-ħin. *"Ħajti nbidlet drammatikament, għaliex issa qiegħda naħdem fuq il-pagi tal-ħaddiema. Stajt nikseb ipoteka,"* tgħid Amparo. *"Issa għandna d-dar tagħna u karozza u nħossni finanzjarjament sikura."*

# Fuq saqajh it-tnejn



Meta *Abshir Abukar* beda jaħdem f'wieħed mill-akbar ċentri ta' ġonna fl-Iżvezja, huwa ma kienx jaf wisq dwar il-pjanti jew l-għodda u saħansitra kien allerġiku għall-polline. Iżda huwa tgħallem malajr u issa għandu rwol varjat li jinvolvi l-ġestjoni tal-istokk, jgħin lill-klijenti u jaħdem f'tim. Fil-fatt, dan ix-xogħol kien ta' importanza kbira għal dan iż-żagħżugħ ta' 25 sena.

Abshir kellu 17-il sena meta l-familja tiegħu ċċaqalqet lejn Malmö fl-Iżvezja mill-Etjopja fl-2002. Bħala individwu soċjevoli u mimli ħajja, huwa ried li jinvolvi ruħu b'mod sħiħ fil-ħajja f'dan il-pajjiż adottiv ġdid. Madankollu, għall-ewwel huwa sabha diffiċli. *"Tassew kien xokk kulturali għalija,"* isostni. *"Kollox kien differenti minn dak li kont immaġinajt u ħassejtni bħal ħuta barra mill-ilma. Ħafna affarijiet kienu jħawduni."*

Fil-bidu huwa beda jattendi fi skola tal-lingwa biex jitgħallem l-Iżvediż u missieru, għalliem li kien mar fl-Iżvezja ħames snin qabel il-bqija tal-familja, riedu jkompli bl-istudji tiegħu. *"Iżda jien ma ridtx. Kien ikolli nibda s-sistema edukattiva mill-bidu,"* jgħid Abshir. *"Din is-sitwazzjoni kkawżat tensjoni bejnietna."* Il-kunflitt tal-kulturi bejn l-isfond Musulman strett tal-familja tiegħu u s-soċjetà aktar liberali li kien qiegħed jipprova jsir parti minnha Abshir, kompla jżid ma' din it-tensjoni.

Huwa ried li jkun indipendenti u jsostni lilu nnifsu. *"Iżda ma kontx naf x'għandi nagħmel biex insib impjieg u affarijiet bħal dawn,"* jistqarr. Huwa beda jagħmel xi xogħol każwali ta' tindif u kien ukoll assistent tal-kura għal tfal b'diżabilità. *"Għamilt dak ix-xogħol għal sentejn u nofs fuq bażi part-time, iżda ma kontx qiegħed naqla' biżżejjed flus,"* huwa jiftakar.

Minħabba li ma kellu ebda xogħol stabbli, huwa ma setax jaffordja li jmur jgħix għal rasu u jkollu post tiegħu. *"Kont għadni qiegħed niġi megħjun mill-ġenituri tiegħi."* U b'għaxart aħwa oħra iżgħar minnu, il-ħajja fid-dar kienet iffullata ħafna. *"F'dan iż-żmien kont ukoll qiegħed noħroġ ma' tfajla u allura ridt li jkolli aktar spazju,"* jgħid Abshir. Kien hemm żmien fejn saħansitra beda jmur jorqod fl-armarju tal-maħżen tal-ħanut ta' ommu.

*"Tassew kien xokk kulturali għalija. Kollox kien differenti minn dak li kont immaġinajt u ħassejtni bħal ħuta barra mill-ilma. Ħafna affarijiet kienu jħawduni."*

## It-tagħlim ta' ħiliet siewja

Programm għaż-żgħażagħ, *New City*, għenu jbiddel ħajtu. Immexxi minn organizzazzjoni tal-komunità lokali, *Drömmarnas Hus*, u kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew, il-proġett jipprovdi pariri, taħriġ, attivitajiet kulturali u attivitajiet għall-iżvilupp personali għal nies li mhumiex integrati b'mod sħiħ fis-soċjetà.

Permezz tal-programm, Abshir ħa taħriġ għal ħiliet fix-xogħol u fil-ħajja u tgħallem kif jippreżenta lilu nnifsu. Huwa kiseb ukoll esperjenza ta' xogħol fiċ-ċentru tal-ġonna, li wasslet għall-offerta ta' pożizzjoni permanenti. *"Ix-xogħol tiegħi jogħġobni ħafna,"* jgħid. *"Speċjalment meta ngħin lill-klijenti u naħdem bħala parti minn tim."*

## Post tiegħu

Huwa seta' jmur jgħix għal rasu u jkollu appartament tiegħu, u bis-saħħa ta' hekk kellu ċ-ċans jitgħallem isir aktar indipendenti. *"Grazzi għall-kors, illum hemm ħafna affarijiet li huma differenti,"* jgħid. *"Issa għandi post tiegħi fejn ngħix. Ġibt ukoll il-liċenzja tas-sewqan u għandi l-karozza tiegħi."* Barra x-xogħol, huwa għandu ħajja soċjali attiva. L-isports u ż-żfin huma l-passjonijiet tiegħu; huwa jilgħab il-futbol b'mod regolari u jipprattika ż-żfin salsa sa tliet darbiet fil-ġimgħa.

Illum il-ġurnata Abshir huwa sodisfatt b'ħajtu. *"U qiegħed immur aħjar mal-ġenituri tiegħi. Anki missieri huwa kuntent."* Is-sikurezza li kiseb permezz ta' impjieg permanenti tfisser li Abshir jista' jippjana għall-ġejjieni. Huwa u t-tfajla tiegħu, Shanka, qegħdin jippjanaw li jiżżewġu s-sena d-dieħla. *"U mbagħad irrid nibda familja. Waħda kbira,"* iħabbar Abshir.

# L-għarfien jagħtik awtorità



Bħala tifla żgħira, *Khadija Majdoubi* kienet toħlom biss li la tikber ikollha ħanut tax-xagħar tagħha. Hija wettqet dik l-aspirazzjoni għal xi żmien f'pajjiżha, il-Marokk, iżda meta telqet lejn l-Olanda, seħħet traġedja u d-dinja tagħha nqalbet ta' taħt fuq. Żewġha miet meta hija kienet tqila, tistenna tewmin. Ix-xokk kien kbir ħafna u t-trabi tagħha twieldu qabel iż-żmien. Hija qattgħet il-ftit snin ta' wara d-dar tieħu ħsieb lil uliedha u lit-tfal tal-ħbieb tagħha.

B'familja x'tieħu ħsieb u meta kienet għadha qiegħda taġġusta ruħha għall-ħajja f'pajjiż ġdid, Khadija kellha tiddependi fuq l-għajnuna mogħtija mill-Istat. Bi ftit għarfien bażiku tal-lingwa Olandiża, hija sabitha diffiċli biex tal-inqas issib impjieg sempliċi, u allura wisq inqas setgħet tibda negozju ġdid.

## It-triq għall-irkupru

*"Mhuwiex faċli trabbi t-tfal waħdek,"* tgħid Khadija. *"Kull jum kien jidher tant mimli, li ma kelli ħin għal xejn aktar. Ibda biex, li ssib xogħol kienet problema kbira."*

Fl-uffiċċju lokali tas-servizzi soċjali, Khadija saret taf dwar kors ta' taħriġ mingħajr ħlas għal dawk in-nisa li ma kellhomx xogħol, li kien kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew. *"Il-kors għeni nagħmel il-ħolma tiegħi realtà, fejn bdejt billi tejjibt il-ħiliet lingwistiċi tiegħi,"* tispjega. *"Dan kien importanti ħafna, u għeni nħossni aħjar dwari nnifsi."*

VONK huwa ċentru tax-xogħol u l-edukazzjoni għal nisa li jgħixu fid-distrett ta' Zeeburg f'Amsterdam. Il-programm jgħin lin-nisa, irrispettivament mil-livell ta' edukazzjoni, l-esperjenza jew l-oriġini tagħhom. Huwa jipprovdilhom informazzjoni u rakkomandazzjonijiet, filwaqt li jgħinhom isibu xogħol, jieħdu taħriġ u jiksbu l-benefiċċji soċjali. B'mod aktar ġenerali, il-programm jipprovdi appoġġ għall-integrazzjoni u l-benesseri tal-individwi. VONK jikkoopera wkoll ma' aġenziji lokali u Olandiżi oħrajn, mal-organizzazzjonijiet tan-nisa u mal-istituzzjonijiet tas-servizzi soċjali.

## Tħossok tajjeb bik innifsek

Wieħed mill-aktar ostakoli diffiċli li jridu jiffaċċjaw in-nisa wara perjodi twal mingħajr xogħol huwa n-nuqqas ta' fiduċja fihom in-

*"Jiena kont parrukkiera qabel, meta kont ngħix il-Marokk. Iżda qatt ma ħsibt li ser inkun nista' nagħmel dan hawnhekk, li niftaħ il-ħanut tiegħi stess."*

fushom. Għalhekk, il-kors ta' taħriġ kien jinkludi sessjonijiet immirati speċifikament għall-bini tal-istima personali u l-assertività.

*"Tgħallimt nikkomunika aħjar,"* tgħid Khadija, *"u stajt nifhem aħjar kif jaħdmu l-affarijiet meta tkun qiegħda tiftaħ negozju. L-ewwel ħaġa li kelli nagħmel kienet li nsib xogħol. Kont sirt dipendenti fuq ħaddieħor. Kien meħtieġ li nerġa' nqum fuq saqajja."*

Il-persunal ta' VONK akkumpanjaw lil Khadija fit-tfittxija tagħha għax-xogħol, u bl-appoġġ u l-inkoraġġiment tal-ħbieb u l-familja tagħha, hija finalment sabet impjieg f'ħanut tax-xagħar lokali. *"Għall-ewwel, ħadd ma ried jaċċetta li jimpjegani miegħu,"* tispjega. *"Jiena m'inix minn hawnhekk u ma nidhirx bħan-nies tal-post, u lanqas stajt nesprimi ruħi bil-mod kif ridt. In-nies li jaħdmu fiċ-ċentru VONK għenuni nasal fejn xtaqt."*

## "Qatt ma ħsibt li stajt nagħmel dan"

Hekk kif bdiet taħdem, Khadija rnexxielha twarrab xi flus. Fl-aħħar nett, irnexxielha tfaddal biżżejjed biex tkun tista' twettaq il-ħolma li kellha fi tfulitha. F'April 2009 hija fetħet il-ħanut tax-xagħar tagħha, mhux wisq bogħod minn darha f'Amsterdam. *"Jiena kont parrukkiera qabel,"* hija tispjega, *"meta kont ngħix il-Marokk. Huwa x-xogħol li nħobb nagħmel u li jiena tajba fih. Iżda qatt ma ħsibt li ser inkun nista' nagħmel dan hawnhekk, li niftaħ il-ħanut tiegħi stess."*

Khadija tgħid li l-kors ta' taħriġ VONK u l-assistenza individwali għenuha ssib lilha nnifisha, u biddlu l-ħajja tagħha u ta' wliedha għall-aħjar. *"Inħossni tassew kuntenta li għamilt il-kors,"* tistqarr. *"Hija r-raġuni għala ninsab hawnhekk illum."*

# Is-saħħa fid-diversità



Imwielda f'Esslingen, qrib Stuttgart, Cornelia Schultheiss studjat il-lingwistika u mbagħad marret taħdem għal kumpanija ewlenija fid-dinja li timmanifattura l-karozzi f'Berlin. Għall-ewwel, Cornelia ġiet impjegata bħala traduttriċi, fejn kellha ċ-ċans tiddistingwi ruħha billi tipproponi u tiżviluppa s-servizz speċjalizzat tagħha fil-kumpanija, u tipprovdi taħriġ 'interkulturali' uniku biex tgħin lill-impjegati minn madwar id-dinja ħalli jaħdmu flimkien.

*"L-Ewropa hija salib it-toroq għal ħafna nies u kulturi,"* tgħid Cornelia. *"Hija sors ta' opportunità, iżda hija wkoll sfida."* Hekk kif sabet ruħha taħdem f'kumpanija kbira u varjata, Cornelia ntebħet li kien hemm aktar xogħol li ried isir f'tim milli li sempliċiment li jiġu segwiti l-ordnijiet. *"In-nies minn pajjiżi u kulturi differenti jkollhom drawwiet u aspettattivi differenti, u mhux dejjem jifhmu lil xulxin, anki meta jkunu jitkellmu l-istess lingwa."*

Sfortunatament, il-kumpanija li kienet taħdem magħha kellha tagħmel xi bidliet drastiċi u, fl-2007, ir-ristrutturar li sar sforzaha biex tagħżel bejn li żżomm l-impjieg tagħha jew li tibqa' tgħix fil-belt favorita tagħha. Hija għażlet Berlin, fejn kienet ilha tgħix flimkien mas-sieħeb tagħha għal 15-il sena.

*"Kienet deċiżjoni iebsa,"* tistqarr. *"Il-fatt li tlaqt mill-impjieg tiegħi kien ifisser li kelli nibda karriera ġdida, ridt insib xi ħaġa x'nagħmel."* Hija ddeċidiet li tipprova tibda negozju tagħha bħala kowċ u trainer interkulturali, iżda filwaqt illi rat li kien hemm suq għall-ħiliet speċjalizzati tagħha, hija ma kinitx taf kif tisfruttah, mingħajr ebda esperjenza fil-ħolqien u l-ftuħ ta' kumpanija.

## Pariri konkreti

Il-proġett *Human Venture II*, kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Fond Soċjali Ewropew, taha intuwizzjonijiet importanti għal dak li kellha tagħmel biex tiftaħ negozju, kif ukoll pariri konkreti dwar ir-regoli u r-regolamenti kummerċjali.

L-iskema, li kienet mifruxa bejn Awwissu 2006 u Settembru 2008, kienet immirata biex ittejjeb l-abbiltajiet tal-parteċipanti biex jiftħu n-negozji tagħhom u kienet tinkludi diskussjonijiet fi gruppi, workshops u sessjonijiet ta' taħriġ. L-attivitajiet kienu jkopru suġġetti varji relatati mat-twaqqif ta' kumpanija, li kienu jgħinu lil Cornelia tagħmel it-tħejjijiet meħtieġa biex tiftaħ in-negozju tagħha. *"Ksibt*

*"Il-workshops interkulturali tiegħi jiffokaw fuq il-bini ta' atmosfera tax-xogħol li tirnexxi u li tista' tiġi fdata, fejn it-tradizzjonijiet u l-istili ta' komunikazzjoni differenti jingħaqdu flimkien."*

*ħafna informazzjoni dwar suġġetti li ma kontx naf wisq dwarhom,"* tkompli. *"Dan tani ċ-ċans li nevita ħafna diffikultajiet possibbli. Iżda barra minn hekk, ħadt gost ħafna bl-esperjenza li ksibt u biċ-ċans li nibni netwerk ta' kuntatti mal-parteċipanti l-oħrajn."*

Illum il-ġurnata, Cornelia tmexxi kumpanija ta' konsulenza li rnexxiet ħafna, fejn tipprovdi struzzjonijiet speċjalizzati ħafna lil nies li jkunu ġejjin minn sfondi etniċi u kulturali differenti, billi tgħinhom jingħaqdu flimkien, jaqsmu l-esperjenzi tagħhom u jifhmu lil xulxin aħjar. *"It-telf minħabba l-'frizzjoni interkulturali' jiġi mnaqqas,"* issostni. *"It-timijiet jingħaqdu flimkien u jkunu jistgħu jaħdmu b'mod aktar effiċjenti."*

Il-klijenti ta' Cornelia jinkludu kemm individwi kif ukoll gruppi li jaħdmu jew jgħixu f'ambjent internazzjonali, nies minn postijiet bħall-Indja, ir-Russja jew il-Ġappun, il-Ġermanja u ħafna postijiet oħrajn.

*"Il-workshops interkulturali, it-taħriġ u s-sessjonijiet ta' kowċing tiegħi jiffokaw fuq il-bini ta' atmosfera tax-xogħol ta' suċċess u li tista' tiġi fdata, fejn it-tradizzjonijiet, l-istili ta' komunikazzjoni differenti u l-bqija jingħaqdu flimkien u jkunu jistgħu jiġu żviluppati sinerġiji,"* tispjega. F'xi jiem, Cornelia taħdem fl-uffiċċju tagħha, li jinsab bieb biss bogħod mill-appartament tagħha fil-parti storika tal-Punent ta' Berlin. Fi ġranet oħrajn, hija twassal is-servizzi tagħha lill-klijent f'Berlin, fil-Ġermanja, madwar l-Ewropa u madwar id-dinja.

*"Ma kont inkun nista' nagħmel xejn minn dan mingħajr l-għajnuna li rċevejt,"* tistqarr. *"It-taħriġ li ħadt permezz tal-Fond Soċjali Ewropew urieni kif għandi nipprepara u naħdem b'mod indipendenti, u matul il-proċess tgħallimt ħafna dwari nnifsi. Kienet esperjenza mill-aqwa."*

# Indiċi alfabetiku tas-suġġetti


| | |
|---|---|
| **A** | |
| Aalborg (Danimarka) | 52-53 |
| Aarhus (Danimarka) | 104-105 |
| Aċċidenti u mard | 38-39, 40-41, 42-43, 44-45,46-47, 48-50, 52-53, 58-59, 68-69, 112-113, 118-119 |
| Afrika | 128-129, 130-131 |
| Agrikoltura | 44-45, 70-71, 72-73, 76-77, 98-99 |
| Alkoħoliżmu | 48-50, 108-109, 114-115, 118-119 |
| Ambjent | 20-21, 28-29, 56-57, 58-59, 62-63, 68-69, 70-71, 72-73, 98-99 |
| Amministrazzjoni | 54-55, 56-57, 66-67, 74-75, 80-81, 88-89, 122-123 |
| Amsterdam (Olanda) | 130-131 |
| Annimali domestiċi | 10-11, 46-47, 56-57, 58-59, 86-87, 112-113, 118-119 |
| Antropoloġija | 94-95 |
| Apprendistat | 12-13, 80-81, 90-91, 100-101, 124-125, 128-129 |
| Arkitettura | 68-69 |
| Arti u snajja’ | 10-11, 28-29, 34-35, 58-59, 80-81, 94-95, 96-97 |
| Assigurazzjoni | 76-77 |
| Attività fiżika u benesseri | 14-15, 18-19, 20-21, 28-29, 46-47, 86-87, 118-119 |
| Attivitajiet għall-familja | 24-25, 26-27, 32-33, 40-41, 68-69, 72-73 |
| Avvanz fl-edukazzjoni/kulleġġ | 10-11, 70-71, 84-85, 96-97, 102-103, 108-109, 124-125 |
| Awstrija | 26-27, 56-57 |
| Awtoritajiet lokali | 12-13, 118-119 |
| Ażja | 16-17 |
| **B** | |
| Bejgħ bl-imnut | 10-11 20-21, 82-83, 88-89, 110-111, 112-113, 118-119, 128-129 |
| Belġju | 72-73, 86-87 |
| Benefiċċji soċjali | 14-15, 38-39, 52-53, 58-59, 84-85, 124-125, 130-131 |
| Beni immobbli | 74-75, 122-123 |
| Berlin (Ġermanja) | 132-133 |
| Biedja | 44-45, 70-71, 72-73,76-77, 84-85, 98-99 |
| Bilanċ bejn il-ħajja/xogħol | 26-27, 32-33, 34-35, 56-57, 86-87 |
| Bini u Kostruzzjoni | 62-63, 68-69, 74-75, 86-87, 84-85, 122-123 |
| Bla dar | 112-113 |
| Bliet | 10-11, 14-15, 16-17, 20-21, 26-27, 30-31, 34-35, 38-39, 42-43, 46-47, 52-53, 56-57, 60-61, 66-67, 82-83, 104-105, 112-113, 114-115, 116-117, 126-127, 130-131, 132-133 |
| Bologna (Italja) | 112-113 |

| | |
|---|---|
| Bratislava (Slovakkja) | 34-35, 116-117 |
| Bukarest (Rumanija) | 94-95 |
| Bulgarija | 58-59, 88-89 |
| **C** | |
| Ċipru | 24-25, 82-83 |
| Chichester (Ingilterra) | 68-69 |
| Clermont-Ferrand (Franza) | 20-21 |
| CVs/applikazzjonijiet għal xogħol | 38-39, 54-55, 56-57, 90-91, 122-123, 130-131 |
| **D** | |
| Danimarka | 52-53, 104-105 |
| Dejn | 48-50, 112-113 |
| Diffikultajiet fit-tagħlim | 12-13, 44-45 |
| Dipressjoni | 14-15, 44-45, 46-47, 58-59, 74-75, 108-109, 112-113, 114-115, 118-119 |
| Diżabilità | 38-39, 40-41, 42-43, 46-47, 52-53, 58-59, 116-117 |
| Diskriminazzjoni | 56-57, 122-123, 126-127, 130-131 |
| Distribuzzjoni tal-petrol | 88-89 |
| Disturbi fl-ikel | 48-50 |
| Drogi | 48-50, 108-109, 112-113, 114-115 |
| Dublin (Irlanda) | 14-15 |
| **E** | |
| Edukazzjoni | 12-13, 26-27, 44-45, 56-57, 72-73, 94-95, 100-101, 102-103, 104-105, 108-109, 122-123, 128-129 |
| Elettriku | 62-63 |
| Enerġija tax-Xemx | 100-101 |
| Estonja | 66-67, 122-123 |
| **F** | |
| Faqar | 14-15,48-50, 38-39, 82-83, 84-85, 112-113, 126-127 |
| Fidi reliġjuża | 118-119, 128-129 |
| Fiduċja personali | 34-35, 44-45, 52-53, 54-55, 68-69, 82-83, 90-91, 102-103, 104-105, 114-115, 116-117, 122-123, 126-127, 130-131 |
| Films | 96-97 |
| Finanzi u amministrazzjoni | 18-19, 20-21, 30-31, 56-57, 60-61, 66-67, 98-99, 104-105, 110-111, 112-113, 118-119, 122-123, 124-125 |
| Finlandja | 28-29, 96-97 |
| Fjandra (Belġju) | 86-87 |

| | |
|---|---|
| Forestrija | 98-99 |
| Franza | 10-11, 20-21 |
| **Ġ** | |
| Ġbir ta' fondi (karità) | 56-57 |
| Ġenitur wieħed | 14-15, 118-119, 130-131 |
| Ġermanja | 90-91, 132-133 |
| Ġestjoni tal-ilma | 32-33 |
| Ġestjoni tar-rabja | 82-83 |
| Ġnien (xogħol fil-) | 10-11, 12-13, 40-41, 48-50, 56-57, 128-129 |
| Ġurnaliżmu | 30-31 |
| **G** | |
| Gdansk/Gdynia (Polonja) | 38-39 |
| Greċja | 48-50, 110-111 |
| **H** | |
| Hässleholm (Żvezja) | 118-119 |
| Hovercraft | 66-67 |
| **Ħ** | |
| Ħabs | 112-113, 114-115 |
| Ħaddiema akbar fl-età | 46-47, 52-53, 54-55, 56-57, 58-59, 60-61, 62-63, 80-81, 98-99 |
| Ħaddiema/assistenti soċjali | 48-50, 58-59, 82-83, 112-113, 128-129 |
| Ħanut tal-fjuri | 10-11 |
| Ħelsinki (Finlandja) | 96-97 |
| Ħiliet fuq il-kompjuter | 30-31, 32-33, 38-39, 42-43, 54-55, 56-57, 58-59, 60-61, 80-81, 90-91, 102-103, 110-111, 116-117 |
| Ħiliet ġodda | 10-11, 12-13, 14-15, 20-21, 40-41, 46-47, 54-55, 56-57, 60-61, 62-63, 80-81, 82-83, 86-87, 88-89, 90-91, 98-99, 110-111, 112-113, 116-117, 122-123, 124-125, 126-127, 128-129, 130-131, 132-133 |
| **I** | |
| Impjegar personali/ konsulenza | 16-17, 90-91, 96-97, 132-133 |
| Importazzjoni u esportazzjoni | 16-17, 124-125 |
| Industrija tas-sigurtà | 38-39 |
| Inġinerija | 74-75, 88-89, 90-91, 100-101, 108-109, 122-123 |
| Inklużjoni/integrazzjoni soċjali | 40-41, 42-43, 48-50, 58-59, 80-81, 84-85, 108-109, 110-111, 112-113, 114-115, 116-117, 118-119, 122-123, 124-125, 126-127, 128-129, 130-131 |

| | |
|---|---|
| Innovazzjoni | 28-29, 30-31, 60-61, 66-67, 68-69, 74-75, 76-77, 100-101 |
| Insomnja | 86-87 |
| Intraprendituri/SMEs | 16-17, 18-19, 20-21, 28-29, 30-31, 34-35, 60-61, 66-67, 68-69, 70-71, 72-73, 74-75, 76-77, 96-97, 104-105, 118-119, 130-131, 132-133 |
| Investiment u tassazzjoni | 30-31, 66-67, 118-119 |
| Irlanda | 14-15, 124-125 |
| Irtirar | 46-47, 52-53, 58-59 |
| Italja | 100-101, 112-113 |
| Iwweldjar u xogħol tal-metall | 54-55, 62-63, 74-75 |
| **K** | |
| Karozzi/manifatturar tal-karozzi | 30-31, 54-55, 86-87, 90-91, 100-101, 116-117, 132-133 |
| Karpenterija | 62-63, 66-67, 86-87, 84-85 |
| Kejtering | 18-19, 28-29, 40-41, 68-69, 82-83, 84-85 |
| Kimiċi | 58-59, 70-71, 98-99, 122-123 |
| Komunitajiet rurali | 24-25, 28-29, 44-45, 76-77, 68-69, 70-71, 72-73, 74-75, 94-95, 98-99 |
| Kontabilità u żamma tal-kotba | 60-61, 82-83, 88-89 |
| Kooperattivi | 48-50, 76-77, 112-113 |
| Korfù (Greċja) | 48-50 |
| Kriminalità | 108-109, 112-113, 114-115 |
| Kummerċjalizzazzjoni | 16-17, 20-21, 56-57, 66-67, 68-69, 98-99 |
| Kura fid-dar – persuni anzjani | 58-59 |
| Kura ta' matul il-jum | 24-25, 26-27, 58-59 |
| Kura tas-saħħa | 24-25, 46-47, 52-53, 58-59, 118-119 |
| Kura tat-tfal | 26-27, 32-33, 86-87, 84-85 |
| Kura tax-xagħar | 130-131 |
| **L** | |
| Larnaka (Ċipru) | 82-83 |
| Latvja | 42-43, 70-71 |
| Libreriji u ħwienet tal-kotba | 42-43, 54-55, 56-57, 94-95, 122-123 |
| Lif tal-maternità | 34-35 |
| Limerick (Irlanda) | 124-125 |
| Lingwi | 12-13, 40-41, 46-47, 66-67, 102-103, 116-117, 122-123, 128-129, 130-131, 132-133 |
| Litwanja | 60-61, 102-103 |

| | |
|---|---|
| Ljubljana (Slovenja) | 108-109 |
| Loġistika | 54-55, 76-77, 124-125 |
| Logħob tal-video | 12-13 |
| Lukandi/B&B | 30-31 |
| Lussemburgu | 12-13, 46-47 |
| **M** | |
| Magdeburg (Ġermanja) | 90-91 |
| Malmö (Żvezja) | 128-129 |
| Malta | 62-63, 80-81 |
| Manifattura | 16-17, 40-41, 54-55, 74-75, 86-87, 88-89, 90-91, 100-101, 116-117 |
| Manutenzjoni tal-pajsaġġ | 62-63 |
| Mentoring | 44-45, 66-67, 68-69, 118-119 |
| Midja u komunikazzjoni | 30-31, 54-55, 56-57, 62-63, 66-67, 96-97, 102-103 |
| Migrazzjoni | 12-13, 46-47, 90-91, 122-123, 124-125, 128-129, 130-131 |
| Mining | 108-109 |
| Minoritajiet etniċi | 12-13, 46-47, 94-95, 84-85, 122-123, 124-125, 126-127, 128-129, 130-131 |
| Moda u ħjata | 18-19, 116-117, 112-113 |
| Multikulturaliżmu | 12-13, 122-123, 132-133 |
| Mużika | 42-43, 48-50, 62-63, 84-85, 96-97, 104-105, 118-119 |
| **N** | |
| Nanniet | 24-25, 40-41, 52-53, 126-127 |
| Negozju tal-familja | 28-29, 52-53, 68-69, 72-73, 74-75,76-77, 98-99 |
| Negozju/turiżmu ambjentali | 20-21, 68-69 |
| Netwerking | 68-69, 74-75, 132-133 |
| Nuqqas ta' impjiegi | 38-39, 40-41, 44-45, 52-53, 56-57, 62-63, 70-71, 82-83, 86-87, 90-91, 114-115, 118-119, 122-123, 126-127, 130-131 |
| **GĦ** | |
| Għama | 42-43 |
| Għotjiet | 94-95, 100-101 |
| **P** | |
| Pagi | 12-13, 38-39, 48-50, 58-59, 80-81, 84-85 |
| Pariri /Kowċing għall-ħajja | 58-59, 80-81, 82-83, 104-105, 114-115, 118-119, 122-123, 130-131, 132-133 |
| Persuni anzjani | 24-25, 56-57, 58-59 |
| Pjanijiet kummerċjali | 18-19, 20-21, 30-31, 70-71, 118-119 |
| Plaming | 62-63 |
| Politika lokali | 98-99 |

| | |
|---|---|
| Polonja | 30 |
| Porto (Portugall) | 16-17 |
| Portugall | 16-17, 98-99 |
| Posta u telekomunikazzjonijiet | 46-47, 124-125 |
| Poznań (Polonja) | 30-31 |
| Premjijiet | 68-69 |
| Prodotti organiċi /kummerċ ġust | 18-19, 68-69, 70-71 |
| Pubblikazzjoni | 56-57, 58-59, 94-95 |
| **Q** | |
| Qgħad | 54-55, 90-91, 132-133 |
| **R** | |
| Razzett edukattiv | 72-73 |
| Reċtar | 104-105 |
| Reims (Franza) | 10-11 |
| Reklamar u promozzjoni | 30-31, 66-67, 68-69, 80-81 |
| Renju Unit | 68-69, 114-115 |
| Repubblika Ċeka | 18-19, 54-55 |
| Riabilitazzjoni | 48-50, 108-109, 112-113, 118-119 |
| Riċerka u żvilupp | 26-27, 86-87, 94-95, 100-101, 102-103 |
| Riga (Latvja) | 42-43 |
| Roma | 84-85, 126-127 |
| Rumanija | 76-77, 94-95 |
| **S** | |
| Saħħa mentali | 48-50, 44-45, 118-119 |
| Saħħa u sigurtà | 46-47, 48-50, 52-53, 58-59, 72-73, 84-85 |
| Servizz tal-armata | 82-83, 84-85, 110-111, 122-123 |
| Servizzi online | 30-31, 116-117 |
| Sewqan | 12-13, 30-31, 40-41, 44-45, 52-53, 82-83, 128-129 |
| Sivilja (Spanja) | 126-127 |
| Skambju internazzjonali | 16-17, 76-77, 80-81, 86-87, 94-95, 124-125, 132-133 |
| Skola – speċjali | 12-13, 40-41, 42-43, 116-117 |
| Skola | 10-11, 12-13, 40-41, 44-45, 72-73, 98-99, 108-109, 128-129 |
| Skozja | 114-115 |
| Slovakkja | 34-35, 116-117 |
| Slovenja | 44-45, 108-109 |
| Spanja | 74-75, 126-127 |

| | |
|---|---|
| Sport | 14-15, 20-21, 66-67 |
| Stati Uniti | 96-97 |
| Stress/eżawriment | 24-25, 38-39, 82-83, 118-119 |
| Szekszárd, (Ungerija) | 40-41 |
| **T** | |
| Tagħlim | 14-15, 26-27, 34-35, 72-73, 102-103, 104-105, 124-125, 128-129 |
| Tagħlim tul il-ħajja | 10-11, 54-55, 56-57, 68-69, 84-85, 98-99, 102-103 |
| Taħriġ | 10-11, 14-15, 16-17, 34-35, 38-39, 40-41, 42-43, 44-45, 46-47, 48-50, 52-53, 54-55, 56-57, 62-63, 68-69, 70-71, 74-75, 76-77, 80-81, 82-83, 84-85, 86-87, 88-89, 90-91, 96-97, 104-105, 110-111, 112-113, 114-115, 116-117, 122-123, 124-125, 126-127, 128-129, 132-133 |
| Tallinn (Estonja) | 66-67 |
| Tarznari | 38-39 |
| Teatru | 104-105 |
| Teknoloġija | 76-77, 88-89, 100-101, 110-111, 124-125 |
| Tessuti | 16-17, 34-35, 54-55, 88-89 |
| Tfal | 14-15, 24-25, 26-27, 32-33, 34-35, 38-39, 40-41, 48-50, 52-53, 66-67, 68-69, 70-71, 72-73, 80-81, 82-83, 84-85, 86-87, 88-89, 98-99, 118-119, 122-123, 124-125, 126-127, 130-131 |
| Tindif | 12-13, 24-25, 46-47, 126-127, 128-129 |
| Tkabbir tal-frott | 76-77 |
| Tkissir tal-familja/mewt | 10-11, 24-25, 48-50, 52-53, 56-57, 86-87, 108-109, 110-111, 112-113, 116-117, 118-119, 130-131 |
| Tqala fost iż-żgħażagħ | 14-15 48-50, 112-113 |
| Tqegħid tal-brikks | 84-85 |
| Trasport | 30-31, 52-53, 88-89 |
| Trattament mediku | 38-39, 40-41, 46-47, 48-50, 86-87, 112-113, 118-119 |
| Trobbija tal-annimali | 44-45, 70-71, 72-73 |
| Trobbija tan-naħal | 70-71 |
| Truxija | 40-41, 116-117 |
| Turiżmu u divertiment | 14-15, 20-21, 28-29, 30-31, 66-67, 68-69, 72-73, 76-77, 94-95 |
| Twelid | 130-131 |
| **U** | |
| Uġigħ fid-dahar | 46-47, 52-53 |
| Ugwaljanza bejn is-sessi | 24-25, 26-27, 28-29, 30-31, 32-33, 34-35, 130-131 |
| Umbria (Italja) | 100-101 |
| Ungerija | 40-41, 84-85 |
| Università | 16-17, 26-27, 42-43, 54-55, 56-57, 58-59, 60-61, 66-67, 88-89, 90-91, 94-95, 98-99, 100-101, 102-103, 104-105, 108-109 |
| Unjoni Sovjetika | 122-123 |

| | |
|---|---|
| **V** | |
| Vallonja (Belġju) | 72-73 |
| Villaġġi | 12-13, 56-57, 72-73, 98-99 |
| Vilnius (Litwanja) | 60-61 |
| Vjaġġar | 56-57, 80-81, 94-95, 96-97, 112-113, 132-133 |
| Vjenna | 26-27, 56-57 |
| Vjolenza domestika | 48-50, 118-119 |
| Vjolenza fuq il-post tax-xogħol | 52-53 |
| Vratsa (Bulgarija) | 58-59 |
| **X** | |
| Xjenza | 102-103 |
| Xogħol bix-xiftijiet | 52-53, 82-83, 86-87 |
| Xogħol bl-internet | 32-33 |
| Xogħol f'uffiċċju | 32-33, 56-57, 60-61 |
| Xogħol flessibbli | 24-25, 26-27, 32-33, 68-69, 70-71, 82-83 |
| **Ż** | |
| Żgħażagħ | 10-11, 12-13, 14-15, 16-17, 18-19, 20-21, 30-31, 42-43, 44-45, 94-95, 108-109, 128-129 |
| Żvezja | 118-119, 128-129 |
| **Z** | |
| Zalaegerszeg, Ungerija | 84-85 |

# Lista ta' proġetti li jinvestu fin-nies

## Iż-Żgħażagħ

**Franza (Audrey Libres)**
Titlu: **Ecole de la deuxième chance**
**Perjodu:** 2002 – 2009
**Baġit:** €1 027 208
**Parteċipanti:** 650 – 700 fis-sena

**Il-Lussemburgu (Bruno de Almeida Aveiro)**
Titlu: **Il-proġett Liewenshaff (Liewenshaff project) (Päerd's Atelier asbl)**
**Perjodu:** kors ta' tliet snin
**Baġit:** €256 578.57
**Parteċipanti:** 40
**Websajt:** http://www.liewenshaff.lu/

**L-Irlanda (Sheena Matthews)**
Titlu: **Il-Kors tal-Inizjattiva tat-Taħriġ Lokali Spoirt Teic (Spoirt Teic Local Training Initiative Course)**
**Perjodu:** 2000 – 2008
**Baġit:** €2.6m
**Parteċipanti:** 232
**Websajt:** http://sports.southdublin.ie/index.php?option=com_content&task=view&id=54&Itemid=114

**Il-Portugall (Bruno Texeira)**
Titlu: **Inov Contacto**
**Perjodu:** Dan il-programm, li qabel kien jismu Contacto@Icep, ilu jeżisti sa mill-1997. Mill-2005 ismu nbidel għal InovContacto.
**Baġit:** Il-medja hija ta' €25 000 għal kull 'Internship' - dan jinkludi kollox, inkluż l-ispejjeż strutturali u operattivi
**Parteċipanti:** Kull edizzjoni għandha numru differenti ta' parteċipanti, il-medja hija ta' madwar 145 'internship' fis-sena
**Websajt:** http://live.networkcontacto.com/pt/Paginas/default.aspx

**Ir-Repubblika Ċeka (Radmila Petroušková)**
Titlu: **Ċentru ta' appoġġ għal IntraprenditURI li għadhom jibdew**
**Perjodu:** Novembru 2006 – Awwissu 2008
**Baġit:** CZK 5 104 670.00
**Parteċipanti:** 165
**Websajt:** www.cepac.cz

**Franza (Yann Lelièvre)**
Titlu: **Ħarba mid-dar– Espace Info Jeunes**
**Perjodu:** 2002
**Baġit:** €60 000 (baġit annwali)
**Websajt:** www.espaceinfojeunes.net

## Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel

**Ċipru (Koulla Aggelou)**
Titlu: **Qatt Waħdek id-dar (fi ħdan il-qafas tal-Proġett "Espansjoni u Titjib tas-Servizzi ta' Kura għat-Tfal, l-Anzjani, il-Persuni b'Diżabilità u Persuni oħrajn li jiddependu fuq Ħaddieħor", Miżura 1.4.1 tad-Dokument ta' Programmar waħdieni, Objettiv 3 "Riżorsi Umani" tal-Perjodu ta' Programmar tal-Fondi Strutturali 2004-2006, li beda fl-2005)**
**Perjodu:** Jannar 2007 – Novembru 2008
**Baġit:** €76 896 fl-2007, €70 500 fl-2008 (Jannar – Novembru)
**Parteċipanti:** 15
**Websajt:** http://www.mlsi.gov.cy/mlsi/sws/sws.nsf/dmlunion_en/dmlunion_en?OpenDocument

**L-Awstrija (Stephan Wittich)**
Titlu: **Uffiċċju tat-Tfal fl-Universitajiet ta' Vjenna**
**Perjodu:** Diċembru 2002 – Diċembru 2005
**Baġit:** Kontribuzzjoni tal-UE: €142 065
**Total baġit:** €308 838.76
**Parteċipanti:** 634
**Websajt:** http://kinder.univie.ac.at/

**Il-Finlandja (Riikka-Leena Lappalainen)**
Titlu: **Reaktioketju – Pohjois-Savon naisyrittäjät kehittymisen voimavarana (Reazzjoni f'Katina – Intraprendituri Nisa fit-Tramuntana ta' Savo bħala Riżorsa ta' Żvilupp)**
**Perjodu:** Novembru 2004 – Frar 2008
**Baġit totali:** €1 489 200
**Parteċipanti:** 456

**Il-Polonja (Beata Szozda)**
Titlu: **Idea biex tibda negozju ġdid 2 – Il-promozzjoni tal-intraprenditorija akkademika f'Wielkopolska**
**Perjodu:** Marzu 2005 – Ġunju 2007

**L-Olanda (Gerard Jansen)**
Titlu: **Il-proġett E-papa (E-papa project)**
**Perjodu:** April 2006 – Settembru 2007
**Baġit:** €127 206
**Parteċipanti:** 66
**Websajt:** http://www.ewerkforum.nl/

**Is-Slovakkja (Katarína Vargová)**
Titlu: **SPD Objettiv 3 – Ċentru ta' Informazzjoni u Appoġġ dwar l-Impjiegi**
**Perjodu:** Settembru 2007 – Diċembru 2008
**Baġit:** €161 352
**Parteċipanti:** In-numru ta' persuni li qegħdin jipparteċipaw fl-attivitajiet – 203
In-numru ta' persuni li lestew il-korsijiet u t-taħriġ – 178
**Websajt:** www.zzvp.sk

## Persuni żvantaġġati

**Il-Greċja (Georgia Chrisikopoukou)**
Titlu: **Orizzonti Ġodda (Programm ta' Psychargos: proġett għal madwar il-Greċja kollha kofinanzjat mill-FSE (perjodu 2001-2010))**
**Baġit:** €350 000
**Parteċipanti:** 50
**Websajt:** www.ygeia-pronoia.gr

**Il-Polonja (Andrzej Lubowiecki)**
Titlu: **Il-ħaddiema b'diżabilità fis-suq tax-xogħol miftuħ (Fundacja Gospodarcza)**
**Perjodu:** Ottubru 2005 – Diċembru 2006
**Baġit:** PLN 103 323 (€23 552)
**Parteċipanti:** 30
**Websajt:** www.Fundacjagospodarcza.pl

**L-Ungerija (Éva Gyulai)**
Titlu: **LIFT Probabbiltà – Integrazzjoni – Impjieg Sħiħ – Taħriġ (LIFT Likeliness – Integration – Full employment – Training) (Il-Fondazzjoni Blue Bird)**
**Perjodu:** Ġunju 2006 – Frar 2008
**Baġit:** €446 000
**Parteċipanti:** 36 żagħżugħ u żagħżugħa b'diżabilità
**Websajt:** http://www.kek-madar.hu
http://www.izleloetterem.hu

**Il-Latvja (Sarmite Gromska)**
Titlu: **"L-għoti tad-diversità tas-servizzi ta' Librerija bil-Braille bħala prekondizzjoni għall-integrazzjoni tal-persuni għomja u ta' dawk neqsin mid-dawl fis-soċjetà u l-kompetizzjoni fis-suq tax-xogħol."**
**Perjodu:** Lulju 2005 – Settembru 2005
**Baġit:** LVL 16,222
**Parteċipanti:** L-utenti tal-Librerija (nies għomja) – 155
Il-ħaddiema fid-Dipartiment tal-Braille tal-Librerija – 5
L-istudenti tal-iskola għall-għomja – 15
**Websajt:** http://www.neredzigobiblioteka.lv/eng/about.php

**Is-Slovenja (Andrej Lovrencec)**
Isem tal-proġett: **Taħriġ fuq il-post tax-xogħol**
**Perjodu:** 2007 – 2008 (ilu jopera sa mill-2004)
**Baġit:** Fondi tal-FSE: €2 877 275.20
**Fondi totali:** €3 836 367.01
**Parteċipanti:** 2007: 694 – 2008: 2 226
**Websajt:** http://www.mddsz.gov.si/, http://www.euskladi.si/

**Il-Lussemburgu (Otilia Marques)**
Titlu: **Action de reinsertion des lombalgiques et action de prevention par une formation adequate (Fażi finali)**
**Perjodu:** Jannar 2007 – Diċembru 2007
**Baġit:** €431 899
**Parteċipanti:** 425
**Websajt:** http://www.stm.lu/home.html

## Ħaddiema akbar fl-età

**Id-Danimarka (Jane Grøne)**
Titlu: **Proġett ta' Kompetenza fix-Xogħol**
**Perjodu:** Awwissu 2007 – April 2008
**Baġit:** €5 641 000
**Parteċipanti:** 116 (51 nisa, 65 irġiel) – sa Lulju 2008, 54 minnhom irnexxielhom isibu xogħol
**Websajt:**
http://www.amunordjylland.dk/ front.do

**Ir-Repubblika Ċeka (Milan Nedbal)**
Titlu: **Ċentru ta' Tagħlim Tul il-Ħajja**
**Perjodu:** Settembru 2005 – Awwissu 2007
**Baġit:** €75 475
**Parteċipanti:** il-pjan kien li jkun hemm 625 parteċipant (623 parteċipant lestew il-korsijiet iżda kien hemm żewġ parteċipanti li sabu xogħol matul il-kor-sijiet)
**Websajt:** www.knihkm.cz

**L-Awstrija (Roswitha Kerbel)**
Titlu: **Initiative 50 – Beschäftigungsinitiative für ältere Arbeitnehmer : Inizjattiva ta' Xogħol għall-ħaddiema akbar fl-età**
**Perjodu:** Diċembru 2002 – Diċembru 2005
**Baġit:** €6 000 000
**Parteċipanti:** 1 200 persuna mogħtija attenzjoni, 650 ħaddiem temporanju
**Websajt:** www.initiative50.or.at

**Il-Bulgarija (Tsvetan Ivanov)**
Titlu: **Permezz tas-Servizzi Soċjali, għal Għajxien Diċenti**
**Perjodu:** Awwissu 2008 – Lulju 2009
**Baġit:** BGN 92,522 (€47,300)
**Parteċipanti:** 20 ħaddiem, 40 benefiċjarju

**Il-Litwanja (Aldona Mikalauskiene)**
Titlu: **Taħriġ ta' għarfien fl-użu tal-kompjuter għall-membri tal-LPS 'Bociai' '**
**Perjodu:** Ġunju 2006 – Lulju 2008
**Baġit:** €2 396 157
**Parteċipanti:** 1720

**Malta (George Mifsud)**
Titlu: **Skema ta' Espożizzjoni għat-Taħriġ u l-Impjiegi (Training and Employment Exposure Scheme)**
**Perjodu:** 2004-2006 (sena: sitt xhur taħriġ u sitt xhur ta' esperjenza ta' xogħol)
**Baġit:** €3 642 543
**Parteċipanti:** 460
**Websajt:** http://www.etc.gov.mt/

## L-intraprenditorija

**L-Estonja (Peeter Tarmet)**
Titlu: **Programm ta' Mentoring**
**Perjodu:** Diċembru 2007 – Novembru 2008
**Baġit:** 2008: EEK 1 125 000
**Parteċipanti:** 2008: 40 konsulent u 53 persuna mogħija konsulenza
**Websajt:** www.eas.ee – www.holjukid.ee

**Ir-Renju Unit (Sandra Barnes-Keywood)**
Titlu: **Merħba Rurali (Rural Welcome)**
**Perjodu:** Frar 2004 – April 2008
**Baġit:** GBP 334 000
**Parteċipanti:** 786 individwu minn 622 negozju
**Websajt:** www.tourismtrainingsoutheast.com

**Il-Latvja (Normunds Zeps)**
Titlu: **Appoġġ għall-familji bit-tfal biex jibdew negozju jew xogħol għal rashom fid-Distrett ta' Daugavpils**
**Perjodu:** Settembru 2006 – Ottubru 2007
**Baġit:** LVL 22 317.53
**Parteċipanti:** 30
**Websajt:** www.daugavpils.partneribas.lv

**Il-Belġju (Gaetane Anselme)**
Titlu: **Formazzjoni ta' Preventagri**
**Perjodu:** 2003 – 2008
**Baġit:** 2007: €187 597
**Parteċipanti:** madwar 70
**Websajt:** www.preventagri.be

**Spanja (José Salmerón Guindos)**
Titlu: **CRECE Programm ta' ħolqien u konsolidazzjoni ta' kumpanija**
**Perjodu:** 2000 – 2006
**Baġit:** €65m
**Parteċipanti:** 18 300
**Websajt:** http://www.eoi.es/nw/publica/ crece.asp

**Ir-Rumanija (Florin Istrate)**
Titlu: **Dinamizare Rurală prin angajarE Sustenibilă (DR-ES) : L-Iżvilupp Rurali permezz ta' impjiegi sostenibbli**
**Perjodu:** Novembru 2008 – Ottubru 2011 (36 xahar)
**Baġit:** RON 16,408,535.00
**Parteċipanti:** 750 persuna (350 raġel / 400 mara)
**Websajt:** http://dr-es.eu

## Ħiliet ġodda

**Malta (Marie Therese Vella)**
Titlu: **Skema ta' Espożizzjoni għat-Taħriġ u l-Impjiegi (Training and Employment Exposure Scheme)**
**Perjodu:** 2004 – 2006 (sena: sitt xhur taħriġ u sitt xhur ta' esperjenza ta' xogħol)
**Baġit:** €3 642 543
**Parteċipanti:** 460
**Websajt:** http://www.etc.gov.mt/

**Ċipru (Andreas Apatzidis)**
Titlu: **Taħriġ Vokazzjonali u l-Promozzjoni ta' dawk li jirċievu Assistenza Pubblika għall-Impjiegi**
**Perjodu:** 2005-2008, Perjodu ta' Programmar tal-Fondi Strutturali, 2004-2006
**Baġit:** €900 000
**Parteċipanti:** Persuni li jirċievu Assistenza Pubblika, Persuni u Entitajiet li Jħaddmu mis-Settur Privat
**Websajt:** http://www.mlsi.gov.cy/mlsi/ sws/ sws13.nsf/dmltheproject_en/ dmltheproject_en?Open Document

**L-Ungerija (Zsolt Korcz)**
Titlu: **Mod kif Toħroġ mis-Sitwazzjoni Żvantaġġjata (Il-Fondazzjoni tal-Iskola tal-Ewwel Produzzjoni Ungeriża-Daniża)**
**Perjodu:** Ġunju 2006 – Ġunju 2007
**Baġit:** HUF 106m (€373 000)
**Parteċipanti:** 36

**Il-Belġju (Daniel Dellisse)**
Titlu: **Tagħlim Eċċellenti**
**Perjodu:** 2008 – 2009
**Baġit:** €1 000 000
**Parteċipanti:** 700
**Websajt:** www.deceuninck.com

**Il-Bulgarija (Biliana Filipova)**
Titlu: **It-Taħriġ tan-nies impjegati - investiment fl-iżvilupp tal-kumpaniji**
**Perjodu:** 2008 – 2009 (13-il xahar)
**Baġit:** BGN 232 223 (€118 734)
**Parteċipanti:** 254
**Websajt:** http://www.petrol.bg/news.php?id=241 http://www.az.government.bg/internal. asp?CatID=28&WA=Efunds/ OPHRD/ AP2101/Menu_AP2101.htm

**Il-Ġermanja (Peter Meller)**
Titlu: **AQUA (Akademikerinnen und Akademiker Qualifizieren sich für den Arbeitsmarkt)**
**Perjodu:** 2006 – 2010
**Baġit:** €13 000 000
**Parteċipanti:** 715
**Websajt:** www.obs-ev.de/AQUA

## Edukazzjoni u taħriġ

**Ir-Rumanija (Monica Stroe)**
Titlu: **Boroż ta' studju fil-livell ta' PhD f'appoġġ għar-riċerka: il-kompetittività, il-kwalità u l-kooperazzjoni fl-ispazju Ewropew tal-edukazzjoni ogħla (għotja tal-FSE mogħtija lill-Iskola Nazzjonali tal-Istudji Politiċi u Amministrattivi f'Bukarest (SNSPA))**
**Perjodu:** Ottubru 2008 – Settembru 2011
**Baġit:** RON 4 215 105
**Parteċipanti:** 40 student tal-PhD

**Il-Finlandja (Harri Haanpää)**
Titlu: **Il-proġett MEDA (l-intraprenditorija fil-qasam tal-midja)**
**Perjodu:** Mejju 2005 – Diċembru 2007
**Baġit:** €597 470
**Parteċipanti:** 64

**Il-Portugall (Maria Balbina Soares Melo Rocha)**
Titlu: **Plano de Formação da Forestis – Plano de Formação para a Gestão Sustentada**
**Perjodu:** Mejju 2004 – Diċembru 2007
**Baġit:** €737 175.35
**Parteċipanti:** 865
**Websajt:**
http://www.forestis.pt/default. aspx

**L-Italja (Simone Rossi)**
Titlu: **Bando Assegni di Ricerca finalizzato al miglioramento delle risorse umane nel settore della ricerca e dello sviluppo tecnologico POR Umbria Ob.3 2000-2006**
**Perjodu:** l-Iskema Ġenerali bdiet fi Frar 2007 u ntemmet f'Ottubru 2008 (il-Proġett kien ipprogrammat qabel – fis-sena 2006 – u tħallas bil-fondi tal-FSE 2000-2006)
**Baġit:** €1 825 503.99
**Parteċipanti:** 214
**Websajt:** www.ilpontesuldistretto.it

**Il-Litwanja (Nedas Jurgaitis)**
Titlu: **MOKOM**
**Perjodu:** Marzu 2005 – Frar 2008
**Baġit:** LTL 1 506 411
**Parteċipanti:** 610

**Id-Danimarka (Mogens Lausen)**
Titlu: **Kors fl-intraprenditorija**
**Perjodu:** Ir-Rebbiegħa tal-2004
**Baġit:** DKK 50 000
**Parteċipanti:** 28
**Websajt:** www.cfe.au.dk

## L-inklużjoni soċjali

**Is-Slovenja (Jana Urbanija)**
Titlu: **Proġett tagħlim għal adulti żgħażagħ (Project learning for young adults – (PLYA)**
**Perjodu:** 2004 – 2006
**Baġit:** baġit totali: €270 000; kofinanzjat mill-FSE: €195 000
**Parteċipanti:** 400
**Websajt:** http://www.euskladi.si/, http://www.mss.gov.si/

**Il-Greċja (Christos Giannakopoulos)**
Titlu: **Taħriġ f'ħiliet bażiċi tal-ICT (ċiklu I)**
**Perjodu:** Ġunju 2003 – Diċembru 2003
**Baġit:** Fondi totali: €18 152 216.32 / Kontribuzzjoni mill-FSE: €13 614 162.20
**Parteċipanti:** 20 000 (18 000 grupp soċjalment vulnerabbli – 2 000 suldat)
**Websajt:** www.esfhellas.gr – www.eye-ekt.gr

**L-Italja (Fiorella)**
Titlu: **Servizi itineranti inserimento donna (SIID I/II)**
**Perjodu:** April 2005 – Settembru 2006 / Ottubru 2006 – Diċembru 2007
**Baġit:** €239 500/ €236 000
**Parteċipanti:** 283/±500
**Websajt:** http://www.siid2.it/

**Ir-Renju Unit (Allan McGinlay)**
Titlu: **Proġett ta' Kowċing għall-ħajja (Life Coaching Project)**
**Perjodu:** Jannar 2006 – Marzu 2007
**Baġit:** Spejjeż Totali tal-Proġett GBP 413 140, li GBP 178 499 minnhom kienu rċevuti mingħand il-Fond Soċjali Ewropew
**Parteċipanti:** 44 parteċipant b'kollox, li 25 minnhom irċevew appoġġ mill-Fond Soċjali Ewropew
**Websajt:**
http://www.thewisegroup.co.uk/content/default.asp

**Is-Slovakja (Mário Greško)**
Titlu: **EQUAL – Ċentru ta' rijabilitazzjoni soċjali u servizzi ta' informazzjoni għal nies b'diżabilità ta' smigħ**
**Perjodu:** Marzu 2005 – Lulju 2008
**Baġit:** €199 163.52
**Parteċipanti:** Numru ta' parteċipanti: (pjan/realtà)
Numru ta' persuni li pparteċipaw fl-attivitajiet – 30/71
Numru ta' impjegati mħarrġa fis-servizzi tal-impjiegi pubbliċi u oħrajn – 15/26
Numru ta' persuni involuti fi proġetti fil-qasam tat-taħriġ fi gruppi għal persuni b'diżabilità – 80/97
**Websajt:** www.sppn.sk

**L-Iżvezja (Anne-Lie Thuvesson)**
Titlu: **Is-Saħħa Sostenibbli**
**Perjodu:** Marzu 2005 – Ġunju 2007
**Baġit:** SEK 18 851 000 (€1 709 991)
**Parteċipanti:** 200
**Websajt:**
http://www.anneliesost.com/3.html

## Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni

**L-Estonja (Messurme Pissareva)**
Titlu: **L-integrazzjoni tal-persuni mhux Estonjani fis-suq tax-xogħol**
**Perjodu:** Settembru 2004 – Diċembru 2005 2005
**Baġit:** EEK 3 360 089 (ESF 2 517 146)
**Parteċipanti:** 242 mhux ċittadin nazzjonali, ta' bejn 16-63 sena
**Websajt:** Websajt: www.sm.ee/esf2004

**L-Irlanda (Serge Mbami)**
Titlu: **Traineeship għal Amministratur tal-Loġistika fil-Katina tal-Provvisti (Supply Chain Logistics Administrator traineeship)**
**Perjodu:** 2007
**Baġit:** il-baġit għall-kors kien ta' €129 025, li minnhom il-konċessjonijiet imħallsa lil dawk li ħadu l-kors laħqu t-total ta' €116 242
**Parteċipanti:** 16-il parteċipant/a, li 14 minnhom sabu xogħol relatat mal-loġistika fit- tmiem tal-kors
**Websajt:** www.fas.ie

**Spanja (Amparo Navaja Maldonado)**
Titlu: **ACCEDER: Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fil-konfront tal-komunità Roma**
**Perjodu:** 2000 – 2007 (l-ewwel fażi) u 2008 – 2013 (it-tieni fażi)
**Baġit:** 2000 – 2006: €57m / 2008 – 2013: €41m
**Parteċipanti:** 40 743 (sal-2007)
**Websajt:** http://www.gitanos.org/acceder

**L-Iżvezja (Abshir Mohamed Abukar)**
Titlu: **Belt Ġdida UP**
**Perjodu:** 2005 – 2007 (reġa' beda fl-2008-2010 u issa jismu New City)
**Baġit:** €2.5m
**Parteċipanti:** bejn wieħed u ieħor 2 000 persuna
**Websajt:** www.drommarnashus.se/newcity

**L-Olanda (Khadija Majdoubi)**
Titlu: **VONK**
**Perjodu:** Novembru 2005 – Diċembru 2007
**Baġit:** €382 438
**Parteċipanti:** madwar 1 000 mara
**Websajt:** http://www.vonkzeeburg.nl/

**Il-Ġermanja (Cornelia Schultheiss)**
Titlu: **Human Venture II (proġett iddisinjat u mwettaq mill-aġenzija għall-inkoraġġiment tal-intraprenditorija (gründungsservice) fl-Università Teknika ta' Berlin (TU Berlin)**
**Perjodu:** 2006 – 2008
**Baġit:** €611 000
**Parteċipanti:** 313
**Websajt:** www.gruendung.tu-berlin.de

Il-Kummissjoni Ewropea

**JAGĦMEL DIFFERENZA FIL-ĦAJJA - L-UE tinvesti fin-nies permezz tal-Fond Soċjali Ewropew**

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

2009 — 146 pp. — 24 × 24 ċm

ISBN 978-92-79-12683-3
doi 10.2767/27441

X'qed tagħmel verament l-UE għaċ-ċittadini tagħha? Tweġiba għal din il-mistoqsija joffrihielna l-Fond Soċjali Ewropew (ESF), li kull sena jinvesti f'10 miljun persuna fis-27 Stat Membru. Dan il-ktieb jirrakkonta l-istejjer ta' 54 minn dawn l-individwi – tnejn minn kull Stat Membru – li ħatfu l-opportunitajiet li offrewlhom dawn l-inizjattivi ffinanzjati mill-ESF. L-intervisti jiffukaw fuq irġiel u nisa, ta' kull eta`, minn żgħażagħ sa pensjonanti, minn komunitajiet rurali u mill-ibliet, minn kull pajjiż tal-UE.

Din il-pubblikazzjoni hi disponibbli f'format stampat fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

# Kif jiġu akkwistati l-pubblikazzjonijiet tal-UE

**Pubblikazzjonijiet għall-bejgħ:**

- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu);
- mill-ħanut tal-kotba tiegħek billi tikkwota t-titlu, il-pubblikatur u/jew in-numru tal-ISBN;
- billi tikkuntattja wieħed mill-aġenti tagħna direttament inkarigat mill-bejgħ. Tista' takkwista d-dettalji ta' kuntatt tagħhom permezz tal-link http://bookshop.europa.eu, jew billi tibgħat faks fin-numru +352 2929-42758.

**Pubblikazzjonijiet mingħajr ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu);
- mir-rappreżentanzi tal-Kummissjoni Ewropea jew mid-delegazzjonijiet. Tista' takkwista d-dettalji ta' kuntatt tagħhom permezz tal-link http://ec.europa.eu/ jew billi tibgħat faks fin-numru +352 2929-42758.

Jinteressawk **il-pubblikazzjonijiet** tad-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaqs?

Jekk iva, tista' tniżżilhom mill-Internet jew tabbona għalihom bla ħlas minn

***http://ec.europa.eu/social/publications***

Nistednuk ukoll li tinkiteb sabiex tibda tirċievi n-newsletter elettronika Social Europe tal-Kummissjoni Ewropea bla ħlas fuq

***http://ec.europa.eu/social/e-newsletter***

Tista' ssib aktar informazzjoni dwar il-Fond Soċjali Ewropew fuq:

***http://ec.europa.eu/esf***

KE-78-09-858-MT-C



ISBN 978-92-79-12683-3

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet